GOZO CATHEDRAL PARISH CENTRE
DONATED BY Fr. Tony
Feb 1994
(DATE)
MEK 35358

CATHEDRAL LIBRARY
VICTORIA GOZO
MALTA

# BULLETTIN TAL-ARCIDJOCESI U LITURGIJA TAL-KELMA

Ġunju 1986 Nru. 50

## WERREJ

Ittra tal-Papa għall-Ħamis ix-Xirka ... 315
Appell tal-Papa għall-Jum il-Komunikazzjonijiet Soċjali ... 326
Mid-diskorsi tal-Papa fl-Indja ... 329
Istruzzjoni dwar ħelsien nisrani u liberazzjoni ... 381
Pastorali tar-Randan ... 424
Diskorsi, omeliji u messaġġi ta' l-Arċisqof ... 428, 443,451
Dokumenti tal-Kurja ... 440
Relazione su organi Maltesi ... 454
Rapport Tribunal Ekkleżjastiku ... 456
Rapport Kummissjoni Kateketika ... 428
Rapport Caritas Malta ... 464
Nomini ... 473
Eżempju ta' omelija ... 474

MEK 35358

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

CATHEDRAL LIBRARY
VICTORIA GOZO
MALTA

# ITTRA TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II LIS-SAĊERDOTI KOLLHA FL-OKKAŻJONI TA' HAMIS IX-XIRKA

Egħżież ħuti saċerdoti,

**Hamis ix-Xirka, il-festa tas-saċerdoti**

1. Mill-ġdid wasalna biex niċċelebraw Hamis ix-Xirka, il-jum li fih il-Mulej Ġesù waqqaf l-Ewkaristija u fl-istess ħin waqqaf ukoll is-saċerdozju ministerjali. "Hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja ħabbhom għall-aħħar".[1] Bħala r-ragħaj it-tajjeb hu kien se jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu,[2] biex isalva l-bniedem, iħabbu mill-ġdid mal-Missier u jagħtih ħajja ġdida. U, fl-Aħħar Ikla tiegħu ma' l-Appostli, offrielhom bħala ikel il-Ġisem tiegħu mogħti għalihom, id-Demm tiegħu mxerred għalihom.

Dan il-jum, kull sena, hu jum importanti ħafna għall-insara kollha: bħall-ewwel dixxipli huma jiġu biex jirċievu l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej fil-għaxija waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija li ġġedded l-Aħħar Ikla tal-Mulej. Jirċievu mingħand il-Feddej l-aħħar xewqat tiegħu dwar l-imħabba ta' l-aħwa bejniethom, imħabba li għandha tmexxihom tul ħajjithom kollha; jiġu wkoll biex jishru miegħu ħalli mbagħad jingħaqdu miegħu fil-Passjoni tiegħu. Intom stess tiġbruhom flimkien u tmexxuhom fit-talb tagħhom.

Imma dan il-jum hu b'mod speċjali importanti ħafna għalina, egħżież saċerdoti ħuti. Hu jum il-festa tas-saċerdoti. Hu jum it-twelid tas-saċerdozju tagħna, li hu tisħib fis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu, il-Medjatur tagħna. F'dan il-jum is-saċerdoti kollha tad-dinja huma mistiedna jikkonċelebraw l-Ewkaristija mal-isqfijiet tagħhom, u flimkien magħhom iġeddu l-wegħdiet tagħhom li jimpenjaw ruħhom għall-qadi ta' Kristu u l-Knisja tiegħu.

Kif tafu, jien inħossni qrib ħafna kull wieħed minnkom f'dan il-jum. U, kif għamilt kull sena, b'sinjal tar-rabta sagramentali li hemm bejnietna minħabba s-saċerdozju tagħna, u mqanqal mill-istima u l-imħabba li għandi għalikom u mid-dmir li għandi li nwettaq lil ħuti fil-qadi tal-Mulej, nixtieq nibgħatilkom din l-ittra biex ngħinkom tqajmu fikom id-don li ġie mogħti lilkom bit-tqegħid ta' l-idejn[3]. Is-saċerdozju ministerjali li hu xortina, hu wkoll is-sejħa u l-grazzja tagħna; u jimmarkalna ħajjitna kollha bis-siġill tal-qadi għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, qadi tant meħtieġ u tant jitlob sagrifiċċji. Imexxuna f'dan il-qadi għadd kbir ta' saċerdoti li ġew qabilna.

**L-eżempju liema bħalu tal-Kurat ta' Ars**

2. Wieħed mis-saċerdoti li ġew qabilna, u li, b'mod partikulari, il-Knisja mhux se tinsa qatt, u li se tfakkar b'mod speċjali din is-sena, f'egħluq il-mitejn sena minn twelidu, hu **San Ġwann Marija Vianney, il-Kurat ta' Ars.**

Flimkien irridu nroddu ħajr lil Kristu, il-Prinċep tar-Ragħajja, għal dan l-eżempju hekk tal-għaġeb ta' ħajja saċerdotali u ta' qadi li l-Kurat ta' Ars joffri lill-Knisja kollha, u l-aktar lilna s-saċerdoti.

Kemm minna hejjew ruħhom għas-saċerdozju billi żammew quddiem għajnejhom l-eżempju tal-Kurat ta' Ars, jew kemm minna qegħdin jagħmlu dan illum huma u jaqdu d-dmir iebes tagħhom għas-salvazzjoni tal-erwieħ! L-eżempju tiegħu ma hu se jintesa qatt. Illum aktar minn qabel neħtieġu x-xhieda tiegħu u t-talb tiegħu, biex naffrontaw il-qagħda ta' żminijietna, meta, minkejja għadd ta' sinjali li jimlewna bit-tama, ix-xandir tal-Evanġelju hu mfixkel u miġjub fix-xejn b'sekularizzazzjoni li dejjem qiegħda tikber, meta d-dixxiplina spiritwali qiegħda tiġi dejjem aktar traskurata, meta ħafna qegħdin jitilfu d-dehra tas-Saltna ta' Alla, meta wkoll, fost is-saċerdoti li qegħdin jaqdmu ministeru pastorali, xi wħud medhijin biss bl-aspett soċjali tal-ħidma tagħhom, ħsiebhom kważi biss f'għaniet ta' din id-dinja. Mitt sena ilu l-kurat ta' Ars kellu jħabbat wiċċu ma' diffikultajiet ta' sura oħra, iżda diffikultajiet serji wkoll. Hajtu u l-ħidma tiegħu kollha kienu l-isfida kbira tal-Evanġelju għal żmienu, sfida li tat frott kotran u tal-għaġeb ta' konversjonijiet. Illum ukoll nistgħu nkunu żguri li hu qiegħed jippreżentalna din **l-isfida kbira tal-Evanġelju.**

Għalhekk nistedinkom taħsbu dwar is-saċerdozju tagħkom billi żżommu quddiemkom l-eżempju ta' dan is-saċerdot, ma hemmx ieħor bħalu, li għex il-ministeru saċerdotali fil-milja kollha tiegħu, u tana eżempju ta' x'inhi l-qdusija tas-saċerdot.

Kif tafu, San Ġwann Marija Vianney miet f'Ars fl-4 ta' Awissu 1859 wara xi erbgħin sena ħajja mogħtija kollha kemm hi għal ministeru li kien jifnih. Miet ta' 73 sena. Meta wasal Ars, ir-raħal ma kienx ħlief post żgħir u mhux magħruf tad-djoċesi ta' Lyon, illum fid-djoċesi ta' Belley. Fi tmiem ħajtu, nies minn kullimkien fi Franza kienu qegħdin imorru Ars, u l-fama ta' qdusitu, wara li Alla sejjaħlu għandu, ġibdet l-attenzjoni tal-Knisja universali. San Piju X ibbeatifikah fl-1905, Piju XI ikkanonizzah fl-1925 u mbagħad fl-1929 iddikjarah patrun tal-kappillani kollha fid-dinja. Egħluq il-mitt sena minn mewtu, il-Papa Ġwanni XXIII kiteb ittra enċiklika **Nostri sacerdotii primitias**, u biha wera lill-Kurat ta' Ars bħala eżempju ta' ħajja saċerdotali u axxetika, eżempju ta' tjieba u ta' qima għall-Ewkaristija, eżempju ta' ħeġġa pastorali, u dan fid-dawl tal-ħtiġijiet tażżminijiet tagħna. B'din l-ittra jien irrid inġiegħelkom tqisu biss xi punti importanti li jistgħu jgħinuna nagħarfu mill-ġdid u ngħixu aħjar is-saċerdozju tagħna.

## IL-HAJJA TASSEW TA' L-GHAĠEB TAL-KURAT TA' ARS

**Ir-rieda tiegħu ta' l-għaġeb fit-tħejjija għas-saċerdozju**

3. Il-Kurat ta' Ars hu tassew eżempju ta' rieda soda għal dawk li qegħdin iħejju ruħhom għas-saċerdozju. Hafna mill-provi, li waħda wara

l-oħra, għadda minnhom, setgħu qatgħulu qalbu: l-effetti tat-taqliba li ġabet ir-Rivoluzzjoni Franċiża, in-nuqqas ta' opportunitajiet għall-edukazzjoni li kien hemm fl-ambjent tal-kampanja fejn trabba, il-fatt li missieru ma kien juri ebda ħajra li ibnu jitgħallem, il-ħtieġa li kien hemm għalih li jgħin fix-xogħol f'egħlieqi, il-perikoli tas-servizz militari. U barra dan kollu, minkejja li kien intelliġenti u kull ħaġa kien jixrobha malajr u minkejja s-sensibilità ħajja tiegħu, kien isibha ħaġa iebsa ħafna jitgħallem u jiftakar dak li kienu jgħallmuh, u għalhekk ma setax jimxi 'l quddiem fl-istudju tat-Teoloġija, li kien isir bil-Latin, u kellu jħalli s-Seminarju ta' Lyon. Iżda meta ġiet magħrufa sewwa s-sinċerità tal-vokazzjoni tiegħu, ta' 29 sena, ġie ordnat saċerdot. Bil-qawwa tar-rieda tiegħu, fix-xogħol u fit-talb, seta' jegħleb it-tfixkil kollu u n-nuqqasijiet kollha tiegħu, l-istess kif għamel imbagħad tul ħajtu bħala saċerdot, bil-perseveranza tiegħu fit-thejjija tal-priedki li kien jagħmel, thejjija li kienet tiswielu ħafna taħbit, jew bis-sigħat li kien igħaddi filgħaxija jaqra l-kotba tat-teologi u tal-kittieba spiritwali. Minn żogħżitu kellu xewqa kbira li "jirbaħ erwieħ għal Alla t-tajjeb" bħala saċerdot; u f'din il-ħaġa kellu l-fiduċja tal-kappillan tal-parroċċa tal-qrib ta' Ecully; dan qatt ma ddubita mill-vokazzjoni tal-Kurat ta' Ars u ħa ħsieb ta' parti sewwa tat-taħriġ tiegħu. X'eżempju ta' kuraġġ għal dawk kollha li llum qegħdin ikollhom il-grazzja tal-vokazzjoni saċerdotali!

**Il-kobor tal-imħabba tiegħu għal Alla u għall-erwieħ**

4. Il-Kurat ta' Ars hu eżempju ta' ħeġġa saċerdotali għar-ragħajja kollha tal-erwieħ. Is-sigriet tal-ġenerożità kollha tiegħu kien żgur **l-imħabba kbira li kellu għal Alla**: kienet imħabba bla qjies, imħabba li kienet tweġiba bla heda għall-imħabba li wriena **Kristu msallab.** Għalhekk kien jixtieq jagħmel minn kollox biex isalva l-erwieħ mifdijin minn Kristu bi prezz hekk għoli, ħa jreġġagħhom lura għall-imħabba ta' Alla. Ħa nsemmu frażi waħda biss, frażi li tolqtok, mill-ħafna li kien jagħraf igħid: "Is-saċerdozju hu l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù." Fil-prietki u fil-katekeżi tiegħu kien dejjem jitkellem dwar din l-imħabba: "Alla tiegħi, nixtieq aktar immut inħobbok, milli ngħix mument wieħed mingħajr ma nħobbok... Inħobbok, o Salvatur divin tiegħi, għax int issallabt għalina... għax sallabtni għalik."[4]

Għall-imħabba ta' Kristu fittex dejjem jagħmel dak li Kristu fl-Evanġelju kien jitlob mid-dixxipli li hu jibgħat: talb, faqar, umiltà, ċaħda tiegħek innifsek, penitenza minn rajk, Bħal Kristu kellu mħabba hekk kbira għall-merħla tiegħu li kienet twasslu għall-impenn pastorali sħiħ u għas-sagrifiċċju tiegħu nnifsu. Ftit kienu l-kappillani li ħassew bħalu r-responsabbiltajiet tagħhom, tant kellu xewqa kbira li jeħles lin-nies minn dnubiethom u mill-bruda tagħhom. "Alla tiegħi, agħtini l-konversjoni tal-parroċċa tiegħi: jien lest inbati kull ma trid int, tul ħajti kollha."

Egħżież saċerdoti ħuti, imqawwija mill-Konċilju Vatikan II li għaraf juri sewwa x'inhi l-konsagrazzjoni saċerdotali fi ħdan il-missjoni pastorali tiegħu, ningħaqdu ma' San Ġwann Marija Vianney biex infittxu l-qawwa għall-ħeġġa pastorali tagħna fil-Qalb ta' Ġesù, u fl-imħabba tiegħu għall-erwieħ. Jekk ma nfittxux il-qawwa li neħtieġu minn hawn, nissugraw li l-ministeru tagħna se jkollu biss ftit frott!

**Il-ħafna frott ta' l-għaġeb tal-ministeru tal-Kurat ta' Ars**

5. Il-frott tal-ħidma tal-Kurat ta' Ars kien tassew tal-għaġeb, l-istess bħal dak ta' Kristu fl-Evanġelju. Permezz ta' San Ġwann Marija Vianney li ta saħħtu kollha u qalbu kollha lil Ġesù, il-Mulej salva ħafna erwieħ. Il-Feddej fdahomlu bil-kotra f'idejh.

L-ewwelnett, **il-parroċċa** tiegħu li kienet tgħodd 230 ruħ meta wasal fiha, hu bidilha għal kollox. Ta' min jiftakar li fost l-irġiel tar-raħal ħafna ma kien jimpurtahom minn xejn u ftit kienu jipprattikaw ir-reliġjon. L-isqof kien wissa b'din il-ħaġa lil San Ġwann Marija Vianney: "Ma tantx hemm imħabba għal Alla f'dik il-parroċċa; int trid iddaħħal xi ftit." Iżda malajr ħafna, ħafna 'l bogħod mir-raħal ta' Ars, San Ġwann Marija Vianney sar **il-kappillan ta' kotra kbira ta' nies** ġejjin mill-inħawi kollha ta' Ars, minn ħafna postijiet fi Franza, u minn ħafna pajjiżi oħra. Jingħad li fis-sena 1858 f'Ars marru tmenin elf ruħ! Xi wħud kienu jdumu ġranet jistennew biex jarawh, biex iqerru għandu. Ma kinitx biss il-kurżità li kienet tiġbidhom lejh, u lanqas il-fama li kiseb minħabba l-mirakli u l-ħafna fejqan ta' l-għaġeb li kien jagħmel u li kieku kien irid iżomm moħbija. Kien aktar jiġbed in-nies lejh għax kienu se jiltaqgħu ma' qaddis, ta' l-għaġeb fil-penitenzi tiegħu, hekk qrib lejn Alla fit-talb tiegħu, hekk tal-għaġeb fl-hena tal-qalb u l-umiltà tiegħu fost tant popolarità, u fuq kollox wieħed li kien jifhem malajr il-qagħda fir-ruħ ta' dawk li kienu jersqu lejh u jeħlishom mit-toqol tagħhom, l-aktar fil-qrar. Iva, Alla għażel bħala eżempju għall-kappillani wieħed li seta' jidher fqir, dgħajjef, bla ħila u mistmerr quddiem il-bnedmin.[5] Żejnu bl-aħjar doni tiegħu biex ikun mexxej li jfejjaq l-erwieħ.

Waqt li nagħarfu l-grazzji speċjali mogħtija lill-Kurat ta' Ars, ħajtu m'hijiex sinjal ta' tama għal dawk il-kappillani llum li jinsabu mġarrbin għax qishom qegħdin igħixu f'deżert spiritwali?

## L-AQWA EGĦMIL TAL-MINISTERU TAL-KURAT TA' ARS

**Metodi differenti ta' appostolat f'dak li hu meħtieġ**

6. San Ġwann Marija Vianney fittex fuq kollox li jgħallem il-fidi u jsaffi l-kuxjenzi mid-dnub, żewġ ministeri li jridu jwasslu għall-Ewkaristija. Ma għandniex naraw f'dan, illum ukoll, it-tliet għaniet ewlenin tal-qadi pastorali tas-saċerdot?

L-għan tal-ħidma pastorali żgur hu li jiġbor il-poplu ta' Alla kollu kemm hu madwar il-misteru tal-Ewkaristija permezz tal-katekeżi u l-penitenza, iżda huma meħtieġa wkoll metodi oħra ta' apostolat, li jinbidlu skond iċ-ċirkostanzi. Xi kull tant hi biżżejjed il-presenza biss tas-saċerdot, tul is-snin, bix-xhieda siekta tal-fidi tiegħu f'nofs ambjent mhux nisrani; drabi oħra biżżejjed li wieħed ikun qrib in-nies, il-familji, fl-inkwiet u t-tħassib tagħhom; drabi oħra hija t-tħabbira tal-Evanġelju għall-ewwel darba biex tqanqal il-fidi ta' dawk li ma jemmnux jew huma bierda; drabi oħra hija x-xhieda tal-imħabba u tal-ġustizzja flimkien ma' lajċi nsara li twassal biex titwemmen aktar il-fidi, għax juru li qegħdin igħixuha. Dan kollu jagħti bidu għall-ħafna attivitajiet u egħmejjel ta' appostolat li jħejju jew ikomplu t-trawwiem nisrani tan-nies. Il-Kurat ta' Ars kien iħabbel fuq li jħabbel moħħu biex joħloq inizjattivi jaqblu għal żmienu u għall-

parruċċani tiegħu. Iżda dawn il-ħidmiet kollha kellhom dejjem bħala ċentru tagħhom l-Ewkaristija, il-katekeżi, u s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

**Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni**

7. Żgur kienet il-ħeġġa bla mistrieħ tiegħu għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni li wriet x'kien il-kariżma ewlieni tal-Kurat ta' Ars u għaliex kien hekk magħruf. Tkun ħaġa tajba jekk eżempju bħal dan iqawwilna qalbna llum ħalli nħabirku biex is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jkollu dik l-attenzjoni li tixraqlu u li s-Sinodu tal-isqfijiet tas-sena 1983 tant insista fuqha.[6] Jekk il-ministri tal-Knisja ma jħabirkux bla heda biex iħeġġu u jħajru għall-konversjoni, għall-penitenza, għat-talba għall-maħfra, it-tiġdid li tant nixtiequ għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jibqa' ħaġa superfiċjali, jibqa' ħolma.

L-ewwel ħsieb tal-Kurat ta'Ars kien dak li jgħallem lill-insara x-xewqa għall-indiema. Kien jinsisti fuq il-ġmiel tal-maħfra ta' Alla. Ma tahx il-ħajja kollha tiegħu bħala saċerdot, u saħħtu wkoll, għall-konversjoni tal-midinbin? U l-ħniena ta' Alla wriet ruħha l-aktar fil-konfessinarju. Għalhekk qatt ma xtaq jeħles min-nies li kienu jiġu għandu minn kullimkien, u għalihom spiss kien jagħti għaxar sigħat kuljum u xi drabi ħmistax-il siegħa jew aktar. Għalih dan kien żgur l-aqwa egħmil ta' mortifikazzjoni, sura ta' martirju. L-ewwelnett, kien sura ta' martirju materjali minħabba s-sħana jew il-bard, jew il-qtigħ tan-nifs b'dawk in-nies kollha jistennew. Imbagħad kien ukoll sura ta' martirju morali għax hu stess kien ibati minħabba d-dnubiet li kienu jqerrulu u wisq aktar kien ibati minħabba n-nuqqas ta' ndiema tan-nies. "Nibki għax intom ma tibkux". Quddiem nies li ma kien jimpurtahom minn xejn, li hu kien jilqa' mill-aħjar li jista' u jipprova jqanqal fihom l-imħabba għal Alla, il-Mulej tah li jikkonverti midinbin kbar li kienu tassew niedma minn dnubiethom, u tah ukoll li jwassal għall-perfezzjoni nies li kellhom għatx kbir għaliha. Kien l-aktar f'dan li l-Mulej sejjaħlu biex ikollu sehem fil-Fidwa.

Aħna għarafna mill-ġdid, illum aktar minn mitt sena ilu, l-aspett komunitarju tal-penitenza, fit-tħejjija għall-maħfra u fir-radd il-ħajr wara l-maħfra. Iżda l-maħfra sagramentali dejjem titlob laqgħa personali ma' Kristu msallab permezz tal-ministru tar-rikonċiljazzjoni.[7] Illum, spiss, jaħasra, il-midinbin ma jħaffux bil-ħeġġa kollha għall-qrar, kif kienu jagħmlu fi żmien il-Kurat ta' Ars. Illum, għadd kbir ta' nsara ħallew il-qrar għal kollox, għal ħafna raġunijiet, u dan juri l-ħtieġa li niżviluppaw bla ebda dewmien pjan ta' ħidma pastorali favur is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Dan nagħmluh billi bla heda nfakkru lill-insara kollha fil-ħtieġa li jkollhom tassew relazzjoni ma' Alla, li jħossu li huma qegħdin jagħmlu dnub meta jingħalqu għal Alla u għall-bnedmin l-oħra, li jħossu l-ħtieġa li jikkonvertu u bil-ministeru tal-Knisja jiksbu l-maħfra bħala don ta' Alla. Jeħtieġu wkoll min ifakkarhom x'għandhom jagħmlu biex is-sagrament jiġi ċelebrat kif għandu jkun, biex jirbħu l-preġudizzji u l-biża' fieragħ li jista' jkollhom u biex il-qrar ma jsirilhomx rutina.[8] Qagħda bħal din titlob li aħna nkunu dejjem lesti naqdu minnufih dan il-ministeru tal-maħfra, lesti biex nagħtuh il-ħsieb u l-ħin kollu li jkun meħtieġ, anzi, inżid ngħid, li niddedikaw ruħna għal dan il-ministeru aktar milli għal kull ħidma oħra. L-insara mbagħad jagħarfu x'siwi nkunu nagħtu lil dan il-ministeru, kif

kien jagħtih il-Kurat ta' Ars.

Veru li, kif ktibt fl-esortazzjoni post-sinodali dwar il-Penitenza,[10] il-ministeru tar-rikonċiljazzjoni jibqa' dejjem il-ministeru l-aktar iebes, l-aktar delikat, l-aktar tqil u l-aktar li jgħejjik, speċjalment fejn is-saċerdoti huma ftit. Dan il-ministeru jitlob kwalitajiet umani speċjali f'min jaqdih, u aktar u aktar ħajja spiritwali sinċiera u mħeġġa; u jeħtieġ ukoll li s-saċerdot jersaq regolarment lejn dan is-sagrament.

Kunu dejjem konvinti minn dan, egħżież saċerdoti ħuti; dan il-ministeru tal-ħniena huwa l-isbaħ ministeru tagħna, l-aktar li hu ta' faraġ għalina. Bih intom tistgħu ddawlu l-kuxjenzi tan-nies, taħfrulhom u tagħtuhom ħajja ġdida f'isem il-Mulej Ġesù. Jagħtikom li tkunu għan-nies tobba u kunsillieri tar-ruħ; huwa "dehra ma hemmx oħra bħalha u prova ta' x'inhu l-ministeru saċerdotali."[11]

**L-Ewkaristija: iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, it-tqarbin, l-adorazzjoni**

8. Iż-żewġ sagramenti tal-Ewkaristija u tar-Rikonċiljazzjoni jibqgħu marbutin ħafna ma' xulxin. Mingħajr konversjoni li dejjem tiġġedded, mingħajr il-grazzja sagramentali tal-maħfra, it-tisħib fl-Ewkaristija ma jilħaqx il-qofol tal-qawwa fejjieda tiegħu.[12] Kif Kristu beda l-ministeru tiegħu bil-kliem: "Indmu u emmnu l-Bxara t-tajba"[13] hekk ukoll il-Kurat ta' Ars ġeneralment kien jibda kull jum tiegħu bil-ministeru tal-maħfra. Imma kien hieni li jwassal lejn l-Ewkaristija l-penitenti li kien iħabbeb ma' Alla.

L-Ewkaristija kienet il-qofol tal-ħajja spiritwali tiegħu u tal-ħidma pastorali tiegħu. Hu qal: "L-egħmejjel kollha tajba miġburin flimkien m'humiex daqs is-sagrifiċċju tal-Quddiesa, għaliex huma egħmil tal-bnedmin, u l-Quddiesa hi egħmil ta' Alla."[14] Hu permezz tal-Quddiesa li s-sagrifiċċju tal-Kalvarju llum iseħħ għas-salvazzjoni tad-dinja. Iva, is-saċerdot irid igħaqqad l-offerta tiegħu nnifsu ta' kuljum ma' l-offerta tal-Quddiesa: "Kemm jagħmel sewwa, għalhekk, is-saċerdot li joffri lilu nnifsu lil Alla kull filgħodu."[15] "It-tqarbin u s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa huma ż-żewġ egħmejjel l-aktar qawwija biex jiksbu l-konversjoni tal-qlub."[16]

Il-Quddiesa għalhekk kienet ta' ferħ u ta' faraġ kbir għal San Ġwann Marija Vianney fil-ħajja tiegħu bħala saċerdot. Minkejja l-folol ta' penitenti jistennewh, kien ifittex dejjem li jgħaddi kwarta ta' tħejjija fis-skiet għall-Quddiesa. Kien iqaddes b'ġabra kbira, u juri ċar l-adorazzjoni tiegħu waqt il-konsagrazzjoni u t-tqarbin. Qal sewwa: "Is-saċerdoti jallaxkaw għax ma joqogħdux attenti għall-Quddiesa."[17]

Il-Kurat ta' Ars kien b'mod speċjali ħsiebu fil-presenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija. Ġeneralment kien ikun quddiem it-tabernaklu li kien igħaddi sigħat sħaħ ta' adorazzjoni, qabel jisbaħ jew filgħaxija. Kien lejn it-tabernaklu li kien idur spiss waqt il-priedki tiegħu, u kollu mqanqal igħid: "Hemm qiegħed hu!" Kien għalhekk ukoll li hu ma kienx joqgħod jaħsibha darbtejn li jonfoq ħafna flus ħa jżejjen il-knisja waqt li f'daru kien hemm faqar kbir. Ir-riżultat ta' dan kollu kien li l-parruċċani malajr kisbu d-drawwa li jmorru jitolbu quddiem Ġesù Sagramentat, u hekk isibu, permezz tal-imġiba tal-kappillan tagħhom, il-kobor u l-ġmiel tal-misteru tal-fidi.

B'xbieha bħal din quddiemna, aħna għandna naħsbu f'dak li jgħid il-Konċilju Vatikan II dwar is-saċerdoti: "Huma jaqdu l-ministeru mqaddes ta' Kristu l-aktar fil-liturġija tal-Ewkaristija".[18] U dan l-aħħar, fis-Sinodu

straordinarju tas-sena 1985, intqal: "Il-Liturġija trid tgħin u turi ċar is-sens tal-qdusija... trid tkun mimlija b'qima, adorazzjoni u glorifikazzjoni ta' Alla... L-Ewkaristija hija l-bidu u l-milja tal-ħajja nisranija kollha."[19]

Egħżież saċerdoti ħuti, l-eżempju tal-Kurat ta' Ars jistedinna ngħarblu sewwa l-kuxjenza tagħna: x'post għandha l-Quddiesa fil-ħajja tagħna ta' kuljum? Hi, kif kienet f'jum l-ordinazzjoni tagħna — l-ewwel egħmil tagħna bħala saċerdoti! — il-bidu ta' kull ħidma pastorali tagħna u tal-qdusija personali tagħna? Kif qed inħejju ruħna għaliha? Kif niċċelebrawha? Billi nitolbu quddiem Ġesù Sagramentat? Billi nħeġġu l-poplu fidil tagħna jagħmel l-istess? Billi nagħmlu l-knejjes tagħna Djar ta' Alla fejn il-presenza ta' Alla tiġbed lejha n-nies ta' żmienna li spiss jaħsbu li d-dinja hi nieqsa għal kollox minn Alla?

**Priedki u katekiżmu**

9. Il-Kurat ta' Ars kien joqgħod attent ukoll li qatt ma jittraskura l-ministeru tal-kelma, li hu għal kollox meħtieġ biex iħejji n-nies għall-fidi u għall-konversjoni. Qal ukoll: "Il-Mulej, li hu l-verità fih innifsu, iqies il-Kelma tiegħu mhux inqas importanti mill-Ġisem tiegħu."[20] Nafu biżżejjed kemm żmien kien jieħu, speċjalment fil-bidu, biex iħejji l-priedka tiegħu tal-Ħadd. Aktar tard dara jesprimi ruħu b'aktar ħeġġa, b'mod aħjar, u konvinzjoni sħiħa, bi xbihat u tqabbil mal-ħajja ta' kuljum u għalhekk in-nies tal-parroċċa tiegħu kienu jifhmuh malajr. It-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal kien ukoll parti importanti mill-ministeru tiegħu, u l-kbar kienu jieħdu pjaċir jissieħbu mat-tfal biex jitgħallmu minn din ix-xhieda ta' fidi ma hemmx oħra bħalha, li kienet tfawwar minn qalbu.

Kellu l-kuraġġ jikkundanna l-ħażen fis-suriet kollha tiegħu; ma kienx jibqa' sieket meta fin-nofs kien ikun hemm is-salvazzjoni ta' dejjem tal-fidili tiegħu: "Jekk kappillan jibqa' sieket meta jara lil Alla mżeblah u l-erwieħ qegħdin jintilfu, ikun ħażin għalih! Jekk ma jridx jitlef ruħu, u hemm xi taħwid fil-parroċċa, għandu jistmerr ir-rispett uman u l-biża' li se jmaqdruh u jobogħduh." Din ir-responsabbiltà kienet is-salib tiegħu bħala kappillan. Iżda bħala regola, "kien iħobb aktar juri l-ġmiel tal-virtù milli l-kruha tal-vizzju" u jekk kien jitkellem — xi drabi bid-dmugħ f'għajnejh — dwar id-dnub u l-perikolu għas-salvazzjoni, kien jinsisti ħafna fuq it-tjieba ta' Alla li jkun ġie offiż, u fil-ħena li jkollu min ikun maħbub minn Alla, magħqud miegħu u qiegħed igħix quddiemu u għalih.

Egħżież saċerdoti ħuti, intom żguri fuq li żguri mill-importanza tat-tħabbira tal-Evanġelju, li l-Konċilju Vatikan II iqies bħala ħidma minn ta' quddiem nett fost il-ħidmiet kollha tas-saċerdot.[21] Permezz tal-katekeżi, tal-predikazzjoni u ta' mezzi oħra, fosthom il-mass media, intom tfittxu li tqanqlu qlub in-nies tal-lum bit-tamiet u t-taħwid kollu tagħhom, biex tqajmulhom u ġġibulhom 'il quddiem il-fidi tagħhom. Bħal Kurat ta' Ars, kif iħeġġiġkom il-Konċilju,[22] fittxu li tgħallmu l-Kelma stess ta' Alla, li ssejjaħ in-nies għall-konversjoni u l-qdusija.

## L-IDENTITA' TAS-SAĊERDOT

**Il-ministeru proprju tas-saċerdot**

10. San Ġwann Marija Vianney jagħti tweġiba li tfisser ħafna għal **xi mistoqsijiet dwar l-identità tas-saċerdot,** li saru tul dawn l-aħħar għox-

rin sena; għalkemm milli jidher illum wasalna għall-qagħda aktar f'lokha.

Is-saċerdot għandu dejjem, u b'mod li ma jitbiddel qatt, isib il-bidu tal-identità tiegħu fi Kristu Saċerdot. M'hijiex id-dinja li tgħid x'inhi l-qagħda, l-istatus tas-saċerdot, bħallikieku dan jiddependi mill-ħtiġijiet dejjem jinbidlu jew mill-fehmiet li n-nies ikollhom dwar dmirijiet soċjali. Is-saċerdot hu mmarkat bis-siġill tas-saċerdozju ta' Kristu, biex ikollu sehem fil-missjoni tiegħu ta' Medjatur waħdieni u ta' Salvatur.

Għalhekk, minħabba din ir-rabta fondamentali, is-saċerdot għandu miftuħ quddiemu l-qasam kbir tal-qadi tal-erwieħ, għas-salvazzjoni tagħhom fi Kristu u fil-Knisja. Dan il-qadi jrid ikun dejjem imqanqal mill-imħabba għall-erwieħ, bħal Kristu li ta ħajtu għalihom. Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u li ma jintilef ħadd miż-żgħar tiegħu.[23] "Is-saċerdot għandu jkun dejjem lest iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' l-erwieħ," igħid il-Kurat ta' Ars.[24] Is-saċerdot "m'huwiex għalih innifsu, imma għalikom."[25]

Is-saċerdot hu għal-lajċi; hu jqajjimhom u jgħinhom fil-qadi tagħhom tas-saċerdozju tal-imgħammdin kollha — imfisser tant tajjeb mill-Konċilju Vatikan II — saċerdozju li m'huwiex ħlief l-offerta spiritwali ta' ħajjithom, li jwassalhom biex jagħtu xhieda tal-ispirtu nisrani lil ħuthom il-bnedmin l-oħra. Il-qadi tas-saċerdot hu ta' sura oħra. Is-saċerdot jiġi ordnat biex jaġixxi f'isem Kristu r-Ras, biex iwassal in-nies għal dik il-ħajja ġdida li kisbilna Kristu, biex jamministralhom il-misteri qaddisa — il-Kelma, il-maħfra, il-Ħobż tal-ħajja — biex jiġborhom flimkien f'ġisem wieħed, biex igħinhom fil-formazzjoni tagħhom minn ġewwa, ħa jgħixu u jaġixxu skond il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja. F'kelma waħda, l-identità tagħna bħala saċerdoti tidher fil-ħidma "kreativa" ta' l-imħabba għall-erwieħ li taslilna mingħand Kristu Ġesù.

Kull sforz li jsir biex is-saċerdot ikun jixbah lil-lajċi hu sforz li jagħmel ħsara lill-Knisja. Dan bl-ebda mod ma jfisser li s-saċerdot għandu jżomm ruħu maqtugħ għal kollox minn kull ma jkun qiegħed iħasseb lil-lajċi u ma jagħtix każu: għandu jkun dejjem qrib ħafna tagħhom, bħalma kien San Ġwann Marija Vianney, imma għandu jkun qrib tagħhom bħala saċerdot, ħsiebu dejjem fis-salvazzjoni tagħhom u fil-mixi 'l quddiem tas-Saltna ta' Alla. Huwa dak li jagħti xhieda ta' ħajja li m'hijiex il-ħajja ta' din id-dinja,[26] u huwa dak li jagħti din il-ħajja. Hi ħaġa essenzjali għall-Knisja li tkun imħarsa din l-identità tas-saċerdot, fid-dimensjoni vertikali tagħha. Il-ħajja u l-personalità tal-Kurat ta' Ars idawwal ħafna u tqawwi din id-dehra tal-identità tas-saċerdot.

**Ix-xebh tiegħu ma' Kristu u s-solidarjetà mal-midinbin**

11.San Ġwann Marija Vianney ma kienx kuntent biss li jaqdi l-ministeru ritwali tas-saċerdozju tiegħu. Hu ried li b'qalbu u b'ħajtu kollha jkun xebh sħiħ ma' Kristu.

**It-talb** kien ir-ruħ ta' ħajtu: Talb fis-skiet u talb ta' kontemplazzjoni, aktarx fil-knisja quddiem it-tabernaklu. Bi Kristu, kien jiftaħ qalbu lit-Tliet Persuni ħa jafdalhom "ir-ruħ fqajra tiegħu", bħala l-aħħar testment tiegħu. "Kien iżomm rabta sħiħa ma' Alla l-ħin kollu, f'nofs ħajja ta' taħbit kbir." U qatt ma ħalla r-Rużarju. Kien idur bla ebda sforz lejn il-Madonna.

Il-faqar tiegħu kien xi ħaġa tal-għaġeb. Tneżża' minn kull ma kellu

biex jagħtih lill-fqar. U kien jaħrab l-unuri. **Is-safa** kien jiddi f'wiċċu. Kien jaf x'jiswa s-safa biex "wieħed isib mill-ġdid l-għajn tal-imħabba ta' Alla." **L-ubbidjenza** tiegħu lil Kristu għalih kienet tfisser ubbidjenza lill-Knisja, u speċjalment lill-isqof. Din l-ubbidjenza wasslitu li jaċċetta l-piż kbir ta' kappillan, piż li spiss kien ibeżżgħu ħafna.

Iżda l-Evanġelju l-aktar li jinsisti hu fuq **iċ-ċaħda tiegħek innifsek**, fuq l-irfigħ tas-salib. Ħafna kienu s-slaleb li kellu jerfa' l-Kurat ta' Ars tul il-ministeru tiegħu: kalunnji tan-nies, in-nuqqas ta' ftehim ma' xi saċerdot li kien jgħinu u ma' xi saċerdoti oħra, il-kontradizzjonijiet, il-ġlieda misterjuża mas-setgħat tal-infern, u xi drabi wkoll it-tentazzjonijiet ta' qtigħ il-qalb u ta' dsperazzjoni f'mumenti ta' dlamijiet spiritwali.

Iżda ma kienx biżżejjed għalih li jaċċetta dawn il-provi mingħajr tgergir; fittex ukoll **il-mortifikazzjoni**, b'ħafna sawm u egħmejjel oħra ħarxa biex "ijassar ġismu," kif igħid San Pawl. Iżda dak li għandna nfittxu f' dawn il-penitenzi, li żmienna ftit jew xejn hu mħajjar għalihom, hu li jaqbel xejn naraw ċar x'kienet ir-raġuni għax kien jagħmilhom: kienet l-imħabba ta' Alla u l-konversjoni tal-midinbin. Darba staqsa lil saċerdot sieħbu li kien qed jaqta' qalbu: "Int tlabt... bkejt... imma somt?... għamilt sahriet?"[27] F'dan aħna qrib it-twissija li għamel Ġesù lill-Appostli: "Din is-sura titkeċċa biss bis-sawm u t-talb".[28]

F'kelma waħda San Ġwann Marija Vianney tqaddes biex ikun jista' jqaddes aħjar lill-oħrajn. Veru li l-konversjoni tibqa' dejjem sigriet tal-qlub li ma humiex imxeqqlin f'egħmilhom, u sigriet tal-grazzja ta' Alla, iżda bil-ministeru tiegħu s-saċerdot jista' jdawwal il-fehma tan-nies, tal-midinbin, imexxihom fil-kuxjenza tagħhom u jagħtihom is-sagramenti. Is-sagramenti huma egħmil Kristu, u ma jitilfux il-qawwa tagħhom ukoll jekk il-ministru jkun mimli nuqqasijiet jew ma jixraqlux ikun ministru. Iżda l-effett tas-sagramenti jiddependi wkoll mid-disposizzjonijiet ta' min jirċevihom, u dawn id-disposizzjonijiet isibu għajnuna kbira mill-qdusija tas-saċerdot, mix-xhieda fid-dieher li hu jagħti, u mit-tqassim misterjuż tal-merti permezz tax-xirka tal-Qaddisin. San Pawl igħidilna: "Jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja."[29] San Ġwann Marija Vianney b'xi mod ried iġiegħel lil Alla jagħtih il-grazzja tal-konversjoni mhux biss bit-talb tiegħu imma wkoll bis-sagrifiċċju ta' ħajtu kollha. Ried iħobb lil Alla għal dawk li ma kinux iħobbuh, u jagħmel ukoll penitenza għal dawk li ma kinux jagħmluha. Kien veru ragħaj li kien ħaġa waħda mal-merħla tiegħu.

Egħżież saċerdoti ħuti, ejjew ma nibżgħux minn impenn bħal dan — impenn li juri ruħu f'egħmil ta' axxetiżmu u li jkun imqanqal mill-imħabba — egħmil li Alla jitlob minna bħala l-qadi proprju tas-saċerdozju tagħna. Niftakru ftit fil-ħsibijiet li wrew dan l-aħħar l-isqfijiet fis-Sinodu "jidhrilna li f'dawn iċ-ċirkostanzi tal-lum Alla jrid igħallimna kemm jiswa s-Salib, kemm hu importanti, kemm hu ċ-ċentru ta' ħajjitna."[30] Kristu jerġa' jgħix il-passjoni tiegħu fis-saċerdot għall-ġid tal-erwieħ. Inroddulu ħajr lil Alla għax hekk ikun qiegħed iħallina nieħdu sehem fil-Fidwa, bi qlubna u b'ġisimna.

Minħabba dan kollu, San Ġwann Marija Vianney qatt ma jieqaf li jkun xhieda għalina, xhieda dejjem ħajja, dejjem ta' tifsir kbir tal-verità tal-vokazzjoni tagħna u tal-qadi saċerdotali. Għandna niftakru bil-mod konvinċenti li bih kien jitkellem dwar il-kobor tas-saċerdot u l-ħtieġa kbira tiegħu.

Dawk li huma ġa saċerdoti, dawk li qegħdin iħejju ruħhom għas-saċerdozju, dawk li għad jiġu msejħa għalih, għandhom iħarsu lejn dan l-eżempju u jkunu bħalu. L-insara wkoll bih jaslu biex jifhmu aħjar il-misteru tas-saċerdozju tas-saċerdoti tagħhom. Le, **il-figura tal-Kurat ta' Ars m'hijiex se tiġi qatt fix-xejn.**

**L-aħħar kelma għall-Ħamis ix-Xirka**

12. Egħżież ħuti, jalla dawn il-ħsibijiet iġeddu fikom il-ferħ li intom saċerdoti, ix-xewqa li tkunu dejjem aktar saċerdoti, sa l-aħħar. Ix-xhieda tal-Kurat ta' Ars fiha aktar teżori li għad iridu nsibuhom. Nitkellmu fuqhom aktar fit-tul, meta nagħmel il-pellegrinaġġ tiegħi għal Ars f'Ottubru li ġej, għax l-isqfijiet Franċiżi stednuni għall-festi tat-tieni ċentinarju tat-twelid ta' San Ġwann Marija Vianney.

Qiegħed nibgħatilkom din l-ewwel meditazzjoni tiegħi, egħżież ħuti, fl-okkażjoni tas-solennità ta' Ħamis ix-Xirka. F'kull komunità djoċesana se niltaqgħu flimkien, f'jum it-twelid tas-saċerdozju tagħna, biex inġeddu fina l-grazzja tas-sagrament tal-Ordni Sagri, biex iqanqlu fina dik l-imħabba li hi s-sinjal tal-vokazzjoni tagħna.

Nisimgħu lil Kristu jgħidilna dak li qal lill-Appostli: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu..... Ma nsejħilkomx aktar qaddejja... sejjaħtilkom ħbieb."[31]

Quddiem Dak li jurina l-imħabba fil-milja kollha tagħha, aħna s-saċerdoti u l-isqfijiet, inġeddu l-impenji saċerdotali tagħna.

Nitolbu għal xulxin, kull wieħed għal ħuh, kulħadd għal kulħadd.

Nitolbu lill-Missier etern li t-tifkira tal-Kurat ta' Ars tgħinna nqajmu l-ħeġġa tagħna għall-qadi tiegħu.

Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jsejjaħ għall-qadi tal-Knisja ħafna saċerdoti qaddisin u ħabrieka bħall-Kurat ta' Ars: fi żmienna hemm ħtieġa kbira tagħhom u l-Knisja llum ukoll tista' twassal vokazzjonijiet bħal dik tal-Kurat ta' Ars għall-milja tagħha.

Nafdaw is-saċerdozju tagħna f'idejn il-Verġni Marija, Omm is-saċerdoti: lejha San Ġwann Marija Vianney kien jirrikorri kontinwament b'fiduċja sħiħa u mħabba kollha ħlewwa. U din kienet raġuni oħra għar-radd il-ħajr tiegħu: "Ġesù Kristu," qal darba, "wara li tana kull ma seta' jagħtina, ried jagħmilna wkoll werrieta ta' dak li kien l-aktar għażiż għalih: l-Omm imqaddsa tiegħu."[32]

Min-naħa tiegħi rrid intennilkom kemm inħobbkom, u flimkien ma' l-isqof tagħkom nibgħatilkom il-barka appostolika tiegħi.

Mill-Vatikan, is-16 ta' Marzu, 1986, il-Ħames Ħadd tar-Randan, fit-tmien sena tal-Pontifikat tiegħi.

Joannes Paulus PP. II

## Noti:

1. Ġw 13,1.
2. Ara Ġw 10,11.
3. Ara 2 Tim 1,6.
4. Ara B. Nodet, Jean-Marie Vianney, curé d'Ars, sa pensé, son coeur, Le Puy 1956, p. 100.
5. Nodet p. 41.
6. Ara I Kor 1,26.28.
7. Ara Papa Ġwann Pawlu II, **Reconciliatio et poenitentia**, A.A.S. 77(1083) pp. 185-275.
8. Ara **Redemptor hominis**, n. 20.
9. Ara **Reconciliatio et poenitentia**, n. 28.
10. Ara **ibid.**, n. 29.
11. Ittra tal-Papa Ġwann Pawlu II għall-Ħamis ix-Xirka 1983, n.5.
12. Ara **Redemptor hominis**, n. 20.
13. Mt 1,15.
14. Nodet p. 108.
15. **ibid.** p. 107.
16. **ibid.** p. 110.
17. **ibid.** p. 108.
18. **Lumen gentium**, n. 28.
19. II, B, b/1 u C/2; ara **Lumen gentium**, n. 11.
20. Nodet p. 126.
21. **Presbyterorum Ordinis** n. 4.
22. Ara **ibid.**
23. Ara Mt 18,14.
24. Nodet p. 101.
25. Nodet p. 102.
26. Ara **Presbyterorum Ordinis** n. 3.
27. Nodet p. 193.
28. Mt 17,21.
29. Ko 1,24.
30. D/2.
31. Ġw 15,13-15.
32. Nodet p. 252.

# L-OPINJONI PUBBLIKA META TKUN TAQBEL MAL-VERITA' TGĦIN IL-ĠID TAL-BNEDMIN TA' ŻMIENNA

**Il-komunikazzjonijiet soċjali**

Ħuti egħżież,

Bis-Sinodu Straordinarju ta' l-Isqfijiet li sejjaħt dan l-aħħar biex tiġi mfakkra l-għoxrin sena minn egħluq it-tieni Konċilju Vatikan, jien ma ridtx biss infakkar ġrajja li għandha tħalli sinjali kbar fil-Knisja ta' dan iż-żmien, imma ridt fuq kollox ngħix mill-ġdid l-ispirtu ta' dan il-Konċilju u niftakar fit-tagħlim tiegħu u fid-deċiżjonijiet li ttieħdu ma' tulu. B'dan il-mod, is-Sinodu ta bidu ġdid u ħajja ġdida lill-Koniċlju fil-ħajja tal-Knisja.

Fost l-inizjattivi li ttieħdu fil-Konċilju u fost id-direttivi li ħarġu minnu, żgur ta' min isemmi t-twaqqif tal-Jum tal-Komunikazzjonijiet soċjali bil-għan li jsaħħaħ dejjem aktar il-ħafna suriet ta' l-appostolat tal-Knisja bil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali fid-djoċesijiet kollha tad-dinja (Ara *Inter mirifica,* 18). Din id-deċiżjoni, li turi x'importanza kbira l-isqfijiet fil-Konċilju taw lill-komunikazzjoni soċjali, tidher wisq aktar importanti llum, meta l-komunikazzjonijiet soċjali qegħdin dejjem aktar ikabbru l-influwenza tagħhom.

Il-Knisja, tul dawn l-għoxrin sena, ma naqsitx li twettaq ix-xewqa tal-Konċilju li tiċċelebra kull sena Jum il-komunikazzjonijiet soċjali, u għal kull sena dejjem għażlet xi suġġett partikulari. Din is-sena l-Jum tal-Komunikazzjonijiet Soċjali jrid iqis u jqis fil-fond sewwa x'kontribut jista' jkollhom il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali ħa jagħtu formazzjoni nisranija lill-opinjoni pubblika.

Mhux l-ewwel darba li l-Knisja ħasbet f'dan. Fl-1971 l-istruzzjoni pastorali *Communio et Progressio* fakkret li "id-djalogu tal-Knisja mhux biss ma' l-insara imma huwa mad-dinja kollha. Kemm id-dritt li l-bnedmin kollha (li magħhom il-Knisja taqsam xortihom) ikunu infurmati tajjeb, u kemm il-kmand li l-Mulej ta lill-Knisja (ara Mt. 28, 19), jitolbu li hi tkun tista' turi x'inhu t-tagħlim tagħha u x'inhuma l-ħidmiet tagħha" (n. 122). Il-Papa Pawlu VI, min-naħa tiegħu, fl-esortazzjoni apostolika *Evangelii nuntiandi* żied igħid: "Fiż-żminijiet tagħna, li fihom għandhom importanza kbira l-*mass media* u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, l-ewwel tħabbira tal-fidi, il-katekeżi u t-tagħlim fil-fond tal-fidi ma jistgħux jiċċaħħdu minn dawn il-mezzi. Meta jintużaw għax-xandir ta' l-Evanġelju, dawn il-mezzi kapaċi jkabbru bla qjies l-oqsma li fihom tinstema' l-Kelma ta' Alla u jwasslu l-Bxara t-tajba lill-eluf u lill-għaxriet ta' eluf ta' nies. Il-Knisja tħoss li tkun ħatja quddiem il-Mulej jekk tonqos li tagħmel użu minn dawn il-mezzi hekk qawwija, li

d-dehen tal-bniedem qiegħed dejjem aktar itejjeb; hija u tinqeda bihom, il-Knisja xxandar minn fuq il-bjut il-bxara li ġiet fdata lilha; għaliha dawn il-mezzi huma sura ta' pulptu għaż-żmien tal-lum. Permezz tagħhom tista' twassal leħenha lill-kotra kbira ta' nies" (n. 45).

### X'inhi l-opinjoni pubblika

2. L-opinjoni pubblika m'hijiex ħlief il-mod kif fi grupp soċjali ftit jew wisq kbir kulħadd jaħsibha l-istess f'ċerti ċirkostanzi taż-żmien u tal-post. L-opinjoni pubblika turi kif innies aktarx jaħsbuha dwar xi argument, xi fatt, xi problema ta' ċerta importanza. L-opinjoni pubblika tifforma ruħha billi għadd kbir ta' nies jagħmlu tagħhom u jqisuh tajjeb u sewwa dak li xi wħud jew xi gruppi, li jgawdu ċerti awtorita' kulturali, xjentifika jew morali, jaħsbu jew jgħidu. Dan juri x' responsabbilta' għandhom dawk li minħabba l-kultura tagħhom jew il-prestiġju li jgawdu jistgħu jiffurmaw l-opinjoni pubblika jew b'xi mod jistgħu jgħinu ħa jsawruha. In-nies għandhom id-dritt li dak li jaħsbu u dak li jħossu jkun jaqbel ma' dak li hu sewwa u veru, għaliex l-imġiba morali tiddependi minn dak li wieħed jaħseb u jħoss. Din l-imġiba tkun tajba jekk tkun taqbel mal-verita'.

Ta' min jinnota li, f'din il-ħaġa, l-opinjoni pubblika għandha influwenza kbira fuq kif jaħsbu, iħossu u jġibu ruħhom dawk kollha li ma humiex kapaċi jagħarblu sewwa egħmilhom jew għax għadhom żgħar jew għax neqsin mill-kultura. Hekk huma ħafna minn dawk li jaħsbu u jġibu ruħhom skond l-opinjoni pubblika, bla ebda ħila li jeħilsu mill-influwenza tagħha. Ta' min igħid ukoll li l-opinjoni pubblika għandha influwenza kbira fuq it-tfassil tal-liġijiet. Hi ħaġa żgura li xi liġijiet inġusti, bħalma hi dik favur l-abort, f'xi pajjiżi daħlu minħabba l-influwenza ta' l-opinjoni pubblika favur il-ħaġa.

### L-opinjoni pubblika dwar il-ħajja, il-familja, il-paċi u l-ġustizzja

3. Minn hawn jidher kemm hi ħaġa importanti li tinħoloq opinjoni pubblika moralment tajba dwar dawk il-problemi li llum jolqtu l-ġid tal-bniedem ta' żmienna. Fost dawn il-problemi hemm dawk dwar il-valur tal-ħajja, tal-familja, tal-paċi, tal-ġustizzja, u tas-solidarjeta' bejn il-ġnus.

Jeħtieġ ikun hemm opinjoni pubblika li tagħraf is-siwi sħiħ tal-ħajja tal-bniedem, b'mod li jkun magħruf sewwa x'tiswa fil-mumenti kollha tagħha, mit-tnissil fil-ġuf sal-mewt, u f'kull sura tagħha, dawk ukoll li jkunu milquta mill-mard jew minn *handicaps* fiżiċi u spiritwali. Dan għax qed tinxtered ħafna fid-dinja mentalita' materjalistika u edonistika, jiġifieri mentalita' li tqis li ħajja ta' min igħixha hija biss ħajja ta' saħħa, żogħżija u ġmiel.

Jeħtieġ li jkun hemm opinjoni pubblika tajba dwar il-familja biex tkun tista' tgħin tegħleb xi fehmiet li ma jaqblux mal-pjan ta' Alla għall-familja

li jridha tibqa' dejjem sħiħa u mbierka mill-ulied. Iżda llum, jaħasra, qed tinxtered opinjoni favur ħajja ta' raġel u mara flimkien mingħajr ebda rabta ta' żwieġ, favur id-divorzju, u favur it-tnaqqis sħiħ ta' l-ulied bil-mezzi kollha li hemm tajbin jew ħżiena; din l-opinjoni trid tiġi korretta għaliex tmur kontra l-veru ġid tal-familja kollha tal-bnedmin, li tikseb il-hena aktar ma l-familja tkun f'saħħitha u magħquda.

Jeħtieġ ukoll li jkun hemm opinjoni pubblika qawwija favur il-paċi u favur dak kollu li jġibha u jsaħħaħha, bħalma huma l-istima għal xulxin u l-ftehim bejniethom tal-popli; iċ-ċaħda ta' kull sura ta' diskriminazzjoni bejn razza u oħra u ta' nazzjonaliżmu esaġerat; l-għarfien tad-drittijiet u t-tamiet ġusti tal-ġnus; id-diżarm, l-ewwel tal-fehmiet imbagħad ta' l-istrumenti kollha tal-qerda; kull sforz biex il-ġlied kollu jintemm fis-sliem bla gwerra. Hi ħaġa ċara li biss opinjoni qawwija favur il-paċi tista' żżomm dawk li jista' jiġihom ilħsieb li bi gwerra jistgħu jġibu fix-xejn it-tensjonijiet u l-ġlied li jkun hemm. "Il-mexxejja tal-ġnus," tgħidilna l-kostituzzjoni pastorali *Gaudium et Spes*, "jiddependu ħafna mill-opinjoni u mis-sentimenti tal-kotra. Għalxejn jitħabtu għall-paċi sakemm idum il-ġlied, l-istmerrija, is-suspetti, il-mibegħda ta' razza għall-oħra, u ideoloġiji li jifirdu l-bnedmin u jagħmluhom egħdewwa ta' xulxin. Għalhekk il-ħtieġa li kemm jista' jkun malajr jiġġeddu l-fehmiet u tinbidel l-opinjoni pubblika". Fl-aħħarnett jeħtieġ li jkun hemm opinjoni pubblika qawwija favur soluzzjoni tal-problemi kiefra ta' ġustizzja soċjali, ta' ġuħ, u ta' nuqqas ta' żvilupp. Jiġifieri jeħtieġ li dawn il-problemi jsiru aktar magħrufa fil-kobor kollu tagħhom tal-biża' u tinħoloq opinjoni pubblika qawwija kullimkien favur dawn il-problemi għaliex biss jekk ikun hemm l-influwenza ta' opinjoni pubblika qawwija dawk responsabbli tal-politika u ta' l-ekonomija fil-pajjiżi sinjuri taddinja jaslu biex jiċċaqalqu u jgħinu l-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw.

### Opinjoni pubblika favur il-morali u r-reliġjon

4. B'mod speċjali meħtieġa malajr opinjoni pubblika dwar il-qasam morali u reliġjuż. Biex ma tibqax tinxtered iżjed mentalita' li tqis li kollox jista' jsir għax xejn ma hemm moralment ħażin u mentalita' li ma jimpurtaha xejn mir-reliġjon, jeħtieġ tinħoloq opinjoni pubblika li turi rispett u tapprezza l-valuri morali u reliġjużi, għax dawn li jagħmlu l-bniedem tassew "bniedem" u jagħtu tifsir sħiħ lill-ħajja. Il-periklu tannikiliżmu, jiġifieri l-periklu li jintilfu għal kollox il-valuri li huma tassew tal-bniedem u l-valuri morali u reliġjużi, hu theddida kbira għall-bniedem fid-dinja tal-lum.

Irid ikun hemm imbagħad opinjoni pubblika tajba dwar in-natura, il-missjoni u l-ħidma tal-Knisja, li ħafna llum iqisuha biss bħala xi istituzzjoni

kollha kemm hi tal-bnedmin u mhux, kif hi verament, realta' misterjuża li tinkarna l-imħabba ta' Alla fil-ġrajja tal-bniedem u twassal għand il-bnedmin il-kelma u l-grazzja ta' Kristu.

**Mezzi li jiffurmaw l-opinjoni pubblika**

5. Fid-dinja tal-lum il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali filħafna suriet tagħhom — ġurnali, ċinema, radju, television — huma dawk li l-aktar jiffurmaw l-opinjoni pubblika. Għalhekk għandhom responsabbilta' kbira dawk kollha li jużaw dawn il-mezzi u dawk ukoll li jmexxuhom. Dawn il-mezzi jaqdu l-bniedem u għalhekk għandhom ikunu favur il-verita' u t-tajjeb, għaliex dawn huma l-valuri l-iktar importanti u l-iktar meħtieġa tal-bniedem. Dawk li jaħdmu fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, għax din hi l-professjoni tagħhom, għandhom iħossu d-dmir li jiffurmaw u jibnu opinjoni pubblika favur dak kollu li hu veru u li hu tajjeb.

F'dan l-impenn għandhom ikunu minn quddiem l-insara li, huma u jagħtu sehemhom biex tifforma ruħha opinjoni pubblika favur il-ġustizzja, il-paċi, l-għaqda bejn l-aħwa, il-valuri reliġjużi u morali, ikunu jħabirku mhux ftit għall-kobor tas-saltna ta' Alla li hi saltna ta' ġustizzja, verita' u sliem. Mill-bxara t-tajba nisranija, bxara għall-ġid u s-salvazzjoni tal-bniedem, jiksbu l-ispirazzjoni li jgħinnu lil ħuthom il-bnedmin l-oħra ħa jkollhom fehmiet tajba u ġusti għax ikunu jaqblu mal-pjan ta' l-imħabba u tas-salvazzjoni tal-bniedem li Alla wera u temm fi Kristu Ġesu'. Il-fidi nisranija u t-tagħlim tal-Knisja, għax mibnijin fuq Kristu, it-triq, il-verita', il-ħajja, huma dawl u qawwa għall-bnedmin fil-mixi tagħhom fid-dinja.

Intemm dan il-messaġġ b' barka speċjali għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali bi spirtu ta' qadi nisrani favur il-verita' u l-promozzjoni tal-valuri morali u reliġjużi.

Waqt li niżgurahom mit-talb tiegħi, nixtieq inqawwilhom qalbhom fix-xogħol tagħhom li jitlob minnhom kuraġġ u koerenza u li hu servizz favur il-verita' u l-liberta'. Hi l-verita' li teħles il-bniedem (Ara Ġw. 8, 32). Għalhekk ħabirku għall-formazzjoni ta' opinjoni pubblika li taqbel mal-verita'. It-tħabrik għall-formazzjoni ta' opinjoni pubblika li taqbel mal-verita' hu tħabrik ħa tikber il-liberta'.

Mill-Vatikan, 24 ta' Jannar, festa ta' San Franġisk de Sales.

Joannes Paulus PP. II

## THE MAN, PILGRIM OF THE ABSOLUTE, REACHES GOD THROUGH JESUS CHRIST, WAY, TRUTH AND LIFE

Dear Brothers and Sisters,

1. This afternoon, Jesus Christ repeats to us the words of the Gospel: "I am the way, and the truth, and the life" (Jn 14:6).

At the beginning of my pilgrimage to the shrine which is the People of God living in this vast land of India, I wish to recall these words of Jesus Christ from today's Liturgy. These words speak of our pilgrimage through faith. Through faith we journey towards God along this path which is Christ.

He is the Son of God and he is of the same substance as the Father. God from God and Light from Light, he became Man, in order to be for us the path of the Father. He unceasingly spoke to the Father during his earthly life. To him, to the Father, he directed the thoughts and hearts of his listeners. In a certain sense he shared with them the Fatherhood of God, and this was shown in a special way in the prayer that he taught his disciples: the Our Father.

At the end of his Messianic mission on earth, on the day before his Passion and death he says to the Apostles: "In my Father's house there are many rooms; if it were not so, would I have told you that I go to prepare a place for you?" (Jn 14: 2).

If the Gospel is the revelation of the truth that human life is a pilgrimage towards the Father's house, then it is at one and the same time a call to the faith through which we travel as pilgrims: a call to pilgrim faith. Chirst says: "I am the way, and the truth, and the life."

2. Yes, human life on earth is a pilgrimage. We are all conscious of passing through the world. Man's life begins and ends, start at birth and goes on to the moment of death. Man is a being who is transitory. And in this pilgrimage of life, religion assists man to live in such a way as to reach his goal. Man is constantly confronted with the transitory nature of a life which he knows is extremely important as a preparation for everlasting life. Man's pilgrim faith orients him to God and directs him to make those choices which will assist him to reach eternal life. Hence every moment of man's earthly pilgrimage is important — important in its challenges and choices.

Closely touching man in his pilgrimage is the reality of human culture. The Second Vatican Council has insisted that "there are many links between

the message of salvation and human culture. For God, revealing himself to his people to the extent of a full manifestation of himself in his Incarnate Son, has spoken according to the culture proper to different ages" (*Gaudium et Spes,* 58). And again: "Christians, on pilgrimage towards the heavenly city, should seek and savour the things which are above. This duty in no way decreases, but rather increases, the weight of their obligation to work with all men in constructing a more human world" (ibid., 57).

The Church proclaims that man in his pilgrim life is all the more worthy of respect and love and care in the many circumstances of earthly living precisely because he is destined to live for ever. And all true human culture, taking into account the dignity of man and his final destiny, is an aid to man in his noble and righteous living, in this land of pilgrimage. Saint Paul himself presents to the Christian community this invitation: "Whatever is true, whatever is honourable, whatever is just, whatever is pure, whatever is lovely, whatever is gracious, if there is any excellence, if there is anything worthy of praise, think about these things" (Phil 4:8).

3. As man on this earth passes from birth to death he is aware of being a pilgrim of the Absolute. Here in India this consciousness is very deep. Your ancient sages have expressed the anguished cry of the soul for the Absolute. There is indeed an age-old yearning for the infinite, a constant awareness of the divine presence and endless manifestations of religious feelings through popular feasts and festivals.

And in the very quest for the Absolute there is already an experience of the divine. Among all those who down the centuries have searched for God, we remember the famous Augustine of Hippo who, finding him, exclaimed: "Where, therefore, did I find you, in order to know you, if not in you, above me?" (*Confessions* 10, 26). In India this quest for God and this experience of him have been accompanied by great simplicity, asceticism and renunciation. All of this renders great honour to India as a religious nation generously committed to her spiritual pilgrimage.

Il-moviment modern għall-ħelsien għażel għan politiku u soċjali. Irid iwassal biex itemm il-ħakma ta' bniedem minn ieħor u jġib 'il quddiem il-fehma li l-bnedmin kollha huma ndaqs u aħwa bejniethom. Ma nistgħux ničħdu li f'dan il-qasam ukoll inkisbu xi riżultati tajbin. Il-jasar u r-rabtiet li fl-imgħoddi xi wħud kellhom skond il-liġi li jaqdu s-sidien, illum spiċċaw għal kollox. Id-dritt ta' kulħadd għall-kultura mexa sewwa 'l quddiem. F'ħafna pajjiżi l-liġi tagħraf li l-irġiel u n-nisa huma ndaqs, li ċ-ċittadini kollha għandhom sehem fil-ħajja politika tal-pajjiż u hemm l-istess drittijiet għal kulħadd. Ir-razziżmu hu mwarrab bħala ħaġa kontra l-liġi u l-ġustizzja. Il-mod kif inhuma mfissra llum id-drittijiet tal-bniedem juri li hemm issa fehma aktar ċara tad-dinjità ta' kull bniedem. Meta nqisu x'kienu s-sistemi ta' ħakma fl-imgħoddi, ma nistgħux ničħdu li f'ħafna soċjetajiet il-libertà u l-egwaljanza mxew ħafna 'l quddiem.

9. **Libertà ta' ħsieb u ta' deċiżjoni**

Fl-aħħarnett u qabel kollox, il-moviment modern għall-ħelsien suppost li kellu jwassal lill-bniedem għall-ħelsien fir-ruħ, jiġifieri li jkun ħieles fi ħsibijietu u f'egħmilu. L-għan ta' dan il-moviment kien li jeħles il-bniedem mis-superstizzjoni u minn suriet ta' biża' li wiret mill-imgħoddi, ħwejjeġ li kienu meqjusa bħala tfixkil għall-progress tal-bniedem. L-għan ta' dan il-moviment kien li jagħti l-kuraġġ u qawwa lill-bniedem biex jagħmel użu tar-raġuni mingħajr ebda biża' ta' Dak li ma jafx bih. B'hekk, u l-aktar fix-xjenzi storiċi u umani, żviluppat fehma ġdida dwar il-bniedem, bil-għan, fid-dieher, li tgħinu jifhem aħjar lilu nnifsu f'dak li għandu x' jaqsam mal-kobor tiegħu bħala persuna jew f'dawk li huma l-kondizzjonijiet fondamentali biex ikun hemm komunità.

10. **Fehmiet kontra xulxin fil-proċess modern tal-ħelsien**

Meta nqisu r-rebħiet li seħħu ħa tinħakem in-natura, jew ir-rebħiet fil-ħajja politika u soċjali, kemm fil-livell ta' l-individwi u kemm fil-livell tas-soċjetà, kulħadd jista' jagħraf li l-progress li ntlaħaq mhuwiex dak li wieħed kien jistenna fil-bidu. Hi ħaġa ċara wkoll li perikoli ġodda, suriet ġodda ta' jasar u suriet oħra ta' biża' nħolqu proprju fiż-żmien li fih beda jikber il-moviment modern għall-ħelsien. Dan juri li hemm fehmiet li huma għal kollox kontra xulxin dwar xi jfisser il-ħelsien; u din l-ambigwità, sa mill-bidu, dehret f'dan il-moviment fih innifsu.

11. **Il-bniedem mhedded mill-ħakma tiegħu fuq in-natura**

Għalhekk ġara li l-bniedem aktar ma beda jeħles mill-perikoli tan-natura, aktar beda jibża' minnu nnifsu. Aktar ma t-teknoloġija tikseb kontroll akbar fuq in-natura, aktar qed thedded li teqred is-sisien stess tal-ġejjieni tagħna b'mod li l-ġenerazzjoni tal-bnedmin tal-lum qed issir l-għadu tal-ġenerazzjonijiet ta' għada. Meta qegħdin naħkmu għal kollox il-qawwiet tan-natura mingħajr ma naraw fejn se jwasslu dawn is-setgħat

fuq in-natura m'aħniex mexjin lejn it-triq li twassal għall-qerda tal-libertà tal-irġiel u n-nisa ta' għada? X'qawwiet jistgħu jħarsu l-bniedem mill-jasar tal-ħakma tiegħu nnifsu? Meħtieġa għalhekk ħila għal kollox ġdida ta' ħelsien u liberazzjoni, ħila li titlob proċess ta' ħelsien għal kollox ġdid.

12. **Il-perikoli tas-setgħa teknoloġika**

Il-qawwa li għandu l-għerf xjentifiku għall-ħelsien narawha bil-fatti f'dak kollu li nkiseb bil-progress tat-teknoloġija. Minn għandu t-teknoloġija jaħkem fuq id-dinja u fuq il-bnedmin. Minn dan ħarġu suriet ġodda ta' inegwaljanza bejn dawk li jafu t-teknoloġija u dawk li jużawha biss bla ma jafuha. Is-setgħa teknoloġika tal-lum hi marbuta mas-setgħa ekonomika u twassal biex din is-setgħa tiġi f'idejn ftit min-nies. B'hekk, fl-istess nazzjonijiet u bejn nazzjonijiet, inħolqu relazzjonijiet ta' dipendenza li, f'dawn l-aħħar għoxrin sena, wasslu għal talbiet ġodda ta' ħelsien. Kif nistgħu ma nħallux is-setgħa teknoloġika ssir setgħa li taħqar xi gruppi ta' bnedmin jew ukoll popli sħaħ?

12. **Individwaliżmu u kollettiviżmu**

Fost dak li nkiseb fil-qasam soċjali u politiku, fi żmien l-Illuminiżmu, hemm it-tifsir ambigwu mogħti lil-libertà b'mod li ntqies ħieles dak il-bniedem li ma jonqsu xejn u għandu kull ma jeħtieġ għalih innifsu u bħala għan għandu li jikseb kull ma jaqbillu ħa jgawdi l-ġid ta' l-art. Din l-ideoloġija individwalistika ta' x'inhu l-bniedem għenet ħafna biex ikun hemm tqassim mhux indaqs tal-ġid fil-bidu tal-industrijalizzazzjoni, tant li l-ħaddiema sabu ruħhom imwarrbin milli jkollhom sehem mill-ġid essenzjali li huma għenu biex jinkiseb u li għalih kellhom dritt. B'hekk bdew movimenti qawwija ta' ħelsien mill-miżerja li ħalliet is-soċjetà industrijalizzata.

Xi nsara, kemm lajċi u kemm saċerdoti, ma naqsux li jiġġieldu biex ikun hemm għarfien xieraq tad-drittijiet leġittimi tal-ħaddiema. Ħafna drabi l-Maġisteru tal-Knisja għolla leħnu favur dan.

Iżda spiss dak li, bir-raġun kollu, kien qed jitlob il-moviment tal-ħaddiema wassal għal suriet ġodda ta' jasar, li ħarġu minn fehmiet li ma kinux igħarfu s-sejħa tal-bniedem għall-ħajja 'l fuq ħafna mid-dinja u raw għall-bniedem sejħa biss għal din id-dinja. Xi movimenti favur id-drittijiet tal-ħaddiema xi kull tant waslu għall-proġetti ta' kolletiviżmu u dan wassal għall-egħmil ieħor kontra l-ġustizzja, serju daqs l-egħmil l-ieħor li riedu jeqirdu.

14. **Suriet ġodda ta' moħqrija**

B'hekk fi żmienna rajna l-bidu ta' sistemi totalitarji u ta' suriet ta' tirannija li ma setgħux ikunu qabel ma sseħħ progress teknoloġiku kbir. Min-naħa, il-perfezzjoni li nkisbet bit-teknika qed tiġi wżata għall-qerda ta' popli sħaħ, minn naħa oħra xi minoranzi qed jippruvaw jgħassru nazzjonijiet sħaħ permezz tat-terroriżmu u jwassal għall-mewt ta' tant nies bla ħtija. Illum wieħed jista' jasal biex jikkontrolla l-bniedem sal-fond tie-

għu nnifsu u s-sistemi li hemm illum biex bihom wieħed jaħseb għall-ġejjieni u li minnhom jiddependi l-bniedem, jistgħu jkunu wkoll theddida ta' moħqrija.

Il-ħelsien qarrieq minn dak li titlob is-soċjetà qed jiġi mfittex permezz tad-drogi li qed iwasslu tant żgħażagħ fid-dinja kollha għall-qerda tagħhom infushom u jwaqqgħu familji sħaħ fil-hemm u n-niket.

## 15. Il-periklu ta' qerda sħiħa

L-għarfien ta' ordni ġuridiku bħala garanzija ta' relazzjonijiet tajba bejn il-familji kollha tal-ġnus qiegħed dejjem aktar jiddgħajjef. Meta l-fiduċja fil-liġi ma tidhirx li qiegħda tagħti ħarsien biżżejjed, wieħed jibda jfittex is-sigurtà u l-paċi tiegħu billi jhedded lill-oħrajn, u dan jasal biex ikun periklu għall-bnedmin kollha. Is-setgħat li jmisshom igħinu fl-iżvilupp tal-libertà, jaslu minflok biex ikattru t-theddid. L-armi tal-mewt lesti għall-gwerer ta' dawk li huma kontra xulxin illum jistgħu jeqirdu kull ħajja fid-dinja.

## 16. Relazzjonijiet ġodda ta' inegwaljanza

Hemm illum relazzjonijiet ta' inegwaljanza u ta' moħqrija bejn nazzjonijiet qawwija u nazzjonijiet li m'humiex. Milli jidher ir-regola li tmexxi r-relazzjonijiet internazzjonali hija dik li tfittex dak li jaqbillek, mingħajr ma tqis il-ġid tal-familja kollha tal-bnedmin.

Il-qagħda fil-pajjiżi fqar hi mħarbta bix-xiri ta' l-armi tal-gwerra, għax dawn iġibu firda fil-pajjiż u jwasslu biex grupp jaħkem fuq ieħor. Liema setgħat imbagħad jistgħu jżommu l-użu sistematiku ta' l-armi tal-gwerra u jagħtu mill-ġdid awtorità lil-liġi?

## 17. L-emanċipazzjoni tan-nazzjonijiet żgħar

Minħabba li r-relazzjonijiet ta' setgħa bejn in-nazzjonijiet ma humiex indaqs għal kulħadd, bdew iqumu movimenti għall-emanċipazzjoni tan-nazzjonijiet żgħar, li aktarx huma wkoll fqar u li sa ftit ilu kienu kolonji. Iżda spiss in-nies ta' dawk il-pajjiżi huma mqarrqin u misruqin mirrebda iebsa ta' l-indipendenza tagħhom minn gvernijiet jew tiranniji bla ebda skruplu li jiksru bla ma ħadd ikellimhom id-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-popli f'qagħda bħal din, ma għamlu xejn ħlief biddlu s-sid.

Jibqa' dejjem veru li wieħed mill-aqwa fenomeni ta' żmienna, fenomenu li narawh fil-kontinenti kollha, huwa l-fatt li ġnus, maħkumin għal snin sħaħ minn faqar kbir, qegħdin iqumu u jixxennqu għall-ħajja ta' dinjità u ta' ġustizzja u lesti jiġġieldu għall-ħelsien tagħhom.

## 18. Il-moralità u Alla: ifixklu l-ħelsien?

Jekk inqisu l-moviment modern għall-ħelsien tal-bniedem fih innifsu, insibu li l-isforz li sar biex jinħelsu minn kull xkiel il-ħsieb u r-rieda tal-bniedem wasslu lil xi wħud biex iqisu l-moralità bħala xkiel għarraġuni, xkiel li l-bniedem irid iwarrab biex ikun tassew sid tiegħu nnifsu.

Għal ħafna oħrajn, imbagħad, Alla nnifsu hu dak li b'mod speċjali

qiegħed ibiegħed il-bniedem minnu nnifsu. Dawn igħidu li bl-ebda mod ma jista' jkun hemm qbil bejn li tgħid li hemm Alla u bejn li tgħid li l-bniedem hu ħieles. Dawn igħidu li l-bniedem ikun tassew ħieles jekk jiċħad lil Alla.

**19. Xi mistoqsijiet ta' qtigħ il-qalb**

Hawn qiegħed l-għerq tat-traġedji kollha li huma mseħbin mal-ġrajja tal-ħelsien tal-bniedem illum. Għaliex din il-ġrajja, minkejja dak kollu li nkiseb u li wkoll jista' jintilef malajr, spiss tintilef fiha nfisha u tara l-bidu ta' suriet oħra ta' jasar? Għaliex xi movimenti ta' ħelsien li qanqlu tamiet kbar jispiċċaw bi gvernijiet li għalihom il-libertajiet taċ-ċittadini[8], ibda mil-libertà reliġjuża[9], huma l-aqwa għadu?

Meta l-bniedem irid jeħles mil-liġi morali u ma jkunx jiddependi xejn minn Alla, flok jikseb il-ħelsien, jeqirdu. Huwa u jeħles mill-qies tal-verità, jaqa' vittma ta' dak li hu arbitrarju; ir-relazzjonijiet ta' aħwa bejn il-ġnus jispiċċaw u posthom jieħdu t-twerwir, il-mibegħda u l-biża'.

Il-moviment modern għall-ħelsien li għamel egħruq kbar fid-dinja sar ħaġa ambigwa minħabba li ddakkar bi żbalji qerrieda dwar il-qagħda u l-libertà tal-bniedem: hu mgħobbi kemm b'wegħdiet ta' ħelsien tassew u kemm b'theddid ta' suriet qerrieda ta' jasar.

## II. IL-HELSIEN FL-ESPERJENZA TAL-POPLU TA' ALLA

**20. Il-Knisja u l-ħelsien**

Għaliex il-Knisja qed tintebaħ b'din l-ambigwità qerrieda tal-moviment modern għall-ħelsien, il-Maġisteru tal-Knisja tul dawn l-aħħar mijiet ta' snin tkellem biex iwissi kontra fehmiet qarrieqa li malajr jistgħu jwasslu l-ħeġġa għall-ħelsien lejn dispjaċiri kollha mrar. Spiss il-Knisja ma fehmuhiex meta għamlet dan. Iżda biż-żmien wieħed jista' jagħraf aħjar kemm kienet ġusta l-qagħda tal-Knisja.

Il-Knisja ndaħlet[10] f'isem il-verità dwar il-bniedem maħluq xbieha ta' Alla. Minkejja dan, lill-Knisja xlewha bħallikieku hi stess kienet xkiel għall-ħelsien. Qalu li l-kostituzzjoni ġerarkika tagħha hi kontra l-egwaljanza, u li l-Maġisteru tagħha hu kontra l-ħelsien fil-ħsieb. Veru li kien hemm żbalji fil-ġudizzji tal-Knisja fl-imgħoddi u kien hemm nuqqasijiet kbar tul iż-żminijiet[11] li tagħhom kienu responsabbli l-insara; iżda dawn l-oġġezzjonijiet mhux qed jagħtu każ tan-natura vera tal-ħaġa. Il-ħafna suriet ta' kariżmi fi ħdan il-Poplu ta' Alla, kariżmi ta' qadi, ma jmorrux kontra l-fatt li l-bnedmin għandhom ilkoll l-istess dinjità u l-istess sejħa għall-qdusija.

Il-ħelsien fil-ħsieb, bħala kondizzjoni meħtieġa ħa tinkiseb il-verità fl-oqsma kollha ta' l-għerf tal-bniedem, ma jfissirx li l-bniedem ma għandux aktar juża u jħaddem ir-raġuni tiegħu fid-dawl tar-Rivelazzjoni li Kristu ried jafda lill-Knisja tiegħu. Meta r-raġuni maħluqa tal-bniedem tinfetaħ

għall-verità ta' Alla, tiżviluppa u tikseb perfezzjoni li hi sura mill-aqwa ta' ħelsien. Barra dan, il-Konċilju Vatikan II jagħraf li x-xjenzi kollha għandhom l-awtonomija leġittima tagħhom[12], kif għandhom ukoll din l-awtonomija l-ħidmiet kollha ta' natura politika.[13]

### 21. Il-libertà taċ-ċkejknin u tal-foqra

Wieħed mill-iżbalji ewlenin li taqqlu l-proċess tal-liberazzjoni minn żmien l-Illuminiżmu, hu l-fehma mxerrda ħafna li l-progress li seħħ fl-oqsma tax-xjenzi, tat-teknoloġija u tal-ekonomija għandu jkun il-pedament meħtieġ ħa jinkiseb il-ħelsien. B'hekk ma ġiex magħruf sewwa x'inhu l-qofol tal-ħelsien u x'jitlob.

Il-Knisja minn dejjem kellha l-esperjenza ta' x'inhu dan il-qofol, mill-ħajja tal-kotra ta' l-insara, u l-aktar taċ-ċkejknin u tal-foqra. Dawna, bil-fidi tagħhom, jafu li Alla jħobbhom b'imħabba bla qjies. Kull wieħed minnhom jista' jgħid: "Ngħix (ħajti) bil-fidi fl-Iben ta' Alla li ħabbni u ta ruħu għalija" (Gal 2,20b). Din hi d-dinjità li għandhom u li ħadd ma jista' jeħodhielhom; dan hu l-ferħ li jħossu fihom u jagħmilhom ħielsa. Jafu li kien għalihom li Ġesù qal dan il-kliem: "Ma nsejħilkomx aktar qaddejja għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kull ma smajt mingħand Missieri, jiena għarrafthulkom" (Ġw. 15,15). Dan is-sehem fl-għarfien ta' Alla hu l-ħelsien tagħhom mill-ħakma ta' l-għorrief: "Dan tafuh ilkoll... għalhekk intom ma għandkomx bżonn min joqgħod igħallimkom" (Ġw 2,20b.27b). Iħossu wkoll li għandhom sehem fl-għerf l-aktar għoli li għalih hu msejjaħ il-bniedem.[14] Jafu li Alla jħobbhom, daqskemm iħobb l-oħrajn, aktar milli jħobb l-oħrajn. Għalhekk qed igħixu f'ħelsien li jiġi mill-verità u l-imħabba.

### 22. Ir-riżorsi tad-devozzjoni popolari

L-istess sentiment ta' fidi, li għandu l-poplu ta' Alla fid-devozzjoni kollha tama għas-salib ta' Kristu, iwasslu biex jintebaħ bil-qawwa li hemm fil-misteru ta' Kristu l-Feddej. Għalhekk, minflok immaqdru jew nippruvaw neqirdu dawk is-suriet popolari li jista' jkollha din id-devozzjoni, għandna nfittxu nagħrfu u naraw fil-fond xi tfisser u x'timplika.[15] Għandna quddiemna fatti ta' tifsir teoloġiku u pastorali fundamentali: huma l-foqra, dawk li Alla jħobb b'imħabba speċjali li jifhmu l-aħjar, u qiesu b'istint, li l-ħelsien l-aktar sħiħ, hu l-ħelsien mid-dnub u l-mewt, il-ħelsien li nkiseb bil-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu.

### 23. Id-dimensjoni salvifika u etika tal-liberazzjoni

Il-qawwa ta' dan il-ħelsien tidħol fil-bniedem u fil-ġrajja tiegħu kif inhi llum, tbiddlu mill-fond u tqawwi t-tama tiegħu fit-tmiem ta' kollox. L-ewwel u l-aqwa tifsira tal-ħelsien li tidher b'dan il-mod hi għalhekk il-ħelsien tas-salvazzjoni: il-bniedem jinħeles mill-jasar tal-ħażen u tad-dnub.

Il-bniedem li jġarrab is-salvazzjoni, jara x'inhu l-veru tifsir tal-ħelsien, għaliex il-liberazzjoni hi l-għoti mill-ġdid tal-ħelsien. Hi wkoll edukazzjoni għall-ħelsien, jiġifieri edukazzjoni dwar l-użu tajjeb tal-ħelsien.

B'dan il-mod id-dimensjoni salvifika tal-ħelsien hi marbuta mad-dimensjoni etika.

**24. Fażi ġdida fil-ġrajja tal-ħelsien**

Is-sentiment tal-fidi, li ta bidu għall-esperjenza radikali tal-ħelsien u l-liberazzjoni, daħal, ftit jew wisq, fil-kultura u d-drawwiet tal-popli nsara.

Iżda llum, minħabba l-isfidi kbar li għandha quddiemha l-familja kollha tal-bnedmin, jeħtieġ li, b'mod għal kollox ġdid u kemm jista' jkun malajr, l-imħabba ta' Alla u l-ħelsien fil-verità u l-ġustizzja juru ruħhom fir-relazzjonijiet bejniethom tal-individwi u n-nazzjonijiet u jagħtu ħajja lill-kulturi.

Fejn il-verità u l-imħabba huma nieqsa, il-proċess tal-liberazzjoni jispiċċa fil-qerda tal-ħelsien li jkun tilef kull għajnuna.

Fażi ġdida fil-ġrajja tal-ħelsien qed tinfetaħ quddiemna. Il-ħila għall-ħelsien li għandhom ix-xjenza, it-teknoloġija, ix-xogħol, l-ekonomija u l-ħidma politika tirnexxi biss jekk dawn ikunu mqanqlin u jsibu l-qies tagħhom fil-verità u l-imħabba li hi aqwa mit-tbatija: il-verità u l-imħabba li Ġesù Kristu wera lill-bnedmin.

# IS-SEJHA TAL-BNIEDEM GHALL-HELSIEN U T-TRAĠEDJA TAD-DNUB

## I. L-EWWEL PASSI LEJN IL-HELSIEN

### 23. Tweġiba minn rajha

It-tweġiba minn rajha għall-mistoqsija: "X'jiġifieri tkun ħieles?" hi din: bniedem hu ħieles meta jista' jagħmel dak li jrid mingħajr ebda tfixkil minn barra u għalhekk hu kollu kemm hu indipendenti fih innifsu. Mela l-kuntrarju tal-ħelsien hu meta r-rieda tiegħek tkun tiddependi minn dik ta' ħadd ieħor.

Iżda l-bniedem dejjem ikun jaf x'irid? Jista' dejjem jagħmel dak li jrid? Jaqbel man-natura tal-bniedem li wieħed jingħalaq fih innifsu u jinfatam mir-rieda ta' l-oħrajn? Spiss dak li l-bniedem ikun jixtieq f'xi waqt ma jkunx dak li tassew ikun irid. U jista' jiġri wkoll li l-istess persuna jkollha fl-istess ħin xewqat kontra xulxin. Iżda fuq kollox il-bniedem dejjem għandu jsib ruħu quddiem il-limiti tan-natura tiegħu: xewqatu huma wisq akbar minn ħiltu. Għalhekk dak li hu tfixkil għar-rieda tiegħu mhux dejjem ġej minn barra, imma ġej mil-limiti tiegħu stess. Għalhekk jekk il-bniedem ma jridx jeqred lilu nnifsu jrid jitgħallem iqabbel dak li jrid ma' dak li hu fih innifsu fin-natura tiegħu.

### 26. Il-verità u l-ġustizzja, regoli għall-ħelsien

Barra dan kull bniedem hu maħluq biex jagħmilha ma' l-oħrajn u jħoss il-bżonn li jkun magħhom. Biss jekk jitgħallem jorbot ir-rieda tiegħu ma' ta' l-oħrajn għall-ġid veru, jitgħallem ikollu rieda tajba. Għalhekk meta r-rieda tal-bniedem tkun taqbel ma' dak li titlob in-natura tiegħu din issir tassew rieda tal-bniedem. Din titlob li tkun skond il-verità u li jkun hemm relazzjoni xierqa mar-rieda ta' l-oħrajn. Għalhekk hi l-verità u l-ġustizzja li huma l-qies tal-veru ħelsien. Il-bniedem meta jwarrab dan u jqis lilu nnifsu Alla, ikun jitqarraq u flok ikun iġib ruħu 'l quddiem ikun qiegħed jeqred lilu nnifsu.

Ikun hemm ħelsien mhux meta l-bniedem ikun kollox hu kollu kemm hu bla bżonn ta' ħadd u bla ebda relazzjoni ma' ħadd, iżda meta relazzjonijiet, skond il-verità u l-ġustizzja, jorbtu l-bnedmin bejniethom. Iżda biex iseħħu rabtiet bħal dawn, il-bnedmin iridu jgħixu fil-verità.

Il-ħelsien ma jfissirx il-libertà li tagħmel li trid ikun x'ikun: hu l-libertà li tagħmel it-tajjeb, u f'dan biss jinsab il-hena. It-tajjeb għalhekk u l-għan tal-ħelsien. Mela l-bniedem hu ħieles daqskemm jasal li jagħraf il-verità u sakemm din il-verità — u mhux xi setgħat oħra — tmexxi r-rieda tiegħu. Il-liberazzjoni għall-għarfien tal-verità, li biss għandha tmexxi r-rieda, hi l-kondizzjoni meħtieġa biex il-ħelsien ikun tassew jistħoqqlu dan l-isem.

**27. Il-ħelsien ta' min hu maħluq**

Fi kliem ieħor, il-ħelsien li hu ħakma tar-ruħ fuq kull ma l-bniedem jagħmel u fuq kif jafferma ruħu, jitlob minnufih li jkun jaqbel ma' l-ordni morali. Jikseb il-veru sens tiegħu fl-għażla ta' dak li hu moralment tajjeb u għalhekk jidher bħala ħelsien mill-ħażen morali.

Bl-egħmil ħieles tiegħu l-bniedem jintrefa' lejn l-aqwa ġid permezz tal-ġid l-ieħor kollu li jaqbel man-natura tiegħu u mas-sejħa li Alla għamillu. Il-bniedem huwa u juża l-libertà tiegħu, jiddeċiedi dwaru nnifsu u jsawwar lilu nnifsu. U f'dan is-sens il-bniedem **jagħmel** lilu nnifsu. Imma hu dan, biss għax hu ħolqien ta' Alla u maħluq xbieha ta' Alla. Din hi l-verità dwar l-eżistenza tal-bniedem u dan juri kemm huma żbaljati dawk it-teoriji li jgħollu l-libertà tal-bniedem jew il-"prassi storika" tiegħu billi jqisu din il-libertà bħala l-prinċipju sħiħ u waħdieni tal-eżistenza u tal-progress tiegħu. Dawn it-teoriji m'humiex ħlief ateiżmu jew iwasslu għall-ateiżmu bil-mod kif jirraġunaw. L-indifferentiżmu u l-anjostiċiżmu deliberat jimxu mill-istess triq. Hi x-xbieha ta' Alla fil-bniedem li tirfed il-libertà u d-dinjità tal-persuna tal-bniedem.[16]

**28. Is-sejħa ta' Alla li ħalaq kollox**

Alla, għax ħalaq il-bniedem ħieles, għamlu sura u xbieha tiegħu.[17] Il-bniedem għandu fih is-sejħa ta' Alla li ħalqu għax min-natura tiegħu l-bniedem iħossu nklinat għal dak li hu tajjeb u mxennaq għalih u wisq aktar hu nklinat u mxennaq għall-Kelma tar-Rivelazzjoni li, b'mod l-aktar perfett, tħabbret minn Kristu. B'hekk tħabbar lill-bniedem li Alla ħalqu ħieles biex permezz tal-grazzja jsir ħabib ta' Alla u jgħix l-istess ħajja tiegħu.

**29. Helsien li minnu kulħadd għandu sehem**

Il-bniedem ma għandux il-bidu tiegħu la minn xi egħmil tiegħu nnifsu u lanqas minn xi egħmil tal-bnedmin kollha flimkien, imma l-bidu tal-bniedem hu don ta' Alla li ħalqu. Din hi l-ewwel stqarrija tal-fidi tagħna u din l-istqarrija twettaq l-ogħla fehmiet li jista' jikseb il-ħsieb tal-bniedem.

Il-ħelsien tal-bniedem hu ħelsien li minnu kulħadd għandu sehem. Il-ħila li għandu l-bniedem li jġib 'il quddiem lilu nnifsu bl-ebda mod ma tinqered għax jiddependi minn Alla. Il-karatteristika ta' l-ateiżmu hi proprju din: temmen li hemm oppożizzjoni li ma tista' tintemm qatt bejn dak li Alla jagħmel bla ebda xkiel u bejn dak li jista' jagħmel il-bniedem ħieles; dan qiesek qiegħed tgħid li jekk hemm Alla ma hemmx il-bniedem, jew qiesek tgħid li l-indħil ta' Alla fil-ġrajja tal-bniedem iġib fix-xejn kull sforz tal-bniedem. Iżda fil-fatt il-libertà tal-bniedem tieħu t-tifsir u s-sħuħija tagħha minn Alla u mir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla.

**30. L-għażla ħielsa tal-bniedem**

Il-ġrajja tal-bniedem timbena fuq in-natura li tah Alla u fuq it-tiksib bla xkiel ta' l-għan li għalih il-bniedem hu ndirizzat u mmexxi mill-ġibda

tal-istess natura tiegħu u mill-grazzja ta' Alla.

Iżda l-libertà tal-bniedem hi limitata u tista' tiżbalja. Ix-xewqat tiegħu jistgħu jinġibdu lejn xi ġid taparsi; huwa u jagħżel xi ġid qarrieq, jista' jonqos mis-sejħa tiegħu bħala bniedem ħieles. Iżda bir-rieda ħielsa tiegħu l-bniedem hu s-sid ta' ħajtu: egħmilu jista' jkun ta' ġid, jew jista' jkun ukoll ta' qerda għal ħajtu.

Meta l-bniedem jobdi l-liġi ta' Alla li hi miktuba fil-kuxjenza tiegħu u li hu jirċievi mqanqal mill-Ispirtu s-Santu, ikun qed jagħmel użu missetgħa li għandu fuqu nnifsu u hekk jilħaq is-sejħa tiegħu bħala iben Alla. "Ikun isaltan huwa u jaqdi lil Alla"[18]. Il-ħelsien veru hu fil-"qadi tal-ġustizzja" waqt li l-għażla li ma jobdix u li jagħmel deni hi "l-jasar tad-dnub."[19]

31. **Il-liberazzjoni temporali u l-ħelsien**

Il-fehma ta' x'inhu l-ħelsien juri b'mod ċar x'għandha tkun il-liberazzjoni f'din id-dinja: tħaddan il-proċessi kollha li bħala għan għandhom li jiksbu u jiggarantixxu l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa biex ikun hemm ħelsien veru tal-bniedem.

Għalhekk, minnha nfisha, il-liberazzjoni ma tagħtix il-ħelsien lill-bniedem. Is-sens komun tal-bniedem, imwettaq mis-sens nisrani, jaf li wkoll meta l-ħelsien jiġi b'xi mod imxekkel, qatt ma jinqered għal kollox. Nies li jiltaqgħu ma' ħafna xkiel tal-biża' jirnexxilhom ukoll juru li huma ħielsa u jħabirku biex jiksbu l-liberazzjoni tagħhom infushom. Proċess ta' liberazzjoni li jirnexxi ma jistax ma joħloqx kondizzjonijiet aħjar għall-użu effettiv tal-libertà. Anzi liberazzjoni li ma tqisx il-ħelsien personali ta' dawk li qed jiġġieldu għaliha sa mill-bidunett tkun mixja lejn it-telfa tagħha.

## III. IL-HELSIEN U S-SOĊJETA' TAL-BNEDMIN

32. **Id-drittijiet tal-bniedem u l-"libertajiet" tiegħu**

Alla ma ħalaqx il-bniedem "biex igħix għalih waħdu" imma riedu jgħix ma' bnedmin oħra, ikun "bniedem soċjali".[20] Il-ħajja soċjali għalhekk m'hijiex xi ħaġa li ma taqbilx man-natura tal-bniedem: il-bniedem jista' jilħaq il-kobor tiegħu u l-vokazzjoni tiegħu biss f'relazzjoni ma' oħrajn. Il-bniedem jagħmel sehem minn għadd ta' komunitajiet professjonali u politiċi, u hu fi ħdan dawn il-komunitajiet li l-bniedem irid jagħmel użu mil-libertà tiegħu b'mod responsabbli. Ordni soċjali ġust jagħti lill-bniedem għajnuna ma hemmx oħra bħalha, biex iġib 'il quddiem il-personalità tiegħu ta' bniedem ħieles. Min-naħa l-oħra, ordni soċjali mhux ġust hu theddida u tfixkil li jista' jtelliflu d-destin tiegħu.

Fil-qasam soċjali, il-ħelsien jidher u jseħħ f'egħmil, strutturi u istituzzjonijiet li permezz tagħhom in-nies jikkomunikaw ma' xulxin u jorganizzaw il-ħajja tagħhom flimkien. Il-bniedem, fil-persuna tiegħu, irid jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu — dan hu dmir u dritt ta' kull bniedem — u biex dan iseħħ il-bniedem irid ikollu l-għajnuna tas-soċjetà u mhux jiġi mfixkel minnha.

Din hi ħaġa li titlobha l-morali, u ġiet formulata fid-**Drittijiet tal-bniedem.** Xi wħud minn dawn id-drittijiet huma xi drabi magħrufin bħala "l-libertajiet" tal-bniedem, jiġifieri bħala suriet ta' għarfien tal-karattru li għandu kull bniedem bħala persuna responsabbli għalih innifsu u tad-destin tiegħu 'l hemm mid-dinja u bħala għarfien ukoll li l-kuxjenza ta' kull bniedem ħadd ma jista' jmissha.[21]

33. **Id-dimensjoni soċjali tal-bniedem u l-glorja ta' Alla**

Id-dimensjoni soċjali tal-bniedem għandha tifsira oħra wkoll: biss bl-għadd bla qies tan-nies u bil-ħafna suriet tagħhom tistagħna l-familja kollha tal-bnedmin, u dan juri b'xi mod l-għana bla qjies ta' Alla. Fl-aħħarnett, din id-dimensjoni għandha tilħaq il-qofol tagħha fil-ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja. Minħabba f'hekk, il-ħajja soċjali, fis-suriet kollha tagħha u sakemm tkun taqbel mal-liġi ta' Alla, hi mera tal-glorja ta' Alla fid-dinja.[22]

## IV. IL-HELSIEN TAL-BNIEDEM U L-HAKMA TAN-NATURA

34. **Is-sejħa tal-bniedem biex jaħkem in-natura**

Minħabba l-ġisem li għandu, il-bniedem jeħtieġ ir-risorsi tad-dinja biex iġib lilu nnifsu 'l quddiem bħala individwu u fis-soċjetà. F'din is-sejħa tiegħu biex jaħkem lid-dinja bil-ħidma tiegħu ħa taqdih, wieħed jista' jilmaħ sura tax-xbieha ta' Alla.[23] Iżda l-ħidma tal-bniedem ma "toħloqx"; issib natura materjali li hi wkoll maħluqa minn Alla u li tagħha l-bniedem tqiegħed bħala "għassies għaref u nobbli."[24]

35. **Il-bniedem sid il-ħidmiet tiegħu**

Il-bidliet tekniċi u ekonomiċi jinfluwenzaw l-organizzazzjoni tal-ħajja soċjali; u b'xi mod bilfors ikollhom jinfluwenzaw ukoll, sa ċertu pont, il-ħajja kulturali u reliġjuża tal-bniedem.

Iżda, għax ħieles il-bniedem jibqa' sid il-ħidmiet tiegħu. Il-bidliet kbar u malajr ta' dan iż-żmien huma sfida kbira għalih: irid jaħkem u jikkontrolla, bl-użu tar-raġuni u tal-libertà tiegħu, dawk il-qawwiet li jhaddem ħa jaqdu l-veru għan tal-ħajja tal-bniedem.

36. **Skoperti xjentifiċi u progress tal-bniedem**

Hu għalhekk dmir il-libertà, użata sewwa, li tara li kull ma jinkiseb bix-xjenza u t-teknika, u kull ma jsir biex dak li jinkiseb jagħti dak kollu li jista' b'mod mill-aħjar, u li l-frott kollu ta' din il-ħidma u l-istess strutturi tal-organizzazzjoni ekonomika u soċjali, ma jservux għal xi proġetti li jċaħduhom mill-għan tagħhom favur il-bniedem u jdawruhom kontra l-bniedem.

Kemm il-ħidma xjentifika u kemm dik ideoloġika għandhom xi esiġenzi speċjali. Iżda jiksbu t-tifsir u s-siwi tagħhom għall-bniedem biss jekk joqogħdu għall-prinċipji tal-morali. Dawn l-esiġenzi għandhom jiġu ris-

pettati; iżda mbagħad jekk tagħtihom awtonomija sħiħa bla kontroll, li ma tkunx taqbel ma' l-istess natura ta' kollox, ifisser li tkun qiegħed tmexxihom minn triq li twassal għat-tiġrif tal-veru ħelsien tal-bniedem.

## V. ID-DNUB GHAJN TA' FIRDA U MOHQRIJA

### 37. Id-dnub firda minn Alla

Alla jsejjaħ il-bniedem għall-ħelsien. F'kull bniedem hemm xewqa għall-ħelsien. Iżda din ix-xewqa kważi dejjem tiġbed lejn il-jasar u l-moħqrija. Kull impenn għal-liberazzjoni u l-ħelsien għalhekk għandu jissopponi li se jkollu quddiemu paradoss drammatiku bħal dan.

Id-dnub tal-bniedem, jiġifieri l-firda tal-bniedem minn Alla, hi r-raġuni ewlenija tat-traġedji kollha li seħħu fil-ġrajja tal-bniedem. Biex jifhmu dan, ħafna nies ta' żmienna, iridu mill-ġdid jagħarfu x'inhu d-dnub.

Fix-xewqa tal-bniedem għall-ħelsien hemm moħbija t-tentazzjoni li jiċħad l-istess natura tiegħu. Għaliex jixtieq jixxennaq għal kollox u jista' jagħmel li jrid, jinsa li ma jistax jagħmel kollox u li ġie maħluq, u jippretendi li hu xi Alla. "Issiru bħal allat" (Ġen 3,5). Dan il-kliem tas-serp juri x'inhu l-qofol tat-tentazzjoni tal-bniedem: taqleb ta' taħt fuq it-tifsir veru tal-ħelsien tal-bniedem. Din hi fl-aħħar mill-aħħar in-natura tad-dnub: il-bniedem iwarrab il-verità u jqiegħed 'il fuq minnha r-rieda tiegħu. Iqarraq bih innifsu u jeqred lilu nnifsu bix-xewqa li jeħles minn Alla ħa jkun hu nnifsu Alla. Issir barrani għalih innifsu.

F'din ix-xewqa li jkun xi Alla u jaħkem fuq kollox għall-gost tiegħu, hemm taqlib sħiħ ta' min hu verament Alla. Alla hu verità u mħabba filqofol ta' l-għoti sħiħ lil xulxin tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa. Veru li l-bniedem hu msejjaħ biex ikun bħal Alla. Iżda jkun bħal Alla mhux billi jagħmel dak li jiftillu għall-gost tiegħu imma billi jagħraf li l-verità u l-imħabba huma fl-istess waqt il-bidu u l-għan tal-ħelsien tiegħu.

### 38. Id-dnub, l-għerq ta' kull aljenazzjoni tal-bniedem

Bid-dnub il-bniedem ikun jigdeb lilu nnifsu u jkun jinfired mill-verità tiegħu nnifsu. Meta jkun ifittex l-awtonomija sħiħa tiegħu nnifsu, meta jidhirlu li hu għal kollox biżżejjed għalih innifsu u ma għandu bżonn ta' ħadd, ikun jiċħad lil Alla u lilu nnifsu. Meta jitbiegħed mill-verità li tgħidlu li hu bniedem maħluq, maħbub minn Alla, ikun jagħti bidu għal kull xorta ta' aljenazzjoni oħra.

Meta jiċħad jew jipprova jiċħad lil Alla, li hu l-Bidu u t-Tmiem ta' kollox, il-bniedem jaqleb ta' taħt fuq l-ordni li hemm fih innifsu, f'ruħu stess, u jaqleb ukoll ta' taħt fuq l-ordni li hemm fis-soċjetà u fil-ħolqien kollu wkoll.[25]

L-Iskrittura tqis il-ħafna disgrazzji li jolqtu l-bniedem fil-ħajja tiegħu bħala persuna u fil-ħajja tiegħu fis-soċjetà fir-relazzjoni tagħhom maddnub.

L-Iskrittura turina li l-ġrajja kollha tal-bniedem hi marbuta, sa millbidu, ma' l-egħmil tal-bniedem li jabbuża mil-libertà tiegħu u jqum kon-

tra Alla u jfittex jikseb l-għaniet tiegħu mingħajr Alla.[26] Il-ktieb tal-**Ġenesi** jurina x'kienu l-konsegwenzi ta' dan l-ewwel dnub: it-toqol tax-xogħol u l-uġigħ tal-ħlas, il-moħqrija tal-mara mir-raġel, u l-mewt. Il-bnedmin, imċaħħdin mill-grazzja ta' Alla, wirtu lkoll natura li tmut, bla ħila biex tagħżel dak li hu tajjeb u miġbuda minn xewqat bla rażan.[27].

39. **Idolatrija u diżordni**

L-idolatrija hi l-ogħla sura ta' diżordni li jiġi mid-dnub. Flok l-adorazzjoni ta' Alla l-ħaj għandna l-adorazzjoni tal-ħlejjaq u dan jagħmel qarrieqa r-relazzjonijiet bejn l-individwi u jġib kull xorta ta' moħqrija.

Meta wieħed jasal biex ma jkunx jaf, ħtija tiegħu, min hu Alla, il-passjonijiet tiegħu jkunu bla rażan u dan iġib taħwid u taqlib u ġlied fil-fond ta' qalbu. Minn hawn joħroġ imbagħad dak id-diżordni kollu li jolqot l-oqsma tal-familja u tas-soċjetà: sess bla rażan, inġustizzji, qtil. Hu b'dan il-mod li San Pawl jiddeskrivi d-dinja pagana, imkaxkra mill-idolatrija lejn l-agħar egħmil li jfarrak l-individwi u lis-soċjetà.[28]

Qabel San Pawl stess, il-Profeti u l-għorrief ta' Israel raw fit-tiġrib tal-poplu l-kastig għad-dnub tagħhom ta' l-idolatrija; u "fil-qalb il-bniedem mimlija ħażen" (Koh 9,3)[29] raw il-bidu tal-jasar sħiħ tal-bniedem u ta' kull xorta ta' moħqrija li biha jġarrab il-bnedmin sħabu.

40. **Jistmerru 'l Alla u jduru għall-ħlejjaq**

It-Tradizzjoni nisranija, li tinsab fil-kitba tal-Missirijiet u tad-Dutturi tal-Knisja, uriet fiċ-ċar dan it-tagħlim ta' l-Iskrittura dwar id-dnub. Tqis id-dnub bħala stmerrija ta' Alla (**contemptus Dei**). Hu msieħeb ma' xewqa ta' ħelsien mir-relazzjoni ta' dipendenza ta' qaddej minn Sidu, jew, aħjar, ta' iben minn missieru. Bid-dnub, il-bniedem ikun ifittex li jeħles minn Alla, iżda fil-fatt ikun ijassar lilu nnifsu. Għaliex meta jiċħad 'l Alla jkun jeqred fih il-ġibda ħerqana tiegħu għal Dak li hu bla tmiem u s-sejħa tiegħu biex ikollu sehem mill-istess ħajja ta' Alla. Għalhekk qalbu tinħakem mill-inkwiet.

Il-midneb li ma jkunx irid jaċċetta 'l Alla, bilfors jasal biex jintrabat mal-ħlejjaq f'sura qarrieqa u qerrieda. Meta jdur lejn il-ħlejjaq (**avversio ad creaturas**) iqiegħed fihom ix-xewqa tiegħu bla temma għal Dak li hu bla tmiem. Iżda l-ħlejjaq mhumiex bla tmiem; u għalhekk qalbu tiġġerra minn ħaġa għal oħra, dejjem ħerqana għall-paċi li qatt ma jista' jkollha.

Dan għaliex meta l-bniedem jagħti importanza bla qjies lill-ħlejjaq, ikun jitlef it-tifsira tan-natura maħluqa tiegħu. Jippretendi li jsib fih innifsu l-qofol u l-għaqda tiegħu nnifsu. L-imħabba bla rażan tiegħu nnifsu hi l-faċċata l-oħra ta' l-istmerrija ta' Alla. Il-bniedem jipprova jafda biss fih innifsu; jixtieq jilħaq il-milja tiegħu hu waħdu u li jkun biżżejjed għalih innifsu fih innifsu.[30]

41. **L-ateiżmu, emanċipazzjoni qarrieqa tal-ħelsien**

Dan jidher b'mod wisq aktar ċar meta l-midneb jibda jaħseb li jkun jista' jgħid li hu tassew ħieles jekk jiċħad 'l Alla ċar u tond. Jibda jqies

bħala jasar li ma jiflaħx għalih il-fatt li għax maħluq jiddependi minn Dak li ħalqu u li l-kuxjenza morali tiegħu tiddependi mil-liġi ta' Alla. U hekk jara li l-ateiżmu hu l-vera sura tal-emanċipazzjoni u tal-ħelsien tal-bniedem, waqt li r-reliġjon jew ukoll l-għarfien ta' xi liġi huma suriet ta' aljenazzjoni. Il-bniedem imbagħad ikun jixtieq li jieħu deċiżjonijiet mingħajr ħadd ma jindaħallu, dwar x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, jew dwar valuri, u, b'pass wieħed, jiċħad kemm il-fehma ta' Alla u kemm il-fehma tad-dnub. Hu permezz tal-qawwa tad-dnub li bil-wiċċ tost kollu l-bniedem jippretendi li kiber u sar ħieles; u din l-emanċipazzjoni jippretendiha mhux biss għalih imma għall-familja kollha tal-bnedmin.

## 42. Id-dnub u l-istrutturi ta' inġustizzja

Il-bniedem midneb, li jagħmel lilu nnifsu ċentru tiegħu nnifsu, jipprova jasserixxi ruħu, u jipprova jtemm ix-xewqa tiegħu għal Dak li hu bla qjies, bl-użu tal-ħwejjeġ maħluqa: l-għana, is-setgħa, u l-pjaċiri; u ma jimpurtah xejn mill-bnedmin l-oħra u jisraqhom inġustament u jqishom ħwejjeġ jew għodod f'idejh. B'hekk jagħti sehmu għall-ħolqien ta' dawk l-istrutturi li jisfruttaw u jassru n-nies, strutturi li hu jgħid li jikkundanna.

KAP. III

## LIBERAZZJONI U HELSIEN NISRANI

### 43. L-Evanġelju, il-ħelsien u l-liberazzjoni

Il-ġrajja tal-bniedem, immarkata kif inhi bl-esperjenza tad-dnub, kienet twassalna biex niddispraw kieku Alla telaq għal rajh il-ħolqien kollu. Iżda l-wegħdiet ta' Alla ta' liberazzjoni u t-tmiem rebbieħ tagħhom bil-mewt u l-Qawmien ta' Kristu, huma l-pedament tat-"tama kollha hena" li tqawwi l-komunità ta' l-insara biex iħabirku bil-ħeġġa u s-saħħa kollha għall-qadi tal-imħabba, tal-ġustizzja u tas-sliem. L-Evanġelju hu bxara ta' ħelsien u ta' qawwa li tagħti l-ħelsien,[31] li ttemm ix-xewqa ta' Israel mibnija fuq kliem il-profeti. Din it-tama kienet tafda fuq il-ħidma ta' Jahweh, li qabel stess ma ndaħal bħala **Goel**,[32] ħellies, feddej u salvatur tal-Poplu tiegħu, għażel minn rajh f'Abraham[33] lil dan il-Poplu.

## 1. IL-LIBERAZZJONI FIL-PATT IL-QADIM

Fil-Patt il-Qadim, il-ħidma ta' Jahweh għall-ħelsien, ħidma li kellha tkun xbieha ta' kull ħelsien ieħor u li fiha kull ħelsien ieħor jieħu t-tifsir tiegħu, hi l-ħruġ mill-Eġittu, minn "dar il-jasar." Meta Alla jsalva l-Poplu tiegħu minn jasar ekonomiku, politiku u kulturali, dan jagħmlu biex, bil-Patt tas-Sinaj, lill-Poplu tiegħu jagħmlu "saltna ta' qassisin u nazzjon qaddis" (Es 19,6). Alla jrid jiġi meqjum minn poplu ħieles. Kull liberazzjoni oħra tal-poplu ta' Israel li seħħet wara, għenet biex waslithom għall-ħelsien sħiħ, li jistgħu jsibu biss f'xirka ma' Alla tagħhom.

Il-fatt ewlieni u fundamentali ta' l-Esodu għandu għalhekk tifsira sew reliġjuża u sew politika. Alla jeħles il-Poplu tiegħu, u jagħtih nisel, art u liġi, iżda fi ħdan Patt u għal Patt. Ma nistgħux inqisu għaliha waħedha s-sura politika tal-Patt, imma rridu nqisuha fid-dawl ta' pjan ta' natura reliġjuża, li fih tinsab integrata.[34]

### 45. Il-liġi ta' Alla

Fil-pjan tiegħu għas-salvazzjoni, Alla ta l-Liġi lil Israel. Din il-liġi, flimkien mal-preċetti morali universali li huma l-għaxar kmandamenti, kellha wkoll preċetti reliġjużi u ċivili li kienu jmexxu l-ħajja tal-poplu li Alla għażel għalih, ħa jkun xhud tiegħu fost il-ġnus.

Il-qofol ta' din il-ġabra ta' liġijiet hu l-imħabba ta' Alla fuq kollox[35] u ta' għajrek bħalek innifsek.[36] Iżda l-ġustizzja li għandha tmexxi r-relazzjonijiet bejn poplu u ieħor u l-liġi li tfisser ġuridikament dawn ir-relazzjonijiet, huma wkoll parti mill-qofol tal-liġi biblika. Il-ġabriet tal-liġijiet u l-priedki tal-profeti, kif ukoll is-Salmi, kull mument isemmu dawn ir-relazzjonijiet u din il-liġi, u spiss isemmuhom flimkien.[37] F'dan il-kuntest għandna naraw is-siwi tal-liġi biblika dwar l-għajnuna lill-fqar, lil dawk fil-bżonn, lir-romol u lill-iltiema; dawn għandhom dritt għall-ġustizzja

skond l-ordinament ġuridiku[38] tal-Poplu ta' Alla. Għalhekk għandna dejjem l-ideal u abbozz ta' soċjetà iċċentrata fuq il-qima ta' Alla u mibnija fuq il-ġustizzja u liġi, ispirati mill-imħabba.

46. **It-tagħlim tal-profeti**

Il-profeti bla heda kienu jfakkru 'l Israel x'titlob il-Liġi tal-Patt. Ikkundannaw l-ebusija tal-qalb tal-bniedem bħala r-raġuni li wasslet għall-ksur ta' spiss tagħha u ħabbru Patt ġdid li fih Alla jbiddel il-qlub għax fihom jikteb il-Liġi ta' l-Ispirtu.[39]

Huma u jħabbru dan iż-żmien il-ġdid, u jhejju għalih, il-Profeti bil-qawwa kollha jikkundannaw l-inġustizzja li jġarrbu l-foqra; f'isem Alla jitkellmu għall-foqra. Jahweh hu l-aħħar kenn taċ-ċkejknin u l-maħqurin, u l-missjoni tal-Messija se tkun dik li jaqbeż għalihom.[40]

Il-qagħda tal-foqra hi qagħda ta' inġustizzja li tmur kontra l-Patt. Hu għalhekk li l-Liġi tal-Patt tħares lill-foqra permezz ta' preċetti li juru kif ġab ruħu Alla stess meta ħeles lil Israel mill-jasar ta' l-Eġittu[41]. L-inġustizzji maċ-ċkejknin u mal-foqra huma dnub kbir li jeqred ix-xirka ma' Alla.

47. **"Il-foqra ta' Jahweh"**

Huma liema huma s-suriet tal-faqar, tal-inġustizzji u tan-niket li jġarrbu, il-"ġusti" u l-"foqra ta' Jahweh" joffrulu s-suppliki tagħhom bis-Salmi.[42] Iġarrbu f'qalbhom il-jasar li fih waqgħu "dawk ta' qalbhom iebsa" minħabba dnubiethom. Iġarrbu persekuzzjoni, martirju u mewt; iżda jgħixu bit-tama tal-ħelsien. U fuq kollox jafdaw f'Jahweh: f'idejh iħallu l-kawża tagħhom.[43]

Il-"foqra ta' Jahweh" jafu li x-xirka ma' Alla[44] hi l-egħżeż teżor li għandhom, teżor li fih il-bniedem isib il-veru ħelsien tiegħu.[45] Għall-"foqra ta' Jahweh" l-ikbar sfortuna hi t-telfien ta' din ix-xirka. U għalhekk il-ġlieda tagħhom kontra l-inġustizzji tikseb l-akbar tifsir u l-akbar qawwa tagħha fix-xewka tal-ħelsien mill-jasar tad-dnub.

48. **Fuq l-għatba tal-Patt il-Ġdid**

Fuq l-għatba tal-Patt il-Ġdid, il-"foqra ta' Jahweh" huma l-ewwel frott ta' "poplu mċekken u fqir" li qed igħix bit-tama tal-ħelsien ta' Israel.[46]

Marija, li tippersonifika din it-tama, tħalli l-Patt il-Qadim minn din l-għatba. Bil-ferħ ixxandar il-Miġja tal-Messija u tfaħħar lill-Mulej li qed ihejji l-ħelsien tal-Poplu tiegħu.[47] Fil-kantiku tagħha ta' tifħir għall-ħniena ta' Alla l-Verġni umli, li lejha l-poplu tal-foqra jirrikorri minn rajh u bil-fiduċja kollha, ixxandar il-misteru tas-salvazzjoni u l-qawwa tiegħu għat-tiġdid. Is-**sensus fidei**, li, hu hekk ħaj fost iċ-ċkejknin, kapaċi jħaddan f'daqqa t-teżori kollha ta' salvazzjoni u ta' morali tal-**Magnificat**.[48]

II. IT-TIFSIR KRISTOLOĠIKU TAL-PATT IL-ĠDID

49. **Fid-dawl ta' Kristu**

L-Esodu, il-Patt, il-Liġi, kliem il-Profeti, u l-ispiritwalità tal-"foqra ta' Jahweh" jiksbu t-tifsir sħiħ tagħhom biss fi Kristu. Il-Knisja taqra l-Patt

il-Qadim fid-dawl ta' Kristu li miet u rxoxta għalina. Tara lilha stess im-ħabbra fil-Poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim, inkarnat f'nazzjon partikolari, f'poplu bil-politika u l-kultura proprja tiegħu. Dan il-poplu kien parti min-nisġa ta' l-istorja tal-bniedem bħala xhieda ta' Jahweh quddiem il-ġnus sa ma ntemm iż-żmien tat-thejjija u ta' l-ixbihat. Fil-milja taż-żmien li seħħ bi Kristu, ulied Abraham ġew mistiedna jidħlu, flimkien mal-ġnus kollha, fil-Knisja ta' Kristu biex magħhom jagħmlu l-Poplu wieħed ta' Alla, poplu spiritwali u universali.[49]

III. IL-HELSIEN NISRANI

**50. Il-Bxara t-tajba mħabbra lill-foqra**

Ġesù jħabbar il-Bxara t-tajba tas-Saltna ta' Alla u jsejjaħ lin-nies għall-konversjoni.[50] "Il-Bxara t-tajba titħabbar lill-foqra" (Mt 11,5). Ġesù ried juża l-kliem tal-Profeta[51] biex juri li l-ħidma messjanika tiegħu kienet favur dawk li kienu jistennew is-salvazzjoni ta' Alla.

Anzi aktar minn hekk, l-Iben ta' Alla li ftaqar għall-imħabba tagħna,[52] xtaq li nagħarfuh fil-foqra, f'dawk li jbatu u huma persegwitati[53]. "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25,40).[54]

**51. Il-misteru ta' l-Għid**

Iżda hu fuq kollox bil-qawwa tal-misteru ta' l-Għid li Kristu ħelisna.[55] Bl-obbidjenza perfetta tiegħu fuq is-Salib u bis-sebħ tal-Qawmien, il-Ħaruf ta' Alla neħħa d-dnub tad-dinja u fetħilna t-triq għall-ħelsien sħiħ.

Bil-qadi u bl-imħabba tagħna u wkoll bl-offerta tat-tiġdid u t-tbatijiet tagħna, aħna għandna sehem fis-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu għall-fidwa tagħna, billi ntemmu f'ġisimna "dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (Kol 1,24) waqt li nistennew il-qawmien mill-imwiet.

**52. Grazzja, rikonċiljazzjoni u ħelsien**

Il-qofol tal-esperjenza nisranija tal-ħelsien hi l-ġustifikazzjoni permezz tal-grazzja tal-fidi u tas-sagramenti tal-Knisja. Permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu għandna l-maħfra tad-dnubiet. L-esperjenza tal-ħbiberija mill-ġdid mal-Missier hi frott ta' l-Ispirtu s-Santu. Alla juri ruħu bħala Missier il-ħniena, u quddiemu aħna nersqu bil-fiduċja kollha.

Ħbieb mill-ġdid ma' Alla,[56] niksbu s-sliem ta' Kristu li d-dinja ma tistax tagħti,[57] u aħna msejħin biex inħabirku għall-paċi fost il-bnedmin kollha.[58]

Fi Kristu aħna nistgħu nirbħu d-dnub u l-mewt ma tifridniex aktar minn Alla; il-mewt tinqered darba għal dejjem bil-qawmien tagħna mill-imwiet, li jkun bħal dak ta' Ġesù.[59] "Il-ħolqien" innifsu, li tiegħu l-bniedem hu ċ-ċentru u l-qofol, jistenna li jkun meħlus mill-jasar tat-taħsir u jikseb il-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla (Rum 8,21). Ix-xitan ukoll hu mirbuħ; dak li kellu s-setgħa tal-mewt inġab fix-xejn bil-mewt ta' Kristu.[60] Ingħatawlna ġà sinjali li juruna minn qabel is-sebħ li għandu jiġi.

## 53. Il-ġlieda kontra l-jasar tad-dnub

Il-ħelsien li rebħilna Kristu fl-Ispirtu s-Santu, tana mill-ġdid il-ħila, li konna tlifna bid-dnub, li nħobbu 'l Alla fuq kollox u nibqgħu f'ixrka miegħu.

Hlisna mill-imħabba tagħna nfusna għajn ta' kull diżordni, li twassalna biex nistmerru lil għajrna u li nfittxu li naħkmu fuq l-oħrajn.

Iżda sakemm l-Irxoxt jerġa' jiġi fil-glorja, il-misteru tal-ħażen jibqa' jaħdem fid-dinja. San Pawl wissiena dwar dan: "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa" (Gal 5,1). Irridu għalhekk nibqgħu nżommu sħiħ u nitħabtu biex ma naqgħux mill-ġdid taħt il-madmad tal-jasar. Hajjitna hi ġlieda spiritwali ħa ngħixu skond l-Evanġelju u qed niġġilduha bl-armi ta' Alla.[61] Iżda rċevejna s-setgħa li nirbħu u żguri li nirbħu l-ħażen, birrebħa tal-imħabba ta' Alla li xejn ma jista' jżommha.[62]

## 54. L-Ispirtu u l-Liġi

San Pawl ixandar id-don tal-Liġi l-ġdida ta' l-Ispirtu bħala kuntrarju għal-liġi tal-ġisem u tal-konkupixxenza li tiġbed il-bniedem lejn il-ħażen u tħallih bla ħila biex jagħżel dak li hu tajjeb.[63] Dan in-nuqqas ta' armonija fil-bniedem u d-dgħufija tar-ruħ ma jeqirdux il-libertà tal-bniedem u r-responsabbiltajiet tiegħu; iżda jfixkluhom fit-tħabrik tagħhom għal dak li hu tajjeb. Dan iwassal lill-Appostlu biex igħid: "M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx" (Rum 7,19). Għalhekk bir-raġun kollu jitkellem dwar "il-jasar tad-dnub" u "l-jasar tal-liġi" għaliex għall-midneb il-liġi, li hu ma jistax jagħmilha parti minnu, jaraha taħqru.

Iżda San Pawl jagħraf li l-Liġi għad għandha s-siwi tagħha għall-bniedem u għan-nisrani, għaliex hi "qaddisa, u l-kmandament hu qaddis, ġust u tajjeb" (Rum 7,12).[64] Iwettaq l-għaxar kmandamenti huwa u jorbothom ma' l-imħabba li hi l-vera milja tagħhom.[65] Barra dan hu jaf sewwa li l-ordni ġuridiku hu meħtieġ għall-iżvilupp tas-soċjetà.[66] Iżda l-ħaġa ġdida li hu jħabbar hi li Alla tana 'l Ibnu biex "dak li b'ġustizzja titlob il-liġi, iseħħ fina" (Rum 8,4).

Il-Mulej Ġesù nnifsu qal x'inhuma l-preċetti tal-Liġi l-ġdida fid-Diskors tal-Muntanja: bis-sagrifiċċju li offra fuq is-Salib u bil-Qawmien glorjuż tiegħu rebaħ is-setgħa tad-dnub u kisbilna l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu li biha nistgħu nħarsu bir-reqqa kollha l-Liġi ta' Alla[67] u niksbu l-maħfra jekk nerġgħu naqgħu fid-dnub. L-Ispirtu li jgħammar fi qlubna hu l-bidu tal-veru ħelsien.

Bis-sagrifiċċju ta' Kristu, il-liġijiet tal-kult tal-Patt il-Qadim saru ma jiswewx aktar. Dwar in-normi ġuridiċi li kienu jmexxu l-ħajja soċjali u politika ta' Israel, il-Knisja tal-Appostli, għax kienet il-bidu tas-Saltna ta' Alla fid-dinja, għarfet li ma kellhiex tħarishom aktar. Dan wassal lill-komunità nisranija biex tifhem li l-liġijiet u l-atti ta' l-awtorità ta' ħafna popli, għalkemm skond il-liġi hu ta' min iħarishom,[68] qatt ma jistgħu jippretendu li huma xi ħaġa qaddisa, u dan għaliex il-bidu tagħhom ġej minn dawn l-awtoritajiet. Fid-dawl tal-Evanġelju, ħafna liġijiet u strutturi jid-

her li għandhom il-marka tad-dnub u jtawlu l-influwenza tiegħu li tifni lis-soċjetà.

## IV. IL-KMANDAMENT IL-ĠDID

### 55. L-imħabba don ta' l-Ispirtu

L-imħabba ta' Alla li ssawbet fi qlubna bl-Ispirtu s-Santu, titlob ukoll l-imħabba ta' għajrna. Wara li jfakkar l-ewwel kmandament Ġesù minnufih żied igħid: "U t-tieni jixbhu: 'Ħobb l-għajrek bħalek innifsek'. Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti" (Mt 22, 39-40). U San Pawl igħid li l-imħabba hija l-milja tal-Liġi.[69]

L-imħabba tal-proxxmu ma għandhiex limiti u tħaddan ukoll l-egħdewwa u dawk li jippersegwitawna. Il-perfezzjoni, li hi xbieha tal-perfezzjoni tal-Missier u li għaliha d-dixxiplu jrid iħabrek ħafna, tinsab fil-ħniena.[70] Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb turi li l-imħabba kollha ħniena, li tfittex li taqdi l-proxxmu, teqred dawk il-preġudizzji li jwasslu gruppi etniċi jew soċjali biex ikunu kontra xulxin.[71] Il-Patt il-Ġdid kollu jagħti xhieda ta' l-għana bla qjies ta' sentimenti li jistgħu jitħaddnu mill-imħabba nisranija għall-proxxmu.[72]

### 56. L-imħabba tal-proxxmu

L-imħabba nisranija, li ma titlobx ħlas u tħaddan lil kulħadd, tikseb in-natura tagħha mill-imħabba ta' Kristu li ta ħajtu għalina. "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin" (Ġw 13, 34-35).[73] Dan hu "l-kmandament ġdid" għad-dixxipli.

Fid-dawl ta' dan il-kmandament San Ġakbu jfakkar bis-serjetà kollha lill-għonja bi dmirijiethom[74] u San Ġwann igħid li min għandu l-ġid ta' l-art u jagħlaq qalbu għal ħuh fil-bżonn ma jistax ikollu l-imħabba ta' Alla tgħammar fih.[75] L-imħabba ta' l-aħwa hi l-qjies ta' l-imħabba ta' Alla; "Min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?" (I Ġw 4,20).

San Pawl jagħmel enfasi kbira fuq ir-rabta bejn it-tisħib fis-Sagrament tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu u t-tisħib ma' għajrna fi ħtiġijietu.[76]

### 57. Ġustizzja u karità

L-imħabba evanġelika u s-sejħa ta' wlied Alla li hi sejħa għal kulħadd jitolbu minnufih u bla tlaqliq rispett għall-bnedmin kollha fid-drittijiet tagħhom għall-ħajja u għad-dinjità. Ma hemmx ebda firda bejn l-imħabba tal-proxxmu u x-xewqa għall-ġustizzja. Min iqies li l-imħabba u l-ġustizzja huma kontra xulxin, ikun jeqridilhom in-natura tagħhom. It-tifsir li għandha l-ħniena jwassal għat-tifsir sħiħ tal-ġustizzja, għaliex ma jħallix il-ġustizzja tingħalaq f'ċirku ta' tpattija u ta' vendetti.

Il-ħażen u l-moħqrija ta' kull xorta li qed iġarrbu eluf u għaxriet ta' eluf ta' rġiel u nisa llum, imorru direttament kontra l-Evanġelju ta' Kristu u ma jistgħux iħallu l-ebda nisrani li ma jkun jimpurtah xejn minn dan fil-kuxjenza tiegħu.

Il-Knisja, hija u toqgħod għal dak li jgħid l-Ispirtu, miexja 'l quddiem bil-fedeltà kollha fit-triq li twassal għal veru ħelsien. Il-membri tagħha jafu b'dak li naqsu fih u kemm baqgħu lura fil-ħidma ħa jinkiseb il-ħelsien. Iżda għadd kbir ta' nsara, sa minn żmien l-Appostli kkonsagraw ħilithom u ħajjithom għall-ħelsien minn kull xorta ta' moħqrija u biex iġibu 'l quddiem id-dinjità tal-bniedem. L-esperjenza tal-Qaddisin u l-eżempji ta' tant egħmil ta' qadi għall-proxxmu għandhom iqanqluna u jkunu sinjal ta' dawl għalina għal kull ħidma ta' ħelsien li tant huma meħtieġa llum.

## V. IL-KNISJA, IL-POPLU TA' ALLA TAL-PATT IL-ĠDID

### 58. Lejn il-milja tal-ħelsien

Il-Poplu ta' Alla tal-Patt il-Ġdid hu l-Knisja ta' Kristu. Il-liġi tiegħu hi l-kmandament ta' l-imħabba. Fi qlub il-membri tagħha jgħammar l-Ispirtu s-Santu qiesu f'tempju. Hi ż-żerriegħa u l-bidu tas-Saltna ta' Alla hawn fid-dinja, saltna li tilħaq il-milja tagħha fit-tmiem ta' kull żmien bil-qawmien mill-imwiet u t-tiġdid tal-ħolqien kollu.[77]

Dawk li jkollhom ir-rahan ta' l-Ispirtu[78] — il-Poplu ta' Alla — jiġu mwassla għall-milja tal-ħelsien. Ġerusalemm il-ġdida, li b'tant ħeġġa qed nistennew, tissejjaħ, bir-raġun kollu, il-belt tal-ħelsien, fl-ogħla tifsir tiegħu.[79] Imbagħad "Alla jixxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew agħjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel" (Apok 21,4). It-tama hi li żgur ikun hemm "smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja" (2 Piet 3,13).

### 59. L-aħħar laqgħa ma' Kristu

It-trasfigurazzjoni tal-Knisja minn Kristu Rxoxt fit-tmiem il-mixi tagħha f'din id-dinja, bl-ebda mod ma tħassar id-destin ta' kull bniedem fit-tmiem ta' ħajtu. Dawk kollha li quddiem it-tribunal ta' Kristu jkunu nstabu li, bil-grazzja ta' Alla, għamlu użu tajjeb mir-rieda ħielsa tagħhom jirċievu l-premju ta' l-hena.[80] Isiru bħal Alla għax jarawh kif inhu.[81] Id-don ta' Alla ta' l-hena ta' dejjem hu l-esaltazzjoni ta' l-aqwa ħelsien li wieħed jista' qatt jaħseb fih.

### 60. It-tama eskatoloġika u l-impenn għall-ħelsien fid-dinja

Din it-tama ma tnaqqasx l-impenn tagħna għall-mixi 'l quddiem tal-belt tad-dinja, anzi tagħtih tifsir aħjar u tqawwih. Hi ħaġa importanti li jkun hemm għażla ċara bejn il-progress fid-dinja u l-kobor tas-saltna, għaliex dawn m'humiex fl-istess ordni. Iżda din l-għażla m'hijiex firda, għaliex is-sejħa tal-bniedem għall-ħajja ta' dejjem ma teqridx, imma twettaq, id-dmir tal-bniedem li juża l-enerġiji kollha tiegħu u l-mezzi kollha li rċieva mingħand Alla li ħalqu, ħa jġib 'il quddiem ħajtu fid-dinja.[82]

Imdawlha mill-Ispirtu tal-Mulej, il-Knisja ta' Kristu, mis-sinjali taż-żminijiet, tista' tagħraf dawk li jġibu 'l quddiem il-ħelsien u dawk li jistgħu jqarrqu u huma fiergħa. Tistieden lill-bniedem u lis-soċjetajiet biex

jegħilbu l-qagħdiet tad-dnub u tal-inġustizzja u jġibu dawk il-kondizzjonijiet meħtieġa għal veru ħelsien. Taf li dawn il-ħwejjeġ tajba kollha — id-dinjità tal-bniedem, l-għaqda bejn l-aħwa u l-ħelsien, li huma frott ta' sforzi li jaqblu mar-rieda ta' Alla, nistgħu nerġgħu nsibuhom "safja minn kull tingis, imdawlin u mibdulin, meta Kristu jerħi f'idejn il-Missier is-Saltna universali u ta' dejjem",[83] li hi saltna ta' ħelsien.

It-tama ħajja u ħabrieka tal-miġja tas-Saltna ta' Alla, aħna u nishru għaliha, hi wkoll it-tama li fl-aħħarnett ikun hemm ġustizzja perfetta għall-ħajjin u l-mejtin, għall-ġnus kollha ta' kull żmien u ta' kull imkien, ġustizzja li jġib Ġesù Kristu, bħala l-Imħallef il-kbir,[84] Din il-wegħda, li tmur 'l hemm minn kull ma jista' jagħmel il-bniedem, tolqot direttament ħajjitna fid-dinja. Għaliex il-vera ġustizzja trid tħaddan lil kulħadd, trid tagħti tweġiba għat-toqol immens ta' tbatija li ġarrbu l-ġenerazzjonijiet kollha tal-bnedmin. Mingħajr il-qawmien mill-imwiet u l-ġudizzju tal-Mulej ma hemmx ġustizzja fit-tifsir sħiħ tal-kelma. Il-wegħda tal-qawmien mill-imwiet ingħatat lilna minn Alla minn rajh biex tissodisfa x-xewqa għal vera ġustizzja li hemm fil-qalb tal-bniedem.

## KAP IV

## IL-MISSJONI TAL-KNISJA GHAL-LIBERAZZJONI

### 61. Il-Knisja u l-qtigħ il-qalb tal-bnedmin

Il-Knisja għandha fehma sħiħa li twieġeb għall-qtigħ il-qalb tal-bnedmin tal-lum li qed iġarrbu ħafna moħqrija u għandhom ħerqa kbira għall-ħelsien. It-tmexxija politika u ekonomika tas-soċjetà mhux parti diretta tal-missjoni tal-Knisja.[85] Iżda l-Mulej Ġesù fdalha l-kelma tal-verità li tista' ddawwal il-kuxjenzi. L-imħabba ta' Alla, li hi l-ħajja tagħha, timbuttaha biex turi solidarjetà vera ma' kull min ikun ibati. Jekk il-membri tagħha jkunu fidili għal din il-missjoni, l-Ispirtu s-Santu, il-bidu ta' kull ħelsien, igħammar fihom, u huma jagħtu frott ta' ġustizzja u sliem fil-familja tagħhom u kull fejn jaħdmu u jgħixu.

## I. GHAS-SALVAZZJONI SHIHA TAD-DINJA

### 62. Il-beatitudni u l-qawwa tal-Evanġelju

L-Evanġelju hu l-qawwa tal-ħajja ta' dejjem, mogħtija issa wkoll lil dawk li jilqgħuh.[86] Din il-qawwa, hija u tnissel bnedmin imġedda,[87] tidħol fil-komunità tal-bnedmin u fil-ġrajja tagħhom, u hekk issaffi l-ħidmiet tagħhom u tagħtihom ħajja. B'dan il-mod hija "bidu ta' kultura."[88]

Il-beatitudni, imħabbrin minn Kristu juru x'inhi l-perfezzjoni tal-imħabba evanġelika, u qatt ma kien hemm żmien fil-ġrajja kollha tal-Knisja li fih għadd bla qjies ta' mgħammdin ma għexux il-beatitudni, u, b'mod l-aktar għoli għexuhom il-Qaddisin.

Il-Beatitudni (u nibdew bl-ewwel waħda li hi dik dwar il-foqra) jagħmlu flimkien ħaġa waħda u ma għandniex nifirduhom mill-bqija tad-Diskors tal-Muntanja.[89] F'dan id-Diskors, Ġesù, li hu Mose' l-ġdid, jikkommenta l-għaxar kmandamenti, il-Liġi tal-Patt u hekk jagħtiha t-tifsir sħiħ u ta' l-aħħar. Mela naqraw il-Beatitudni u nfissruhom f'dan il-kuntest, naraw li qed ifissru l-ispirtu tas-Saltna ta' Alla li ġejja. Iżda, fid-dawl tad-destin tal-ġrajja tal-bniedem, kif juruh il-Beatitudni, fl-istess waqt ukoll jidhru b'mod tassew ċar is-sisien tal-ġustizzja fl-ordni temporali.

Dan għaliex, meta l-Beatitudni jgħallmuna nafdaw f'Alla, igħallmuna t-tama fil-ħajja ta' dejjem, l-imħabba għall-ġustizzja, u l-ħniena li tasal sal-maħfra u r-rikonċiljazzjoni, huma jgħinuna naraw l-ordni temporali f' relazzjoni ma' ordni ieħor ogħla minnu, ordni li jagħti lill-ordni temporali l-qjies veru tiegħu, iżda mingħajr ma jneħħilu n-natura tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu, jidher kemm hu meħtieġ malajr u kemm hu meħtieġ li jidher sewwa, fil-għan veru tiegħu, l-impenn li għandu jkun hemm f'kull ħidma ta' qadi tal-proxxmu u tal-komunità kollha tal-bnedmin. Il-Beatitudni ma jħalluniex inqimu l-ħwejjeġ tad-dinja u nagħmlu dak l-egħmil ta' inġustizzja li naslu għalih meta dawn il-ħwejjeġ tad-dinja nfittxuhom bla ebda rażan.[90] Il-Beatitudni jżommuna wkoll milli nfittxu, b'

ħsara kbira għalina, dinja perfetta li m'hijiex ħlief ħolma, għaliex "is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi" (I Kor 7,31).

### 63. It-tħabbira tas-salvazzjoni

Il-missjoni essenzjali tal-Knisja, bħal dik ta' Kristu, hi missjoni ta' evanġelizzazzjoni u salvazzjoni.[91] Tikseb il-ħeġġa tagħha mill-imħabba ta' Alla. L-Evanġelizzazzjoni hi t-tħabbira tas-salvazzjoni, li hi don ta' Alla. Permezz tal-Kelma ta' Alla u tas-Sagramenti, il-bniedem hu l-ewwelnett meħlus mis-setgħa tad-dnub u mis-setgħat tal-Ħażen li jaħqru; u jasal għax-xirka ma' Alla fl-imħabba. Bħall-Mulej, li "ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin" (I Tim 1,15), il-Knisja tixtieq is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.

F'din il-missjoni tagħha, il-Knisja tgħallem liema hi t-triq li minnha l-bniedem irid igħaddi, ħa jidħol fis-saltna ta' Alla. It-tagħlim tagħha għalhekk iħaddan l-ordni morali kollu, u b'mod speċjali, il-ġustizzja li tirregola r-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom. Din hi parti mix-xandir tal-Evanġelju.

Iżda l-imħabba li timbotta l-Knisja ħalli tagħti lill-bnedmin kollha sehem mill-grazzja tar-rieda ta' Alla, iġġagħlha wkoll, permezz tal-ħidma effettiva tal-membri tagħha, tfittex għall-bnedmin il-veru ġid ta' din id-dinja, tgħinhom fi ħtiġijiethom, taħsbilhom għall-edukazzjoni tagħhom u ġġib 'il quddiem ħelsien sħiħ minn kull ma jfixkel l-iżvilupp ta' kull bniedem. Il-Knisja tixtieq il-ġid tal-bniedem fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, l-ewwelnett bħala membru tal-belt ta' Alla, u mbagħad ukoll bħala membru tal-belt tad-dinja.

### 64. Evanġelizzazzjoni u promozzjoni tal-ġustizzja

Għalhekk meta l-Knisja titkellem dwar il-promozzjoni tal-ġustizzja fis-soċjetajiet tal-bnedmin, jew meta tħeġġeġ lil-lajċi biex jaħdmu f'dan il-qasam skond is-sejħa tagħhom, hi ma tkunx tagħmel xi ħaġa li m'hijiex parti mill-missjoni tagħha. Iżda hi ma tridx li din il-missjoni tagħha tintilef fi tħassib dwar l-ordni temporali jew issir biss tħassib dwar dan l-ordni temporali. Għalhekk toqgħod attenta ħafna biex b'mod ċar u bil-qawwa kollha, tħares l-għaqda u l-għażla bejn evanġelizzazzjoni u promozzjoni tal-bniedem: l-għaqda, għax il-Knisja tfittex il-ġid tal-bniedem sħiħ; l-għażla, għax dawn iż-żewġ ħidmiet huma parti mill-missjoni tagħha, iżda mhux għall-istess raġunijiet.

### 65. L-Evanġelju u d-dinja kif inhi

Hu għalhekk li l-Knisja hija u tħabrek biex tilħaq l-għan tagħha, id-dawwal bid-dawl ta' l-Evanġelju d-dinja kif inhi biex il-bnedmin kollha jitfejqu mill-miżerji tagħhom u jogħlew fid-dinjità tagħhom. B'hekk tiġi 'l quddiem u tissaħħaħ l-għaqda fis-soċjetà skond il-ġustizzja u s-sliem.[92] B'hekk il-Knisja ma tkunx tonqos mill-missjoni tagħha meta tikkundanna s-suriet ta' devjazzjoni, ta' jasar u ta' moħqrija li tagħhom il-bnedmin jistgħu jaqgħu vittmi.

Il-Knisja tkun taqdi l-missjoni tagħha meta tkun kontra kull tentat-

tiv biex titwaqqaf sura ta' ħajja soċjali li fiha hu nieqes Alla, kemm jekk dan isir apposta u kemm jekk isir bi traskuraġni, li wieħed ikun jaħti għaliha.[93]

Il-Knisja wkoll tkun taqdi l-missjoni tagħha meta tagħti ġudizzju dwar movimenti politiċi li jridu jeħduha kontra l-faqar u l-moħqrija b'teoriji u metodi ta' ħidma li huma kontra l-Evanġelju u kontra l-bniedem innifsu.[94]

Veru li, bil-qawwa tal-grazzja, il-moralità tal-Evanġelju tagħti dehriet u dmirijiet ġodda lill-bniedem. Iżda l-għan tagħha hu li ġġib 'il quddiem u tgħolli d-dimensjoni morali li n-natura tal-bniedem ġa għandha, u li l-Knisja żżomm fi ħsiebha għax taf li hi wirt tal-ġnus kollha min-natura tagħhom stess.

## II. IMĦABBA FAVUR IL-FOQRA

### 66. Ġesù u l-faqar

Kristu Ġesù, għalkemm għani, ftaqar biex jagħni lilna bil-faqar tiegħu.[95] San Pawl hawn qed jitkellem dwar il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben etern, li ġie biex isir bniedem li jmut ħa jsalva l-bniedem mill-miżerja li fiha waqqgħu d-dnub. Barra dan, bħala bniedem, Kristu għażel li jkun fqir u nieqes minn kollox[96] biex jurina x'inhu l-veru għana li għandna nfittxu, dak ta' xirka ta' ħajja ma' Alla. Għallimna ninfatmu mill-ġid ta' l-art biex inkunu nistgħu nixtiequ l-ġid tas-sema.[97]

L-Appostli li għażel kellhom huma wkoll iħallu kollox u jkunu bħalu neqsin minn kollox.[98]

Kristu ġie mħabbar mill-profeti bħala l-Messija tal-foqra;[99] u kien fost dawn, iċ-ċkejknin, "il-foqra ta' Jahweh", li kellhom għatx għall-ġustizzja tas-saltna, li sab qlub lesti jilqgħuh. Iżda xtaq ukoll ikun qrib dawk li, għalkemm għonja bil-ġid tad-dinja, kienu mwarrbin mill-komunità bħala "pubblikani u midinbin," għax ġie biex isejħilhom għall-indiema.[100]

Hi din is-sura ta' faqar li biha ninqatgħu mid-dinja u nafdaw f'Alla, inkunu rżiena u lesti biex naqsmu ma' kulħadd kull ma għandna, li Kristu sejjaħ hienja.

### 67. Ġesù u l-foqra

Ġesù mhux biss ġabilna l-grazzja u s-sliem ta' Alla; fejjaq ukoll għadd kbir ta' nies morda; ġietu ħasra għall-folla ta' nies li ma kellhomx x'jieklu u temagħhom; flimkien mad-dixxipli li marru warajh kien jagħti karità.[101] Għalhekk il-beatitudni tal-faqar li ħabbar qatt ma tista' tfisser li l-insara jistgħu ma jimpurtahomx mill-foqra li jonqoshom dak li jeħtieġu għall-ħajja fid-dinja. Dan il-faqar ġej mid-dnubiet tan-nies u mid-dgħufija naturali tagħhom, u huwa deni li minnu l-bnedmin iridu jiġu meħlusa, kemm jista' jkun, għal kollox.

### 68. Imħabba favur il-foqra

Il-ħafna suriet tal-miżerja tal-bniedem (nuqqas ta' ġid materjali, moħ-

qrija inġusta, mard fiżiku u psikoloġiku, u fl-aħħar, il-mewt) huma sinjali ċari ta' kemm hu dgħajjef il-bniedem min-natura tiegħu minħabba l-qagħda li sab ruħu fiha wara d-dnub tan-nisel; huma sinjali wkoll tal-ħtieġa tal-bniedem għas-salvazzjoni. Minn hawn il-ħasra ta' Kristu l-Feddej li waslitu biex jitgħabba b'din il-miżerja kollha[102] u jqis ruħu ħaġa waħda ma' l-inqas fost ħutu (ara Mt 25,40.45). Minn hawn ukoll l-imħabba speċjali tal-Knisja bi preferenza għal dawk maħqurin mill-faqar; mill-bidu tagħha, minkejja n-nuqqasijiet ta' ħafna membri tagħha, il-Knisja qatt ma waqfet taħdem għall-għajnuna, għall-ħarsien u għal-liberazzjoni tal-foqra. Dan għamlitu permezz ta' għadd bla qjies ta' opri ta' għajnuna u ta' mħabba li jibqgħu dejjem u kullimkien opri li ħadd ma jista' jgħaddi mingħajrhom.[103] Barra dan, bit-tagħlim soċjali tagħha li tħabrek biex tarah iseħħ, il-Knisja fittxet iġġib 'il quddiem bidliet strutturali fis-soċjetà ħa jkun hemm kondizzjonijiet ta' ħajja jixirqu l-bniedem.

Qalbhom mhux marbuta ma' l-għana u għalhekk jistgħu jaqsmu ġidhom ma' l-oħrajn u għandhom miftuħa għalihom il-bibien tas-sema[104], id-dixxipli ta' Ġesù, bl-imħabba tagħhom għall-foqra u għal dawk inqas ix-xurtjati, jagħtu xhieda ta' l-imħabba tal-Missier, li dehret fil-Feddej. Din l-imħabba ġejja minn Alla u terġa' lura għand Alla. Id-dixxipli ta' Kristu dejjem qiesu l-offerti mqiegħda fuq l-artal bħala don mogħti lil Alla stess.

Fl-imħabba tagħha għall-foqra, il-Knisja tagħti wkoll xhieda tad-dinjità tal-bniedem. Tgħid ċar u tond li l-bniedem jiswa aktar għal dak li hu milli għal dak li għandu. Tagħti xhieda li din id-dinjità qatt ma tista' tinqered, tkun xi tkun il-qagħda ta' faqar, stmerrija, twarrib u nuqqas ta' setgħa li fiha l-bniedem ikun waqa'. Turi solidarjetà ma' dawk li ma huma meqjusa xejn fis-soċjetà, ma' dawk li moralment, u xi kull tant, fiżikament, huma mwarrbin mis-soċjetà. Hija ddaħħalhom fis-soċjetà tal-bnedmin bħala aħwa u tal-komunità ta' l-ulied ta' Alla. Tħoss imħabba speċjali ta' omm għal dawk it-tfal li, minħabba l-kefrija tal-bnedmin, qatt ma se joħorġu għad-dawl minn ġuf ommhom, u għax-xjuħ ukoll, għal dawk waħedhom u mitluqin minn kulħadd. L-għażla ta' preferenza għall-foqra, aktar minn sinjal ta' partikulariżmu u settarjaniżmu, hi sinjal ta' l-universalità tal-Knisja u tal-missjoni tagħha. Din l-għażla ma twarrab lil ħadd.

Hu għalhekk li l-Knisja ma tistax titkellem favur kategoriji soċjoloġiċi u ideoloġiċi, li jagħmlu din il-preferenza għażla partiġjana u bidu ta' ġlied.

## 69. Il-"comunità di base" u gruppi oħrajn

Il-"comunità di base" u gruppi oħra ta' nsara li twaqqfu bħala xhieda ta' din l-imħabba evanġelika, huma bidu ta' tama kbira għall-Knisja. Jekk dawn il-gruppi jgħixu tassew f'rabta sħiħa mal-Knisja tal-post u mal-Knisja universali, ikunu tassew sinjal ta' xirka u mezz għall-bini tax-xirka aqwa.[105] Ikunu tassew jaqdu l-missjoni tagħhom daqskemm joqogħdu attenti li jedukaw il-membri tagħhom fil-milja tal-fidi nisranija billi jagħtu widen għall-Kelma ta' Alla, ikunu fidili għat-tagħlim tal-Maġisteru, għall-ġerarkija tal-Knisja u għall-ħajja sagramentali. Jekk iseħħu dawn il-kon-

dizzjonijiet, l-esperjenza tagħhom, bl-egħruq tagħha fl-impenn għall-ħelsien sħiħ tal-bniedem, issir teżor għall-Knisja kollha.

70. **Riflessjoni teoloġika**

Hekk ukoll, riflessjoni teoloġika li tiżviluppa ruħha minn esperjenza partikulari tista' tagħti kontribut pożittiv, għaliex tista' twassal biex turi f'dawl aħjar xi aspetti tal-Kelma ta' Alla, li tagħha għad ma wasalniex biex naraw l-għana kollu. Iżda biex din ir-riflessjoni tkun tassew qari ta' l-Iskrittura u mhux l-għoti lill-Kelma ta' Alla ta' tifsir li ma għandhiex, it-teologu jrid joqgħod attent li jfisser l-esperjenza tiegħu, li minnha jibda, fid-dawl ta' l-esperjenza tal-Knisja stess. Din l-esperjenza tal-Knisja tiddi, b'dija speċjali u bis-safa kollu tagħha, fil-ħajja tal-Qaddisin. Hu dmir ir-ragħajja tal-Knisja, f'għaqda mas-suċċessur ta' San Pietru, jaraw l-awtentiċità tagħha.

KAP V

## ID-DUTTRINA SOĊJALI TAL-KNISJA GHALL-PRATTIKA NISRANIJA TAL-LIBERAZZJONI

### 71. Il-prattika nisranija tal-liberazzjoni

Id-dimensjoni salvifika tal-liberazzjoni ma nistgħux inqisuha bħala dimensjoni ettiko-soċjali biss, għax din id-dimensjoni hi l-effett tad-dimensjoni salvifika. Il-liberazzjoni sħiħa li ġab Kristu u biha ta lill-bniedem il-ħelsien veru, tgħabbi l-bniedem bid-dmir li jgħix ta' nisrani, jiġifieri li jħares il-kmandament kbir ta' l-imħabba. Dan il-kmandament hu l-ogħla prinċipju tal-moralità soċjali nisranija, mibnija fuq l-Evanġelju u fuq it-tradizzjoni kollha minn żmien l-Appostli u Missirijiet il-Knisja sa l-aħħar dikjarazzjonijiet tal-Maġisteru.

L-isfidi kbar ta' żmienna jitolbu li minnufih iseħħ bil-fatt dan it-tagħlim dwar kif għandna nġibu ruħna.

## I. IN-NATURA TAT-TAGHLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

### 72. Il-messaġġ tal-Evanġelju u l-ħajja soċjali

It-tagħlim soċjali tal-Knisja ħareġ mil-laqgħa flimkien tal-problemi li jiġu mill-ħajja fis-soċjetà u tal-messaġġ tal-Evanġelju b'dak kollu li jitlob, u li nistgħu niġbruh fil-kmandament ewlieni tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu u tal-ġustizzja.[106] Sar it-tagħlim tal-Knisja bl-għajnuna tal-għerf u tax-xjenzi tal-bniedem; hu dwar l-aspett morali tal-ħajja soċjali, u jqies ukoll l-aspetti tekniċi tal-problemi, iżda dejjem biex jagħti ġudizzju dwarhom fid-dawl tal-liġi morali.

Dan it-tagħlim tal-Knisja, dirett l-aktar għall-ħidma, jiżviluppa ruħu skond iċ-ċirkostanzi tal-istorja, li jinbidlu minn jum għall-ieħor. Għalhekk, dan it-tagħlim, għalkemm immexxi minn prinċipji li jibqgħu jiswew dejjem, iħaddan fih ukoll xi fehmiet u ġudizzji li jiddependu miż-żmien li jkun. Aktar milli hu xi sistema magħluq fih innifsu, dan it-tagħlim hu dejjem miftuħ għal kull kwistjoni ġdida li tinqala' minn jum għall-ieħor, u jitlob l-għajnuna tal-kariżmi, u tal-esperjenzi u tal-ħila ta' kulħadd.

Bħala "esperta f'dak li hu tal-bniedem", il-Knisja, bit-tagħlim soċjali tagħha, tagħtina għadd ta' **prinċipji biex naħsbu fuqhom** u għadd ta' **kriterji li jgħinuna nagħmlu ġudizzju tajjeb,**[107] kif ukoll għadd ta' **direttivi għall-ħidma**[108] biex iseħħ it-tibdil kbir mitlub mill-qagħdiet ta' faqar u inġustizzji li jkun hemm u dan, b'mod li jkun ta' qadi għall-veru ġid tal-familja kollha tal-bnedmin.

### 73. Prinċipji fondamentali

Il-kmandament ewlieni tal-imħabba jwassal għall-għarfien tad-dinjità ta' kull bniedem maħluq xbieha ta' Alla. Minn din id-dinjità joħorġu drittijiet u dmirijiet naturali. Fid-dawl tax-xbieha ta' Alla, il-ħelsien, li hu l-

prerogattiva essenzjali tal-persuna tal-bniedem, jidher fil-qofol kollu tiegħu. Kull persuna hi responsabbli tal-ħajja soċjali u trid tgħixha.[109]

Marbutin b'rabta liema bħala mal-**pedament** li hu d-dinjità tal-bniedem hemm il-**prinċipju tas-solidarjetà** u l-**prinċipju tas-sussidjarjetà.**

Bis-saħħa tal-prinċipju tas-solidarjetà, il-bniedem, flimkien ma' ħutu l-bnedmin l-oħra, għandu jaħdem għall-ġid ta' kulħadd fis-soċjetà fil-livelli kollha tagħha.[110] U għalhekk il-Knisja hi kontra kull sura ta' individwaliżmu soċjali jew politiku.

Bis-saħħa tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, la l-Istat u lanqas ebda soċjetà ma tista' tieħu l-post tal-individwu f'dak li għandu x'jaqsam mal-inizjattivi u r-responsabbiltajiet tiegħu, u l-post ta' dawk il-komunitajiet fi ħdan is-soċjetà f'dak li għandu x'jaqasm mal-ħidma speċifika tagħhom; lanqas jistgħu ma jħallulhomx l-ispazju meħtieġ fejn jeżerċitaw il-libertà tagħhom.[111] Għalhekk il-Knisja hi kontra kull sura ta' kollettiviżmu.

74. **Kriterji meħtieġa biex wieħed jagħmel ġudizzju**

Dawn il-prinċipji huma l-pedament tal-**kriterji meħtieġa biex wieħed jagħmel ġudizzju dwar qagħdiet, strutturi u sistemi soċjali.** U għalhekk il-Knisja ma taħsibhiex darbtejn biex tikkundanna **qagħdiet** ta' ħajja li huma ta' ħsara għad-dinjità u l-libertà tal-bniedem.

Dawn il-kriterji jiswew ukoll biex wieħed ikun jista' jagħti ġudizzju dwar **strutturi.** Dawn huma għadd ta' istituzzjonijiet u drawwiet li n-nies isibu jeżistu jew li joħolqu, fuq livell nazzjonali jew internazzjonali, u li jagħtu direzzjoni lill-ħajja ekonomika, soċjali u politika, jew jorganizzawha. Għaliex huma meħtieġa fihom infushom, ġeneralment jaslu biex isiru mekkaniżmi indipendenti għal kollox mir-rieda tal-bniedem, u ma jiċċaqalqu b'xejn; hekk iwaqqfu għal kollox jew igħawġu kull progress soċjali u joħolqu inġustizzji. Iżda dejjem jiddependu mir-responsabbiltajiet tal-bniedem, li jista' jbiddilhom, u ma jiddependux, kif igħidu xi wħud, mid-"determiniżmu storiku".

L-istituzzjonijiet u l-liġijiet, meta jkunu jaqblu mal-liġi naturali, u jklnu jfittxu l-ġid ta' kulħadd, huma garanzija tal-libertà tal-bniedem u tal-mixi 'l quddiem tagħha. Ma nistgħux nikkundannaw l-aspetti kollha tal-liġi li jxekklu, u lanqas l-istabilità ta' Stat leġittimu li jixraqlu dan l-isem. Nistgħu għalhekk nitkellmu dwar strutturi bis-sinjal tad-dnub fihom, iżda ma nistgħux nikkundannaw dawn l-istrutturi fihom infushom.

Dawn il-kriterji jiswew ukoll biex nagħtu ġudizzju dwar **sistemi** ekonomiċi, politiċi u soċjali. It-tagħlim soċjali tal-Knisja ma huwiex favur xi sistema partikolari; imma, fid-dawl ta' prinċipji fondamentali oħra, igħin biex wieħed minnufih ikun jista' jara sa fejn is-sistemi li jkun hemm jaqblu jew ma jaqblux ma' dak li titlob id-dinjità tal-bniedem.

75. **Il-primat tal-persuni fuq l-istrutturi**

Il-Knisja taf sewwa kemm huma komplessi l-problemi li għandha s-soċjetà u x'diffikultajiet hemm biex jinħallu b'mod xieraq. Iżda l-Knisja jidhrilha li l-ewwel ħaġa li għandha ssir hi li tagħmel appell lill-kapaċità

morali u spiritwali ta' kull bniedem u għall-ħtieġa ta' konversjoni bla heda tal-qalb jekk wieħed irid jikseb dak it-tibdil ekonomiku u soċjali meħtieġ biex ikun tassew għall-qadi tal-bniedem.

Meta l-istrutturi u l-organizzazzjoni teknika jitqiesu li għandhom jiġu qabel il-bniedem u qabel dak li titlob id-dinjità tiegħu, ikollna dehra ta' antropoloġija materjalistika, u dan hu ħaġa li tmur kontra l-bini ta' ordni soċjali ġust.[112]

Min-naħa l-oħra, ukoll jekk nagħarfu li l-ewwel jiġu l-libertà u l-konversjoni tal-qalb, dan ma jfissirx li ma jkunx hemm bżonn li jinbidlu xi strutturi inġusti. Għalhekk ma jagħmlux xi ħaġa kontra l-liġi dawk li qed jiġu maħqura mill-għonja jew minn dawk li għandhom setgħa politika kbira, jekk jaħdmu, b'mezzi li huma moralment permessi, ħa jkollhom strutturi u istituzzjonijiet li jirrispettawlhom drittijiethom.

Iżda jibqa' veru li l-istrutturi li twaqqfu għall-ġid tal-poplu fihom infushom ma jaslux biex jiksbu u jiggarantixxu dan il-ġid. Il-korruzzjoni tal-mexxejja u tal-impjegati ta' l-Istat, f'xi pajjiżi, korruzzjoni li toqtol kull sura ta' ħajja soċjali onesta, hi prova ta' dan. Biex ikun hemm soċjetà f'saħħitha jeħtieġ li l-imġiba ta' kulħadd tkun moralment tajba. Għalhekk trid fl-istess ħin issir ħidma għall-konversjoni tal-qlub u għat-titjib ta' l-istrutturi, għax id-dnub, li minnu għandha bidu kull qagħda inġusta, hu, fit-tifsira proprja u ewlenija tiegħu, egħmil tar-rieda, u ġej mil-libertà tal-bniedem. Hu b'mod derivat u sekondarju li nistgħu napplikaw id-dnub għall-istrutturi u nitkellmu dwar "dnub soċjali."[113]

Barra dan, fil-proċess tal-liberazzjoni, wieħed ma jistax ma jagħtix każ tal-qagħda storika tan-nazzjon jew jattakka l-identità kulturali tal-poplu. Għalhekk wieħed ma jistax jaċċetta mingħajr ma jitkellem, jew jagħti għajnuna attiva lil gruppi li bil-forza jew bil-manipulazzjoni tal-opinjoni pubblika jieħdu f'idejhom it-tmexxija tal-Istat u jimponu inġustament fuq il-komunità ideoloġija barranija li tmur kontra l-kultura tal-poplu.[114] Hawn ta' min ifakkar ir-responsabbiltà morali u politika kbira li għandhom l-intellettwali.

**76. Direttivi ta' ħidma**

Il-prinċipji fondamentali u l-kriterji li jgħinu biex jingħata ġudizzju jispiraw id-**direttivi ta' ħidma.** Għaliex il-ġid ta' kulħadd fs-soċjetà talbnedmin hu għall-qadi tal-bniedem, il-mezzi kollha ta' ħidma għandhom ikunu jaqblu mad-dinjità tal-bniedem, u jgħinu fl-edukazzjoni għall-ħelsien. Kriterju żgur biex wieħed jagħti ġudizzju u jwettaq ħidma hu dan li ġej: ma jistax ikun hemm ħelsien veru jekk id-drittijiet tal-ħelsien ma jiġux rispettati sa mill-bidu.

L-użu sistematiku tal-vjolenza ppreżentat bħala t-triq li bilfors wieħed irid jaqbad biex issehh il-liberazzjoni, għandna nikkundannawh bħala ħolma qerrieda li tiftaħ it-triq għal suriet oħra ta' jasar. Bl-istess qawwa wkoll għandna nikkundannaw il-vjolenza tas-setgħanin kontra l-foqra, il-ħidma arbitrarja tal-pulizija, u kull sura ta' vjolenza li ssir sistema ta' gvern. F' dawn l-oqsma, wieħed jeħtieġlu jitgħallem mill-esperjenzi traġiċi li għad-

diet u għaddejja minnhom l-istorja ta' dan is-seklu. L-anqas nistgħu naċċettaw li ma jitkellmux, bi ħtija tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi ta' dawk id-demokraziji fejn il-qagħda soċjali ta' għadd kbir ta' nisa u rġiel ma taqbel xejn ma' dawk li jitolbu d-drittijiet soċjali u individwali, iggarantiti kostituzzjonalment.

**77. Ġlieda għall-ġustizzja**

Meta l-Knisja tħeġġeġ għat-twaqqif u għall-ħidma ta' assoċjazzjonijiet bħalma huma t-"trade unions", li jiġġieldu għall-ħarsien tad-drittijiet u ta' l-interessi leġittimi tal-ħaddiema u għall-ġustizzja soċjali, ma tkunx b'daqshekk taċċetta t-teorija li tara fil-ġlieda bejn il-klassijiet id-dinamiżmu tal-istrutturi tal-ħajja soċjali.

Il-ħidma li l-Knisja trid li ssir m'hijiex il-ġlieda bejn klassi u oħra biex l-għadu jinqered. Ma tibdiex bl-iżball li aċċetta dik li xi wħud jaħsbu li hi xi liġi tal-istorja. Il-ħidma tal-Knisja hi ġlieda nobbli, skond ir-raġuni, għall-ġustizzja u s-solidarjetà soċjali.[115] In-nisrani jippreferixxi dejjem it-triq tad-djalogu u ta' ftehim flimkien.

Kristu ordnalna nħobbu l-egħdewwa tagħna.[116] Mela l-liberazzjoni fl-ispirtu tal-Evanġelju ma taqbel xejn mal-mibegħda ta' l-oħrajn, kemm jekk dawn ikunu individwi u kemm jekk ikunu gruppi, u dawn l-oħrajn jistgħu jkunu wkoll l-egħdewwa.

**78. Il-ħrafa tar-rivoluzzjoni**

Qagħdiet ta' inġustizzji kbar jitolbu li wieħed ikollu l-kuraġġ li jagħmel riformi sħaħ u fil-fond u jeqred il-privileġġi kollha li ma hemmx raġuni għalihom. Iżda dawk li jqisu bla ebda siwi t-triq tar-riformi u huma favur il-ħrafa tar-rivoluzzjoni, mhux biss igħinu biex tissaħħaħ il-ħolma li l-qerda ta' qagħda ħażina hi biżżejjed fiha nfisha biex toħloq soċjetà aktar xierqa għal bniedem, iżda jgħinu wkoll biex jitwaqqfu gvernijiet totalitarji.[117] Il-ġlieda kontra l-inġustizzji ma għandha ebda tifsir jekk ma ssirx bil-ħsieb li jitwaqqaf ordni soċjali u politiku ġdid li jkun jaqbel ma' dak li titlob il-ġustizzja. Kull pass għat-twaqqif ta' dan l-ordni l-ġdid għandu jkun imsieħeb ma' egħmil ta' ġustizzja. Il-mezzi wkoll jaqgħu taħt il-liġi morali.[118]

**79. L-isforz ta' l-aħħar**

Dawn il-prinċipji għandna nħarsuhom b'mod speċjali fil-każ estrem meta jkun hemm ġlied bl-armi. Il-Maġisteru tal-Knisja dan jammettih bħala l-aħħar mezz, meta l-mezzi l-oħra kollha ma jkunu swew xejn, biex tintemm tirannija ċara li tkun ilha żmien u tkun qiegħda tagħmel ħsara lid-drittijiet fondamentali tal-bnedmin u lill-ġid ta' kulħadd.[119] Iżda wieħed ma għandux jibda jaħseb biex juża bil-fatti dawn il-mezzi qabel ma jkun stħarreġ sewwa ħafna xi tkun il-qagħda. Minħabba l-iżvilupp dejjem akbar tat-teknika wżata għall-vjolenza u minħabba l-perikoli dejjem akbar tal-vjolenza, ir-"reżistenza passiva" tidher li hi l-mezz l-aktar jaqbel mal-prinċipji tal-morali u hemm l-istess tama li tirnexxi. Ma hu permess qatt kull

xorta ta' egħmil kriminali bħalma huma rappresalji li jolqtu popolazzjonijiet sħaħ, torturi, jew metodi ta' terroriżmu jew ta' provokazzjoni apposta biex isir qtil waqt dimostrazzjoni popolari, kemm jekk dawn id-delitti jsiru mill-gvern u kemm jekk isiru minn dawk li irvellaw kontra l-gvern. U lanqas nistgħu qatt naċċettaw, u għandna dejjem nistmerru, it-tixrid ta' malafami u ta' kalunnji li jistgħu jeqirdu lil xi ħadd psikoloġikament jew moralment.

### 80. Is-sehem tal-lajċi

Mhux dmir ir-ragħajja tal-Knisja li jindaħlu direttament fit-tmexxija tal-politika u fl-organizzazzjoni tal-ħajja soċjali. Din il-ħidma hi parti missejħa tal-lajċi, li jieħdu l-inizjattiva flimkien maċ-ċittadini l-oħra.[120] Għandhom jaqdu din il-ħidma, huma u jagħarfu li l-għan tal-Knisja hu t-tixrid tas-Saltna ta' Kristu biex il-bnedmin kollha jsalvaw u biex bihom id-dinja ddur tassew lejn Kristu.[121] B'hekk il-ħidma tas-salvazzjoni tidher marbuta b'rabta li ma tinħall qatt mal-ħidma li ttejjeb u tgħolli l-qagħda tal-ħajja tal-bnedmin fid-dinja.

L-għażla bejn l-ordni sopranaturali tas-salvazzjoni u l-ordni temporali tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja għandna narawha fid-dawl tal-pjan waħdieni ta' Alla biex iġedded kollox fi Kristu. Għalhekk f'kull waħda minn dawn l-oqsma, il-bniedem lajk, li hu fl-istess waqt membru tal-Knisja u ċittadin ta' pajjiżu, għandu jħalli tmexxih dejjem il-kuxjenza nisranija tiegħu.[122]

Il-ħidma soċjali, li fil-fatt jista' jkollha aktar minn triq waħda, għandha dejjem tkun għall-ġid ta' kulħadd u skond ma jitlob l-Evanġelju u t-tagħlim tal-Knisja. Wieħed għandu wkoll joqgħod attent li l-ħafna għażliet ta' ħidma li jista' jkun hemm, ma jagħmlux ħsara lill-ispirtu ta' kollaborazzjoni u ħidma flimkien jew iwasslu għall-waqfien sħiħ ta' l-isforzi li jkunu qed isiru, jew joħolqu konfużjoni fost il-poplu nisrani.

Id-direttivi li jiġu mit-tagħlim soċjali tal-Knisja għandhom iħeġġu ħa tinkiseb dik il-ħila teknika u xjentifika li tkun meħteġa. It-tagħlim soċjali tal-Knisja jqanqal ukoll biex tinkiseb formazzjoni morali tal-karattru u tissaħħaħ il-ħajja spiritwali. Dan it-tagħlim tal-Knisja, waqt li jagħti prinċipji u pariri kollhom għerf, ma jeżentaniex milli niksbu dik l-edukazzjoni fil-għaqal politiku li tkun meħtieġ fit-tmexxija tal-affarijiet tad-dinja.

## II. X'JITLOB L-EVANĠELJU BIEX ISSEHH BIDLA MILL-FOND

### 81. Ħtiġa ta' bidla kulturali

L-insara li qed iħabirku għal "ċiviltà ta' mħabba" li tħaddan il-wirt morali u soċjali kollu tal-Evanġelju, għandhom quddiemhom illum sfida li qatt qabel ma kien hawn bħalha. Din il-ħidma titlob li naħsbu mill-ġdid ħa naraw x'inhi r-relazzjoni bejn il-kmandament kbir tal-imħabba u l-ordni soċjali fil-kompless kollu tiegħu. L-għan ta' dan il-ħsieb fil-fond li għandu jintlaħaq minnufih hu li jitfasslu u jseħħu pjanijiet ta' ħidma għall-ħelsien soċjali u ekonomiku ta' eluf ta' eluf ta' rġiel u nisa li jinsabu f'qagħda ta'

moħqrija ekonomika, soċjali u politika li ma jifilħux aktar għaliha.

L-ewwel ħidma trid tkun sforz kbir fil-qasam ta' l-edukazzjoni: edukazzjoni fiċ-ċiviltà tax-xogħol, edukazzjoni fis-solidarjetà, u ftuħ tal-kultura għal kulħadd.

82. **L-Evanġelju tax-xogħol**

Il-ħajja ta' Ġesù ta' Nazaret, veru "Evanġelju tax-xogħol", tagħtina eżempju ħaj u prinċipju ta' dik il-bidla kulturali radikali li hi meħtieġa biex jinħallu l-problemi kbar li għandu quddiemu ż-żmien li fih qegħdin ngħixu. Dak li, għalkemm Alla, sar jixbahna f'kollox, għadda l-itwal żmien ta' ħajtu fid-dinja fix-xogħol ta' l-idejn.[123] Il-kultura, li żmienna qiegħed jistenna, hija dik li tasal biex tagħti għarfien sħiħ lid-dinjità tax-xogħol tal-bniedem, li jidher fil-ġieħ u l-frott kollu tiegħu fid-dawl tal-misteri tal-Ħolqien u tal-Fidwa.[124] Meta jiġi magħruf bħala espressjoni tal-persuna tal-bniedem, ix-xogħol isir bidu ta' ħsieb u ta' sforz tal-bniedem biex jagħmel xi ħaġa ġdida.

83. **Ċiviltà vera ta' xogħol**

Il-problemi l-aktar serji li ħoloq il-faqar isibu s-soluzzjoni tagħhom jekk tiġi 'l quddiem ċiviltà vera tax-xogħol. B'xi mod, ix-xogħol hu l-muftieħ għas-soluzzjoni tal-kwistjoni soċjali kollha.[125]

Mela hu fil-qasam tax-xogħol li għandna nibdew ħidma ta' liberazzjoni fil-ħelsien. Għaliex hemm relazzjoni radikali u vitali bejn il-persuna tal-bniedem u x-xogħol, is-suriet u l-modi li bihom isseħħ din ir-relazzjoni, għandhom influwenza kbira fis-soluzzjoni ta' għadd kbir ta' problemi soċjali u politiċi li kull poplu għandu quddiemu. Relazzjonijiet ta' ġustizzja fuq ix-xogħol huma l-kondizzjoni meħtieġa minn qabel biex ikun hemm sistema ta' komunità politika kapaċi tgħin l-iżvilupp sħiħ ta' kull bniedem. Jekk is-sistema ta' relazzjonijiet fuq ix-xogħol li dawk direttament responsabbli, jiġifieri l-ħaddiema u dawk li jħaddmu, jirnexxilhom iwaqqfu bl-għajnuna essenzjali ta' l-awtoritajiet ċivili, jirnexxilha toħloq ċviltà tax-xogħol, imbagħad isseħħ fil-sliem, rivoluzzjoni sħiħa fil-mod kif jaħsbuha n-nies u fl-istess strutturi politiċi u istituzzjonali.

84. **Il-ġid ta' kulħadd f'livell nazzjonali u internazzjonali**

Kultura tax-xogħol bħal din bilfors tissopponi u ġġib għadd ta' valuri essenzjali. Trid tagħraf li l-ħaddiem fil-persuna tiegħu hu aqwa mix-xogħol, hu dak li jagħmlu u huwa dak li għalih isir. Trid tagħraf li x-xogħol hu aqwa mill-kapital, u li l-ġid materjali kollu ġie maħluq għal kulħadd. Trid ikollha sens ta' solidarjetà mhux biss dwar drittijiet li għandhom jiġu mħarsa, imma wkoll dwar dmirijiet li jridu jsiru. Trid titlob parteċipazzjoni ħa jiġi 'l quddiem il-ġid ta' kulħadd kemm f'livell nazzjonali u kemm f'livell internazzjonali, u mhux biss tfittex li tħares l-interessi tal-individwi jew tal-korpi. Trid tagħmel tagħha l-metodi ta' konfront u ta' djalogu sinċier u qawwi.

Dan iwassal biex l-awtoritajiet politiċi jkunu kapaċi jaġixxu fir-ris-

pett tal-libertajiet leġittimi tal-individwi, tal-familji u tal-gruppi sussidjarji; b'hekk joħolqu dawk il-kondizzjonijiet meħtieġa mill-bniedem biex jista' jikseb qagħda ta' ġid veru u sħiħ, u mhux biss ta' ġid materjali, imma wkoll ta' ġid spiritwali.[126]

Kultura li tagħraf id-dinjità għolja tal-bniedem tagħti l-importanza kbira lix-xogħol bħala ħidma tal-bniedem.[127]

Is-siwi tax-xogħol ma jiddependix mis-sura tax-xogħol li jsir, iżda mill-fatt li dak li jagħmlu hu bniedem, bil-persuna tiegħu.[128] Hawn għandna kriterju morali li ma nistgħux ma nagħtux każ ta' dak kollu li jitlob.

Għalhekk kull bniedem għandu dritt għax-xogħol, u dan id-dritt għandu jkun magħruf lilu bil-fatti billi jkun hemm impenn effettiv ħa jinħallu l-problemi drammatiċi tal-qgħad. Il-fatt li l-qgħad qiegħed iżomm parti kbira tal-popolazzjoni u, l-aktar, taż-żgħażagħ f'qagħda ta' emarġinazzjoni, hi ħaġa li ma nistgħux naċċettawha u nissapportuha. Għalhekk il-ħolqien tal-impiegi hi l-ħidma soċjali ewlenija li għandu jkollhom quddiemhom mhux biss l-individwi u l-intrapriżi privati, imma wkoll l-Istat. Bħala regola ġenerali, f'din il-ħaġa, kif ukoll fi ħwejjeġ oħra, l-Istat għandu ħidma sussidjarja; iżda spiss l-Istat jiġi msejjaħ biex jindaħal direttament, bħalma jiġri fil-każ ta' ftehim internazzjonali bejn Stati differenti. Ftehim bħal dan irid iħares id-drittijiet tal-emigrati u tal-familji tagħhom.[129]

### 86. Biex tiġi 'l quddiem il-parteċipazzjoni

Is-salarju, li ma għandux jitqies biss bħala ħlas, għandu jgħin lill-ħaddiem u lill-familja tiegħu biex ikollhom sura ta' ħajja tixraq tassew lill-bniedem fl-oqsma kollha materjali, soċjali, kulturali u spiritwali. Id-dinjità tal-persuna tal-bniedem hi l-kriterju li fuqu nagħtu ġudizzju dwar ix-xogħol, u mhux bil-maqlub. Hi x'inhi s-sura tax-xogħol li jsir, il-bniedem irid jagħmlu bħala espressjoni tal-personalità tiegħu. Minn hawn tiġi l-ħtieġa ta' parteċipazzjoni, li mhux biss titlob sehem mill-frott tax-xogħol, imma titlob ukoll dimensjoni komunitarja vera f'livell ta' proġetti, inizjattivi u responsabbiltajiet.[130]

### 87. L-ewwel ix-xogħol u mbagħad il-kapital

Il-fatt li x-xogħol jiġi qabel il-kapital joħloq dmir ta' ġustizzja f'min iħaddem biex jara li l-ġid tal-ħaddiema jiġi dejjem qabel il-profitti li jiġu mix-xogħol. Min iħaddem hu moralment obbligat li ma jħallix kapitali reqdin, u meta jinvesti flusu għandu jqies qabel kollox il-ġid ta' kulħadd. Dan jitlob li l-ewwel għandu jsir sforz biex l-impiegi jissaħħu jew jinħolqu impiegi ġodda għall-produzzjoni ta' dak li jkun tassew jiswa.

Id-dritt għall-proprjetà privata ma jiftiehemx jekk ma jkollux miegħu ir-responsabbiltà għall-ġid ta' kulħadd. Dan id-dritt għall-proprjetà jiġi wara d-dritt ogħla minnu li jgħid li l-ġid kollu ta' l-art hu għal kulħadd.[131]

### 88. Riformi fil-fond

Dan it-tagħlim għandu jwassal għal riformi qabel ma jkun tard wisq. Il-ġustizzja soċjali trid qabel kollox li kulħadd igawdi dak il-ġid kollu li

jeħtieġ biex igħix il-ħajja tiegħu ta' bniedem bħala persuna fi ħdan il-familja tiegħu. Dan irid iseħħ fil-qasam tax-xogħol fl-industrija, u b'mod speċjali fil-qasam tax-xogħol tal-biedja.[132] Il-bdiewa, l-aktar fit-tielet dinja, huma l-akbar numru fil-għadd tal-foqra.[133]

## III. PROMOZZJONI TAS-SOLIDARJETA'

### 89. Solidarjetà ġdida

Is-solidarjetà jitlobha direttament il-fatt li l-bnedmin huma kollha aħwa kemm f'livell naturali u kemm f'livell sopranaturali. Il-problemi soċjo-ekonomiċi kbar li hawn illum ma jistgħux jinħallu jekk ma jinħolqux suriet ġodda ta' solidarjetà: solidarjetà tal-foqra bejniethom, solidarjetà mal-foqra min-naħa ta' l-għonja, u solidarjetà bejn il-ħaddiema u mal-ħaddiema. Istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet soċjali f'kull livell, u l-Istat stess, għandu jkollhom sehem f'moviment ġenerali għas-solidarjetà. Meta l-Knisja ssejjaħ għal solidarjetà bħal din, turi li hi wkoll impenjata f'dan b'mod partikolari.

### 90. Il-ġid tad-dinja nħoloq għal kulħadd

Il-prinċipju li l-ġid kollu tad-dinja nħoloq għal kulħadd, flimkien mal-prinċipju l-ieħor li l-bnedmin ilkoll aħwa sew fil-livell naturali u sew f'dak sopranaturali, juri liema huma r-rsponsabbiltajiet tan-nazzjonijiet għonja lejn dawk fqar. Fost dawn ir-responsabbiltajiet hemm: solidarjetà fl-għajnuna lill-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw; ġustizzja soċjali, billi jiġi rivedut b'mod korrett kull ftehim kummerċjali bejn id-dinja tat-tramuntana u dik ta' nofs-in-nhar; il-promozzjoni ta' dinja li tkun tixraq aktar għall-bnedmin kollha, jiġifieri dinja li fiha kull bniedem jista' jirċievi u jagħti, u fejn il-progress ta' xi wħud ma jkunx ta' tfixkil għall-oħrajn, u l-anqas skuża biex jiġu mjassrin.[134]

### 91. Għajnuna għall-iżvilupp

Is-solidarjetà universali hi meħtieġa mill-ordni morali. Hi meħtieġa mhux biss f'każijiet fejn il-ħtieġa hi kbira u ta' malajr għax il-qagħda hi mwiegħra ħafna, imma wkoll biex tgħin fl-iżvilupp. Hi ħidma li titlob is-sehem ta' kulħadd, u titlob sforz flimkien dejjem sejjer biex jinstabu soluzzjonijiet tekniċi konkreti u biex tinħoloq mentalità ġdida fost in-nies ta' żmienna. Il-paċi fid-dinja tiddependi ħafna minnha.[135]

## IV. DMIRIJIET KULTURALI U EDUKATTIVI

### 92. Dritt għall-edukazzjoni u l-kultura

L-inġustizzji li hawn fid-dinja għaliex hemm differenzi kbar bejn dawk li għandhom f'idejhom il-ġid materjali u jistgħu jużawh kemm iridu u dawk li ma għandhom xejn, huma msieħba u mkabbra mill-fatt li xi wħud għandhom opportunitajiet kbar għall-kultura u oħrajn ma għandhom xejn. Kull bniedem għandu dritt għall-kultura, li hi l-mod speċifiku ta' kif bnie-

dem igħix bħala bniedem, mod li jinkiseb bl-iżvilupp tad-deħen tiegħu, tal-virtujiet morali tiegħu, tal-ħila tiegħu li jkollu relazzjonijiet ma' bnedmin oħra, u tat-talenti tiegħu biex joħloq ħwejjeġ ta' siwi u sbieħ. Minn hawn tiġi l-ħtieġa li tinxtered u tiġi 'l quddiem dik l-edukazzjoni li għaliha kull bniedem għandu dritt, u li ħadd ma jista' jiċħadulu. L-ewwel kondizzjoni għal dan hi li ma jkun hemm ħadd fid-dinja li ma jkunx jaf jaqra u jikteb.[136]

### 93. Rispett għal-libertà tal-kultura

Id-dritt ta' kull bniedem għall-kultura jkun imħares jekk tkun rispettata l-libertà kulturali. Spiss il-kultura tispiċċa biex issir xi ideoloġija, u l-edukazzjoni strument għall-qadi ta' xi setgħa politika jew ekonomika.

L-awtoritajiet pubbliċi ma għandhomx is-setgħa li jgħidu x'għandha tkun il-kultura. Dmirhom hu li jġibu 'l quddiem u jħarsu l-ħajja kulturali ta' kulħadd, dik ukoll tal-minoranzi.[137]

### 94. L-edukazzjoni u l-familja

Id-dmir tal-edukazzjoni hu dmir ewlieni u fundamentali tal-familja. Il-ħidma tal-Istat hi sussidjarja, jiġifieri l-Istat irid jiggarantixxi, iħares, iġib 'il quddiem l-edukazzjoni u jgħin fejn il-famlja ma tlaħħaqx. Kull fejn l-Istat jippretendi li jkollu l-monopolju fl-edukazzjoni, ikun imur 'l hemm mid-drittijiet tiegħu u jkun jonqos mill-ġustizzja. Huma l-ġenituri li għandhom id-dritt jagħżlu l-iskola fejn iridu jibgħatu 'l uliedhom u d-dritt li jwaqqfu u jgħinu ċentri edukattivi skond il-konvinzjonijiet tagħhom. L-Istat, ma jistax jikkuntenta li jittollera l-hekk imsejħa skejjel privati mingħajr ma jonqos mill-ġustizzja. Dawn l-iskejjel privati qed jagħtu servizz pubbliku u għalhekk għandhom dritt għall-għajnuna finanzjarja.[138]

### 95. Libertajiet u tisħib

L-edukazzjoni li twassal għall-kultura hi wkoll edukazzjoni dwar l-użu tal-libertà b'mod responsabbli. Għalhekk jekk ma hemmx sistema politiku u soċjali li jirrispetta l-libertajiet u jġibhom 'il quddiem bit-tisħib ta' kulħadd, ma jista' jkun hemm veru progress. Dan it-tisħib jista' jkun ta' kemm-il sura: dan hu meħtieġ bħala garanzija ta' pluraliżmu veru fl-istituzzjonijiet u fl-inizjattivi soċjali. Dan iseħħ speċjalment billi jkun hemm għażla ċara bejn is-setgħat kollha ta' l-Istat, għax b'hekk it-tħaddim tad-drittijiet tal-bniedem, ikun imħares minn xi abbużi li jista' jkun hemm min-naħa tal-awtoritajiet ċivili. Hadd ma jista' jiġi mċaħħad milli jieħu sehem fil-ħajja politika u soċjali, minħabba s-sess, ir-razza u l-kulur, il-qagħda soċjali, l-ilsien u t-twemmin tiegħu.[139] Waħda mill-agħar u l-akbar inġustizzji ta' żmienna f'ħafna pajjiżi hi dik li twarrab poplu fix-xifer u t-tarf tal-ħajja kulturali, soċjali u politika tal-pajjiż.

Meta l-awtoritajiet politiċi jagħmlu regolamenti dwar l-użu tal-libertajiet tal-bniedem, ma jistgħux inaqqsu sistematikament l-użu ta' dawn il-libertajiet bl-iskuża ta' ordni pubbliku u sigurtà. U lanqas il-prinċipju li jsemmu ta' "sigurtà nazzjonali", jew fehma kollha kemm hi ekonomika

jew feħma totalitarja tal-ħajja soċjali ma għandhom qatt ikunu aqwa mil-libertà u d-drittijiet tagħha.[140]

## 96. L-isfida tal-inkulturazzjoni

Il-fidi tispiralna kriterji li jgħinuna nagħmlu ġudizzju tajjeb, turina l-valuri, tgħidilna kif għandna naħsbu u ngħixu: dan kollu jiswa għall-komunità kollha tal-bnedmin.[141] Għalhekk il-Knisja, li tagħraf x'qiegħed iħasseb id-dinja tal-lum, tgħidilna kif għandha tkun ħajja ta' kultura li fiha x-xogħol jiġi magħruf fid-dimensjoni kollha tiegħu bħala ħidma tal-bniedem, u li biha kull ħadd isib fix-xogħol l-opportunità biex jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala bniedem. Dan il-Knisja tagħmlu bil-ħidma missjunarja tagħha għas-salvazzjoni sħiħa tad-dinja, waqt li tirrispetta l-identità ta' kull poplu u kull nazzjon.

Il-Knisja li hi xirka li tgħaqqad flimkien dak li mhux l-istess u dak li hu ħaġa waħda, għax tinsab imxerrda mad-dinja kollha, tieħu minn kull kultura dak li ssib tajjeb fiha. Iżda l-inkulturazzjoni m'hijiex biss adattament minn barra; hija bidla minn ġewwa ta' valuri kulturali ta' kull sura, li jsiru ħaġa waħda mal-Kristjaneżimu waqt li t-twemmin nisrani jagħmel l-egħruq tiegħu fil-kulturi kollha tal-bniedem.[142] Il-firda bejn l-Evanġelju u l-kultura hi traġedja, li tagħha huma xhieda l-problemi li semmejna hawn fuq. Għalhekk hu meħtieġ sforz kbir biex kull kultura tiġi evanġelizzata. Dawn il-kulturi jieħdu ħajja ġdida mil-laqgħa tagħhom mal-Evanġelju. Iżda din il-laqgħa tissopponi li l-Evanġelju jiġi mħabbar tassew.[143] Imdawla mill-Konċilju Vatikan it-Tieni, il-Knisja trid tuża l-enerġija kollha tagħha għal din il-ħidma, biex tqanqal sforz kbir ta' liberazzjoni.

### 97. Il-kantiku tal-Magnificat

**Hienja dik li emmnet** (Lq 1,45). Għat-tislima ta' Elisabetta l-qalb ta' Omm Alla lissnet il-kantiku tal-**Magnificat**. Dan il-kantiku jgħidilna li b'fidi u fil-fidi bħal dik ta' Marija li l-Poplu ta' Alla juri bil-kliem u jgħix il-pjan tas-salvazzjoni bl-effetti kollha tiegħu ta' ħelsien fil-ħajja tal-individwu u tas-soċjetà. Hu fid-dawl tal-fidi li wieħed jasal biex jifhem kif il-ġrajja tas-salvazzjoni hi l-ġrajja tal-ħelsien mid-deni fis-sura l-aktar radikali tiegħu, u tad-dħul tal-familja kollha tal-bnedmin fil-veru ħelsien ta' wlied Alla. Dipendenti għal kollox minn Binha u miġbuda kollha kemm hi lejh, il-Madonna, bil-qawwa tal-fidi tagħha, u, ħdejn Ġesù, hi x-xbieha l-aktar perfetta tal-ħelsien u tal-liberazzjoni tal-familja kollha tal-bnedmin u tal-ħolqien kollu. Lejha, bħala Omm u Xbieha tagħha, il-Knisja trid tħares biex tifhem it-tifsir sħiħ tal-missjoni tagħha.

Haġa ta' l-għaġeb kif is-sens tal-fidi li jinsab fil-foqra jagħraf sewwa l-misteru tas-Salib li fdiena, u jasal ukoll biex iħobb u jkollu fiduċja bla qjies f'Omm l-Iben ta' Alla, miqjuma f'tant santwarji.

### 98. Is-"sensus fidei" tal-Poplu ta' Alla

Ir-ragħajja tal-erwieħ u dawk kollha li, bħala saċerdoti, lajċi, reliġjużi rġiel u nisa, spiss jaħdmu f'qagħdiet diffiċli ħafna ħa jxandru l-Evanġelju u jġibu 'l quddiem l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem, għandhom jimtlew bit-tama meta jaħsbu x'risorsi ta' l-għaġeb ta' qdusija hemm fil-fidi ħajja tal-Poplu ta' Alla. Dan il-għana kollu tas-**sensus fidei** għandu jkollu kull għajnuna biex jasal għall-milja tiegħu u jagħmel kotra kbira ta' frott. Li tgħin il-fidi tal-foqra biex turi ruħha b'mod ċar u li tgħinhom jgħixuha b'meditazzjoni fil-fond tal-pjan tas-salvazzjoni kif jidher fil-ħajja tal-Verġni tal-**Magnificat** — dan huwa d-dmir ekklesjali u nobbli li jrid jaqdi t-teologu.

It-teoloġija tal-ħelsien u tal-liberazzjoni li tidwi fil-**Magnificat** tal-Verġni Marija u li l-Knisja tgħożż f'qalbha, hi xi ħaġa meħtieġa miż-żmien li fih qegħdin ngħixu. Iżda tkun ħtija kbira jekk il-qawwa tad-devozzjonijiet popolari indawruha lejn pjan ta' liberazzjoni kollu kemm hu ta' din id-dinja, li malajr imbagħad juri ruħu bħala ħolma u bidu ta' suriet oħra ta' jasar. Dawk li b'dan il-mod jaċċettaw l-ideoloġija tad-dinja u l-ħtieġa tal-vjolenza ma jibqgħux aktar fidili għal dik it-tama, u għall-kuraġġ u l-qawwa tagħha, li huma mfaħħrin fil-kantiku lil Alla ta' kull ħniena li tgħallimna l-Verġni Marija.

### 99. Id-dimensjonijiet ta' ħelsien veru

Is-**sensus fidei** jagħraf x'inhu l-qofol tal-ħelsien li kisbilna l-Feddej. Hu ħelisna mid-deni l-aktar radikali, mid-dnub u s-setgħa tal-mewt, biex jagħti ħelsien lill-istess ħelsien u jurih it-triq it-tajba. Din it-triq jurihielna l-aqwa kmandament, il-kmandament tal-imħabba.

Il-liberazzjoni, fit-tifsira ewlenija tagħha, li hi tifsira ta' salvazzjoni, issir ħidma għall-ħelsien, ħidma mitluba mill-ordni morali. F'dan insibu t-tagħlim soċjali tal-Knisja, li juri x'għandha tkun l-imġiba nisranija fis-soċjetà.

In-nisrani hu msejjaħ biex dak li jagħmel jagħmlu skond il-verità,[144] u għalhekk biex iħabrek ħa jkun hemm "ċiviltà ta' mħabba" li dwarha tkellem il-Papa Pawlu VI.[145] Dan id-dokument, għalkemm ma jippretendix li hu sħiħ, juri xi direzzjonijiet li fihom għandu jseħħ malajr tiġdid sħiħ. L-ewwel dmir, dak meħtieġ biex jirnexxu l-oħra kollha, hu d-dmir tal-qasam tal-edukazzjoni. L-imħabba li tmexxi l-impenn tagħna, mil-lum 'il quddiem, trid tagħti ħajja lil suriet oħra ta' solidarjetà. Il-bnedmin kollha ta' rieda tajba huma msejħin biex jaħdmu ħa jseħħu minnufih dawn id-dmirijiet li l-kuxjenzi ta' l-insara għandhom quddiemhom biex jagħmluhom.

Hi l-verità tal-misteru tas-salvazzjoni li llum qed jaħdem biex iwassal il-familja kollha tal-bnedmin mifdijin lejn il-perfezzjoni tas-saltna, tagħti t-tifsir veru lill-isforzi meħtieġa għal-liberazzjoni fl-ordni ekonomiku, soċjali u politiku u li ma tħallihomx jaqgħu f'suriet oħra ta' jasar.

100. **Il-ħidma għall-ġejjieni**

Veru li quddiem ħidma hekk kbira u hekk komplessa, li titlob is-sagrifiċċju tiegħek innifsek b'mod tassew erojku, ħafna tiġihom it-tentazzjoni li jaqtgħu qalbhom, u ma jemmnux li jista' jsir xi ħaġa, jew jagħtu ruħhom għall-ħidma ta' disperazzjoni. Hi sfida kbira għat-tama, sew teoloġika u sew umana. Il-Verġni maħbuba tal-**Magnificat** li tħaddan magħha l-Knisja u l-bnedmin kollha fit-talba tagħha, hija dik li tqawwi t-tama. Fiha aħna nikkontemplaw ir-rebħa tal-imħabba ta' Alla li ebda tfixkil ma jista' jżomm lura, u fiha naraw għal-liema ħelsien għoli Alla jerfa' ċ-ċkejknin. Mit-triq li l-Madonna turina, il-fidi li taħdem bl-imħabba trid timxi b'fehma sħiħa.[146]

Waqt udjenza mogħtija lill-Prefett tal-Kongregazzjoni, il-Papa Ġwann Pawlu II ta l-approvazzjoni tiegħu għal din l-istruzzjoni, li kienet ġiet aċċettata mill-Kongregazzjoni għall-Ħarsien tal-Fidi f'laqgħa ordinarja tagħha, u ordna li tiġi pubblikata.

Maħruġa minn Ruma, mill-Kongregazzjoni, fit-22 ta' Marzu 1986.

† ALBERTUS BOVONE
Arċisqof tit., ta' Ċesarija fin-Numidja
Segretarju.

IOSEPH kard, RATZINGER
Prefett

## NOTI

1. *Istruzzjoni dwar xi aspetti tat-Teoloġija tal-Liberazzjoni*, Daħla.
2. Ara *Gaudium et Spes; Dignitatis humanae; Mater et Magistra; Pacem in terris; Populorum progressio; Redemptor hominis; Laborem exercens; Evangelii nuntiandi; Reconciliatio et paenitentia; Octogesima adveniens*; u d-diskors tal-Papa Ġwann Pawlu II fit-tielet konferenza tal-isqfijiet latino-amerikani f'Puebla fl-1979. Il-Papa kellem drabi oħra dwar dan is-suġġett li ġie trattat ukoll fis-sinodi tal-isqfijiet tal-1971 u 1974. Il-Konferenzi Episkopali latino-amerikani ħasbu sewwa dwaru, u qisuh ukoll ħafna konferenzi episkopali oħra, v.g. dik franċiża: *Libération des hommes et salut en Jésus-Christ*, 1975.
3. *Octogesima adveniens*, nn. 1-4.
4. Ara Ġw 4,42; 1 Ġw 4,14.
5. Ara Mt 28, 18-20; Mk 16,15.
6. *Dignitatis humanae* n. 10.
7. *Evangelii nuntiandi* nn. 78-80; *Dignitatis humanae*, n. 3; *Redemptor hominis*, n. 12.
8. *Libertatis nuntius*, XI, n.10.
9. *Redemptor hominis*, n. 17; Dikjarazzjoni tal-10 ta' Marzu 1984 lill-ħames kollokwju tal-ġuristi.
10. Ara *Libertatis nuntius*, XI, n. 5; Diskors tal-Papa fil-ftuħ tal-konferenza ta' Puebla, 1979.
11. Ara *Gaudium et Spes*, n. 36.
12. Ara *ibid.*
13. Ara *loc. cit.* n. 41.
14. Ara Mt 11,25; Lq 10,21.
15. *Evangelii nuntiandi*, n. 48.
16. Ara *Libertatis nuntius* VII, 9; VIII, 1-9.
17. Ara Ġen 1,26.
18. *Redemptor hominis*, n. 21.
19. Ara Rum 6,6; 7,23.
20. Ara Ġen 2,18.23: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu" ...... "Din id-darba din hi għadma minn għadmi u laħam minn laħmi": f'dan il-kliem tal-Iskrittura li direttament huwa dwar ir-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara, nistgħu naraw fihom tifsir aktar universali. Ara Lev 19,18.
21. *Pacem in terris*, nn. 5-15; ittra tal-Papa Ġwann Pawlu II lil Kurt Waldheim, Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fl-okkażjoni ta' egħluq it-30 sena mid-Dikjarazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem; Diskors tal-Papa fil-Ġnus Magħquda, 1970.
22. Ara Santu Wistin, *Ad Macedonium*, II, 7-17.
23. Ara Ġen 1,27-28.
24. *Redemptor hominis*, n. 15.
25. Ara *Gaudium et Spes*, n. 13 § 1.
26. *Reconciliatio et Paenitentia*, n. 13.
27. Ġen 3,16-19; Rum 5,12; 7,14-24; *Sollemnis professio fidei* tal-Papa Pawlu VI tat-30 ta' Ġunju 1968.
28. Ara Rum 1,18-21.
29. Ara Ġer 5,23; 7,24; 17,9; 18,12.
30. Santu Wistin, *De Civitate Dei*, XIV, 28.
31. Ara *Libertatis nuntius*, daħla.
32. Ara Is 41,14; Ġer 50,34. "Goel": il-kelma tfisser rabta bħal dik ta' qrabia bejn min jagħti l-ħelsien u dak li jiġi meħlus; ara Lev 25,25.47-48; Rut 3,12; 4,11. "Padah" tfisser tik-seb għalik innifsek; ara Es 13,31; Dewt 9,26; 15,15; Salm 130, 7-8.
33. Ara Ġen 12,1-3.
35. Ara Dewt 6,5.
36. Ara Lq 19,18.
37. Ara Dewt 1,16-17; 16,18-20; Ġer 22, 3-15; 23,5; Salmi 33,5; 72,1; 99,4.
38. Ara Es 22, 20-23; Dewt 24, 10-22.
39. Ara Ġer 31,31-34; Eżek 36,25-27.
40. Ara Is 11,1-5; Salm 72, 4.12-14; *Libertatis nuntius*, IV, 6.
41. Ara Es 23,9; Dewt 24,17-22.
42. Ara Salmi 25, 31, 35, 55; *Libertatis nuntius*, IV, 5.
43. Ara Ġer 11,20; 20,12.
44. Ara Salm 73, 26-28.
45. Ara Salmi 16, 62, 84.
46. Ara Sof 3,12-20; *Libertatis nuntius*, IV, 5.
47. Ara Lq 1,46-55.
48. Ara *Marialis cultus*, n. 37.
49. Ara Atti 2,39; Rum 10,12; 15,7-12; Ef 2,14-18.
50. Ara Mk 1,15.
51. Ara Is 61,9.

52. Ara 2 Kor 8,9.
53. Ara Mt 25,31-46; Atti 9,4-5.
54. *Libertatis nuntius*, IV, 9.
55. Diskors tal-Papa fi ftuħ il-konferenza ta' Puebla, 1979, I,5.
56. Ara Rum 5,10; 2 Kor 5, 18-20.
57. Ara Ġw 15,27.
58. Ara Mt 5,9; Rum 12, 28; Lhud 12,14.
59. Ara 1 Kor 15,26.
60. Ara Ġw 1,31; Lhud 2,14-15.
61. Ara Ef 6,11-17.
62. Ara Rum 8,37-39.
63. Ara Rum 8,2.
64. Ara I Tim 1,8.
65. Ara Rum 13,8-10.
66. Ara Rum 13,1-7.
67. Ara Rum 8,2-4.
68. Ara Rum 13,1.
69. Ara Rum 13,8-10; Gal 5,13-14.
70. Ara Mt 5,43-48; Lq 6,27-38.
71. Ara Lq 10, 25-27.
72. Ara v.g. I Tes 2,7-12; Fil 2,1-4; Gal 2,12-20; I Kor 13,4-7; 2 Ġw 12; 3 Ġw 14; Ġw 11,1-5,35-36; Mk 6,34; Mt 9,36; 18,21ss.
73. Ara Ġw 15,12-13; I qw 3,16.
74. Ara Ġak 5,14.
75. Ara I Ġw 3,17.
76. Ara I Kor 11, 17-34; *Libertatis nuntius*, IV,11. San Pawl stess kien għamel ġabra għall-fqar fost il-qaddisin f'Ġerusalemm (Rum 15,26).
77. Ara Rum 8,11-21.
78. Ara 2 Kor 1,22.
79. Ara Ġak 4,26.
80. Ara I Kor 13,12; 2 Kor 5,10.
81. Ara Ġw 3,2.
82. *Gaudium et Spes*, n. 38 § 2.
83. *ibid.* n. 39 § 3.
84. Ara Mt 24,29-44.46; Atti 10,42; 2 Kor 5,10.
85. Ara *Gaudium et Spes*, n. 42.
86. Ara Ġw 17,3.
87. Ara Rum 6,4; 2 Kor 5,17; Kol 3,9-11.
88. *Evangelii nuntiandi*, nn. 18,20.
89. Ara Mt 5,3.
90. Ara *Gaudium et Spes*, n. 37.
91. *Lumen gentium*, n. 17; *Ad Gentes*, n. 1; *Evangelii nuntiandi*, n. 14.
92. Ara *Gaudium et Spes*, n. 40.
93. Ara *Reconciliatio et Paenitentia*, n. 14.
94. Ara *Libertatis nuntius*, XI, 10.
95. Ara 2 Kor 8,9.
96. Ara Lq 2,7; 9,58.
97. Ara Mt 6,19-20; 24-34; 19,21.
98. Ara Lq 5,11.28; Mt 19-27.
99. Ara Is 11,4; 61,1; Lq 4,18.
100. Ara Mk 2,13-17; Lq 19,1-10.
101. Ara Mt 8,16; 14,13-21; Ġw 13,29.
102. Ara Mt 8,17.
103. *Populorum progressio*, nn. 12.46; Dokument tat-tielet konferenza ta' Puebla, n. 476.
104. Ara Atti 2,44-45.
105. Ara It-tieni Sinodu, *Relatio finalis*, II, C, 6; *Evangelii nuntiandi*, n. 58; *Mensagem às communidades de base* tal-Papa Ġwann Pawlu II, f'Manaus fl-10 ta' Lulju 1980.
106. Ara Mt 22,37-40; Rum 13,8-10.
107. Ara *Octogesima adveniens*, n. 4; Diskors tal-Papa fil-ftuħ tal-konferenza ta' Puebla, 197, III,7.
108. Ara *Mater et Magistra*, n. 235.
109. Ara *Gaudium et Spes*, n. 25.
110. Ara *Mater et Magistra*, nn. 132-133.
111. Ara *Quadragesimo Anno*, nn. 79-80; *Mater et Magistra*, n. 138; *Pacem in terris*, n. 74.
112. Ara *Evangelii nuntiandi*, n. 18; *Libertatis nuntius*, XI, 9.
113. Ara *Reconciliatio et Paenitentia*, n. 16.
114. Ara *Octogesima adveniens*, n. 25.
115. Ara *Laborem exercens*, n. 20; *Libertatis nuntius*, VII, 8; VIII, 5-9; XI, 11-14.
116. Ara Mt 5,44; Lq 6, 27-28.35.

117. Ara *Libertatis nuntius*, XI, 10.
118. Ara l-omelija tal-Papa f'Drogheda, 30 Settembru 1979; Dokument tat-tielet Konferenza tal-isqfijiet latino-amerikani f'Puebla, nn. 533-534.
119. *Populorum progressio*, n. 31; ara *Nos es muy conocida* tal-Papa Piju XI.
120. Ara *Gaudium et Spes*, n. 76 § 3; *Apostolicam actuositatem*, n. 7.
121. Ara *loc. cit*, n. 20.
122. Ara *loc. cit.*, n. 25.
123. Ara *Laborem exercens*, n. 6.
124. Ara *loc. cit.*, Kap V.
125. Ara *loc. cit.* n. 3; Diskors f'Loreto fl-10 ta' Mejju, 1985.
126. Ara *Octogesima adveniens*, n. 46.
127. Ara *Laborem exercens*, n. 6.
128. Ara *ibid.*
129. Ara *Familiaris consortio*, n. 46; *Laborem exercens*, n. 23; Manifest tad-Drittijiet tal-familja, art. 2.
130. Ara *Gaudium et Spes*, n. 68; *Laborem exercens*, n. 15; Diskors tal-Papa tat-3 ta' Lulju 1980.
131. Ara *Gaudium et Spes*, n. 69; *Laborem exercens*, nn. 12.14.
132. Ara *Quadragesimo anno* n. 72; *Laborem exercens*, n. 19.
133. Dokument tat-tieni konferenza episkopali latino-amerikana f'Medellin, Ġustizzja I,9; Dokument tat-tielet konferenza episkopali latino-amerikana f'Puebla, nn. 31.
134. Ara *Mater et Magistra*, n. 163; *Populorum progressio*, n. 51; Diskors lill-Korp diplomatiku tal-11 ta' Jannar 1986.
135. Ara *Populorum progressio*, n. 55.
136. Ara *Gaudium et Spes*, n. 60; Diskors tal-Papa fl-UNESCO 2 ta' Ġunju 1980.
137. Ara *Gaudium et Spes*, n. 59.
138. Ara *Gravissimum educationis*, nn. 3.6; *Divini illius Magistri* nn. 29,38,66; Manifest tad-drittijiet tal-familja, n. 5.
139. Ara *Gaudium et Spes* n. 29; *Pacem in terris* n. 73-74.79.
140. Ara *Dignitatis humanae*,n n. 7; *Gaudium et Spes*, n. 75; Dokument tat-tielet konferenza episkopali latino-amerikana f'Puebla, nn. 311-314.317-318.548.
141. Ara *Evangelii nuntiandi*, n. 19.
142. Ara r-*Relatio finalis* tat-tieni Sinodu II, D,4.
143. Ara *Evangelii nuntiandi*, n. 20.
144 Ara Ġw 3,21.
145. Ara l-udjenza ġenerali tal-31 ta' Diċembru 1975; l-istess fehma wrieha l-Papa fid-diskors lill-'Meeting per l'amicizia dei popoli' fid-29 ta' Awissu 1982. L-isqfijiet latino-amerikani fakkruha fil-messaġġ lill-ġnus tal-Amerika Latina n. 8 u fid-Dokument ta' Puebla nn. 1188.1192.
146. Ara Gal 5.6.

## SACRA CONGREGATIO

## PRO INSTITUTIONE CATHOLICA

CONGREGATIO PRO INSTITUTIONE CATHOLICA accurate perpensis atque communi cum Auctoritatibus Academicis quarum interest disceptatis STATUTIS FACULTATIS THEOLOGICAE MELITENSIS, ex Prooemio et octoginta uno articulis constantibus, ea quae in iisdem definiuntur ac statuuntur rata habet atque ad quinquennium experimenti gratia approbat; iisque ad quos pertinet districta praecipit ut eadem ad effectum fideliter adducant.

Datum Romae, ex aedibus Congregationis pro Institutione Catholica, die XVIII m. Januarii a.D. MCMLXXXVI.

*Praefectus.* VILLELMUS CARD. BAUM

*A. Secretis.* Antonio M. Javierre Ortas

## IL-PASTORALI TAR-RANDAN

Egħżież ħutna u maħbubin uliedna,

Reġa' wasal ir-Randan. Iżda nistaqsu: Ir-Randan għad għandu importanza f'ħajjitna? Ir-Randan għad fadallu xi tifsira għal żminijietna issa li l-Knisja naqset ħafna l-ġranet tas-sawm li kienu jsiru matul ir-Randan?

Ir-Randan għadu jeżisti u għandu messaġġ għalina lkoll. Ir-Randan jibqa' jeżisti u jibqa' wkoll meħtieġ. Ir-Randan jibqa' meħtieġ sakemm il-bniedem, li hu maħluq biex iħobb u jservi lil Alla, jibqa' mdaħħal fit-taqbida kontra s-saltna tax-xitan, u għalhekk, jibqa' jinħtieġ il-grazzja t'Alla. U dan iż-żmien tat-taqbida, li beda mill-bidu nett tad-dinja, jibqa' sejjer sa l-aħħar żmien tal-ħajja tal-bniedem fuq din l-art, kif sa l-aħħar ukoll Ġesù jibqa' jħobb u jiġri warajna.

Jidher ċar minn dan li r-Randan mhux xi drawwa li għamel il-bniedem iżda hija s-sejħa ta' Ġesù lill-bniedem. Kif għamel fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù qed jerġa' jwassal lil kull wieħed u waħda minna l-istedina tiegħu biex inwarrbu d-dnub u l-ħażin u nagħmlu t-tajjeb.

Ġesù qed jistedinna nikkonvertu u bħala għajnuna biex ninqatgħu mill-għadu tagħna, id-dnub, u nduru lejh,

Ġesù jħeġġiġna għas-sawm u l-penitenza. Jeħtieġ li nsumu u nagħmlu penitenza, iżda biex permezz tas-sawm u l-penitenza, nithejjew aħjar ħa nilqgħu l-għajnuna t'Alla biex nindmu tassew minn dnubietna, nersqu lejn il-qrar u t-tqarbin, u ngħixu fi ħbiberija ma' Alla u ma' ħutna l-oħrajn kollha. Dan hu dak li Ġesù qed jistenna minna lkoll meta l-Knisja tniedi r-Randan. Quddiem Alla jgħodd mhux tant kemm insumu u nagħmlu penitenza daqs kemm li f'dak li nagħmlu jkollna r-rieda tajba li nilqgħu s-sejħa ta' Ġesù u nikkonvertu.

Hija ħaġa tajba li nisimgħu l-quddies, nitqarbnu, insumu u nagħmlu penitenza. Iżda fuq kollox huwa importanti li aħna jkollna fehma tant soda li nduru lejn Alla u nikkonvertu, li naslu biex, niedma għan-nuqqasijiet tagħna, nqiegħdu lilna nfusna quddiem Ġesù li ta ħajtu għalina, u ngħidulu: "X'għandi nagħmel Mulej?"

Biex naslu għal din ir-rieda tajba jeħtieġ li nkunu lesti li nħarsu lejna nfusna, nammettu li aħna maqsumin fina nfusna bejn dak li hu tajjeb u li hu ħażin, u b'kuraġġ nagħmlu għażla bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn dak li jrid Alla u dak li jrid ix-xitan u nieħdu deċiżjoni favur Ġesù ta' Nazaret. Hija deċiżjoni li mil-lum 'il quddiem aħna rridu li Alla għalina jkun l-ewwel u qabel kollox.

Aħna ċerti li aħna lkoll ngħidu li rridu nagħmlu din l-għażla favur Ġesù. Iżda l-kliem mhux biżżejjed: jeħtieġ li nkunu nafu u naċċettaw li Ġesù jrid li fil-ħajja tagħna jkun waħdu. Fi kliem ieħor, aħna rridu l-ewwel inġarrfu u nwarrbu barra minn qlubna l-idoli kollha li jkunu ħadu post Ġesù.

Wieħed jista' jistaqsi: X'inhuma dawn l-idoli? Dawn l-idoli tagħna ma għadhomx l-allat foloz ta' żmien l-imgħoddi. L-idolu huwa dak li nħobbu iżjed milli nħobbu lil Alla, li jsir is-sid ta' qalbna u jagħmilna lsira tiegħu. Għal xi wħud dawn l-idoli jistgħu jkunu l-flus, il-lussu, is-sess, il-poter, l-indipendenza, il-libertà u oħrajn. Aħna naslu biex naduraw lil dawn l-idoli bħallikieku alla veru. U għalkemm ma nqimuhomx b'xi ċerimonja reliġjuża, madankollu huma marbutin ħafna ma' qalbna u nagħmlu minn kollox biex inżommuhom. Meta jsir użu ħażin minn dawn il-ħwejjeġ materjali, aħna nagħmluhom idoli tagħna u nkunu nqumu kontra Alla, għaliex inkunu għażilna l-ħwejjeġ maħluqa qabel il-Hallieq, u għalhekk ma nagħtux lil Alla l-ġieh li jistħoqqlu bħala Alla veru. Meta jiġri dan inkunu nqumu kontra ħutna u nbiddlu f'għodod ta' ħsara l-ħidma tagħna bħala bnedmin, li Alla jrid li aħna nużaw biex inservu lil Alla u lill-oħrajn.

Dawn l-idoli iqarrqu bina għaliex jippermettu li aħna nkomplu nidhru li aħna nsara meta fil-fatt aħna nkunu qegħdin nitbegħdu minn Alla u mill-proxxmu minħabba fihom. Żgur li ħadd minna ma jrid igħid li ma jħobbx lil Alla u lill-proxxmu. Madankollu sewwa li nistaqsu jekk aħniex ngħixu b'mod li nwarrbu lil Alla minn ħajjitna jew ngħixu bħallikieku m'hemmx Alla u proxxmu.

Kultant minħabba x-xewqa esaġerata tagħna li ma nkunu niddependu minn ħadd, naslu biex inqajmu diffikultajiet kontra kull dipendenza, saħansitra minn Alla. Dan jiġri, per eżempju, meta ngħidu li nħobbu lil Ġesù u l-Knisja tiegħu u fl-istess ħin, kontra r-rieda ta' Alla nnifsu li għamel iż-żwieġ, nonqsu li nieqfu lill-mentalità divorzista ta' żmienna, u naslu saħansitra biex nidraw u naċċettaw l-infedeltà u l-prattiċi illeċiti kontra t-tnissil ta' l-ulied.

Kull ħidma jew professjoni għandha l-valur u l-awtonomija tagħha. Għal xi wħud din l-awtonomija leġittima tinbidel f'idolu għaliex jaħsbu li jistgħu jaqdu l-ħidma jew il-professjoni tagħhom mingħajr ma tkun imdawla u mmexxija mil-liġi ta' Alla u tal-Knisja tiegħu bħallikieku dawn il-ħidmiet ma jiddependux minn Alla.

Hija ħaġa sabiħa li l-bniedem iħobb u japprezza l-libertà, u jfittex il-libertà. Iżda għal xi wħud il-libertà ssir idolu għax jikkoltivawha b'mod ħażin u jaslu biex jaħsbu li huwa tajjeb tagħmel kollox, imqar il-ħażin, basta jogħġbok, basta jaqbillek. Xi wħud biex ma jiksruhiex ma' ħbiebhom, jabbużaw mil-libertà tagħhom u jagħmlu dak li jitlob minnhom ħaddieħor anke meta jafu li dan Alla ma jridux.

Kultant il-bniedem ipoġġi l-flus bħala l-valur l-aktar importanti fil-ħajja tiegħu. F'każ bħal dan il-bniedem isir ilsir ta' xogħlu stess u għall-flus jasal li jittraskura l-ħajja soċjali, kulturali u spiritwali tiegħu. Jasal biex jittraskura saħansitra l-familja tiegħu. Meta l-flus isiru idolu, dawn jinbuttawna biss biex nagħmlu u nkabbru l-qligħ, akkost li nwarrbu għal kollox l-ordni morali. Ma naraw xejn ħażin li nittrattaw lil min jaħdem magħna mhux bħala bniedem, bl-imħabba, bir-rispett u d-dinjità li tistħoqqlu, iżda bħala sempliċi għodda ta' produzzjoni.

Għal xi wħud dan l-idolu jista' jkun id-dar. Hafna huma dawk li jixtiequ jibnu jew isebbħu d-dar tagħhom. Din hija xewqa tajba. Iżda kollox għandu ħinu u waqtu. Uħud madankollu, iridu li jkollhom kollox malajr, bil-periklu kbir li jitilfu l-ordni tal-valuri tal-ħajja miżżewġa. Ma ja-

fux jistennew u jagħmlu ħaġa wara l-oħra, ma jħarsux safejn jaslu l-mezzi tagħhom mingħajr ma jitgħabbew b'dejn kbir. U biex ikollhom kollox u kemm jista' jkun malajr, dawn jinqatlu b'ħafna xogħol, bir-riżultat li ħafna drabi jittraskuraw lil Alla, jittraskuraw l-imħabba ta' bejniethom u jittraskuraw ir-responsabbiltà li jkabbru l-familja li jrid minnhom Alla. Għal dawn id-dar tal-ġebel tiġi qabel il-ħajja tal-familja.

Semmejna xi wħud mill-idoli ta' żminijietna li jġibu kull xorta ta' diżordni fil-ħajja tagħna, fl-imġiba tagħna ma' Alla u ma' l-oħrajn. Ġesù, għalhekk, iħeġġiġna nwarrbu għal kollox dawn l-idoli jekk irridu nikkonvertu u nwarrbuhom mhux biss għal żmien ir-Randan jew għal xi okkażjonijiet speċjali, iżda matul ħajjitna kollha, hi x'inhi l-pożizzjoni u r-responsabbiltà tagħna.

Bħala bnedmin inħossuha bi tqila nwarrbu dawn l-idoli għalkemm huma għodod tax-xitan. Lanqas għandna l-ħila, bil-qawwa tagħna biss, li neħilsu mill-jasar ta' dawn l-idoli. Madankollu Ġesù jagħmlilna kuraġġ u jistedinna nkunu nies ħielsa billi nkeċċu minna l-idoli tagħna, id-dnub. Dan nistgħu nagħmluh għaliex il-Mulej, bil-mewt u l-qawmien tiegħu, mhux biss ħelisna mill-jasar tagħhom, iżda tana l-qawwa biex niġġeddu minn ġewwa u nkeċċu darba għal dejjem minn qlubna x-xitan, biex Ġesù ta' Nazaret ikollu l-ewwel post f'ħajjitna. B'rahan ta' dan minn qalbna nagħtukom il-barka pastorali tagħna.

Illum, 10 ta' Frar, 1986, solennità ta' San Pawl, Appostlu ta' Malta.

† ĠUŻEPPI,
*Arċisqof ta' Malta.*

† NIKOL,
*Isqof ta' Għawdex*

Maħbubin miżżewġin ġodda, qed nieħu pjaċir li għandi din l-okkażjoni niltaqa' magħkom. Mat-tislijiet u x-xewqat sbieħ tiegħi, li jien nixtieq nagħti lil kull koppja ġdida, nixtieq inwasslilkom ukoll l-imħabba kbira li Ġesù u l-Knisja għandhom għalikom.

Jiena żgur li meta intom iltqajtu ma' xulxin l-ewwel darba, meta intom ħsibtu biex tiżżewġu u meta wegħdtu li tkunu ħaġa waħda fir-rabta qaddisa taż-żwieġ, intom kellkom rieda tajba, rieda qawwija li tibnu ħajja miżżewġa tajba, li tibnu familja sabiħa kif iridha Alla. Din ir-rieda tajba jiena ċert minnha u ta' dan ta' min ifaħħarkom.

Madankollu, biex isseħħ ix-xewqa u l-ħolma tagħkom li tkunu ħaġa waħda fiż-żwieġ kif irid Ġesù u kif tgħallem il-Knisja, barra r-rieda tajba minn naħa tagħkom, jeħtieġ ukoll li tpoġġu lil Kristu fl-ewwel post fil-ħajja tagħkom, jeħtieġ li fil-ħajja tagħkom bħala miżżewġin, Kristu jkun jaqsam magħkom il-ħajja ta' kuljum. Ġesù ma tistgħux tgħaddu mingħajru jekk tridu tibnu żwieġ kattoliku tajjeb.

Ir-rabta tagħkom fis-Sagrament taż-żwieġ hija mqaddsa minn Kristu nnifsu, li għolla ż-żwieġ għad-dinjità ta' Sagrament. U l-imħabba tagħkom tkun tassew imħabba ġenwina daqskemm tkun tixbah l-imħabba li Kristu għandu lejn il-Knisja, jiġifieri lejna lkoll. Naqraw fl-Ittra li San Pawl kiteb lill-Efesin, li Kristu stess ried li r-raġel iħobb lill-mara, u l-mara tħobb lir-raġel kif Kristu jħobb lill-Knisja.

Alla, permezz tas-saċerdot, bierek iż-żwieġ tagħkom, bierek ir-rabta tagħkom, rabta li għandha tkun dejjem fidila, dejjem ġeneruża, u dejjiema sal-mewt.

Bħalma Ġesù jaħseb fil-Knisja tiegħu, jgħinha fid-dgħufija tagħha, ifejjaq il-ġrieħi tagħha u jaħfrilha n-nuqqasijiet tagħha għaliex iħobbha, għaliex il-Knisja hija l-istess Ġisem Mistiku ta' Kristu, hekk ukoll intom għandkom tħobbu lil xulxin.

Fittxu li tagħtu kollox lil xulxin, lilkom infuskom, u mhux tikkalkulaw u tistudjaw x'se tieħdu mingħand xulxin. Din il-ġenerożità tistgħu tgħixuha biss jekk tħallu lil Ġesù jgħix fikom u intom tgħixu f'Ġesù.

Minn hawnhekk il-ħtieġa li kuljum issibu ż-żmien biex titħaddtu flimkien, biex taraw flimkien il-problemi tal-ħajja ġdida tagħkom u biex titħaddtu wkoll bejnietkom fuq id-diffikultà li kultant tħossu biex tħobbu lil xulxin. Dan agħmluh akkost ta' kollox.

Iżda biex tagħmluh tajjeb, hemm bżonn li ssibu l-ħin biex kuljum titolbu flimkien u tersqu wkoll ta' sikwit lejn is-Sagramenti. Huma s-Sagramenti li jgħinukom meta l-monotonija tal-ħajja ta' kuljum tista' tberred il-qawwa ta' l-ewwel imħabba tagħkom. Huma s-Sagramenti li jridu jgħinukom biex ma tfasslux il-ħajja miżżewġa tagħkom fuq l-istampa ħażina tal-ħajja miżżewġa li mhux rari jippreżentaw il-mezzi ta' komunikazzjoni. Dawn jippreżentaw iktar tfixkil milli għajnuna biex tissaħħaħ ir-rabta taż-żwieġ, biex tinżamm il-fedeltà, u biex tgħożżu u tkat-

tru l-ħajja b'sens ta' responsabbiltà.

Huma jippreżentaw din l-istampa ħażina għaliex ma fehmux issbuħija tal-familja kif iridha Alla u allura jpoġġu fi kriżi l-familja, iż-żwieġ, l-imħabba, il-fedeltà, ittkattir ta' l-ulied, ir-rispett lejn xulxin u d-dinjità ta' l-istess ħajja. Stampa bħal din, tafu daqsi, hija stampa falza, u meta ssibkom nieqsa mir-rabta tagħkom ma' Alla, aktarx titfakom fil-kruha u l-ħsara tal-frustrazzjoni u ta' l-egoiżmu u ta' l-infedeltà. Stampa bħal din tagħmel ħsara kbira għaliex bil-mod il-mod iġġegħlek tħares lejn il-familja u ż-żwieġ nisrani bħala ħaġa iebsa, bħala riskju kbir u hekk tnissel sfiduċja u biża' fiż-żwieġ nisrani u tnibbet u xxerred mentalità divorzista li tfarrak iż-żwieġ u s-soċjetà.

Fil-fatt minn dejjem kien hawn nuqqasijiet ta' infedeltà, iżda l-ħaġa ġdida li qegħda tinħass fostna, huwa l-fatt li l-infedeltà qegħda bħal tindara mis-soċjetà bħala stil ta' ħajja li ma għadux jixxokkjana, bħal ħaġa li m'hi xejn.

Din il-mentalità li dieħla anki fil-ġenerazzjoni li għadha tiela' hija ta' deni kbir mhux biss għaż-żwieġ nisrani iżda anki għas-soċjetà.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-ġenituri tagħkom. Hafna minnkom jafu t-trobbija tajba u l-eżempju nisrani taż-żwieġ lilhom, u ta' dan għandkom għax tkunu rikonoxxenti lejhom. Iżda daqshekk ieħor intom responsabbli biex turu lil uliedkom u lis-soċjetà tagħna — bl-eżempju tal-ħajja nisranija tagħkom — kif wieħed għandu jgħix iż-żwieġ nisrani minkejja d-diffikultajiet li għandha ma' wiċċha llum il-ħajja miżżewġa.

Għixu ħajja li tixhed l-għożża u rispett tagħkom għall-familja u ż-żwieġ kattoliku, għall-fedeltà u għall-ħajja.

Uru li intom tridu tgħixu u mhux twarrbu l-impenn tal-ħajja ġdida tagħkom.

Poġġu l-imħabba tagħkom għal xulxin qabel kull egoiżmu, u kunu xhieda, bil-ħajja tagħkom stess, li l-valuri nsara tat-tama u tal-fiduċja ma huma qatt mirbuħa mid-diffikultajiet li wieħed jistenna wkoll fil-ħajja taż-żwieġ.

Ersqu spiss lejn Ġesù fis-Sagramenti tal-Knisja u hekk tkunu familji tassew insara li tħarsu lejn id-diffikultajiet kollha li jistgħu jinqalgħu mhux b'sens ta' pessimiżmu iżda b'tama u fiduċja f'Alla li żgur ma tonqoskom qatt.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lil Alla għall-ġid kollu li sar fostna permezz tal-Moviment ta' Kana, li din is-sena qed jiċċelebra t-30 sena ta' ħidma.

Nirringrazzja lin-nies li taw issehem tagħkom, anki b'sagrifiċċju personali kbir, biex jippreparaw l-għarajjes għaż-żwieġ, biex jibnu familji nsara tajbin, biex igħinu lil tant miżżewġin isolvu l-problemi li jkollhom.

Ta' dan kollu nirringrazzjakom u jalla l-Mulej ikompli jwettaq din il-ħidma tagħkom bil-grazzja tiegħu.

18 ta' Jannar, 1986

Nixtieq nirringrazzjakom ħafna ta' din l-istedina tagħkom. Huwa pjaċir tiegħi niltaqa' magħkom speċjalment f'din l-okkażjoni sabiħa tal-patrun tagħkom San Franġisk de Sales. Din hija opportunità għalija biex intennilkom ir-rispett lejkom kif ukoll l-ammirazzjoni u l-gratitudni għall-ħidma tagħkom bħala ġurnalisti.

Intom tpoġġu l-ħidma tagħkom taħt il-ħarsien ta' dan il-qaddis: tagħmlu ħaġa tajba; u dan tagħmluh ħalli bl-interċessjoni tiegħu Alla jdawwalkom biex tfittxu l-verità, tħobbuha u xxandruha. Il-verità hija l-qofol u l-pedament ta' kull ma hu tajjeb u sabiħ.

Il-ħidma tagħkom jistħoqqilha r-rispett u r-rikonoxxenza ta' kulħadd. Hija ħidma li għandha bħala għan ewlieni s-servizz lill-bniedem: taħdem għall-ġid tal-bniedem billi tħabrek ħalli fis-soċjetà jkun hemm il-ġustizzja, is-sliem, il-ħelsien u l-progress. Hija ħidma kbira u sabiħa, iżda daqshekk ieħor hija iebsa: titlob dejjem mingħandkom rieda tajba u tistenna li intom ukoll, f'ħafna ċirkostanzi, tagħmlu sagrifiċċji u taċċettaw li tgħaddu minn tfixkil u tbatija. Ta' dan kollu ta' min jirringrazzjakom u jfaħħarkom.

Jistħoqqilkom l-appoġġ ta' kull min iħobb il-verità, ta' kull min iħobb il-bniedem u jrid il-ħelsien sħiħ tiegħu. Jeħtieġ li l-bniedem isib għajnuna xierqa biex iġib 'il quddiem il-valuri kollha tiegħu, kemm materjali u spiritwali, u jkun jgħix skond il-viżjoni tal-ħajja tiegħu.

Il-missjoni tagħkom hija vokazzjoni marbuta mal-bniedem; hija vokazzjoni, għalhekk, li trid tiddawwal dejjem mill-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem u hekk tirrifletti r-rabta li hemm bejn Alla u l-bniedem.

San Franġisk de Sales, kunu żguri, ma jehdix igħinkom fil-qadi tal-missjoni tagħkom billi jinterċedi għalikom ħa tkunu dejjem nies li jkollkom fidi f'Alla u fiduċja u kuraġġ fil-bniedem.

Meta intom tkunu nies li taċċettaw lil Kristu fil-ħajja tagħkom ta' ġurnalisti, intom tħaddmu dan il-mezz ta' komunikazzjoni, il-ġurnaliżmu, għall-ġid tal-bniedem. Tafu tajjeb, min-naħa l-oħra, li bil-ħidma tagħkom tistgħu tgħinu wkoll biex jitkabbru t-tensjonijiet li jkun hawn u hekk, kif igħid il-Papa, iġġibu 'l quddiem suriet ġodda ta' inġustizzji u ta' tkasbir tad-drittijiet tal-bniedem".

Il-ġurnaliżmu, biex ikun ta' servizz lill-bniedem, irid jaħdem għall-verità: irid ikun ħieles, f'kelma waħda, minn kull abbuż u kull diskriminazzjoni li jistgħu jiġu minn qawwiet ta' bosta suriet, bħal ma huma l-qawwa politika, ekonomika jew ideoloġika. L-informazzjoni tagħkom trid tkun informazzjoni li ma tkunx imposta, kif igħid il-Papa "minn min qiegħed fil-għoli jew minn dak li jkun qiegħed jitlob is-suq u l-pubbliċità."

Jeħtieġ li l-informazzjoni li tingħata tkun vera. Iżda dan mhux biżżejjed: jeħtieġ li tkun kostruttiva, ta' għajnuna biex il-bniedem jikber fil-maturità u r-responsabbiltà. Fi kliem ieħor, filwaqt li tingħata l-informazzjoni, jeħtieġ ukoll li r-rieda tajba tagħkom u l-ispirtu

nisrani jinħass u jidher biex idawwlu lil ħaddieħor. Għalhekk ma' l-informazzjoni jridu jidhru wkoll il-valuri li intom, bħala nsara, tħaddnu.

L-informazzjoni li twasslu lill-bniedem, trid tkun għall-edukazzjoni tiegħu. L-informazzjoni hija dejjem xi sura ta' tweġiba għall-għażliet li wieħed ikun għamel u għalhekk meta hemm informazzjoni li tmur kontra l-valuri tal-ħajja, kontra l-bniedem jew id-drittijiet tiegħu, wieħed ma jistax iħalli l-informazzjoni waħedha, mingħajr ma jgħid ukoll, fejn jinħtieġ, it-tajjeb u l-ħażin tagħha.

Dan jitlob mill-ġurnalisti onestà u ħafna drabi sagrifiċċji. Il-Papa jgħid li min jaħdem fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali għandu jżomm quddiem għajnejh li qabel kull lealtà u responsabbiltà li jista' jkollu minħabba xi kuntratti mal-ġurnal jew ir-radju jew it-t.v. li magħhom ikun jaħdem, huwa għandu dmirijiet lejn il-verità, lejn il-pubbliku u lejn il-ġid komuni tas-soċjetà.

Egħeżież ġurnalisti, intom tistgħu tagħtu kontribut siewi ħafna bil-mod kif twasslu l-informazzjoni biex iġġibu 'l quddiem il-verità u hekk tgħinu biex kulħadd igħix bħal aħwa għall-ġid ta' kulħadd.

## OMILIJA TA' L-ARĊISQOF F'ĦAMIS IX-XIRKA FILGĦODU

Ħamis ix-Xirka huwa l-jum li fih aħna niċċelebraw it-twaqqif ta' l-Ewkaristija kif ukoll it-twaqqif tas-saċerdozju. Dawn huma żewġ ġrajjiet li jagħmlu dan il-jum għażiż ħafna għall-insara kollha.

Fit-twaqqif tal-Ewkaristija u tas-saċerdozju aħna nilmħu l-imħabba bla qjies li Alla għandu għalina midinbin. Biex isalvana, iħabbibna mill-ġdid miegħu u jagħtina ħajja ġdida, Alla bagħat fostna 'l Ibnu l-waħdieni u riedu jagħti l-istess ħajtu u jibqa' realment magħna.

Ħamis ix-xirka huwa jum għażiż għalina lkoll, imma, għalina s-saċerdoti, dan huwa jum speċjali. Huwa l-jum tagħna; illum hu l-festa tas-saċerdoti.

Wieħed iħoss li llum hu tabilħaqq jum il-festa tagħna meta jara dan in-numru hekk sabiħ ta' saċerdoti, djaċesani u reliġjużi, miġburin flimkien, biex f'għaqda miegħi, l-isqof tagħkom, niċċelebraw l-Ewkaristija.

Dawn is-saċerdoti jfakkruni fix-xogħol pastorali li qed iwettqu b'ġenerożità kbira u sagrifiċċju f'għaqda ma' l-isqof għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Qed jiġu quddiem għajnejja tant u tant saċerdoti u reliġjużi li qed jaħdmu f'artijiet barra minn Malta kif ukoll is-saċerdoti morda li qed jitqaddsu u jqaddsu 'l oħrajn bit-tbatija tagħhom.

Ta' dan kollu nixtieq pubblikament nuri lejn kull wieħed l-istima u l-imħabba tiegħi fil-waqt li nitlobhom jaħfruli n-nuqqasijiet tiegħi lejhom: jiena għandi d-dmir li nwettaqhom fil-qadi tas-saċerdozministerjali tagħhom.

Inġbarna flimkien biex nuru, fil-preżenza tagħkom il-lajċi, il-ferħ

tagħna lil Ġesù. Aħna ferħanin bis-saċerdozju tagħna li jseħibna fis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu. Minħabba dan is-sehem tagħna, aħna s-saċerdoti għandna rabta fondamentali ma' Ġesù, rabta li tferraħna.

Aħna s-saċerdoti għandna wkoll rabta sħiħa magħkom għaliex aħna saċerdoti mhux għalina nfusna, imma għalikom, għal-lajċi. Aħna saċerdoti biex ngħinukom ħalli l-ħajja tagħkom tkun tixhed dejjem aħjar l-ispirtu nisrani li jitlob is-saċerdozju tagħkom bħala mgħammdin.

Dan hu l-ferħ li ġej mill-fedeltà tagħna ma' Ġesù u l-Knisja tiegħu u maghkom ilkoll. U kien biex aħna s-saċerdoti jkollna tassew dan il-ferħ li l-Papa bagħat lilna s-saċerdoti, għal din l-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka, ittra dwar is-saċerdozju tal-Kurat ta' Ars. Il-Papa jixtieq igħinna ngħixu dejjem aktar din il-fedeltà fuq l-eżempju ta' dan il-kappillan qaddis u maħbub minn kulħadd.

Il-Papa jkellimna dwar San Ġwann Marija Vianney bħala eżempju ta' *ħajja saċerdotali.* Din il-ħeġġa għall-ġid ta' l-erwieħ kienet frott tal-imħabba kbira tiegħu lejn Alla: il-ħeġġa tiegħu kienet kbira u qawwija għaliex kienet it-tweġiba tiegħu għall-imħabba li wriena Ġesù msallab. Kien ta' spiss igħid: "Alla tiegħi, nixtieq immut inħobbok milli ngħix mument mingħajr ma nħobbok". Din il-ħeġġa kienet tispikka ħafna fil-ħeġġa tiegħu għas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni: kien igħallem lill-insara x-xewqa għall-indiema u jinsisti fuq il-ġmiel tal-maħfra u l-imħabba. Kellu ħeġġa biex iwassal il-kelma ta' Alla u biex isieħeb il-bnedmin fl-Ewkaristija.

F'din l-ittra l-Papa jgħinna ninnotaw li din il-ħeġġa saċerdotali tal-Kurat ta' Ars tat ħafna frott għaliex hu dejjem stinka biex ikollu xebh dejjem akbar ma' Ġesù.

Ma kienx kuntent biss bil-qadi tal-ministeru ritwali tas-saċerdozju: ħin twil ta' qrar, prietki u jitkellem u jfarraġ lil kulħadd. Ried ikun b'qalbu u ħajtu kollha għal Ġesù. U dan għamlu permezz tat-talb.

*It-talb* kien ir-ruħ ta' ħajtu: talb fis-skiet, quddiem it-tabernaklu, jarawh in-nies jitlob.

*Faqar* — kull ma kellu kien jagħtih lill-fqar.

*Ubbidjenza* lejn Kristu li tfisser ubbidjenza lejn il-Knisja u lejn l-Isqof.

*Ċaħda tiegħu nnifsu:* kalunnji, nuqqas ta' ftehim ma' saċerdot li kien igħinu.

*Mortifikazzjoni:* mhux biżżejjed li ma jgergirx, imma jfittex li jgħakkes ġismu u jagħmel penitenzi.

Jagħmel penitenzi għall-imħabba ta' Alla u għall-konversjoni talmidinbin. Lil saċerdot li kien qed jaqta' qalbu qallu: "Int tlabt, bkejt; *imma somt? għamilt sahriet?* Għax Ġesù darba qal: "Din is-sura titkeċċa biss bis-sawm u t-talb". F'kelma waħda kien jitqaddes biex ikun jista' jqaddes aħjar lill-oħrajn, biex igħinhom jiddisponu ruħhom aħjar biex jilqgħu l-effetti tas-sagramenti. Iħobb lil Alla għal dawk li ma kinux iħobbuh u jagħmel penitenza għal dawk li ma kinux jagħmluha. Ragħaj li kien ħaġa waħda mal-merħla tiegħu.

Fil-Liturġija tal-lejla l-Knisja tiċċelebra t-twaqqif tal-Ewkaristija. Tiġi quddiem għajnejna l-aħħar ikla li Ġesù għamel ma' l-Appostli meta offrielhom bħala ikel il-Ġisem tiegħu mogħti għalina u d-Demm tiegħu imxerred għal kulħadd. Din l-okkażjoni tfakkarna wkoll fil-ħasil tar-riġlejn ta' l-Appostli minn Ġesù nnifsu.

Xi tfisser l-Ewkaristija? Għalfejn waqqaf Ġesù l-Ewkaristija?

L-Ewkaristija hi l-preżenza reali u vera ta' Ġesù glorjuż imqajjem mill-imwiet, taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid.

L-Ewkaristija turina l-imħabba bla qjies li Alla, Missierna, għandu lejna midinbin: Alla ried li Ibnu l-waħdieni jibqa' magħna wara li jagħti ħajtu stess biex isalvana mid-dnub. Ġesù kisbilna ħajja ġdida; waqqaf l-Ewkaristija biex ikun jista' jagħtina u jsaħħilna l-ħajja; jiġifieri, min irid, ikun jista' jgħix ħajja tassew ħielsa għaliex tkun ħajja fejn tgħammar it-Trinità qaddisa.

Din il-ħajja ġdida għalhekk ma tfissirx biss il-ħajja tagħna wara l-mewt, iżda trid tfisser ukoll il-ħajja li ngħixu bejnietna fuq din l-art.

Meta Ġesù ta Ġismu bħala ikel u Demmu bħala xorb, ried jagħti u juri l-aħħar xewqat tiegħu dwar kif aħna bħala aħwa għandna nħobbu 'l xulxin.

Meta waqqaf l-Ewkaristija, Ġesù jurina mhux biss imħabbtu għalina iżda wkoll kif l-imħabba ta' bejnietna trid tmexxi l-ħajja tagħna ta' kuljum.

Biex jibqa' magħna sa l-aħħar, kif ħabb għall-aħħar lil tiegħu, li kienu fid-dinja, Ġesù tana lilu nnifsu bħala ikel u bħala xorb: f'kelma waħda, Ġesù ried li hu jgħix fina u aħna ngħixu bih u fih; insiru ħaġa waħda tant li Ġesù ikun il-valur assolut tagħna, ma nqiegħdu qatt lil Ġesù fit-tieni post.

Aħna nkunu ħaġa waħda ma' Ġesù meta nġibu ruħna ma' xulxin kif Ġesù kien iġib ruħu ma' kull wieħed u waħda minna: b'imħabba sħiħa.

Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni tallejla qed titlob minna l-impenn li l-ħajja tagħna bejnietna trid tkun imfassla fuq l-imħabba ta' Ġesù għalina.

U l-imħabba li Ġesù għandu lejna tidher sewwa mill-imġiba tiegħu fil-ħasil tar-riġlejn. Hija mħabba li tfisser qadi, servizz; hija mħabba li tinfirex fuq ħaddieħor u mhux tingħalaq fiha nfisha. Hija ċ-ċaħda tiegħek innifsek biex tagħti l-ħajja lil ħaddieħor.

Ġesù, li hu l-Imgħallem, ma stmerrx li jkun ta' servizz għall-Appostli. Kien ifittex Hu nnifsu li jiġborhom miegħu, igħaqqadhom miegħu. Kien jaf li mingħajru ma jistgħu jagħmlu xejn u għalhekk dejjem fittex li jkollhom l-għajnuna tiegħu. Ħabbhom fid-dgħufija tagħhom.

Ġesù dan għamlu biex iwissina fuq il-ħtieġa ta' din ix-xirka ta' mħabba bejnietna. Biex nersqu lejn l-Ewkaristija u Ġesù jkun ħaġa waħda magħna, jeħtieġ li qalbna tkun imnaddfa minn kull dnub ta' mibegħda. Ma nistax jien inżomm ruħi mifrud minn ħija jew oħti u fl-istess ħin irrid inkun ħaġa waħda ma' Ġesù.

Alla, għax ħabbna tassew, ried li jkun hemm mill-ġdid relazzjonijiet ta' għaqda miegħu, minkejja li aħna tbegħedna minnu min-ħabba d-dnub. Ġesù ried jagħtina jdejh u jwiżinna nitilgħu mill-waqgħat tagħna, mill-umiljazzjoni tagħna. Fejn hemm l-imħabba hemm il-qawwa tat-tama u tal-fejqan għax l-imħabba toħloq mill-ġdid relazzjonijiet tajba ta' għaqda, kif turina l-imħabba ta' Alla għalina.

Ma nibqgħux lura ma' min offendiena: jeħtieġ li nkunu aħna minn ta' l-ewwel biex inwaqqfu l-paċi bejnietna. Ma hemmx lok ta' skużi quddiem l-imħabba ta' Ġesù għalina.

U nkunu nħobbu tassew lil Ġesù fl-Ewkaristija jekk qabel nersqu biex nieħdu 'l Ġesù bħala ikel u xorb, l-ewwel naħfru lil min hu ħati għalina u nħobbuh u nixtiqulu l-ġid u nitolbu għalih.

Ġesù ħabbna; u l-imħabba tiegħu swietlu l-prezz ta' ħajtu stess. Dan igħallimna li aħna, meta nersqu għat-tqarbin, ma nistgħux nersqu bħala drawwa, ma nistgħux nersqu bħala mistednin għal xi ikla; meta nersqu biex nitqarbu nkunu nersqu biex indaħħlu lil Ġesù ġewwa fina, biex Ġesù jgħix fina u aħna fih; jeħtieġ għalhekk li l-ewwel ikollna l-paċi ma' kulħadd f'qalbna biex inkunu nistgħu nagħtu l-merħba tal-paċi lil Ġesù Ewkaristija.

Minn hawn ningħarfu li nirċievu 'l Ġesù f'qalbna meta jkollna ma' kulħadd il-paċi u l-imħabba, ukoll meta dan, biex nagħmluh, jiswielna tbatija, sagrifiċċju u umiljazzjoni. Ġesù tana eżempju li biex ikollna l-paċi u l-imħabba, wasal biex issagrifika lilu nnifsu.

## OMELIJA TA' L-ARĊISQOF FIL-VĠILI TA' L-GHID

Il-Knisja trid li dan il-lejl qaddis ikun okkażjoni ta' festa mfissra bid-dwal, id-daqq tal-qniepen u l-kant tal-Hallelujah.

Iżda sew li nistaqsu: "Għalfejn il-Knisja trid tagħmel festa?" Ir-risposta hija din: Il-Knisja trid li llum tkun għodwa ta' festa biex qlubna ta' spiss imtaqqla jinfetħu għall-festi ta' ħajja ġdida u ħielsa, ta' ħajja fil-Mulej. Nifirħu għax Ġesù qam mill-imwiet; nifirħu għax il-qawmien ta' Ġesù huwa realtà konkreta u l-fidi tagħna għalhekk għandha tabilħaqq pedament sod u qawwi.

Nifirħu bil-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet; iżda l-Knisja trid li l-Għid ikun għalina mhux biss tifkira jew ċerimonja ta' ġrajja li għaddiet: imma l-ferħ ta' realtà ġdida li hija tagħna, realtà li hi tagħna llum u tibqa' tul ħajjitna kollha. Il-Knisja għalhekk trid li aħna nħossu li l-Għid huwa l-festa tagħna, ta' kull wieħed u waħda minna.

Il-qawmien ta 'Ġesù jolqot il-ħajja u l-eżistenza kollha tagħna. Il-Knisja trid li aħna permezz ta' Ġesù rxoxt u flimkien miegħu, ngħajtu bil-ferħ għaliex aħna żguri mill-qawmien tagħna, għaliex nafu bir-rebħa tal-ħajja fuq il-mewt tagħna.

Permezz tal-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet aħna l-bnedmin għand-

na realtà ġdida, ħajja ġdida u ħielsa minn kull jasar tad-dnub, ħajja ġdida li ġġiegħelna nfittxu mhux il-ħwejjeġ ta' din l-art, imma l-ħwejjeġ tas-sema fejn Kristu hu fuq il-lemin ta' Alla.

Kristu qam mill-imwiet u aħna wkoll irxuxtajna ma' Kristu u nġarrbu ġewwa fina r-rebħa tal-ħajja fuq il-mewt.

Il-Knisja trid li l-festi ta' l-Għid ma jkunux għalina okkażjoni ta' aljenazzjoni, ta' ħarba mit-toqol tal-ħajja tagħna ta' kuljum. Jeħtieġ li ngħixu r-realtà tal-ħajja tagħna, iżda bil-qawwa li nqumu mid-dnub għall-ħajja ġdida u ħielsa fil-grazzja.

Id-dnub jagħmilna lsiera u jġib miegħu inkwiet, firda, mibgħeda u kull xorta ta' nġustizzja u vjolenza. Il-bniedem maħkum mill-vizzju, iħoss li ma għandux ħila jaqbad ħajja ġdida, ħajja tajba u ħielsa. Maħkumin mill-mibegħda, inħossu li ma nistgħux inħobbu, irridu l-ġid u nitolbu għal min hu ħati għalina. Ir-raġel jew il-mara miżżewġa li jkunu tilfu l-imħabba għal xulxin, iħossu li ma jistgħux jinqatgħu mill-imħabba illeġittima li forsi għandhom lejn ħaddieħor. Il-bniedem maħkum mill-flus u l-frugħat oħra tad-dinja ma jafx kif jista' jasal biex jobdi aktar lil Alla milli lill-bnedmin u l-ġibdiet ħżiena tiegħu.

Meta aħna nkunu maħkumin mid-dnub, aħna fil-fond ta' qalbna nbatu u fl-istess ħin naqtgħu qalbna li nistgħu qatt ikollna mill-ġdid ħajja ħielsa minn kull ħakma tal-ħażin; f'kelma waħda, nbatu u ma nħarsux lejn Alla għall-għajnuna, għall-ferħ għaliex f'ħafna okkażjonijiet nitilfu kull tama ta' ferħ, kull tama f'Alla.

Għaliex ilkoll ninsabu f'din is-sitwazzjoni ta' dnub, il-Għid igħidilna nifirħu għaliex il-qawmien ta' Ġesù huwa l-qawmien tagħna minn kull jasar. Kull wieħed minna, minkejja d-dnubiet tiegħu, jista' jikseb ħajja ġdida u jkollu l-ferħ f'qalbu. Il-qawmien ta' Ġesù igħidilna li dak li hu iebes u impossibbli għall-bnedmin, huwa faċli għal Alla. U hawn jidħol Alla: li jagħtina l-ferħ u l-paċi ta' qalbna li aħna waħedna ma nistgħux naslu biex niksbu.

Il-Knisja trid li nagħmlu festa għaliex il-ħakma tad-dnub spiċċat u l-bniedem jista' dejjem iqum mill-waqgħat tiegħu u jkun bniedem ġdid, ħieles minn kull jasar. Jeħtieġ biss li nemmnu li Alla jħobbna u jinteressa ruħu fina, jixtieq li nħobbuh, li jidħol fil-ħajja tagħna u nagħtuh l-ewwel post fil-ħajja u fl-egħmil kollu tagħna.

Jeħtieġ nemmnu li Alla jista' kollox u għalhekk jisboq kull ħsieb u qawwa tagħna. Dan nagħmluh, meta minflok ningħalqu fina nfusna fid-dwejjaq u l-gwaj tagħna, aħna nħarsu lejn Ġesù rxoxt li rebaħ id-dnub u l-mewt u nitolbuh jgħinna biex permezz tiegħu nkunu nies ħielsa, mogħnija b'ħajja ġdida, il-ħajja ta' l-istess Alla li jista' kollox.

Ġesù hu Alla ħaj li jista' kollox. Biżżejjed nafu mill-qari tal-Evanġelju illi Ġesù kien ġà qam meta l-bniedem ħaseb li rnexxielu jeqirdu billi qatlu, difnu u għalqu b'ġebla f'qabar u għamel għassa mal-qabar.

Ġesù qam, tana l-ferħ ta' ħajja ġdida li hi l-ħajja tagħna f'għaqda ma' Kristu ħajja li nixtieq tkun tagħkom ilkoll.

# MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF FL-OKKAŻJONI TAĊ-ĊENTINARJU TAL-KONVERŻJONI TA' SANTU WISTIN

Fl-ittra li bagħat lis-saċerdoti kollha għal Ħamis ix-Xirka din is-sena, il-Papa kiteb li l-konversjoni hi dejjem sigriet tal-qlub li ma humiex imxekklin f'egħmilhom u fl-istess ħin ukoll hi sigriet tal-grazzja ta' Alla, għalkemm lill-midneb li jikkonverti lanqas jonqsu d-dawl li jiġih mill-ministeru tas-saċerdot li, bil-kelma tiegħu, idawwallu l-kuxjenza u jurih it-triq li twasslu għand il-Missier (ara n. 11).

Dan kollu narawh iseħħ, b'mod tassew ta' l-għaġeb, fil-ħajja ta' Santu Wistin: proprju din is-sena l-Knisja qiegħda trodd ħajr lil Alla għaliex, sittax-il mitt sena ilu, seħħ il-miraklu tal-konversjoni tiegħu, miraklu tal-grazzja ta' Alla bħal dak ta' San Pawl. Iżda jekk il-konversjoni ta' San Pawl seħħet minnufih, malli, fit-triq ta' Damasku, Ġesù lil San Pawl qallu: "Sawlu, Sawlu, għaliex qiegħed tippersegwitani?" (Atti 9,4), dik ta' Santu Wistin ħadet iż-żmien u hi għalhekk ta' tagħlim għalina kif jaħdem Alla fil-qalb tal-bniedem bil-grazzja tiegħu u bil-ministeru tal-Knisja.

Omm Santu Wistin, Santa Monika, sa minn tfulitu kitbitu mal-katekumeni, iżda hu ma ġiex mgħammed minnufih għax dak iż-żmien kienet drawwa li s-subien ma jgħammduhomx qabel jikbru u juru x'ħajja se jgħixu. Għalkemm mhux mgħammed, Santu Wistin, sa minn ċkunitu, tgħallem mingħand ommu jħobb 'il Kristu u jifhem li ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih jistgħu jkunu salvi (ara Atti 4,12), u meta, żagħżugħ ta' xi ħmistax-il sena, wara li kien qara l-ktieb ta' Ciceron, *Hortensius*, tant xegħel b'imħabba għall-verità u tant xtaq jiksibha li mar ifittixha fl-Evanġelju, għax kien żgur li kien se jsibha biss fi Kristu. Iżda meta beda jaqra l-Evanġelju sab li l-kliem li bih kien miktub kien dgħajjef wisq ħdejn dak tal-kotba li kellu f'idejh, u għalhekk warrab l-Evanġelju fil-ġenb, mingħajr ma naqqas xejn mill-għatx tiegħu għall-verità. F'dak iż-żmien Alla laqqgħu mal-Manikej, nies li kienu jgħidu li huma biss kellhom il-verità kollha: issieħeb magħhom, iżda malajr intebaħ kemm kien fieragħ kliemhom, għax ħadd minnhom, lanqas l-iktar wieħed għaref fosthom, Fawstu l-isqof tagħhom, bniedem dħuli ħafna iżda ma jaf xejn, ma seta' jwieġeb għall-mistoqsijiet li kienu ilhom żmien iħabblu moħħ Santu Wistin. Kien il-Mulej li beda jmexxih mill-widien mudlama tad-dinja tal-frugħa u tal-qerq biex iwasslu għandu.

Għalkemm baqa' żmien sewwa msieħeb mal-Manikej, qatt ma sar wieħed minnhom, dejjem bit-tama li xi darba għad jikseb il-verità sħiħa; iżda għadda wkoll minn xi waqtiet ta' żmien li fihom ġieħ il-ħsieb li forsi l-verità qatt ma tista' tinkiseb żgur.

Sa dan it-tant sab ruħu Milan, u hemm il-Mulej laqqgħu ma' San Ambroġ: kienet ommu, Santa Monika, li qatt ma qatgħet qalbha li xi darba tara 'l binha nisrani mgħammed, li bagħtitu għand l-isqof b'xi diffikultajiet tagħha. San Ambroġ laqgħu bil-qalb u b'imħabba kbira, iżda l-laqgħa ma' San

Ambroġ lil Santu Wistin ma impressjonatux, u lanqas impressjonawh il-festi kbar li saru wara li nstabu l-iġsma tal-martri ta' Milan, San Ġervasju u San Protasju, u l-ġrajjiet l-oħra tal-knisja ta' Milan, ġrajjiet li fihom Santa Monika ħadet sehem sħiħ. Iżda laqtuh il-priedki ta' San Ambroġ: kien imur jisimgħu mhux biex jitgħallem minn għandu l-verità, imma għax kellu fama ta' oratur kbir. U l-Mulej inqeda bi kliem San Ambroġ beix idawwal il-fehma ta' Santu Wistin u jagħtih tweġiba sħiħa għall-mistoqsijiet li kien ilu s-snin jagħmel lilu nnifsu. Bi kliem San Ambroġ Alla wassal lil Santu Wistin għall-konversjoni fil-fehmiet tiegħu, wasslu biex jagħraf li l-verità sħiħa kienet biss fil-Knisja ta' Kristu, fil-Knisja Kattolika.

Għalkemm żgur mill-verità tal-fidi nisranija, kien għadu dgħajjef ħafna fir-rieda tiegħu; kien iħossu mingħajr ħila li jinfatam għal kollox mir-rabtiet tal-ħajja tad-dinja li kien igħix, biex igħix ħajja nisranija. Iżda l-Mulej kien qrib tiegħu wkoll f'dan il-waqt u bagħatlu saċerdot twajjeb biex ikellmu dwar il-konverżjoni ta' wieħed mill-aqwa għorrief ta' dak iż-żmien u dwar il-ħajja bogħod mid-dinja ta' ħafna nies fil-monasteri; semmielu l-fatt ta' żewġ żgħażagħ fis-servizz tal-imperatur li ħallew karriera mill-isbaħ biex jaqdu biss il-Mulej fit-talb u l-penitenza.

Santu Wistin ġietu għira qaddisa għal dawn in-nies: "Jekk dawn kienu kapaċi jirbħu lilhom infushom u jiċċaħħdu minn kollox ħa jaqdu l-Mulej, għaliex jien le?". U mħawwad u mbikki mar waħdu fil-ġnien tad-dar fejn kien joqgħod, u f'daqqa waħda sema' qisu għanja ta' tfajjel żgħir: "Hu u aqra! Hu u aqra!" Qam, ħa f'idejh ktieb li sab quddiemu, u beda jaqra: "Mhux bl-ikel iżżejjed u s-sokor, mhux biż-żina u tbaħrid, mhux bil-ġlied u l-għira, imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu" (Rum 13,13-14). Minnufih għeb minnu kull ma kien qiegħed ixekkel ir-rieda tiegħu; ħass ruħu ħieles għal kollox li jaqdi l-Mulej, u jaqdih billi joffrilu ħajtu kollha mhux biss bħala nisrani imma wkoll bħala ministru tal-verità. Konvertit fil-fehma u fir-rieda, Santu Wistin qabel jitgħammed ried igħaddi xi żmien ta' ġabra ma' ħbiebu, jiddiskuti magħhom ħa jsaffi ruħu minn kull fdal tal-fehmiet qarrieqa li kien ħaddan. Snin wara, meta kien isqof, huwa u jistqarr l-egħmejjel kbar tal-ħniena ta' Alla miegħu, kiteb: "Kemm ħabbejtek tard, ja ġmiel hekk qadim u hekk ġdid, kemm ħabbejtek tard! U ara int kont ġewwa fija u jien barra minni nnifsi... kont miegħi u jien ma kontx miegħek... int sejjaħtli u għajjattli... bħal berqa xħett iddija tiegħek fuqi u keċċejt il-għama tiegħi..." (Conf. 10,27). Bi kliemu stess Santu Wistin jistqarrilna li l-konverżjoni tiegħu kienet egħmil ta' Alla li, bil-grazzja tiegħu, bit-talb u l-biki u t-tħabrik ta' Santa Monika, bil-kliem ta' dawk li ltaqa' magħhom, kien qiegħed jaħdem f'qalb Santu Wistin biex iwasslu ħa jkun wieħed mill-akbar qaddisin tal-Knisja.

Il-konverżjoni ta' Santu Wistin, din is-sena, għandha tkun stedina għalina lkoll biex qatt ma naqtgħu qalbna mill-qawwa tal-grazzja ta' Alla, li taħdem fil-qalb ta' kull wieħed minna u, bil-ministeru tal-Knisja, tkun ħatar u għasluġ tagħ-

na fil-mixi f'din id-dinja sakemm ma nxekkluhiex bir-ras iebsa tagħna.

Jalla lkoll kemm aħna ngħarfu nagħmlu użu tajjeb mit-tagħlim li tagħtina l-ġrajja tal-konverżjoni ta' Santu Wistin, u b'rahan ta' dan minn qalbi kollha nagħti lill-komunità agostinjana Maltija u lil dawk kollha li se jieħdu sehem fil-festi li se jsiru b'tifkira tal-miraklu tal-konverżjoni ta' Santu Wistin, il-barka pastorali tiegħi.

Illum, 23 ta' Marzu, 1986, nhar Hadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.

## INTERNATIONAL ANTI-DRUG CONFERENCE

## ARCHBISHOP'S MESSAGE

Gentlemen,

With great pleasure I have accepted your invitation to be present and address the inaugural session of the International Anti-Drug Conference, being held on the initiative of the Lions' Club, Malta. Drug addiction is one of the great social problems of today, a problem which is troubling the whole of modern society, and governments everywhere, faced with this serious problem, are actively and urgently taking concrete steps to find a solution to the problem: this conference clearly shows that even here in Malta we are very much aware of the problem, and my presence here this morning is a clear indication that even the Church is very much aware of the problem and would like to help in its solution.

The Church's mission is not that of the State, but the Church has received from God the Word of Truth which enlightens men's consciences; by proclaiming this Word of Truth the Church shows her solidarity with today's society in its problems, reminding all that the great social problems of today are also moral problems.

Drug addiction is not only a social problem and a social malady; it is also a moral problem and the Church therefore can give a positive lead to its solution. In actual fact the Church has already given a significant contribution through Caritas Malta, the Church organisation for the co-ordination and the development of the social and the charitable activities of the Church in Malta. Among other services Caritas offers prevention and action programmes in schools and in the community, and rehabilitation to drug abusers and their families.

The Church thus, with the means at her disposal, is already helping drug addicts to rehabilitate themselves; she is also educating people and pointing out the social and moral evils of drug addiction; she can also indicate the causes which lead many people to become drug addicts. But the Church cannot track down drug trafficers, stop them from doing harm, punishing them. This is the

duty of the State and I am pleased to say that recently the Maltese Parliament has taken steps to solve the problem.

But if we really want to solve the drug problem, we must try to find out why people become drug addicts. Who are the drug addicts? Generally you meet them among the unemployed, the frustrated, among people from broken families or families with problems, among people with no ideal in life, people who have only experienced the dark side of life, who turn to drugs for a brief spell of joy and pleasure, a spell which ultimately may lead them to a slavery from which death alone can free them.

Frustration and unemployment can be overcome by an enlightened government policy which would provide work for all, and work according to one's inclinations and wishes. The problems of broken families can be solved by social workers: both the Church and the Government have social workers, who are doing sterling work, in spite of great difficulties coming, more often than not, from the families themselves. The activities of social workers can only be successful if they are considered not simply as the performance of a duty attached to an office, but as a mission in favour of those less fortunate in society and therefore more in need of help. In this the Church is the leader for she continually insists that all those who work for the benefit of others should be inspired by the spirit of Christ, who went about doing good and healing all (Acts 10,38) Where the spirit of Christ is missing, something essential to the success of any social activity will be lacking, for, unless one is moved by love for his fellow-men, he will never succeed in his work, and true love for one's fellow-men, is that inspired by the example of Christ.

Because all the social activities of the Church are inspired by Christ, a country which refuses the Church's help is doing a disservice to its people. Here in Malta we do appreciate the Church's role in the social field and we pray God that co-operation between Church and Government in this field will continue for the benefit of all so that, with God's blessings, in a short time, our drug problem will be solved.

Ċirkulari Nru. 157

## ID-DJAR TAT-TFAL

Nhar il-Hadd, 2 ta' Frar, il-Knisja tiċċelebra l-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, magħrufa fostna bħala l-Festa tal-Kandlora.

Fil-bidu tal-Quddiesa prinċipali ta' din il-ġurnata jitbierku x-xemgħat mixgħula li jkollhom f'idejhom dawk li jkunu qegħdin jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni. Ix-xemgħa mixgħula hi simbolu ta' Kristu, id-dawl tad-dinja.

Sa minn żmien l-aktar qadim eżistiet f'pajjiżna d-drawwa li, f'funzjoni apposta, il-Kappillani jikkonsenjaw waħda mix-xemgħat imbierka lil Mons. Arċisqof bħala xiehda tal-ubbidjenza filjali tagħhom lejn ir-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi.

L-offerta tax-xemgħa mill-Kappillani kif ukoll tal-ġbir għad-Djar tat-Tfal sejra ssir matul Quddiesa solenni li Monsinjur Arċisqof sejjer jikkonċelebra fil-Konkattidral ta' San Ġwann nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar, fis-6.30 p.m.

Hi tama tagħna li, bħal fis-snin l-imgħoddija, dawn l-offerti jkunu mill-aktar ġenerużi u li jkunu wirja sinċiera ta' l-imħabba li lkoll għandna lejn dawk li jinsabu fil-bżonn ta' għajnuna.

Għandna wkoll iċ-ċertezza li għall-Quddiesa tal-preżentazzjoni ta' dawn l-offerti lil Monsinjur Arċisqof jattendu nies mill-Parroċċi kollha ta' Malta u li jissieħbu mill-qrib fil-Liturġija Ewkaristika billi jersqu b'qalb niedmna lejn it-tqarbin imqaddes.

Din is-sena l-ġabra f'kull Parroċċa għandha ssir fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Hadd, 25 u 26 ta' Jannar.

*Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 14 ta' Jannar, 1986.*

ANNETTO DEPASQUALE
*Kanċellier*

CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

## Ċirkolari tad-Direttur tad-Djar tat-Tfal

Għażiż ħija fi Kristu,

L-Uffiċċju Ċentrali għad-Djar tat-Tfal, flimkien mal-Kapillani, qegħdin jorganizzaw ġurnata dedikata lit-tfal fil-kura tagħna fis-26 ta' Jannar, fl-aħħar Ħadd qabel il-Festa Liturġika tal-Kandlora. Qegħdin nitolbuk, ġentilment sabiex tingħaqad magħna ħalli lill-pubbliku Malti nfakkruh fit-tfal fil-bżonn, xinhu jsir għalihom, u kif jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom.

Xi punti li jistgħu jgħinuk twassal dan il-messaġġ huma: (1) L-Uffiċċju Ċentrali, li qiegħed taħt il-Palazz ta' l-Arċisqof il-Belt igħaqqad, igħin, u jmexxi d-Djar tat-Tfal kollha li huma parti mill-Kummissjoni Djoċesana. Huwa dan l-Uffiċċju fejn wieħed japplika sabiex idaħħal u joħroġ it-tfal mid-Djar tat-Tfal. Huwa l-Uffiċċju wkoll li jsegwi l-ħajja tat-tfal fil-kura tar-reliġjużi u jagħti pariri u jorganizza t-training ta' l-istaff. Ikun miftuħ kuljum, barra l-Ħamis u l-Ħadd, 9 — 12 a.m.

(2). Huma 14 id-Djar tat-Tfal li jmexxi l-Uffiċċju. Fihom hemm tfal minn trabi ta' ftit ġranet sa tfajliet li waslu biex jiżżewġu.

(3). Għandna Djar li fihom nilqgħu tfajliet li jkunu sejrin isiru ommijiet.

(4). Tkun idea tajba li wieħed ifisser fil-qosor ħafna, ix-xogħol li l-Kummissjoni twettaq fid-Djar tat-Tfal e.g. għajnuna lit-tfal orfni, abbandunati, tfal minn familji separati, morda, ħafna drabi mentalment, tfal li numru konsiderevoli minnhom ġejjin minn familji mħawwda eċċ. Id-Djar tat-Tfal jagħmlu ħilithom sabiex jissostitwixxu għal dan kollu, b'imħabba u dedikazzjoni kbira. Dan jinvolvi eluf ta' liri fi spejjeż. Niddependu kważi għal kollox mill-karità. Għalhekk tkun ta' għajnuna kbira jekk inħeġġuhom jagħtu flus u/jew oġġetti ta' l-ikel (mhux ħwejjeġ jew toys) u għajnuniet oħra (e.g. fil-homework, xogħol manwali, ħruġ tat-tfal, jobs għaż-żgħażagħ eċċ).

(5). Ngħinu lill-pubbliku jħossu konxju tar-responsabbiltà lejn dawn it-tfal li bi dritt qegħdin jitolbu minn għandna dak li fil-ħajja rċevejna aħna, imħabba u attenzjoni.

Nirringrazzjak bil-quddiem tal-kooperazzjoni tiegħek. Jekk ikollok xi każ li taħseb nistgħu ngħinu fih, irreferihulna u nagħmlu kull ma nistgħu.

Fr. ARTHUR BARBARA,
*Direttur.*

| KANDLORA '86 | Lm | | |
|---|---|---|---|
| | | Mqabba | 150 |
| | | Msida | 300.56 |
| Attard | 292 | Naxxar | 211 |
| Balluta | 500 | Paola (Kristu Re) | 651 |
| Balzan | 130 | Paola (Lourdes) | 81 |
| B'kara (S. Elena) | 745 | Qormi (S. Ġorġ) | 202.20,6 |
| B'kara (S. Ġużepp Had.) | 655 | Qormi (S. Bastjan) | 170 |
| B'buġa | 190 | Qrendi | 190 |
| Burmarrad | 50 | Rabat | 585 |
| Cospicua | 305 | Safi | 55 |
| Dingli | 163 | S. Ġiljan | 1024.91 |
| Fgura | 220 | S. Ġwann | 462 |
| Fleur de Lys | 100 | S. Luċija | 203 |
| Floriana | 301.05 | S. Pawl il-Baħar | 259 |
| Għargħur | 133.95 | S. Venera | 193.85 |
| Għaxaq | 159.56 | Senglea | 246 |
| Gudja | 124 | Siġġiewi | 180 |
| Gżira | 475 | Sliema (Stella Maris) | 559.10 |
| G'mangia | 123 | Sliema (S. Cuor) | 260.95 |
| Hamrun (Kunċizzjoni) | 311 | Sliema (S. Girgor) | 315 |
| Hamrun (S. Gejtanu) | 200 | Sliema (Nazzarenu) | 220 |
| Kalkara | 191 | Tarxien | 456 |
| Kirkop | 47 | Ta' Xbiex | 105 |
| Lija | 350 | Valletta (S. Pawl) | 231 |
| Luqa | 307.85 | Valletta (S. Duminku) | 399 |
| Manikata | 44 | Valletta (S. Wistin) | 114 |
| Marsa (Trinità) | 229 | Valletta (K. Katidral) | 180 |
| Marsa (M. Reġina) | 133 | Vittoriosa | 170.76 |
| M'xlokk | 135 | Wied il-Għajn | 85 |
| Mdina | 28 | Żabbar | 479 |
| Mellieħa | 280 | Żebbuġ | 340 |
| Mġarr | 206 | Żejtun | 273.05 |
| Mosta | 832 | Żurrieq | 504 |

## Omelija ta' Mons. Arċisqof fl-okkażjoni tal-Festa tal-Kandlora f'San Ġwann, il-Belt

### 3 ta' Frar 1986

Inġbarna hawn il-lejla biex inġeddu drawwa sabiħa; ġejtu l-lejla biex f'isem il-parroċċi tagħkom, tippreżentaw xemgħa mbierka fil-funzjoni tal-bieraħ, lili bħala r-ragħaj u l-għassies tal-poplu ta' Alla f'din il-gżira; ġejtu flimkien mar-rappreżentanti tal-parroċċi tagħkom biex turu r-rabta li hemm bejnietna lkoll, bejni bħala l-isqof tagħkom u bejnkom il-kappillani sħab miegħi fil-ħerqa pastorali għall-poplu ta' Alla, u dawk kollha, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li f'kull parroċċa qed jaħdmu għall-bini tas-saltna ta' Kristu fid-dinja.

Ġejtu mhux biss iġġibuli xemgħa li bid-dawl tagħha merfugħ fil-għoli tfisser il-ħerqa tagħna lkoll biex naħdmu ħalli Kristu jkun verament id-dawl li jdawwal id-dinja. Imma intom ġejtu wkoll biex toffruli l-għajnuna tagħkom għal dawk li fost it-tfal Maltin huma l-inqas ixxurtjati għax ma jistgħux igawdu l-hena fid-dinja. L-offerta tagħkom turi li intom fhimtu sewwa li s-servizz ta' l-imħabba għal min hu fil-bżonn huwa l-ewwel dmir tagħkom bħala l-poplu ta' Alla kollu mehdi fl-għemil it-tajjeb.

L-offerta tax-xemgħat u l-offerti tagħkom għad-djar tat-tfal din is-sena rrid inqishom bħala wirja ta' dak li għalih irid iwassal il-Pjan Pastorali li għadni kemm ħabbart. L-għan ewlieni tiegħu hija l-evanġelizzazzjoni u din trid isseħħ fl-ambjenti kollha tal-ħajja Maltija, fil-familji, fid-dinja tax-xogħol, fid-dinja tal-kultura, u trid isseħħ bil-ħidma tagħna lkoll: isqof, saċerdoti, reliġjużi u lajċi.

Ix-xemgħa li intom ser toffruli hija xhieda li intom ilkoll se tkunu mseħbin miegħi fil-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni, ħidma biex twassal id-dawl ta' Kristu fil-familji kollha ta' Malta, fil-postijiet kollha tax-xogħol, kull fejn jingħata tagħlim u edukazzjoni lit-tfal u ż-żgħażagħ biex bħala l-irġiel u n-nisa ta' għada jkunu ċittadini u nsara tajba.

Din il-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni trid twassal biex nagħarfu aħjar x'inhi l-Knisja u l-missjoni tagħha fid-dinja, ħalli aħna bħala membri ħajja tal-Knisja ta' Kristu nagħtu sehemna biex din il-missjoni tikber dejjem aktar u tissaħħaħ. Iżda biex dan iseħħ, irridu ngħixu ħajja ta' rabta sħiħa mal-Mulej, rabta li tiġi mis-sehem tagħna fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, l-aktar ta' l-Ewkaristija u l-Penitenza.

Għaliex aħna bnedmin dgħajfa, jeħtiġilna niġġeddu bla heda fil-ħsibijiet u l-għemil kollu tagħna u nfittxu kontinwament ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-bnedmin ħutna u npattu għan-nuqqasijiet tagħna b'għemil ta' penitenza u sagrifiċċju.

L-Ewkaristija mbagħad għandha tkun il-qofol tal-ħajja tagħna bħala nsara għaliex biha sseħħ dejjem aktar ix-xirka waħda ta' mħabba ma' Kristu u ma' ħutna l-bnedmin l-oħra.

Meta nagħmlu dan naslu biex nifhmu aħjar il-misteru tat-tbatija fil-ħajja tagħna ta' kuljum u f'qagħda ta' mħabba ma' kull min

hu mġarrab u qiegħed ibati, noffru t-tbatijiet tagħna ħa ntemmu f'ġisimna dak li hu nieqes mit-tbatijiet ta' Kristu għall-Ġisem tiegħu li hi l-Knisja.

Dan ukoll huwa l-għan tal-Pjan Pastorali: ħidma ta' djakonija, ta' servizz għall-bnedmin kollha li jinħtieġu l-għajnuna. Għalhekk il-Knisja għandha l-iskejjel tagħha, id-Djar tat-Tfal u tax-Xjuħ, iċ-ċentri ta' l-appostolat. Għalhekk tuża mill-aħjar li tista' l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. U f'din il-ħidma kollha trid timpenja lil kulħadd: saċerdoti, reliġjużi u lajċi.

Il-Pjan Pastorali jgħidilna b'liema mod nistgħu norganizzaw din il-ħidma kollha u jien għandi tama kbira li mhux se tonqosni l-kooperazzjoni tagħkom ilkoll. Kif ser turu bix-xemgħa li se toffruli, irrieda tagħkom li tikkooperaw miegħi fil-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni, hekk ser turuni li lesti tikkooperaw miegħi ukoll fil-ħidma tad-djakonija bl-offerti li qed tagħmlu għad-djar tat-tfal.

L-okkażjoni tal-lejla hija eżempju mill-isbaħ ta' kif il-Knisja Maltija qiegħda taqdi l-missjoni tagħha ta' servizz għall-bnedmin. Il-Knisja Maltija hi aħna lkoll, u l-lejla l-Knisja Maltija qed turi bil-fatti l-imħabba li għandha għal dawk li fost it-tfal Maltin, li jinħtieġu għajnuna akbar għax huma neqsin mill-faraġ li t-tfal isibu fi ħdan il-familji tagħhom. Dawn it-tfal, dan il-faraġ qiegħdin isibuh fid-djar tat-tfal fejn il-"house mothers" u l-"house fathers" qed jagħmlu ħidma ta' ġenituri ma' dawn it-tfal.

Dawn id-djar mhux il-lejla biss, imma matul is-sena kollha jeħtieġu l-għajnuna tagħna ukoll, u ma jinħtiġux biss l-għajnuna materjali. Hemm ħtieġa ta' nies voluntieri biex igħinu lil "house mothers" u "house fathers" fid-djar stess. Huma meħtieġa wkoll familji li jilqgħu għandhom, fi djarhom lil dawn it-tfal u jkunu qishom qraba kollhom imħabba għalihom.

Din il-ħidma l-Knisja Maltija diġà qiegħda tagħmilha iżda jeħtieġ tikber u tissaħħaħ, kif trid tikber u tissaħħaħ kull ħidma oħra ta' djakonija, ta' servizz li l-Knisja qiegħda tagħti fostna f'pajjiżna.

Bil-għajnuna ta' Alla u tal-Verġni Marija jiena żgur li dak li hu maħsub li jsir fil-Pjan Pastorali jseħħ bil-ħidma tagħna lkoll. Jiena se nħalli f'idejn il-Madonna dan il-Pjan Pastorali biex kif hi pprezentat lil binha Ġesù fit-tempju u offritu lil Missier għas-salvazzjoni tad-dinja, hekk issa toffrilu l-Pjan tagħna biex jagħmlu tiegħu, ibierku, iqaddsu u jgħinna nwettquh.

Ċirkulari Nru. 158

## IL-WASLA TAN-NUNZJU

5 ta' Frar, 1986.

Nhar it-Tlieta, 4 ta' Frar, wasal Malta l-Eċċellenza Tiegħu Rev.mu Mons. Pier Luigi Celata, Nunzju ġdid għal Malta.

Il-Ħadd li ġej, 9 ta' Frar, Monsinjur Celata sejjer iqaddes San Ġwann fil-11.00 ta' filgħodu. F'dik l-okkażjoni Monsinjur Giuseppe Mercieca, Arċisqof ta' Malta, f'isem id-Djoċesijiet ta' Malta u Għawdex, jagħmillu diskors ta' merħba u jintroduċih lill-Poplu ta' dawn il-gżejjer.

Monsinjur Arċisqof iridni nagħmel appell lil kulħadd biex jieħu sehem f'din il-Quddiesa ħalli flimkien, bħala familja waħda li r-ras tagħha hu Kristu nnifsu, nitolbu lil Alla biex jimla' n-Nunzju l-ġdid bl-Ispirtu qaddis tiegħu u jgħinu biex ikompli l-missjoni fdata f'idejh għall-ġid ta' kulħadd.

MONS. CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

ANNETTO DEPASQUALE
*Kanċellier*

Ċirkulari Nru. 159

## IR-RANDAN

Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Frar, il-Knisja tagħti bidu għar-Randan Imqaddes.

Din is-sena li ġiet magħżula mill-Għaqda tal-Ġnus Magħquda bħala s-Sena tal-Paċi għandha timpenja aktar mis-soltu f'taqbida kontra d-dnub u f'ħajja ta' aktar rażna u mortifikazzjoni.

Il-Konċilju, fil-Kostituzzjoni dwar il-Knisja fid-Dinja tal-lum, jgħidilna b'mod ċar li r-rieda tal-bniedem, li minnha jiġi kemm il-ġid kif id-deni, saret debboli minħabba d-dnub. Għalhekk, biex id-dinja teħles minn kull għamla ta' ġlied u vjolenza u tikseb paċi dejjiema kull bniedem irid jagħti s-sehem tiegħu b'rażna kontinwa ta' dawk il-passjonijiet li jiġbduh lejn il-ħażen (G.S. par. 78).

Dan hu dmir li għandna nwettqu ta' kuljum iżda aktar matul iż-żmien tar-Randan li hu żmien ta' penitenza u ta' konverżjoni lejn il-Mulej.

Monsinjur Arċisqof talabni nfakkar qabel xejn li nhar l-Erbgħa, Ras ir-Randan, u nhar il-Ġimgħa l-Kbira jkunu jiem ta' sawm u astinenza.

L-obbligu tas-sawm jorbot lil dawk li għandhom tmintax-il sena sa ma jidħlu fis-sittin sena, mentri l-obbligu ta' l-astinenza jorbot mill-għeluq ta' l-erbatax-il sena 'l fuq.

Monsinjur Arċisqof iridni wkoll infakkar li matul ir-Randan il-ġranet ta' ċaħda ma humiex dawk il-jumejn li fihom aħna obbligati għas-sawm iżda l-ġranet kollha ta' daż-żmien qaddis.

Dan jista' jsir b'ħafna manjieri. Fost ħwejjeġ oħra wieħed jista':

(a) jiċċaħħad xi drabi mil-laħam jew ikel ieħor; (b) jiċċaħħad minn xorb u/jew mit-tipjip; (ċ) jiċċaħħad minn xi divertiment (it-TV, film,

eċċ.); (d) jiċċaħħad minn xi nfiq żejjed u dak li jfaddal jagħtih karità; (e) jisma' l-Quddies kuljum; (f) jitlob aktar fil-familja, speċjalment billi jgħid ir-Rużarju flimkien mal-familja kollha.

Fl-aħħarnett Monsinjur Arċisqof iridni nfakkar li bħas-soltu matul ir-Randan sejrin isiru għadd ta' pellegrinaġġi li jkunu mmexxija minnu stess. Dawn il-pellegrinaġġi se jsiru:

16 ta' Frar — Żabbar — Hadd in-Nies. 21 ta' Frar — Birgu. 28 ta' Frar — Qrendi (Knisja tas-Salvatur). 7 ta' Marzu — Senglea. 14 ta' Marzu — Marsa — Marija Reġina. 21 ta' Marzu — Valletta — Duluri. 23 ta' Marzu — Valletta — Via Sagra.

*Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 5 ta' Frar, 1986.*

MONS. CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

ANNETTO DEPASQUALE
*Kanċellier*

Ċirkulari Nru. 160

## ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU

Bħas-snin ta' qabel, anki din is-sena s-Segretarjat ta' l-Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija sejjer jorganizza Ġimgħa ta' Sagrifiċċju bejn il-21 u l-25 ta' Marzu.

Matul din il-Ġimgħa, li tibda mal-Festa ta' Marija Santissima Addolorata u tispiċċa fil-Jum li jfakkarna fil-Passjoni u fil-Mewt ta' Ġesù, il-Knisja tagħmel appell lill-insara kollha biex jinġabru aktar fit-talb, iżidu fl-għemejjel ta' penitenza u jistagħnew spiritwalment b'ħidma ta' karità aktar intensa u mħabba fraterna.

Id-drawwa, li l-insara matul dan iż-żmien iżidu fiċ-ċaħdiet tagħhom, ilha sa mill-ewwel sekli tal-Knisja.

Kienet ukoll drawwa ta' l-insara li l-flus li jfaddlu miċ-ċaħdiet li jagħmlu jservu għall-opri ta' karità lejn l-aħwa.

Monsinjur Arċisqof jixtieq li din id-drawwa qaddisa titkompla u għalhekk talabni nagħmel sejħa lill-Maltin kollha biex it-tifdil li jsir, bħala frott taċ-ċaħdiet li wieħed iwettaq matul dil-Ġimgħa Mqaddsa, jingħata għall-għemejjel ta' ħniena nisranija.

Monsinjur Arċisqof għalhekk jixtieqni ngħarrafkom li l-ġbir li jsir fil-Knejjes tagħna nhar is-Sibt, 22 ta' Marzu, matul il-Quddies ta' filgħaxija u matul dak ta' nhar il-Hadd, 23 ta' Marzu, jingħata lill-Fond ta' l-Assistenza Soċjali ħalli jservi ta' għajnuna lil dawk li jinsabu fil-bżonn tal-karità tagħna.

*Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 11 ta' Marzu, 1986.*

CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

ANNETTO DEPASQUALE,
*Kanċellier*

Ċirkulari Nru. 161 (privata)

## EŻORĊIŻMI

Il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi ħarġet twissija serja ħafna dwar l-eżorċiżmi: il-Kongregazzjoni trid tfakkar li ebda persuna ma tista' tagħmel użu mit-talba ta' eżorċiżmu, li ġiet pubblikata b'ordni tal-Papa Ljun XIII, jew minn parti minnha, jekk ma jkollhiex il-permess meħtieġ mill-Isqof. Il-Kongregazzjoni twissi wkoll lill-Isqfijiet biex jaraw li ħadd ma juża talb għall-ħelsien mit-theddid tax-xitan jekk matulu jiġi direttament interpellat ix-xitan jew jekk jiġi mitlub jgħid min hu.

Dan ma jfissirx li ma għandniex nitolbu 'l Alla ħa jeħlisna minn kull deni kif għallimna l-Mulej għas-salvazzjoni tagħna. Hu bit-tisħib fis-Sagramenti Mqaddsa u bit-talb lill-Verġni Marija, l-Anġli u 'l Qaddisin li aħna nissaħħu fil-ġlieda tagħna kontra s-setgħat tal-ħażen.

Il-Kappillani għalhekk huma fid-dmir li jwasslu dawn id-direttivi tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi lis-Saċerdoti tal-presbiterji tagħhom biex jekk jafu b'xi uħud li f'xi laqgħat qed jagħmlu użu minn dan it-talb iwaqqfuhom minnufih.

*Partikoli Konsagrati*

Wieħed għandu jiġber ukoll l-attenzjoni tas-saċerdoti li meta jiġu biex jippurifikaw xi pissidi m'għandhom qatt jitfgħu fdal ta' partikoli fit-tazza tal-'Lavabo'.

Ikun aktar żball kbir meta partikoli konsagrati jiġu mitfugħa sħaħ fit-tazza tal-'Lavabo'.

Meta jkun hemm raġuni biex partikola kkonsagrata ma tingħatax għat-tqarbin din għandha tiġi mqegħda f'tazza bl-ilma u mqegħda ġewwa l-post li fih jiġi konservat iż-żejt tal-Griżma tal-Morda.

Wara li fil-ġudizzju prudenti tar-Rettur tal-Knisja l-ispeċi ewkaristiċi jkunu ddeterjoraw, l-ilma għandu jġii mitfugħ fis-sagrarju.

*Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 11 ta' Marzu, 1986.*

CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

ANNETTO DEPASQUALE,
*Kanċellier*

Ċirkulari Nru. 162

## IL-FESTA NAZZJONALI

Nhar it-Tnejn, 31 ta' Marzu, Malta tiċċelebra l-Jum Nazzjonali.

Il-Jum Nazzjonali joffrilna l-opportunità biex nagħtu wirja pubblika u sinċiera ta' l-imħabba lejn pajjiżna.

Pero' l-wirja ta' l-imħabba tagħna lejn Art Twelidna tkun tassew sinċiera jekk din tkun il-frott ta' l-onestà tagħna fuq ix-xogħol ,tar-rabta u l-għaqda ta' bejnietna minkejja d-differenza fl-opinjonijiet li nħaddu,

tat-taqbida tagħna kontra l-vjolenza, kontra l-vandaliżmu u kontra kull għamla ta' vizzju li jagħmel għajb lil kull soċjetà li trid timbena fuq is-sisien tal-veri valuri morali.

Għaliex aħna nemmnu li dan l-idejal għoli jista' jinkiseb fejn l-għajnuna ta' Alla ma tonqosx, Monsinjur Arċisqof jixtieq qabel xejn jara madwaru bosta Maltin jattendu għall-Quddiesa Pontifikali li hu sejjer iqaddes fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann nhar il-1 ta' Marzu fid-9.30 a.m.

Monsinjur Arċisqof jordna wkoll lill-Kappillani, lis-Superjuri Reliġjużi u lir-Retturi tal-Knejjes biex:

(a) qabel xejn, iħeġġu lin-nies li jattendu l-Knejjes tagħhom biex jitolbu lill-Mulej ħalli jxerred fuq pajjiżna l-barka abbundanti tiegħu; (b) jitkanta l-Innu Malti wara l-Quddiesa tal-Ħadd u tat-Tnejn, 30 u 31 ta' Marzu; (ċ) Fl-istess jiem fit-talba tal-Fidili jżidu l-invokazzjoni: "Ħares Mulej minn kull ħsara lil Art Twelidna, u sawwab fuqha l-Barka Tiegħek, li hi rahan ta' kull ġid materjali u spiritwali". (d) jinxtegħlu l-faċċati tal-Knejjes mis-7.00 p.m. sal-11.00 p.m.: i) Is-Sibt, 29 ta' Marzu. ii) il-Ħadd, 30 u t-Tnejn 31 ta' Marzu.

*Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, illum, 19 ta' Marzu 1986, Festa ta' San Ġużepp.*

CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

ANNETTO DEPASQUALE,
*Kanċellier*

Ċirkulari Nru. 163

## TALB GHALL-PAĊI

Fil-qagħda ta' tensjoni u ta' biża' li għaddejja minnha d-dinja, it-tama tagħna hija biss f'Alla għax Hu biss jista' jseddaq ħajjitna fis-sliem.

Għalhekk Monsinjur Arċisqof irid li fil-Knejjes kollha f'ħin l-iktar addattat għan-nies, f'ġurnata f'din il-ġimgħa, titqaddes il-Quddiesa għall-Paċi. (Sagramentarju Malti p. 905 bit-tielet Kolletta), bil-qari li ġej mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin:

Lezzjoni I p. 563
Salm responsorjali p. 561
Vers ta' l-Hallelujah u Evanġelju p. 563.

Sakemm iddum din il-qagħda fit-Talba tal-Fidili tiżdied kuljum din l-invokazzjoni:

"Qanqal, Mulej, qlub il-bnedmin li għandhom f'idejhom id-destin tad-dinja biex iwarrbu minnhom il-ħsibijiet ta' ġlied u ta' ħsara u jegħelbu t-tilwim bi ftehim bejniethom fir-rispett ta' xulxin."

*Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 14 ta' April 1986.*

CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

ANNETTO DEPASQUALE,
*Kanċellier*

Ċirkulari Nru. 164

## SAN ĠUŻEPP HADDIEM

Nhar il-Hamis, l-Ewwel ta' Mejju, id-dinja tiċċelebra 'Jum il-Haddiem'.

Sfortunatament f'dawk il-pajjiżi li ma humiex ispirati mill-prinċipji nsara 'Jum il-Haddiem' jiġi użat biex jixgħel is-sentimenti qodma tal-ġlieda tal-klassi u tal-mibgħeda bejn il-ħaddiem u min iħaddem.

Fostna ulied il-Knisja mwaqqfa minn Kristu, li għażel li anki hu jkun ħaddiem, dan m'għandux ikun.

Għalina l-insara 'Jum il-Haddiem' għandu jservi biex:

1) ifakkarna fl-imħabba li l-Mulej wera lill-bniedem meta għażlu biex, bid-dehen ta' moħħu u bix-xogħol ta' idejh, jikkopera miegħu l-opra tal-ħolqien u jgħin fl-iżvilupp ta' dinja aħjar.

d) jgħaqqad lil min jaħdem u lil min iħaddem f'rabta ta' rispett bejniethom u jġagħalhom ifittxu l-ġid ta' xulxin, fl-ispirtu ta' mħabba ta' aħwa, ulied l-istess Missier li jinsab fis-Sema.

3) joffrilna okkażjoni biex nirriflettu li bix-xogħol ta' idejna nistgħu nwettqu t-tqaddis ta' ruħna.

Huma dawn il-ħsibijiet li ġegħlu lill-Papa Piju XII jagħti lil 'Jum il-Haddiem' tifsira reliġjuża u li jagħżel dik il-ġurnata biex fiha l-Knisja tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp Haddiem.

Monsinjur Arċisqof riedni ngħarraf li nhar il-Hamis, 1 ta' Mejju, fl-10.00 ta' filgħodu sejjer iqaddes għall-bżonnijiet materjali u spiritwali tal-ħaddiema fil-Konkattidral ta' San Ġwann il-Belt.

F'din il-Quddiesa se jikkonċelebraw is-Saċerdoti li jagħmlu ħidma pastorali fil-fabbriki u fil-postijiet tax-xogħol. Ikun ħaġa sabiħa li, dawk kollha li jistgħu, jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

Monsinjur Arċisqof irid ukoll li l-Kappillani u r-Retturi tal-Knejjes, iħeġġu lin-nies tal-Parroċċa tagħhom ħalli jqaddsu l-festa ta' San Ġużepp Haddiem bit-tisħib fil-Quddiesa, bit-talb u bl-opri tajba.

*Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 22 ta' April, 1986.*

CARMELO XUEREB,
*Vigarju Ġenerali.*

ANNETTO DEPASQUALE,
*Kanċellier.*

Il-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem hija okkażjoni tajba biex aħna nifhmu aħjar is-sehem tagħna fid-dinja tax-xogħol u nagħtuh, dejjem, skond ir-rieda ta' Ġesù u l-Knisja tiegħu.

Il-Knisja hija ħafna qrib tal-ħaddiema u tħobbhom. Il-Konċilju Vatikan II, fil-messaġġ lill-ħaddiema, jgħidilhom ikunu żguri qabel kollox li l-Knisja taf it-tbatijiet, bittaħbit u l-battalji u t-tamiet tagħhom, u tapprezza ħafna l-virtujiet li jagħmlu nobbli lir-ruħ tal-ħaddiema, bħalma huma l-kuraġġ, iddedikazzjoni, il-kuxjenza professjonali u l-imħabba tal-ġustizzja.

Il-missjoni tal-Knisja għandha rabta kbira mad-dinja tax-xogħol. Għalkemm għandna nfittxu l-ħwejjeġ tas-sema, il-Knisja trid li nħossu ħafna d-dmir tagħna li naħdmu lkoll flimkien għall-bini ta' dinja aktar umana.

Alla jrid li l-bniedem, bixxogħol tiegħu jew bl-għajnuna tatteknika, barra li jipperfezzjona l-ħolqien u jiżviluppa lilu nnifsu, iħares il-kmandament kbir ta' Kristu u jagħti ruħu biex jaqdi lil ħutu. Dan kollu jgħinna nifhmu sewwa l-ħtieġa tan-nifs tar-ruħ spiritwali fid-dinja tax-xogħol. Mingħajr dan in-nifs, kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II, it-trasformazzjonijiet ta' l-għaġeb li taf iddinja ta' llum, ikunu jservu iżjed għad-deni milli għall-ġid.

Ġesù, kif tgħallimna l-Knisja tiegħu, irid li aħna nagħtu s-sehem tagħna fid-dinja tax-xogħol, billi qabel kollox inxandru u ngħixu l-verità u nġibu dejjem 'il quddiem il-ġustizzja. Dan hu l-messaġġ tal-Kristjaneżmu.

Il-verità fuq il-bniedem u s-soċjetà, flimkien mal-ħidma soċjali tagħna bħala nsara fid-dinja taxxogħol, għandhom il-qawwa li jibnu soċjetà li tixraq tassew lillbniedem, billi jibdlu fil-qawwa tarrispett u l-imħabba lejn il-proxxmu l-qawwa tal-flus u tal-poter.

Biex nagħtu sewwa dan issehem tagħna, jeħtieġ qabel kollox li nżommu quddiem għajnejna li dak li verament ikun jaħdem jibqa' dejjem il-bniedem u għalhekk ix-xogħol li jagħmel il-bniedem, kif ukoll il-problemi tax-xogħol jinvolvu dejjem aspetti morali u etiċi. Il-qofol tat-tagħlim tal-Knisja hija d-dinjità ta' kull bniedem, mogħtija minn Alla nnifsu. Il-bniedem, maħluq skond ix-xbieha ta' Alla huwa ħaġa sagra. Għalhekk huwa l-bniedem fih innifsu li jagħmel il-bażi ewlenija li fuqha għandu jitqies ix-xogħol.

Mhux il-bniedem għax-xogħol imma x-xogħol għall-bniedem. Filfatt it-tħabrik fih innifsu favur il-ħaddiem ma jfissirx biss tkattir ta' ġid materjali; dan it-tħabrik għandu jkollu fuq kollox tifsira spiritwali li hu l-għarfien tad-dinjità tal-bniedem.

Il-messaġġ ta' Kristu huwa li l-imħabba għal xulxin iġġib magħha ferħ u paċi. Iżda kif tgħallimna l-Iskrittura mhemmx paċi mingħajr ġustizzja.

Din l-imħabba għal xulxin mhix stedina iżda kmand. Huwa kmand li ġej minn Ġesù nnifsu biex aħna il għandna nħobbu lil xulxin, ilkoll naħdmu għall-għaqda bejn il-ħaddiema kollha jkunu liema jkun il-kulur politiku jew it-twemmin tagħhom.

Inkunu nonqsu kontra l-kawża tal-ħaddiema jekk għal xi skop ulterjuri tagħna aħna naħdmu biex naqsmu l-ħaddiema kontra xulxin. Mhix il-firda u l-mibgħeda li ssalva l-ħaddiema u ġġib 'il quddiem il-ħajja tiegħu u tal-familja tiegħu.

Imdawwlin u mqanqlin minn din il-verità fuq il-bniedem aħna nagħtu s-sehem tagħna fid-dinja tax-xogħol meta nħabirku biex jinħoloq spirtu tassew sinċier ta' solidarjetà bejn il-ħaddiema, solidarjetà tant meħtieġa biex nieqfu t-tkasbir tad-dinjità tal-bniedem bħala suġġett tax-xogħol, kull sfruttament fil-qasam tas-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tassigurtà soċjali.

Il-ġustizzja hija essenzjali biex ikun hemm il-paċi; madankollu l-ġustizzja ma tieqafx biss fil-kundanna ta' kull ma hu ħażin u kontra d-dinjità tal-bniedem iżda tagħmel pass pożittiv u deċiżiv billi tordnalna li nħobbu lill-proxxmu tagħna kollu bħalna nfusna. Din hija t-triq lejn il-qerda ta' kull sura ta' inġustizzja li tista' tinstab fil-qasam tax-xogħol.

Il-verità fuq is-soċjetà hi li s-soċjetà hija għall-bniedem u mhux il-bniedem għas-soċjetà. Huma l-bnedmin il jiffurmaw is-soċjetà u s-osċjetà għalhekk għandha d-dmir u l-iskop li ġġib 'il quddiem il-ġid tal-bniedem u tkun ta' servizz u għajnuna għalih. Is-soċjetà tagħmel strutturi soċjali biex tilħaq dan l-iskop tagħha; biex ikollna ordni, ġustizzja u paċi huma meħtieġa wkoll l-istrutturi soċjali. Madankollu l-iskop ta' dawn l-istrutturi irid iħares dejjem id-dinjità tal-bniedem, irid iħares ċerti dmirijiet u jeddijiet li joħorġu min-natura tal-bniedem innifsu.

Huma l-verità fuq il-bniedem, fuq is-soċjetà u l-ġustizzja soċjali li jridu jgħinuna biex neqirdu mill-egħruq is-suriet kollha ta' diżordni li jistgħu jolqtu l-ħaddiem. Hija din il-verità li tgħinna nibnu soċjetà ġdida fejn kulħadd iħabrek għall-ġid u l-paċi għax kulħadd ikun jaħdem għad-dinjità tal-bniedem.

Is-sehem tagħna bħala nsara hu li nwasslu din il-verità dwar il-bniedem u s-soċjetà u naħdmu għall-ġustizzja soċjali bi spirtu tassew nisrani. L-ispirtu nisrani jagħmilna nies ġodda. Dan ifisser li filwaqt li n-nisrani jibqa' bniedem bħall-oħrajn huwa jintagħżel, permezz ta' egħmilu li jixhed il-fidi tiegħu fi Kristu u l-Knisja tiegħu.

In-nisrani ma jista' qatt iqiegħed fuq l-istess livell dan il-messaġġ nisrani ta 'verità u ġustizzja ma' ideoloġiji ekonomiċi u soċjali li jistgħu jkunu varji u ħafna. Il-Kristjaneżmu mhux xi forma jew sistema ta' duttrina ekonomika jew soċjali. Il-Kristjaneżmu mhux xi suġġett li biżżejjed li nkunu nafuh jew naqraw fuqu, iżda hija l-fidi sħiħa tagħna fil-persuna ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla u l-fidi f'dak li kollu Ġesù, permezz tal-Knisja jgħallimna dwar Alla u l-bniedem. Il-Kristjaneżmu huwa ħajja ta' għaqda ma' Alla.

In-nisrani, f'dan il-qasam taxxogħol, u ordni soċjali m'għandux jistenna mingħand il-Knisja soluzzjonijiet ta' natura ekonomika jew politika. B'danakollu, in-nisrani fis-sehem li jista' jkollu fil-qadi ta' dawn il-ħidmiet ta' natura ekonomika jew politika, għandu jkun imdawwal dejjem mit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu. B'dan

il-mod in-nisrani ikun jagħti s-sehem tassew siewi għall-bini ta' dinja aħjar.

Nitolbu llum lil San Ġużepp Ħaddiem biex dejjem isaħħaħ fina l-fidi tagħna f'Ġesù u jagħtina l-kuraġġ li nagħtu dan is-sehem tagħna bħala nsara fid-dinja tax-xogħol.

## KOMUNIKAT TAL-KURJA DWAR ID-DAR TA' L-ARĊIPRIET TA' L-ISLA

Fid-dawl tar-rapporti fil-gazzetti ta' diskors fil-Parlament, l-Uffiċċju Stampa tal-Kurja jħoss li għandu jippubblika din l-informazzjoni dwar il-każ tad-dar ta' l-Arċipriet ta' l-Isla:

*Fil-5 ta' Jannar 1985* Mons. J. Sladden, li dak iż-żmien kien Arċipriet ta' l-Isla, kiteb lill-Housing Secretary u nfurmah li kienet tbattlet id-dar numru 18 Victory Str., l-Isla. Din id-dar hi proprjetà tal-Knisja u l-Knisja se jkollha bżonnha bħala "Domus Curialis" — dar tal-Kappillan — għall-Arċipriet li kien se jinħatar wara Mons. Sladden. Id-dar li kien jokkupa Mons. Sladden ma kenitx proprjetà tal-Knisja u huwa se jibqa' joqgħod fiha.

Minkejja din l-ittra, *fit-22 ta' Jannar 1985* is-Segretarju tad-Djar ħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni fuq id-dar imsemmija u talab lill-Knisja tgħid jekk għandhiex "xi raġunijiet x'tagħti dwar din l-Ordni".

*Fis-26 ta' Jannar* l-Arċipriet ta' l-Isla rrefera lis-Segretarju tad-Djar għall-ittra tal-5 ta' Jannar u reġa' tenna li d-dar hija meħtieġa biex isservi bħala dar tal-Kappillan.

*Fis-6 ta' Frar* Dr. Paul Mallia, l-assessur tal-Kurja, kiteb lis-Segretarju tad-Djar u qallu li l-Arċisqof innifsu talbu jikteb biex jappoġġja dak li kien kiteb l-Arċipriet ta' l-Isla. Talab ukoll biex toħroġ Derequisition Order biex ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ biex id-dar tista' tibda tintuża bħala Dar tal-Kappillan.

*Fil-5 ta' April* is-Segretarju tad-Djar kiteb lill-Arċipriet ta' l-Isla u talbu ċ-ċwievet tad-dar. Infurmah ukoll li jekk ma jagħmilx hekk ikollu joħroġ ordni ta' żgumbrament (eviction order).

*Fid-19 ta' April* Dr. Paul Mallia, l-assessur tal-Kurja, għarraf lis-Segretarju tad-Djar li d-dar imsemmija hija d-dar tal-parroċċa ta' l-Isla u li fiha kien hemm ir-"records" tal-parroċċa.

*Fl-4 ta' Ottubru* s-Segretarju tad-Djar kiteb lill-Arċipriet ta' l-Isla ittra bħal dik tal-15 ta' April.

*Fis-16 ta' Ottubru* Dr. Paul Mallia, kiteb lis-Segretarju tad-Djar u għarrfu li Mons. Arċisqof kien għażel Arċipriet ġdid għall-Isla. Dan l-Arċipriet flimkien ma' ommu ta' 80 sena kienu se jabitaw fid-dar imsemmija. L-avukat Mallia innota wkoll illi l-kwistjoni mqajma fl-ittra tas-Segretarju tad-Djar kellha applikazzjonijiet serji ħafna. Huwa ssuġġerixxa li *flimkien ma' rappreżentant ta' l-Arċisqof jiltaqa' mas-Segretarju tad-*

*Djar biex jiddiskutu l-materja.*

*Fl-4 ta' Novembru* s-Segretarju tad-Djar kiteb lill-Avukat Mallia u talbu biex igħid kemm kienet ilha tintuża bħala Domus Curialis id-dar in kwistjoni.

*Fis-6 ta' Novembru* Dr. Mallia reġa' għarraf lis-Segretarju tad-Djar li sa minn meta mietet il-persuna li kienet tokkupa d-dar l-Arċipriet ta' l-Isla b'ittra datata 5 ta' Jannar kien għarraf lis-Segretarju tad-Djar li d-dar imsemmija kienet ser tibda tintuża bħala Domus Curialis. Fil-fatt xi żmien wara r-"records" tal-parroċċa ttieħdu f'dik id-dar. L-Arċisqof kien għażel Arċipriet ġdid għall-Isla u dan flimkien ma' ommu ma kellhom imkien fejn joqogħdu fl-Isla ħlief fid-dar ta' 18 Victory Street.

*Huwa reġa' tenna l-proposta tiegħu biex flimkien ma' rappreżentant ta' l-Arċisqof jiltaqa' mas-Segretarju tad-Djar.*

*Fis-27 ta' Jannar 1986* is-Segretarju tad-Djar permezz ta' l-uffiċjali tiegħu sgassa l-bieb tad-dar imsemmija, għamel nota ta' x'sab u biddel is-serratura tal-bieb, b'mod li ġie ostakolat l-aċċess għad-dar għall-Arċipriet ta' l-Isla.

Ta' min iżid ukoll li:

(1) il-Liġi tal-Knisja tobbliga lill-Kappillan li joqgħod f'Dar Parrokkjali viċin il-Knisja tiegħu;

(2) l-offerta li l-assessur tal-Kurja għamel darbtejn biex flimkien ma' rappreżentant ta' l-Arċisqof jiltaqa' mas-Segretarju tad-Djar, sal-lum għadha ma ġietx imwieġba.

## RELAZIONE

### sul censimento degli organi maltesi, effettuato nei mesi di Luglio-Agosto 1985

Nell'anno europeo della musica si è cominciato nella Diocesi di Malta l'importante lavoro di catalogazione e schedatura degli antichi organi maltesi.

Lo scrivente Luciano Buono, laureando in Discipline della Musici all'Università di Bologna, ha effettuato i sopralluoghi ed i rilevamenti sugli strumenti antichi: ciò è stato fatto con la preziosa collaborazione del Can. Don Giovanni Azzopardi, curatore del Museo della Cattedrale di Mdina, della Commissione di Musica Sacra diocesana e dell'NSTF, rappresentato dal Signor Lino Mintoff.

La ricerca, che dato l'esiguo tempo impiegato si limita ad una disamina generale della maggior parte degli organi antichi maltesi, ha messo in evidenza un patrimonio musicale ed artistico proporzionato all'importanza storica dell'isola.

Essa ha mirato al censimento degli organi antichi maltesi e ha messo in evidenza le principali caratteristiche techniche degli strumenti: numero delle tastiere e loro estensione, estensione della pedaliera, denominazioni e funzionamento dei mantici, presenza di accessori, descrizione della cassa (con eventuali decorazioni artistiche) ed infine lo stato generale di

conservazione e di integrità dello strumento, documentato con foto e diapositive.

Si sono inoltre notate le eventuali notizie sulla costruzione degli organi, desumibili da iscrizioni poste sulla cassa o all'interno del somiere e da notizie di archivio.

Ecco l'elenco delle città e delle chiese visitate per la ricerca, con la data o l'epoca di costruzione dell'organo relativo:

ATTARD, Parr. S. Maria — organo fine '800.

BALZAN, Parr. Maria SS. Annunziata — organo fine '800.

BUBAQRA, Ch. S. Maria — organo settecentesco.

COSPICUA, Parr. Immacolata — organo del 1862.

GHARGHUR, Parr. S. Bartolomeo — organo fine '800.

GHAXAQ, Parr. Maria Assunta — organo del 1769.

GUDJA, Parr. Maria SS. Assunta — organo settecentesco.

HAMRUN, Parr. S. Gaetano — organo primi '900.

LIJA, Parr. SS. Salvatore — organo del 1910.

Ch. Madonna dei Miracoli — organo del 1910 ca.

MDINA, Museo della Cattedrale — organo positivo settecentesco.

Monastero S. Pietro — organo positivo del 1774.

Chiesa S. Pietro — organo del 1730.

Cattedrale SS. Pietro e Paolo — organo del 1774.

Ch. Maria Annunziata — organo fine XVII sec.

MOSTA, Parr. Maria SS. Annunziata — organo fine '800.

Parr. Maria SS. Annunziata — organo del 1933.

NAXXAR, Parr. Madonna Bambina — organo primi '900.

QORMI, Parr. S. Giorgio — organo ottocentesco.

QRENDI, Parr. — organo del 1778.

RABAT, Parr. S. Paolo (Oratorio di S. Publio) — organo del 1726.

Ch. Madonna dei Doni — organo del 1753.

Ch. S. Maria di Gesù — organo del 1893.

Ch. S. Maria della Grotta — organo del 1829.

Ch. S. Francesco d'Assisi — organo dei primi del '900.

SENGLEA, Ch. S. Filippo — organo primi '900.

TARXIEN, Parr. Annunciazione — organo del 1775.

VALLETTA, Parr. S. Paolo — organo primi del '900.

Ch. S. Rocco — organo settecentesco.

Ch. Madonna della Vittoria — organo del 1872.

Ch. del Ġesù — organo settecentesco.

Ch. S. Domenico — organo del 1940 ca.

VITTORIOSA, Ch. S. Scolastica — organo positivo settecentesco.

ŻEBBUĠ, Parr. S. Filippo d'Agira — organo primi '900.

Ch. Nostra Signora — organo positivo settecentesco.

ZEITUN, Ch. S. Maria — organo positivo settecentesco.

Dei 36 organi studiati, costruiti tra il XVIII ed il XX secolo, ben 17 risalgono al XVIII e la maggior parte di essi è in buone condizioni di funzionamento. La loro provenienza è molti casi italiana, ma non si può escludere che qualche esemplare sia stato costruito in loco da maestranze maltesi.

Tra gli organi più moderni pre-

dominano invece gli organi costruiti dal cav. Inzoli Pacifico di Crema tra la fine del XIX e gli inizi del XX secolo: tra essi primeggia per grandiosità l'organo della parrocchia SS. Annunziata di Mosta, che consta di 43 registri per un totale di circa 2.500 canne!

Inoltre è da notare la preziosità di alcune casse d'organo dipinte o decorate da intagli che fanno di alcuni organi vere e proprie opere d'arte.

Pertanto questo lavoro iniziale di catalogazione ha messo in evidenza il patrimonio organario presente nell'isola: molto però deve essere fatto affinché questo patrimonio non vada irrimediabilmente perduto. Troppo spesso, infatti, gli antichi organi vengono trascurati se non addirittura abbandonati per fare posto a nuovi strumenti: a volte ci siamo trovati davanti a "resti" di organi antichi, come canne accatastate alla rinfusa, o peggio ad organi "stravolti" per l' incuria e l'abbandono.

Ci auguriamo che questo lavoro di censimento possa servire di sprone perché sia iniziata una adeguato opera di restauro: daltronde non manca la buona volontà dei sacerdoti che hanno collaborato per la buona riuscita della ricerca. Ad essi, ed a tutti coloro che ci hanno aiutato, va il nostro più vivo ringraziamento.

Speriamo quindi che quest'anno dedicato alla musica possa vedere rinascere nella Diocesi di Malta l' interesse per questo strumento così antico e importante, e svolgere così l'insostituibile funzione di "anima della chiesa", come l'ha brillantemente definita un frate maltese.

Mdina, Agosto 1985

LUCIANO BUONO

## RAPPORT DWAR IX-XOGHOL TAT-TRIBUNAL EKKLESJASTIKU GHAS-SENA 1985

Is-sena 1985 għalqet bir-rekord ta' l-akbar għadd ta' kawżi ppreżentati fil-Kanċellerija tat-Tribunal kif ukoll bl-akbar numru ta' każijiet li bdew jiġu proċessati. Infatti sa l-aħħar ta' Diċembru ġew ippreżentati 66 każ ġdid u l-Imħallfin bdew jipproċessaw 84 każ ġdid. Dan in-numru jeskludi ħafna oħrajn li jkunu ġew b'mod preliminari jikkonsultaw ruħhom biex jaraw jekk għandhomx bażi ġjuridika biex jibdew il-każ tagħhom.

Iż-żieda konsiderevoli f'dan in-numru jista' jiġi attribwit għal dawn il-fatturi:

(1) Nuqqas ta' preparazzjoni serja għaż-żwieġ kemm f'dak li jirrigwarda n-natura u r-responsabbiltajiet taż-żwieġ kif ukoll l-idea ta' sagrifiċċju bħala t-twettiq tal-vera mħabba. Qed tingħata wisq importanza għat-teknika tal-ħajja miżżewġa b'mod speċjali fl-aspett sesswali tagħha waqt li qed jiġi traskurat l-aspett sagramentali u l-ħajja tal-grazzja fiż-żwieġ nisrani. B'hekk ħafna qed jitilfu l-veru sens

taż-żwieġ nisrani u jkun faċli għalihom li ma jarawx id-distinzjoni essenzjali bejn żwieġ nisrani u dak ċivili. Dan jidher meta f'ħafna każijiet ta' żwieġ ċivili l-partijiet jippretendu li għandhom dritt għall-Ewkaristija għaliex huma mhumiex qed jagħmlu xejn ħażin. Ta' min hawnhekk isemmi li jeżistu każijiet ta' saċerdoti mhux qed isegwu l-Maġisteru tal-Knisja u li qed jiffurmaw ħażin il-kuxjenza ta' xi wħud f'dan ir-rigward.

(2) Nuqqas ta' screening meħtieġ biex wieħed jiġi aċċettat għal żwieġ kanoniku: dan jirrigwarda (a) il-kappillani meta jagħmlu l-hekk imsejjaħ eżami taż-żwieġ fejn irid jingħata ġudizzju mhux biss jekk l-għarajjes jafux ir-reliġjon iżda jekk humiex imhejjija u kapaċi biex jassumu r-responsabbilitajiet taż-żwieġ; (b) l-uffiċċju taż-Żwiġijiet tal-Kurja li ma għandux jammetti għaż-żwieġ min ma jkunx ippreparat jew mhux kapaċi. Aħjar ħafna drabi nissugraw li xi wħud jiżżewġu ċivilment milli jagħmlu żwieġ kanoniku invalidu bil-konsegwenzi kollha li jġib miegħu żwieġ simili.

(3) In-nuqqas ta' parir tajjeb ta' xi saċerdoti, xi kultant kappillani, li ma għandhomx esperjenza fix-xogħol tat-Tribunal u li jagħtu speranzi vani meta ma jkun hemm anqas ebda ċans li tinbeda kawża.

(4) Il-faċilità biex wieħed jottjeni annullament ċivili. Kellna diversi każijiet meta l-annullament ċivili ġie mogħti fuq il-kelma tal-partijiet mingħajr ma nġiebu ebda provi. Ma hemmx għalfejn ngħid li diversi drabi d-deċiżjonijiet tagħna ma jaqblux ma' dawk ċivili. Iżda qed jiġri li meta wieħed jottjeni annullament ċivili jippretendi li ser ikun faċli għalih li l-Knisja tiddikjara null iż-żwieġ tiegħu.

Biex nieħdu idea tax-xogħol li sar ma' tul is-sena li għaddiet nagħtu ftit statistika:

Ma' tul is-sena 1985 fit-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza ġew konklużi 54 każ li huma mqassmin b'dan il-mod:

29 każ ta' nullità taż-żwieġ

1 każ ta' Dispensa minn żwieġ mhux ikkunsmat

4 każijiet ta' Dispensa In Favorem Fidei i.e. ta' żwieġ li kien sar ma' parti mhux imgħammda, ġeneralment Mussulmana

4 każijiet fejn ma ġietx aċċettata d-domanda għaliex ma kienx hemm bażi fuq hiex jiġi eżaminat il-każ

16-il każ ta' Rogatorji minn Tribunali Esteri.

Id-disa' u għoxrin każ ta' nullità ta' żwieġ huma mqassmin b'dan il-mod:

(i) Ingħataw 23 il-Sentenza li minnhom 20 kellhom esitu affirmattiv u 3 esitu negattiv.

(ii) Is-6 każijiet l-oħra ntemmu għaliex f'każ wieħed il-partijiet irrinunzjaw għall-kawża u reġgħu rrikonċiljaw irwieħhom, u fil-ħamsa l-oħra l-partijiet tilfu kull interess fil-kawża.

(iii) Skond il-"capita" eżaminati fis-Sentenzi ngħataw dawn id-deċiżjonijiet (f'Sentenza waħda jista' jkunu eżaminati aktar minn "caput" wieħed):

| "Caput" | Affirmattivi | Negattivi |
|---|---|---|
| (a) Simulatio Totalis | 3 | 3 |
| (b) Exclusio Boni Fidei (Fedeltà) | 1 | – |
| (c) Exclusio Boni Sacramenti (Indissolubilità) | – | 2 |
| (d) Exclusio Boni Prolis (Tfal) | 2 | 2 |
| (e) Exclusio Consortium vitae (L-għaqda intima tal-ħajja u mħabba) | 1 | – |
| (f) Conditio (Kunsens Kundizzjonat) | 1 | – |
| (g) Vis et Metus (Forza u Biża') | 2 | – |
| (h) Ignorantia | – | 1 |
| (i) Error personae (żball dwar xi kwalità essenzjali tal-persuna) | – | 1 |
| (j) Defectus Discretionis (Difett ta' Diskressjoni ta' Ġudizzju) | – | 3 |
| (k) Inabilitas assumendi onera (Inabilità biex jitwettqu d-dmirijiet taż-żwieġ minħabba raġunijiet ta' natura psikika) | 11 | 5 |
| (l) Proċess dokumentali (minħabba żwieġ ieħor validu) | 1 | – |

Biex wieħed jagħti idea tad-diżordni tal-personalitajiet li ġew eżaminati wieħed jista' jsemmi li kien hemm 4 każijiet ta' "paranoid personality", 3 ta' "Emotional Immaturity"; 2 ta' "Narcissistic personality", "Bordline personality", "Histrionic personality", Omosesswalità; 1 ta' "Hypomania", "Cyclothymic personality",, "Deprivation Neurosis."

Kien hemm każ wieħed ta' nonkonsummazzjoni li ġie mibgħut lis-Santa Sede u ġie deċiż b'mod affirmattiv billi ngħatat id-Dispensa.

Ġew proċessati wkoll 4 każijiet ta' Dispensa "In Favorem Fidei" li minnhom 2 kellhom esitu affirmattiv għaliex kienu involuti Mussulmani waqt li t-tnejn l-oħra kellhom deċiżjoni negattiva għaliex ma ġiex ippruvat li l-parti l-oħra ma kienetx mgħammda.

Ma' tul is-sena rċevejna wkoll 16-il każ ta' Rogatorji mit-Tribunali Esteri li kollha ġew konklużi ma' tul is-sena.

Dwar it-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza bdew jiġu eżaminati 21 każ ġdid u ġew konklużi 22 każ li minnhom 18 ikkonfermaw bid-Digriet is-Sentenza ta' l-Ewwel Istanza; kien hemm 2 każijiet li sar il-proċess ordinarju li f'każ wieħed ingħatat Sentenza Affirmattiva li kkonfermat is-Sentenza ta' l-Ewwel Istanza u fl-ieħor ingħatat Sentenza negattiva u l-każ kellu jintbagħat lis-Sagra Romana Rota biex jiġi trattat f'Appell fit-Tielet Istanza.

Kif wieħed jista' jara x-xogħol tat-Tribunal kien wieħed intensiv, speċjalment meta wieħed jikkunsidra n-numru limitat ta' l-Imħallfin u ta' l-uffiċċjali l-oħra tat-Tribunal. Ma nistax ma nroddx ħajr lir-reliġjużi ta' l-għajnuna disinteressata tagħhom kif ukoll liż-żewġ saċerdoti psikologi li minħabba l-kompetenza tagħhom u l-fatt li jifhmu aktar minn psikjatri lajċi dak li kanonikament huwa meħtieġ għall-validità taż-żwieġ qed igħinu b' mod konkret lill-Imħallfin biex jaslu għad-deċiżjonijiet tagħhom.

Ma' tul is-sena li għaddiet kellna wkoll l-għajnuna ta' xi semi-

naristi f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol tal-Kanċellerija tat-Tribunal u ta' Attwarji. Bi ftehim mar-Rettur tas-Seminarju qed nippruvaw li s-seminaristi jkollhom ftit ta' l-esperjenza fix-xogħol tat-Tribunal billi jkollhom kuntatt dirett mal-każijiet li qed jiġu eżaminati biex dan iservihom meta aktar 'il quddiem ikunu inseriti fil-ħidma pastorali.

Nisperaw li ma' tul is-sena li ġejja t-Tribunal jibda jagħmel użu minn computer biex ix-xogħol jitħaffef u jsir b'aktar effiżjenza.

Fl-aħħarnett, minħabba l-akkuża li soltu ssir anki fil-ġurnali li biex tagħmel kawża fit-Tribunal Ekklesjastiku jrid ikollok ħafna flus, tajjeb li wieħed ikun mgħarraf dwar il-ħlasijiet li saru matul is-sena li għaddiet minn dawk li ġie konkluż il-każ tagħhom, u dan biex inkunu nistgħu nirrispondu għall-akkużi li soltu jsiru f'dan ir-rigward. Mid-38 każ konklużi, għaliex it-Tribunal ma jippretendix ħlasijiet ta' Rogatorji u ta' domandi li ma jiġux aċċettati, 21 ma ħallsu xejn, 7 ħallsu biss parti mill-ispejjeż u 10 ħallsu l-ispejjeż kollha. Ta' min isemmi li bħala regola dawk li ma ħallsu xejn jew biss parti ta' l-ispejjeż ikollhom ir-rakkomandazzjoni tal-kappillan li ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsu spejjeż tat-Tribunal. Biss ma nistgħux ma nirriferux għal xi każijiet ta' dawk li japprofittaw irwieħhom u li jkunu f'pożizzjoni li jħallsu l-ispejjeż u jibqgħu ma jagħmlux dan. Evidentement it-Tribunal ma għandux il-mezzi biex iġiegħlhom jagħmlu dan. L-ispejjeż ta' kawża jvarja minn Lm150 sa Lm250 u dan jiddependi min-numru tas-seduti li jkunu saru, mill-ispejjeż tat-tobba, spejjeż tal-kanċellerija speċjalment fotokopji eċċ. Ta' min isemmi li bis-servizz mogħti miż-żewġ psikologi saċerdoti l-ispejjeż konsiderevoli tat-tobba psikjatri ġew imnaqqsa.

Valletta 10 Frar 1986.
Monsinjur Arthur Said Pullicino,
Vigarju Ġudizzjali.

## KUMMISSJONI KATEKETIKA NAZZJONALI
## RAPPORT TA' HIDMA 1985

**Introduzzjoni**

"L-iktar ħaġa prattika hi teorija tajba" (Kurt Lewis). Il-Kummissjoni taf li l-katekisti u operaturi pastorali oħra qrib tal-qasam kateketiku, jeħtieġu u jridu ħafna mezzi prattiċi biex jeżerċitaw il-missjoni tagħhom: kotba, ċelebrazzjonijiet, kant, stampi, slides, features u l-bqija. Imma temmen ukoll li l-iktar ħaġa prinċipali u meħtieġa f' kull żmien, mill-aktar fis fi żmienna, hi l-formazzjoni sħiħa tal-katekisti tagħna: il-bidla meħtieġa fil-mentalità, fir-rotta. Hi l-ħtieġa ta' ideat ċari, ta' "teorija tajba". Dik hi tassew l-aktar ħaġa prattika.

Għalhekk mingħajr ma tittraskura li, id f'id ma' kummissjonijiet u Entijiet Djoċesani oħrajn, tipproduċi mezzi aġġornati u adattati għall-użu tal-katekisti kollha, il-Kummissjoni tfittex qabel xejn li tkun strument ta' formazzjoni dejjem sejra

għall-kategoriji kollha ta' dawk li jaħdmu fil-qasam kateketiku. Għax katekisti aġġornati tassew jafu li bil-għajnuna dejjiema tal-Mulej, l-aqwa għodda fit-tħabbir u l-approfondiment tal-Kelma huma, il-persuna tagħhom, ix-xhieda tagħhom. Katekisti tassew iffurmati jafu jaġġornaw u jadattaw kull mezz tajjeb għall-oqsma tagħhom. Għall-kuntrarju, katekisti bla formazzjoni dejjem sejra, jistgħu jkollhom f' idejhom l-iktar mezzi moderni u sofistikati, għax xorta ma jinqdewx tajjeb bihom.

Għalhekk, ir-Rapport li ġej jemfasizza dawn iż-żewġ oqsma ta' teorija u prattika. Persważi li baqa' ħafna xi jsir, fiż-żewġ oqsma. Imma ferħanin ukoll li, bil-grazzja ta' Alla u bl-għajnuna ta' ħafna — kappillani, saċerdoti, reliġjużi, katekisti, għalliema u individwi oħra — il-ħidma kateketika fid-Djoċesi, bil-mod il-mod riesqa biex tingħata l-prijorità li jistħoqqilha, fil-moħħ, fil-ħin, fil-persuni, fil-finanzi u l-bqija.

**(1) Jum it-Tagħlim Nisrani (29/9/85)**

Is-suġġett magħżul għal Jum it-Tagħlim Nisrani ta' din is-sena ġie milqugħ tajjeb ħafna. Għażilna: IT-TFAL FIL-PARROĊĊA WARA L-GRIŻMA. Jidher li dan is-suġġett qed jinkwieta bis-serjetà lil ħafna Kappillani u lil diversi Għaqdiet. F' dan il-Jum, u fl-attivitajiet marbutin miegħu, ippruvajna noħolqu kuxjenza. Ippruvajna wkoll naraw kif nistgħu ngħinu lil xulxin ħalli nipprovdu iktar mezzi, inġeddu jew noħolqu strutturi, u fuq kollox inhejju persuni adattati għal din il-kategorija tant importanti.

Fil-parroċċi għadhom sejrin s'issa s-seminars u l-ġranet ta' studju marbutin ma' dan il-problema.

**Min-naħa tal-Kummissjoni**

— għamilna laqgħat ma' esperti f' diversi materji biex nistudjaw is-suġġett minn ħafna angoli,

— bl-għajnuna ġeneruża tad-Djaknu Charles Scicluna, bnejna statistika dettaljata, għal kull parroċċa, u għad-djoċesi kollha tat-tfal kollha, subien u bniet, li għamlu l-Griżma mill-1977 sal-1984, b'tali mod li ħarġu ċerti "trends" parrokkjali u djoċesani, u sirna nafu kemm għandna, sena b'sena, pre-adolexxenti/żgħażagħ f'kull parroċċa: b'kollox għandna 'l fuq minn 40,000 bejn 11 u 18-il sena,

— bi ftehim mal-Bord Editorjali tal-Pastor, il-ħarġa ta' Settembru - Ottubru 1985 kellha dossier dwar il-Preadolexxenti, imħejji mill-Kummissjoni, u b'artikli minn Rev. Prof. P. Serracino Inglott (Dimensjoni Teoloġika), Rev. Dr. Mario Vassallo (Dimensjoni Soċjoloġika), Rev. Paul Galea (Dimensjoni Psikoloġika), Prof. Charles Farrugia Dimensjoni Pedaġogika), u Fr. Joseph Bugeja O.F.M. Conv. (Dimensjoni Kateketika);

— lestejna Kit għal kull parroċċa, li fih kien hemm: posters b'5 slogans differenti; suġġerimenti prattiċi għal attivitajiet konnessi mal-Jum; punti għal diskussjoni fi ħdan il-Kumitat Kateketiku jew il-Kunsill Parrokkjali; animazzjoni tal-Quddies f'dak il-Jum, siltiet rilevanti mill-*Catchesi Tradendae;* punti għall-Omelija;

— hejjejna l-Jum mad-Delegati, u ddiskutejnih wara li għadda: ħafna Delegati, kif kienu mitluba, hejjew rapport dwar il-Jum fil-Parroċċa tagħhom;

— fit-2 ta' Ottubru, Festa ta' l-Anġli Kustodji, u ftit jiem wara Jum it-Tagħlim Nisrani, laqqajna l-katekisti u l-għalliema ma' Mons. Arċisqof, fis-Sala tal-MUSEUM, Blata l-Bajda: kienet laqgħa sabiħa u utli ta' mijiet ta' operaturi pastorali importanti mar-Ragħaj spiritwali tagħhom.

Xtaqna ħafna li stajna niffinalizzaw il-ħafna xogħol li għamlilna Rev. Dr. Mario Vassallo biex nagħmlu studju fost l-adolexxenti Maltin, ħalli naraw min huma u x'inhuma l-valuri tagħhom — biex nistgħu naqduhom aħjar. Nittamaw li Rev. Vassallo ma qatax qalbu minna, u li fil-futur qarib inkunu nistgħu nwettqu dan l-istudju tant meħtieġ, biex naġixxu ma' dil-kategorija b'metodi u mezzi rilevanti.

**(2) Kors dwar il-pre-adolexxenti**

Bħala riżultat ta' Jum it-Tagħlim Nisrani, matul ix-xahar ta' Ottubru u Novembru l-Azzjoni Kattolika talbet lill-Kummissjoni biex flimkien norganizzaw Kors ta' 6 laqgħat dwar il-Katekeżi tat-tfal ta' wara l-Griżma. Dawn il-laqgħat saru darba fil-ġimgħa, fis-Sala Mons. Dandria, fl-Istitut Kattoliku. Il-laqgħat kollha tmexxew minn Dun G. Deguara, Viċi-President tal-K.K.N. L-attendenza kienet tajba. Dawk li attendew kienu membri ta' l-Għaqdiet jew Teachers li jgħallmu l-preadolexxenti.

**(3) Kors ta' proficjenza kateketika**

Dis-sena nħass il-bżonn li nerġgħu nagħmlu Kors simili. Dan il-kors fih tmien credits: jibda f'Ottubru u jispiċċa f'Lulju. Issir laqgħa ta' sagħtejn u nofs fil-ġimgħa.

Għall-Kors ta' dis-sena applikaw 31. 25 minnhom kellhom attendenza ta' 75 fil-mija. Pero' dawk li kkwalifikaw issodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra wkoll, jiġifieri preparazzjoni ta' lezzjoni, kritika ta' ktieb kateketiku u essay fuq tema kateketiku.

Dawk li kkwalifikaw kienu: Bonavia Norbert, Borg Isabelle, Buhagiar Maria, Buhagiar Ġorġ, Calleja Jacqueline, Camilleri Edmondina, Camilleri Myriam, Cutajar Raymond, D'Amato Brigid, D'Amato Roger, Gusman Arthur, Mifsud Paul, Riolo Sylvia, Tonna Teresa. Dawn kisbu kwalifika magħrufa mill-Kurja ta' Malta li jistgħu jgħallmu l-katekeżi fil-Parroċċi u fl-Iskejjel. Nittamaw li l-parroċċi jitolbu s-servizz tagħhom. Lilhom nawgurawlhom li jżommu ruħhom aġġornati, u ma jikkuntentawx ruħhom b'dan il-kors biss.

**(5) Korsijiet ta' edukazzjoni sesswali**

Għal ħafna raġunijiet, dan huwa qasam li fih il-katekisti tagħna taddiversi kategoriji, jeħtieġ ikunu aġġornati ħafna. F'Novembru ta' l-1984 konna għamilna Kors tajjeb ħafna għall-Għalliema, li għalih attendew 40. Huma stess issuġġerew korsijiet oħra. Fil-fatt, madwar 20 minnhom attendew Kors li għamilna għalihom fi tliet Sibtijiet ta' Marzu (1985), dwar il-Bioloġija tas-Sess — ħaġa li kienet nieqsa mill-Kors ta' Novembru 1984. Il-Kors mexxietu tajjeb ħafna Mrs. Simone Vella.

Imbagħad sar Kors għall-eduka-

turi ta' l-adolexxenti, f'Mejju u Ġunju, u għalih attendew mal-100 katekist. Is-suġġetti kienu: il-Psikoloġija ta' l-Adolexxenti; il-valur tas-sesswalità fil-viżjoni nisranija; il-kuntest li fih tingħata l-edukazzjoni sesswali; il-bijoloġija tas-sess; problemi morali konnessi mas-sesswalità. Il-lecturers kienu: Dr. Elena Gatt, Rev. Dr. V. Shields, Rev. Prof. P. Serracino Inglott, Mrs. Simone Vella, Fr. Alfred Micallef S.J. Kull waħda mis-7 sessjonijiet kienet ta' sagħtejn (is-Sibt mill-4.15 sas-6.15 p.m.)

Fuq suġġeriment ta' persuna li attendiet il-Kors ta' Mejju-Ġunju, hejjejna wkoll Kors ta' Edukazzjoni Sesswali għall-Haddiema tal-Fabbriki. Dal-Kors ippjanajnih maż-Ż.H.N., il-Moviment ta' Kana, l-Ispigolatrici Cettina Dimech u ħaddiema tal-ftit fabbriki li fosthom saret il-propaganda. Għamilna wkoll laqgħat mal-kelliema, li kienu: Dr. Mercy Schembri Wismayer, Mrs. Simone Vella, Rev. Paul Galea u Fr. Alfred Micallef S.J. Il-Kors kellu 5 laqgħat ta' siegħa u nofs-il waħda. Attendew madwar 60, u mir-risposti għall-questionnaire li għamilnilhom, kollha dehru sodisfatti ħafna. Nittamaw li fl-1986 inkomplu b'dawn il-Korsijiet tant meħtieġa.

**(5) Delegati parrokkjali**

Din is-sena komplejna bl-isforzi tagħna biex il-laqgħat tad-Delegati Parrokkjali nagħmluhom regolarment kemm hu possibbli. Fil-fatt, matul is-sena 1985 irnexxilna niltaqgħu tmien darbiet. Aħna persważi li l-kateċeżi parrokkjali hija wieħed mill-pilastri meħtieġa għall-edukazzjoni reliġjuża — anzi hi l-aktar ambjent naturali fejn il-fidi tista' tikber u tissaħħaħ. Jekk l-iskop medjat tal-kateċeżi huwa l-bini tal-komunità nisranija, allura l-kateċeżi parrokkjali hi indispensabbli. Huwa fuq din il-konvinzjoni li aħna nagħtu tant importanza lill-iżvilupp u l-ko-ordinament tal-kateċeżi li jeħtieġ li jkun hemm fil-parroċċa.

Fil-laqgħat mad-Delegati ddiskutejna suġġetti li dehrilna importanti biex nilħqu dan il-għan. Fost l-oħrajn tkellimna dwar kif tuża bi kreattività t-testi tat-tfal maħruġa mill-Kummissjoni; dwar l-enfasijiet ta' natura kateketika għal żmien ir-Randan; dwar it-trends ġodda fil-komunikazzjoni kateketika; dwar il-mezzi u s-servizzi li qed joffri l-Media Centre; dwar it-tema u l-organizzazzjoni ta' Jum it-Tagħlim Nisrani fil-parroċċi; dwar il-problemi u l-isfidi tat-tagħlim tat-tfal fil-parroċċi wara l-Griżma; u dwar il-ko-ordinament fil-kateċeżi parrokkjali bejn il-ktieb ta' l-iskola "Lejn il-Missier 3" u l-ktieb li fl-istess sena qed jintuża fil-parroċċi ("Jiena Magħkom").

L-attendenza tad-Delegati għal kull laqgħa, kif ukoll is-sehem u l-interess tagħhom waqt il-laqgħat jidhrilna li hu sodisfaċenti. Waqt li d-Delegati ta' xi parroċċi huma assidwi u attendew għal kull laqgħa, xi oħrajn assentew ruħhom għal xi laqgħat. Għal kull laqgħa attendew medja ta' 30 Delegat (minn massimu ta' 63, li ma ntlaħaq qatt fl-ebda okkażjoni). Imma l-aktar li jiddiżappuntana hu l-fatt li erba' parroċċi lanqas biss innominaw delegat, waqt li d-Delegati ta' 8 parroċċi oħra ma dehru qatt matul din is-sena.

Nittamaw li issa li ħareġ il-Pjan Pastorali, il-parroċċi kollha jifhmu

l-ħtieġa tal-Kumitat Kateketiku u tad-Delegat Parrokkjali, u jaraw li d-Delegati tagħhom mhux biss jattendu għal-laqgħat li jsirulhom mill-Kummissjoni, imma wkoll jirreferixxu u jiddiskutu dak li jkun ingħad, mal-Kumitat.

**(6) Laqgħat u seminars parrokkjali**

Illum kważi l-Kappillani kollha fehmu l-ħtieġa tal-laqgħat li għandhom isiru għall-ġenituri li jkunu se jressqu lil uliedhom għas-Sagramenti. Nixtiequ li jifhimha kulħadd u li l-laqgħat isiru kullimkien b'iktar konvinzjoni u regolarità. Fejn isiru tajjeb, jinħassu l-effetti anki fil-bqija tal-ħajja parrokkjali.

Ħafna mill-ġranet tagħna( l-full timers mal-K.K.N.) inqattgħuh f'laqgħat mal-ġenituri, li wħud minnhom isiru fil-għodu wkoll, għall-ommijiet naturalment; għall-missirijiet isiru fil-għaxija. Hawn nistgħu nissuġġerixxu lill-Kappillani, lid-Delegati u lill-Kumitati Kateketiċi Parrokkjali, li forsi jkun aħjar jekk iż-żewġ laqgħat — kemm ta' fil-għodu u kemm ta' fil-għaxija — ikunu miftuħin kemm għall-irġiel — li numru kbir tagħhom illum jaħdmu bix-shift — u kemm għan-nisa. Għax l-ideal dejjem jibqa' l-preżenza tal-ġenituri flimkien.

Nirringrazzjaw lid-diversi saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li b'ħafna sagrifiċċju jaċċettaw li jmexxu dawn il-laqgħat. Mingħajr l-għajnuna tagħhom, ma jkunx possibbli għalina li nlaħħqu weħedna mal-Parroċċi kollha.

Nirringrazzjaw ukoll lill-Kappillani li ta' spiss qed jistidnuna mmexxu seminars u ġranet ta' studju, b'temi direttament jew indirettament konnessi mal-katekeżi, kemm dwar il-kontenut kif ukoll dwar l-organizzazzjoni. L-istess ngħidu lill-Kappillani li jitolbuna ngħinuhom jorganizzaw Korsijiet ta' aġġornament Kateketiku fil-parroċċa. Sinjal li l-Katekeżi tiela' fl-importanza!

**(7) Seminars u laqgħat mat-teachers**

Saru żewġ sessjonijiet ta' studju għall-għalliema tal-Primarji li qegħdin jużaw it-tieni ktieb fis-sensiela LEJN IL-MISSIER. L-ewwel waħda kienet dwar il-metodoloġija u l-kontenut tal-ktieb; it-tieni kienet dwar il-kreattività fil-klassi tar-Reliġjon. Il-għalliema pproponew li l-Kummissjoni jkollha 'resource centre' ta' materjal komplimentari għall-kotba, u li dan jiżviluppa bil-kooperazzjoni ta' l-istess skejjel.

F'Lulju sar Seminar ta' ġurnata għall-istudenti li ħadu sehem fil-Kors ta' Profiċjenza. Is-Seminar sar għand il-Patrijiet Tereżjani, f' Tas-Silġ. It-Tema magħżula kienet; "l-Impenn tal-Katekist". Fil-għodu kien hemm brainstorming; wara nofs inhar diskussjoni fuq is-slide-feature "Is-Siġra li tat ħafna". Din il-ġurnata tat xhieda li l-Kors, barra milli jagħti informazzjoni, hu eżerċizzju għas-sens ta' komunità fil-katekeżi. Il-grupp talab li Seminars bħal dan ikomplu jsiru, bi skop ta' rabta u aġġornament.

**(8) Il-handicapped**

Il-Kummissjoni baqgħet tagħti s-servizz tagħha lil Grupp ta' Ġenituri ta' Wlied Handicapped; billi toffri l-post għal-laqgħat. Barra dan is-servizz, permezz ta' Dun Ġużepp Borg Micallef, żammet

laqgħat għall-ġenituri tat-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina u għall-ġenituri u l-Parrinijiet tat-tfal li rċevew il-Griżma. Għal dawn iż-żewġ okkażjonijiet ingħataw noti u stampi biex fid-dar it-tfal ikunu mhejjija mill-istess ġenituri. F'dan il-qasam hemm kamp ta' ħidma ik-bar.

Haġa ġdida f'din is-sena kienet dwar il-Parrinijiet. Ġew aċċettati bħala Parrinijiet dawk il-persuni li bil-miktub, impenjaw ruħhom li jagħtu eżempju lill-filjozzi ta' ħajja nisranija u fin-nuqqas tal-ġenituri jidħlu huma biex jagħtuhom edukazzjoni nisranija. Din hi ħaġa li ta' min jadottaha għal Malta kollha, għall-Parrinijiet kollha, tal-Magħmudija u tal-Griżma.

**(9) Kotba**

Il-Ktieb prinċipali li ħriġna din is-sena kien LEJN IL-MISSIER 3, għal idejn it-tfal fit-tielet klassi tal-Primarji, kif ukoll il-gwida relattiva għall-għalliema. Hadulna ħafna xogħol, imma jidhru li ġew milqugħa tajjeb ħafna. B'hekk wasalna f'nofs il-proġett għall-Primarji, u bdejna nhejju r-raba' ktieb.

Imbagħad stampajna mill-ġdid il-Missal Kateketiku għas-Sena Ċ u l-fuljett "Storja tas-Salvazzjoni", li jużaw għall-Matrikola.

Kellna diversi talbiet biex nerġgħu nistampaw il-ktejjeb sabiħ li kellna dwar il-Magħmudija. Imma jekk ma jkollniex ċertezza li jqassmuh il-parroċċi kollha, ma jkunx prattikabbli li nistampawh bi prezz raġonevoli. Biex inbiegħet l-ewwel edizzjoni għaddew għaxar snin għax ħafna parroċċi ma kenux juru impenn. L-istess bħalma ġara lill-ktieb sabiħ "Lejn iż-Żwieġ fil-Mulej", li stampajna fl-1982: baqagħlna eluf kbar ma' wiċċna. Biex tistampa ktieb trid eluf ta' liri, u ma nkunux nistgħu nistampaw kotba li ma jużawhomx il-parroċċi (jew l-iskejjel, f'ċerti każi) kollha.

**(10) X'mgħamilniex**

Naturalment il-qasam kateketiku huwa vastissmu, u dejjem sa jibqa' x'tagħmel. Hawn sa nsemmu biss affarijiet li xtaqna, u forsi bi ftit aktar impenn — tagħna u ta' oħrajn — stajna nagħmlu u mgħamilniex.

— Kummissjoni Kateketika ffurmata b'mod sħiħ; kellna nistennew il-ħruġ tal-Pjan Pastorali (li sal-31 ta' Diċembru 1985 kien għadu ma ħariġx), u allura kien biss fl-aħħar xhur tassena li laqqajna Kumitat Kateketiku, prinċipalment biex hejja l-Kungress li sar f'Jannar 1986; issa li ħareġ il-Pjan Pastorali, nittama ma ddumx ma tiġi ffurmata Kummissjoni f'sens sħiħ;

— Studju fost l-istudenti ta' bejn il-11 u s-16-il sena, biex nifhmu iżjed il-mentalità u l-ħtiġiet tal-preadolexxenti u l-adolexxenti tagħna; nittamaw li Rev. Dr. M. Vassallo ma qatax qalbu minna;

— Ktieb ta' ċelebrazzjonijiet u għanjiet bil-Malti, għall-użu fil-parroċċi u fl-iskejjel, bħala mezzi komplimentari għall-kotba li ħriġna; wegħduhomlna imma ma waslux;

— Ktieb għal idejn il-ġenituri tat-tfal li jkunu qed jithejjew għall-Griżma; wegħduhulna, imma ma wasalx;

— Kuntatti veri u ħidma programmata ma' l-għalliema u l-iskejjel, speċjalment dawk tal-Knisja; ma jiddependux biss minna.

(11) Konklużjoni

Hajr lill-Mulej u lil kull min għenna, speċjalment kelliema f' Korsijiet, nies f'Kummissjonijiet li naħdmu spiss magħhom, Kappillani, Saċerdoti, Reliġjużi, Delegati, Superjuri ta' l-Għaqdiet u l-Gruppi Insara, Katekisti, Għalliema, u persuni oħra, bħas-Sur Alfred Cauchi, li jgħinuna ħafna biex iżommu u nirranġaw il-lokal tagħna fl-Istitut Kattoliku. Nitolbu lill-Mulej ikompli jgħinna naħdmu f' dan il-qasam tant vitali għall-Knisja, b'ferħ u tama.

Dun Ġużepp Borg Micallef,
President.

Dun Pawl Camilleri,
Segretarju Ġenerali

## SEGRETARJAT HIDMA SOĊJALI U TA' KARITA'
## CARITAS MALTA

### PJAN TA' AZZJONI 1986-87

A. INTRODUZZJONI

Għoxrin sena ilu, l-Knisja fil-Konċilju Vatikan II stqarret li "l-hena u t-tama, in-niket u d-dwejjaq tan-nies ta' żmienna, speċjalment ta' dawk li huma fqar jew magħfusa b'xi mod, huma l-hena u t-tama, in-niket u d-dwejjaq ukoll ta' dawk li jimxu wara Kristu" (Gaudium et Spes). Għalhekk, is-Segretarjat Hidma Soċjali u ta' Karità (Caritas Malta) se jieħu l-okkażjoni ta' dan l-anniversarju importanti biex jisħaq fil-Pjan ta' Azzjoni għas-snin 86-87 li iktar nies jgħixu l-karità u l-ġustizzja soċjali quddiem sitwazzjonijiet konkreti ta' faqar. Din hija wkoll il-linja ta' azzjoni li l-Caritas Internationalis qed tieħu biex tilħaq l-oġġettivi tagħha: li *tanima* (tissensibilizza l-komunità dwar is-suriet ġodda ta' faqar), *tikkordina* r-riżorsi fi ħdanha u *tiżviluppa* servizzi ġodda skond il-ħtiġijiet tal-bniedem fil-bżonn.

B. L-GHAN TAL-PJAN:

Li iktar nies jagħrfu u jgħixu l-karità u l-ġustizzja soċjali quddiem sitwazzjonijiet konkreti ta' faqar.

Ċ. OĠĠETTIVI:

Ċ1. Sensibilizzazzjoni tal-komunità biex iktar nies iħossuhom responsabbli ta' ħuthom fil-bżonn u jagħtu sehem iktar attiv skond ir-riżorsi tagħhom.

Ċ2. Tagħrif u edukazzjoni sistematika dwar it-Teoloġija u l-Pastorali tal-karità fil-knisja lokali.

Ċ3. Formazzjoni u Taħriġ tal-voluntieri fil-qasam soċjali u ta' karità bil-ħsieb ta' sehem iktar sħiħ fi proġetti komuni li jkunu ta' siwi għall-kommunità.

Ċ4. Tisħiħ tas-servizzi mibdija mill-Caritas b'risq individwi u familji fid-diffikultà b'mod partikulari:

a. Id-Drogati u l-qraba tagħhom;
b. In-nies li jgħixu weħidhom;
ċ. L-Inkapaċitati fil-familja;
d. Impenn favur in-nies bla xogħol;
e. Għajnuna ta' Emerġenza.

Ċ5. Ħarsa u analiżi ta' l-istrut-

turi soċjali tal-pajjiż u tal-Knisja biex dawn l-istrutturi jaqdu aħjar l-esiġenzi ta' ħniena u ġustizzja.

Ċ6. Inizjattivi biex il-Kummissjoni Familja twettaq Pjan ta' Azzjoni bħala riżultat tar-Rapport tal-Familja maħruġ mill-Caritas biex ikunu moqdija aħjar il-ħtiġijiet tal-familja.

## D. IMPLIMENTAZZJONI TA' L-OĠĠETTI TAL-PJAN

D1. *In-nies li jabbużaw mid-Drogi.*

a. Il-Programm Preventiv kontra l-Abbuż tad-Drogi.

Il-Grupp ta' nies imħarrġa fil-Prevenzjoni jieħdu ħsieb:

— ikabbru l-librerija awdjo-viżwali;

— jaħdmu fuq pubblikazzjonijiet biex it-tagħrif dwar id-Droga u l-effetti tagħha jilħaq lil kulħadd;

— jissuktaw bit-taħditiet u seminars fil-parroċċi u fl-iskejjel;

— jagħmlu użu ikbar mill-Mass Media;

— jissuktaw bis-Social and Life Skills Programme f'iktar skejjel biex żgħażagħ minn 10 sa 16-il sena jitgħallmu jsolvu l-problemi ħajja u mhux jaħirbuhom permezz tad-droga;

— jieħdu ħsieb iħarrġu iktar għalliema u ġenituri dwar l-azzjoni li għandhom jieħdu fid-dar, fl-iskejjel u fil-kommunità.

b. Ir-Rijabilitazzjoni tad-Drogati.

— L-Induction Centre ikompli jsaħħaħ is-servizzi tiegħu bis-sħubija ma' Federazzjonijiet Internazzjonali fil-qasam tar-Rijabilitazzjoni u bil-għajnuna ta' esperti barranin u Maltin imħarrġa f'dawn is-servizzi;

— Jitwaqqaf Kumitat Amministrattiv biex ifassal, jikkordina u jiżviluppa dan is-servizz skond il-ħtiġijiet tal-mument.

ċ. Komunità Terapewtika.

Jingħata bidu għal Komunità Terapewtika li toffri kura residenzjali lid-drogati li jkollhom bżonn kura iktar intensiva u fit-tul. Dan il-proġett jista' jitwettaq jekk jinstabu iktar individwi u organizzazzjonijiet filantropiċi li jkunu lesti li jappoġġjaw dan is-servizz li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed inħossu l-ħtieġa tiegħu f'pajjiżna.

D2. *In-Nies Weħidhom*

— Isir stħarriġ biex tinġabar informazzjoni dwar l-għadd u l-kundizzjonijiet tan-nies li jgħixu weħidhom u li ma għandhom lil ħadd min jieħu ħsiebhom, x'forma ta' għajnuna għandhom bżonn.

— Tinġabar lista tan-nies li fuq bażi volontarja jkunu lesti biex jgħinu lil min huwa waħdu fil-parroċċa. Din il-ħidma għandha titwettaq flimkien mal-kappillan u bil-koperazzjoni ta' individwi u għaqdiet fl-istess parroċċa.

— Jingħata taħriġ lill-voluntieri li jaħdmu f'din l-iskema.

— Tingħata wkoll kull koperazzjoni mill-Caritas lil kull enti li toffri servizzi lin-nies weħidhom.

Dan il-Proġett ta' Għajnuna lill-Anzjani inbeda mill-Caritas fl-1983 bl-isem ta' Good Neighbour Scheme u qed jitwettaq f'żewġ parroċċi bil-koperazzjoni ta' diversi individwi u membri ta' għaqdiet. Dan is-servizz fis-snin 86-87 ser jinfirex mhux biss għall-anz-

jani iżda għan-nies kollha li jgħixu weħidhom. Biex dan il-proġett iseħħ irid ikun hemm koperazzjoni sħiħa minn kulħadd.

D3. *L-Inkapaċitati fil-Familja*

— Fis-sena 1985, il-Caritas bdiet tagħti servizz permezz tal-voluntieri lill-ġenituri li għandhom fi djarhom tfal jew żgħażagħ inkapaċitati b'koperazzjoni ma' l-Għaqda "Kindergarten of the Handicapped Parents Group". Dan is-servizz għandu jissaħħaħ u jinfirex f'iktar familji biex il-ġenituri jkunu jistgħu jieħdu l-mistrieħ tagħhom. Dan huwa servizz ta' siwi kbir għall-inkapaċitati u l-ġenituri tagħhom u nittamaw li iktar individwi u organizzazzjonijiet jagħtu sehemhom.

— Il-voluntieri, il-ġenituri u l-inkapaċitati fid-djar jistgħu joħolqu rabta ta' ħbiberija bejniethom permezz ta' dan is-servizz.

D4. *Impenn Favur in-Nies bla Xogħol*

L-għaqdiet fi ħdan il-Caritas, kif ukoll organizzazzjonijiet u individwi li jistgħu jgħinu biex tittaffa l-problema tal-qagħad f'pajjiżna, għandhom jersqu lejn xulxin biex jaraw kif u sa fejn jistgħu jgħinu lill-familji milquta serjament millqagħad u x'alternattivi jistgħu jingħataw liż-żgħażagħ li qed jgħixu diżorjentati u frustrati minħabba n-nuqqas ta' xogħol u l-ħafna ħin liberu li għandhom f'idejhom.

D5. *Għajnuna ta' Emerġenza*

F'dawn l-aħħar snin sfortunatament id-diżastri naturali kibru filgħadd u qed iħallu warajhom bosta vittmi. Aħna, bħala Maltin, dejjem ħassejna sens qawwi ta' solidarjetà ma' ħutna fil-bżonn iżda l-għajnuna tagħna dejjem ħadet iżżmien biex tasal fejn għandha tasal.

Biex l-għajnuna f'każ ta' emerġenza titħaffef, il-Kummissjoni Emerġenza tal-Caritas fasslet f'dawn l-aħħar xhur policy ġdida dwar każi ta' emerġenza.

— Ikun f'waqtu jekk jitfassal vademecum fuq il-linji proposti mill-Caritas Internationalis biex kull min jieħu sehem f'azzjoni ta' emerġenza jkun jaf x'għandu jagħmel u kif l-aħjar jagħti l-għajnuna tiegħu.

— Tajjeb ukoll li jinstabu mezzi ħalli fis-sentejn li ġejjin jitwaqqaf Fond Permanenti biex jagħmel tajjeb għall-ħtiġijiet ta' emerġenza f'Malta jew barra minn Malta.

D6. *Pjan ta' Azzjoni dwar il-Familja*

Ir-rappreżentant tagħna fi ħdan il-Kummissjoni Djoċeżana Familja jissokta jressaq quddiem din il-Kummissjoni s-suġġeriment tal-Caritas biex ir-Rapport tal-Familja jiġi studjat u jitfassal Pjan.

E. Biex l-oġġettivi tal-Pjan jintlaħqu u jiġu implimentati jenħtieġ:

E1. li kull min jaħdem fil-qasam soċjali u ta' karità, kemm fuq bażi professjonali u bi ħlas, kif ukoll fuq bażi volontarja *irid iħoss issejħa biex jaħdem fost in-nies filbżonn, kif ukoll ikollu motivazzjonijiet ċari u dedikazzjoni sħiħa biex il-ħidma fost il-foqra ma tkunx ispirata mill-qliegħ,* il-pres-

tiġju personali u l-emozzjoni tal-mument *iżda minn ispirazzjoni evanġelika li tiffavorixxi għażla preferenzjali tal-foqra.*

E2. Għaldaqstant, hija meħtieġa *formazzjoni u taħriġ permanenti ta' l-operaturi pastorali* kollha fil-qasam soċjali u ta' karità. Biex jintlaħaq dan l-iskop, il-Caritas bi ftehim mal-Fakultà tat-Teoloġija, l-Inserm, id-Dipartiment tas-Soċjoloġija fl-Università u għaqdiet membri tal-Caritas tfassal Programm ta' Edukazzjoni u Taħriġ li fost ħwejjeġ oħra jesponi b'mod sistematiku t-Teoloġija u l-Pastorali tal-Karità fis-sitwazzjonijiet konkreti ta' Malta. Bi ftehim mal-Caritas Ewropeja se jsir Seminar Ewropej fl-1986 f'Malta dwar il-Volontarjat Soċjali. Il-Caritas Malta se tieħu ħsieb l-organizzazzjoni kollha ta' dan is-Seminar ta' tlett ijiem bil-għajnuna tal-Caritas Svizzera.

E3. Trid titfassal Strateġija ta' Azzjoni fuq il-proġetti msemmija fil-Pjan minn għaqdiet u individwi li juru l-fehma li jixtiequ jaħdmu flimkien fuq proġetti komuni mingħajr ma tintilef l-identità u l-awtonomija ta' kull Għaqda jew Istituzzjoni. L-aħjar forma ta' kordinament huwa li naħdmu flimkien fuq proġetti komuni. B'hekk inkunu qegħdin nużaw aħjar ir-riżorsi tagħna mingħajr ħela ta' żmien u sparpaljar ta' enerġija.

E4. Jitwaqqaf il-Jum tal-Karità fid-Djoċesi. Dan il-Jum ikollu thejjija ta' ġimgħa ta' tagħrif u attivitajiet biex in-nies jissensibilizzaw ruħhom dwar is-suriet ta' faqar ġdid u jgħinu biex b'sens ta' responsabiltà titnaqqas jew tittaffa t-tbatija u kull bniedem jgħix ta' bniedem.

F'Jum il-Karità jingħataw kontribuzzjonijiet volontarji ħalli jitwaqqaf Fond biex jitwettqu proġetti ta' siwi.

E5. Bħala parti mis-sensibilizzazzjoni li tingħata, il-Caritas, minn żmien għall-ieħor turi l-fehma tagħha dwar it-tibdiliet li jkun hemm bżonn fil-liġijiet u fl-Istituzzjonijiet biex tgħin fit-titjib tas-sitwazzjoni tal-bniedem fil-bżonn.

F. KONKLUŻJONI

Xtaqna li dan il-Pjan ta' Azzjoni ħriġnieh wara li jkun ġie f'idejna l-Pjan Pastorali għad-Djoċesi, iżda naħsbu li l-linji ġenerali u l-oġġetti tal-Pjan imfassal mill-Caritas jgħinu l-attwazzjoni ta' l-ispirtu evanġeliku fil-qasam soċjo-pastorali.

Mons. VICTOR GRECH,
*Direttur.*

# RAPPORT TAS-SEGRETARJAT HIDMA SOĊJALI U TA' KARITA' (CARITAS MALTA) GHAS-SNIN 1983-85

Fl-assemblea ġenerali li saret fi Frar 1983, il-Caritas varat Pjan ta' Azzjoni għas-sentejn li kienu ġejjin u tat il-kelma li ma' tulhom se tpoġġi bħala l-ewwel prijorità lill-familja, u għarrfet lir-rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet affiljati fiha fl-oġġettivi tal-pjan u bl-azzjonijiet fit-tul u fil-qrib li kien beħsiebha tagħmel. Ir-rapport li se ntikom juri fiex waslet u fiex għad jonqosha tasal il-Caritas biex tilħaq dak li għalih immirat.

IL-FAMILJA

Mhemmx dubju li matul is-sentejn li għaddew il-Caritas tefgħet l-attenzjoni kollha tagħha fuq il-familja, u l-iżjed fuq il-membri dgħajfa tal-familja.

Kien fl-1983 li beda x-xogħol fuq l-inkjesta dwar il-familja Maltija varata mill-Caritas taħt it-tmexxija ta' Dun Mario Vassallo, lecturer tas-soċjoloġija fl-Università ta' Malta, bil-għajnuna tal-Bord ta' Riċerka Pastorali tal-Kurja u tal-valuntiera tal-Caritas. Ir-rapport dwar l-inkjesta ħareġ kmieni dis-sena u l-istampa lokali tatu importanza xierqa bħala għodda li tgħin biex insiru nafu x'inhuma l-kawżi li qed idgħajfu ż-żwiġijiet u l-għaqda fil-familja kif ukoll liema huma l-elementi li qed isaħħu l-familja u li jeħtieġu l-attenzjoni tagħna.

Li jonqos issa hu li jixtarru dak li ħareġ mill-Inkjesta dwar il-familja Maltija u li jitfassal pjan ta' azzjoni dwar il-familja mill-Kummissjoni Familja li fiha hija msieħba l-Caritas.

DROGATI

Matul dawn is-sentejn li għaddew, il-Caritas resqet ħafna qrib ta' dawk il-membri tal-familja Maltija li daħlu fix-xibka qalila tad-droga. Id-drogi issa ilhom li nvadew ix-xtut tagħna iżda kien dan l-aħħar li ħarrxu l-glieda tagħhom taħt is-sura tat-tixrid fostna tal-marijuana, ta' l-eroina u l-kokaina u sustanzi oħrajn. Kien dan li qanqal lill-Caritas biex tara x'tista' tagħmel u toffri għajnuna konkreta lid-drogati filwaqt li tiftaħ għajnejn il-kommunità Maltija dwar kif tilqa' kontra din l-invażjoni.

Il-Caritas bniet il-ħidma tagħha fuq żewġ sisien — dak tal-prevenzjoni u dak tar-rijabilitazzjoni.

Bħala prevenzjoni, il-Caritas fetħet kampanja edukattiva immirata għall-iskejjel, il-familji u l-parroċċi. Waqqfet l-assoċjazzjoni ta' dawk kollha li huma interessati fil-glieda kontra d-droga — ġenituri, kapijiet ta' l-iskejjel, għalliema, individwi oħrajn. Matul dawn l-aħħar sentejn saru diversi korsijiet dwar kif għandha sseħħ il-pervenzjoni fil-familja, fl-iskola u fil-parroċċa. Saru "guidelines" mal-kapiijiet ta' l-iskejjel privati. Tfassal u qed iseħħ f'ħames skejjel privati "Social and Life Skills Programme" għal tfal u żgħażagħ bejn l-10 u s-16-il sena. Ġie wkoll propost li t-tagħlim dwar id-Droga jidħol bħala "unit" f'ċerti suġġetti. B'koperazzjoni mal-Ministri tas-Saħħa u ta' l-Edukazzjoni, matul il-Ġimgħa b'risq l-Edukazzjoni dwar is-Saħħa, inġiebu 500 żgħa-

żagħ mill-klassijiet il-kbar ta' l-iskejjel tas-snajja' u sekondarji biex jaraw wirja li ttellgħet għalihom dwar id-drogi u l-effetti tagħhom kif ukoll "filmstrip" lokali fuq is-suġġett u sarulhom taħditiet apposta. Ta' min isemmi wkoll li matul il-Festa Żgħażagħ f'Settembru li għadda, 3,500 ruħ imlew kwistjonarju dwar id-droga.

Bħala rijabilitazzjoni, il-Caritas bagħatet tnejn min-nies jitħarrġu fil-għoti tal-pariri lid-drogati fil-Kommunità Terapewtika ta' Coolemine, fl-Irlanda. Meta dawn ġew lura wara taħriġ intensiv, f'Marzu li għadda nfetaħ iċ-Ċentru Terapewtiku tal-Caritas biex joffri fejqan mid-drogi liż-żgħażagħ tfajliet u ġuvintur li jkunu lesti jattendu għat-terapija mogħtija kuljum u jattendu għal sessjonijiet fi tmiem il-ġimgħa. Sal-lum 38 żgħażagħ għamlu użu minn dawn is-servizzi mokħtija minn nies iddedikati għalihom f'xogħol li jitlob ħafna minn min jidħol għalih. Biex ittoqol jinfirex fuq iżjed nies, il-Caritas bagħtet tnejn oħra jintħarrġu l-Irlanda, barra milli qed tagħmel użu minn 3 ex-drogati li qed igħinu fiċ-Ċentru fit-terapija mogħtija hemmhekk. Membru ieħor ta' l-istaff għadu kemm wasal lura mit-taħriġ tiegħu u b'hekk bħalissa hemm tlieta permanenti fl-Induction Centre. Anke l-ġenituri tad-drogati jagħtu l-għajnuna tagħhom matul tmiem il-ġimgħa.

F'dan il-qasam ħassejna l-ħtieġa li nkunu umli u nitgħallmu mingħand min ġarrab id-drogi u l-qilla tagħhom qabilna. Kien għalhekk li ġibna fostna lil diversi personalitajiet minn Coolemine Lodge biex iħarrġu n-nies tagħna u jgħinu fit-tmexxija taċ-Ċentru. Kellna fostna lil Jim Comberton, Executive Chairman ta' Coolemine, martu Peggy, Psychiatric Social Worker anzjana, Tom McGarry, direttur ta' Coolemine Lodge, Sean Cassin, Franġiskan inkarigat mill-Induction Centre ta' Coolemine, kif ukoll lil Luke Tierney, l-assistent tiegħu. Xi wħud minn dawn l-esperti qattgħu fostna iżjed minn xahar.

Jekk fil-ħidma tar-rijabilitazzjoni llum għandna nies imħarrġa u jaħdmu fuq bażi permanenti, hekk ukoll fil-ħidma ta' prevenzjoni għandna Grupp ta' Hidma li qed jagħmel xogħol volontarju jiswa mitqlu deheb. Huwa grupp li, għalkemm volontarju, tgħidx kemm fih nies iddedikati li jaħdmu b'konvinzjoni u minn qalbhom. Il-Caritas hi tabilħaqq imkabbra li fi ħdanha jinsabu nies bħal dawn. Is-sehem li taw matul il-Ġimgħa edukattiva tas-Saħħa kien xi ħaġa ta' l-għaġeb.

ANZJANI

Il-membri dgħajfa tal-familja Maltija mhumiex kollha żgħażagħ. Issibhom ukoll fuq in-naħa l-oħra tal-ħajja, in-naħa tax-xjuħ jew anzjani. Lil dawn ukoll fittxet li taqdi l-Caritas tul is-sentejn li għaddew.

Qdiethom l-ewwelnett fl-ibliet u fl-irħula fejn joqogħdu billi varat il-proġett Għajnuna lil Ġirien Weħidhom, l-iżjed lix-xjuħ. F'Settembru 1983 bdiet il-proġett fil-parroċċa ta' San Duminku, Valletta u wara għamlet l-istess fiż-Żejtun. Fetħet ħames ċentri għall-anzjani f'San Bastjan Hal Qormi u fir-Rabat fl-1983, fi Stella Maris Tas Sliema u f'Bormla fl-1984 u f'San Ġorġ Hal Qormi fl-1985.

Dawn iċ-ċentri għax-xjuħ irnexxielhom jagħmlu diversi inizjattivi flimkien, li fihom ħadu sehem ukoll id-Djar tal-Knisja għall-Anzjani. B'kollox issa hawn 16-il Ċentru għall-Anzjani.

Għax-xjuħ li hemm fid-Djar tal-Knisja hemm il-kummissjoni tassuperjuri ta' dawn id-Djar, li baqgħu jiltaqgħu regularment u li dis-sena waslu biex abbozzaw "policy" għad-djar kollha tal-Knisja. B'koperazzjoni bejn is-Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità u l-Amministrazzjoni tal-Knisja, waħda mid-Djar, dik ta' Sawra fir-Rabat, sar fiha xogħol wiesa' ta' modernizzazzjoni. L-istess sar fid-Dar ta' San Ġużepp, Ħaż-Żebbuġ u f'Casa Leone XIII San Ġiljan, li nfetħet bħala Dar għall-Anzjani fis-16 ta' Diċembru 1985.

F'April li għadda żewġ voluntiera tal-Caritas fost l-anzjani marru Ruma bħala rappreżentanti tagħha fil-Konferenza Internazzjonali tal-Moviment La Vie Montante, l-Internazzjonali ta' spiritwalità u appostolat mill-anzjani. Minn mindu ġew lura, dawn iż-żewġ voluntiera baqgħu interessati fli jgħaddu lix-xjuħ tagħna l-ġid kbir ta' dan il-moviment.

F'Awissu li għadda wasal Malta t-tagħmir ta' fiżjoterapija għax-xjuħ mibgħut lill-Caritas mill-organizzazzjoni Ingliża *Help the Aged*. Dan it-tagħmir se jitqiegħed f'post ċentrali biex ikun jista' jintuża mix-xjuħ imxerrdin mal-gżira kollha.

PARROĊĊI

Fil-ħidma tagħha l-Caritas timmira għal-livell lokali jew parrokkjali fejn igħixu n-nies bid-diffikultajiet tagħhom. Il-gruppi ta' kordinament tal-ħidma soċjali parrokkjali baqgħu jingħataw l-attenzjoni meħtieġa taħt sura ta' taħriġ u animazzjoni. B'kollox hawn 14-il parroċċa li fihom twaqqfu l-Gruppi Parrokkjali. Hija "policy" tal-Caritas li ma tgħin lil ebda grupp biex jitwaqqaf minn membri ta' parroċċa qabel ma l-kappillan juri x-xewqa u l-intenzjonijiet tiegħu dwaru.

Fejn tidħol l-animazzjoni, ix-xogħol issa qed jinqasam bejn Sister Salvina Bezzina u Monsinjur Anton Pace, li ssieħeb fil-Caritas bħala wieħed mill-istaff fl-1984, kif ukoll f'parti iċken minn Dun Anġ. Seychell. Iltqajna mal-kappillani tal-parroċċi kollha li għandhom grupp ta' koridnament u kull sena r-rappreżentanti ta' dawn il-gruppi ltaqgħu f'assemblea biex isiru jafu bl-inizjattivi ta' xulxin u jirrifletttu fuq il-ħidma li qed jagħmlu. Dis-sena kellna talba għat-twaqqif ta' grupp ġdid ta' kordinament mill-kappillan tal-parroċċa San Ġwann.

INKAPAĊITATI

Sentejn ilu l-Caritas tat kelma li toffri l-appoġġ tagħha lill-għaqdiet ta' l-inkapaċitati u taħdem flimkien magħhom. Tabilħaqq tul dawn is-sentejn fi ħdan il-voluntiera tal-Caritas twaqqaf grupp ġdid bil-għan li joffri għajnuna lil dawn il-ġenituri li għandhom uliedhom inkapaċitati u li qed jibgħatuhom fil-kindergarten. Il-membri tal-grupp qed imorru fid-djar ta' dawn il-ġenituri u joqogħdu ma' wliedhom bil-għan li jagħtu ftit mistrieħ lilhom.

Fl-istess żmien il-Caritas għal darb'oħra qassmet fost il-għomja

arloġġi żveljarini u "ring timers" li qalgħet mingħand is-Soċjetà tal-Għomja tal-Ġermanja.

FORMAZZJONI U TAĦRIĠ

Ebda organizzazzjoni ma tista' toffri servizz siewi u effiċjenti jekk fl-istess ħin ma toffrix ukoll formazzjoni u taħriġ lil min se jaqdi das-servizz. Hu għalhekk li tul dawn l-aħħar sentejn il-Caritas seħħet ferm dan il-qasam.

L-awżiljarji ġodda li kull sena jissieħbu magħna ngħataw taħriġ ta' 7 sessjonijiet kif jidħlu, ħalli jibdew sewwa x-xogħol volontarju tagħhom. Il-voluntiera li jmexxu t-Thursday Club għall-ex-pazjenti ta' l-isptar mentali ngħataw kors ta' terapija okkupazzjonali. Sar kors ta' taħriġ għall-voluntiera li jaħdmu fiċ-ċentri għall-anzjani. Sar seminar ta' tmiem il-ġimgħa għall-awżiljarji li jaħdmu fost ix-xjuħ u seminar ieħor għall-gruppi parrokkjali. Għall-istaff tal-Caritas dis-sena saret sessjoni ta' kjarifikazzjoni dwar il-għan tal-Caritas u x-xogħol ta' kull wieħed u waħda, immexxija fuq il-metodu ta' "Management by Objectives" minn Patri Alfred Darmanin S.J. Warajha saret sessjoni tixbaħha għall-membri tal-kommunità tal-voluntiera u oħra għall-awżiljarji. Barra minn dan, saru d-diversi irtiri u seminars u laqgħat regulari ta' kull ġimgħa li torganizza l-Caritas għall-voluntiera mseħbin magħha.

Il-Caritas għenet ukoll il-formazzjoni u t-taħriġ ta' nies oħrajn. Żewġ studenti tal-kors għall-ħaddiema soċjali ta' l-Università, Mary Cachia u Pat Camilleri, għaddew perijodu ta' 3 xhur jitħarrġu fil-Caritas bħala parti mill-kors tagħhom. Żewġ seminaristi għamlu l-istess għal xi żmien.

F'dax-xogħol kollu kellhom sehem importanti Sister Salvina Bezzina u Maureen Cole, li daħlet magħna fl-1983 flok Angie Pace.

MEZZI TA' KOMUNIKAZZJONI

Hi parti importanti mill-missjoni tal-Caritas li tissensibilizza l-pubbliku dwar il-problemi tan-nies fid-diffikultà u tinqeda bil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex twassal il-messaġġ tagħha għand min jeħtieġu.

Kien għalhekk li fl-1983 bdejna kuntatt ġdid ma' l-istampa lokali billi lħaqna ftehim mal-gazzetti "THE TIMES" u "IL-HAJJA" biex kull xahar nippubblikaw artiklu dwar problemi soċjali. Minn dak iż-żmien dehru diversi kitbiet u beħsiebna nissoktaw dal-kuntatt siewi li rnexxielna nwaqqfu.

F'Settembru 1983 Radju Malta xandret programm dwar il-ħidma u l-istruttura tal-Caritas, u t-Televiżjoni Maltija kemm-il darba tal-bet il-preżenza ta' xi ħadd mill-Caritas fi programmi li jolqtu lin-nies fid-diffikultà. Dwar il-problema tad-drogi, ixxandret sensiela twila ta' programmi li fihom instemgħu l-fehmiet ta' diversi voluntiera li qed jagħtu sehemhom fil-programm preventiv tal-Caritas kontra d-drogi.

F'dawn is-sentejn il-Caritas ippubblikat ktejjeb ħafif għall-ġenituri dwar il-preblema tad-drogi, ktieb f'edizzjoni tipi kbar għal idejn l-anzjani, jismu NINTELQU FIL-MULEJ, ktejjeb VOLUNTIERA RESPONSABBLI TA' L-ANZJANI FIL-PARROĊĊA, fuljett dwar id-drogi fl-okkażjoni tal-Quddiesa Rock li saret f'April

1985, fuljett dwar il-Marijuana u sitt ħarġiet kull sena tal-bullettin tal-Caritas imsejjaħ INFORM.

INTERNAZZJONALI

Il-Caritas illum għandha rabtiet tajba u sodi ma' assoċjazzjonijiet u individwi f'artijiet oħra. L-ewwelnett matul dawn is-sentejn kienet rappreżentata regularment fil-laqgħat Ewropej u internazzjonali tal-Caritas: fil-Konferenza Ewropeja tal-Caritas ġo Fatima u f'Luxemburg, fil-laqgħat tal-kummissjoni Animazzjoni u Studji Soċjali tal-Caritas Internationalis li tagħha d-direttur tagħna huwa membru, tal-Kummissjoni Permanenti Ewropeja tal-Caritas u tal-Kummissjoni Familja għall-Ewropa li tagħhom ukoll huwa membru.

F'Malta lqajna diversi ħbieb tagħna: il-ħaddiema soċjali Ingliżi li f'Marzu 1984 ġew Malta biex jagħmlu kors ta' studju flimkien mal-ħaddiema soċjali Maltin, organizzat mir-rivista SOCIAL WORK TODAY u l-Caritas Malta; lil Leo Goodman, direttur tas-servizzi soċjali f'Londra, l-Arċisqof u l-Isqof awżiljarju flimkien mal-Vigarju Ġenerali ta' Paderborn fil-Ġermanja, benefatturi tal-Caritas Malta, lir-rappreżentant tal-Caritas Norveġja li ġie jżurna f'Lulju li għadda, lill-ħabib għażiż tagħna Jean Vanier, li flimkien ma' Catherine Hall ġie jtina irtiri miftuħa għall-voluntiera ta' l-assoċjazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam soċjali, lill-President u s-Segretarju tal-Caritas Ewropeja.

EMERĠENZA

Is-sehem tal-Caritas fil-għajnuna ta' emerġenza lill-familji bi problemi ta' drogi, alkohol, prostituzzjoni u finanzi kien regulari tul dawn is-sentejn. Hi ikkoperat ma' organizzazzjonijiet tal-Knisja u assoċjazzjonijiet oħrajn biex setgħu jintbagħtu nies barra għall-kura. Irrappreżentat lill-Knisja fil-kumitat nazzjonali għall-ġbir ta' fondi b'risq l-Etjopja u ħadet l-inizjattiva għall-għotjiet miġbura jew mogħtija fil-każ tal-Messiku u tal-Kolombja.

GRAZZI . . .

F'dil-ħarsa lejn is-sentejn li għaddew, wieħed ma jistax iħalli barra r-radd ta' ħajr lil dawk kollha li ħadmu fil-Caritas u mal-Caritas b'risq in-nies fid-diffikultajiet. Radd il-ħajr lill-Arċisqof l-ewwelnett li dejjem inkoraġġiena fil-ħidma tagħna. Ħajr lill-ħafna membri u awżiljarji voluntiera li bil-kwiet, ġimgħa wara l-oħra, resqu lejn il-bniedem fil-bżonn u tawh il-qadi tagħhom. Ħajr lill-voluntiera tal-gruppi parrokkjali, taċ-ċentri għall-anzjani, tal-Grupp ta' Ħidma Preventiva kontra d-drogi, li taw ħinhom u saħħithom b'risq ħuthom fid-diffikultajiet tagħhom.

Radd il-ħajr lill-koperaturi tal-Caritas għall-inizjattivi kollha li daħlu għalihom biex jiġbru fondi għall-Caritas. Ħajr ukoll lill-Malta Lions, lis-Sliema Lions, lir-Rotarians, lill-Assoċjazzjoni Sportiva Tigne' għall-attivitajiet li organizzaw bil-għan waħdieni li jgħinu finanzjarjament liċ-Ċentru tal-Caritas għad-Drogati.

Ħajr lil dawk kollha li tawna l-koperazzjoni effettiva tagħhom — is-Segretarjat Assistenza Soċjali għall-għajnuna fil-Festa ta' l-Anzjani u l-għotjiet tiegħu lin-nies fil-bżonn; lis-Soċjetà San Vinċenz fil-għoti ta' għajnuna lin-nies fid-

diffikultajiet; lis-Soċjetà Franġiskana għall-Għomja u lis-Soċjetà għall-għajnuna fit-tqassim ta' l-offerti li waslulna mill-Ġermanja; lill-Moviment ta' Kana għall-għajnuna tiegħu fit-thejjija tar-Rapport tal-Familja, lill-assoċjazzjonijiet l-oħra kollha tal-Kunsill tal-Caritas li tawna l-pariri u l-appoġġ tagħhom; lill-Assoċjazzjonijiet tal-Volontarji fil-qasam soċjali; liċ-Ċentru Ħidma Soċjali tal-Ministeru tas-Servizzi Soċjali għall-koperazzjoni li sibna dwar diffikultajiet ta' familji fil-bżonn; lill-Ministeru tas-Saħħa għall-koperazzjoni li sibna fil-proġetti kontra l-abbuż tad-drogi.

Rev. ANGELO SEYCHELL,
*Segretarju Amministrattiv.*

## NOMINI

Rev. Bernard C. Gafà, mill-Imsida, nominat Prelat "ad honorem" tal-Papa għall-25 sena ħidma fid-djoċesi ta' Londrina (Brażil).

Mons. A. Depasquale u P. Alfred Darmanin S.J. nominati mill-Arċisqof biex jimplementaw il-Pjan Pastorali.

## Il-Ħdax-il Ħadd tas-sena
## IL-MAĦFRA TAD-DNUBIET

*Il-mara midinba*

"Dnubietek maħfura! Il-fidi tiegħek salvatek, mur bis-sliem!" Hekk qal Ġesu' lill-mara midinba li, kif għadna kemm smajna fil-qari ta' l-Evanġelju tal-lum, fid-dar ta' Xmun il-Fariżew, li kien stieden lil Ġesu' għall-ikel għandu, din kienet daħlet, inxteħtet f'riġlejn Ġesu' tibki u xxararblu riġlejh bid-dmugħ tagħha u tixxottahomlu b'xagħar rasha. Il-kliem li Ġesu' qal lill-mara midinba, huwa jgħidu lil kull wieħed u waħda minna permezz tal-ministru tiegħu, kull darba li aħna, niedma u sogħbiena, immorru, bħall-mara midinba, ninxteħtu f'riġlejn il-ministru ta' Alla nitolbu ħniena u maħfra għal dnubietna.

Il-mara midinba ħarġet ferħana mid-dar ta' Xmun il-Fariżew wara l-laqgħa tagħha ma' Ġesu' għax fehmet u ħasset li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha għal kollox, u ruħha kienet issaffiet minn kull ħtija. L-istess ferħ inġarrbu aħna kull darba li nersqu f'riġlejn is-saċerdot, ministru ta' Alla, biex nistqarru dnubietna, jekk nagħarfu li kull qrara li nagħmlu hija laqgħa ma' Ġesu', laqgħa bħal dik tal-mara midinba f'dar Xmun il-Fariżew. Ġesu' biss, bħala l-Iben ta' Alla, għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet. Ġesu' biss għandu s-setgħa jerġa' jħabbibna ma' Alla l-Missier kull darba li nitbegħdu minnu bi dnubietna, imma Ġesu', fil-kobor ta' mħabbtu għalina, biex jagħmilha ħaġa ħafifa għalina li niksbu mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla wara li nkunu tlifnieha bi dnubietna, ried jafda l-ministeru ta' din il-ħbiberija f'idejn dawk li hu jagħżel minn fost il-poplu tiegħu ħa jkunu ministri tiegħu biex, imdawlin mill-Ispirtu s-Santu, jaħfru f'ismu d-dnubiet tal-bnedmin.

*Il-maħfra tad-dnubiet bil-ministeru tal-Knisja*

Kull darba li aħna nersqu nqerru dnubietna biex niksbu l-maħfra minn għand Alla, is-saċerdot, f'isem Ġesu', ifakkarna li Alla, Missier il-ħniena, ried iħabbeb mill-ġdid id-dinja miegħu, ried iħabbeb mill-ġdid miegħu l-bnedmin kollha tad-dinja, li kienu saru egħdewwa tiegħu minħabba d-dnub, billi jibgħat lil Ibnu stess fid-dinja, biex bil-mewt tiegħu fuq is-salib ipatti għad-dnubiet kollha tad-dinja, u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, jagħti ħajja ġdida billi jibgħat l-Ispirtu s-Santu tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet. U Alla ried li l-maħfra tad-dnubiet taslilna bil-ministeru tal-Knisja, permezz tal-ministri tal-Knisja, ta' dawk li Alla jagħżel minn fost il-poplu tiegħu ħa jagħtihom is-setgħa li ta lill-Appostli wara li qam mill-imwiet, meta qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: lil dawk li taħfrulhom dnubiethom, ikunulhom maħfura fis-smewwiet, u lil dawk li żżommulhom dnubiethom, ikunu miżmuma fis-smewwiet."

Is-saċerdot, għalhekk, bħala ministru tal-Knisja, f'isem Kristu, jaħfrilna dnubietna u jagħtina s-sliem u l-paċi f'qalbna, huwa u jgħidilna: "Jien naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu." Dak il-ħin, inkunu qed nisimgħu l-kelma tas-saċerdot, imma fil-fatt, ikun Kristu li jkun ikellimna b'fomm is-saċerdot: huwa Kristu li fil-persuna tas-saċerdot jilqagħna bit-tjieba u l-ħniena kollha meta mmorru nqerru. Tkun ħaġa tajba li niftakru f'dan kull darba li mmorru nqerru — hu għalhekk li l-Knisja tridna nerġgħu ndaħħlu d-drawwa li kellhom missirijietna li kull darba li jmorru jqerru, wara li jroddu s-salib, kienu jgħidu lis-saċerdot: "Ġejt għandek u għand Alla, għax int qiegħed tismagħni minflok Alla."

*Il-ferħ wara l-qrar*

Il-laqgħa tagħna ma' Kristu fil-Qrar għandha timliena bil-ferħ, għax dnubietna jinħafru bħalma nħafru dnubiet il-mara midinba wara li ltaqgħet ma' Ġesu', għalkemm kienu ħafna; minħabba f'hekk il-Knisja tridna, flimkien mas-saċerdot, infaħħru lil Alla għat-tjieba u l-ħniena tiegħu, billi għall-istedina li jagħmlilna s-saċerdot: "Faħħru lill-Mulej għax hu tajjeb", aħna nwieġbu "Għax għal dejjem it-tjieba tiegħu."

Aħna spiss nersqu nqerru, spiss niltaqgħu ma' Ġesu' fis-sagrament tal-Penitenza; imma nistgħu ngħidu li kull darba nġarrbu l-ferħ li ħasset il-mara midinba wara l-laqgħa tagħha ma' Ġesu'?

Dik il-mara ħasset ferħ kbir għax tassew sogħob biha għal dnubietha u l-laqgħa ma' Ġesu' ġabet bidla sħiħa f'ħajjitha għax ma baqgħet tgħix aktar fid-dnub. L-istess ferħ ġarrab is-sultan David wara d-dnub li kien għamel biex Urija l-Hitti jara l-mewt bis-sejf tal-Għammonin, ħalli jkun jista' jeħodlu 'l martu. Permezz tal-profeta Natan Alla ċanfar lil David għad-dnub tiegħu u meta David ra x'kien għamel sogħob bih tassew, beka, u tnikket u għamel penitenza sa ma l-Mulej warrab minn fuqu l-kastig li kien ħaqqu u David seta' jerġa' jikseb is-sliem u l-paċi tal-qalb u jrodd ħajr lil Alla għall-kobor tal-ħniena u t-tjieba tiegħu.

*L-imħabba tistor kotra ta' dnubiet*

Il-mara midinba u David inħafrulhom dnubiethom għax ħabbew ħafna, għax l-imħabba tgħatti kotra ta' dnubiet. U hekk lilna. Imma, nistaqsu, x'għandna nagħmlu biex nuru li tassew inħobbu ħafna, ħa jinħafrulna dnubietna? It-tweġiba jagħtihielna Ġesu', mill-kliem li qal lil Xmun il-Fariżew, li beda jitkażża għaliex Ġesu' ħalla mara midinba tersaq lejh. Il-Fariżew huwa xbieha ta' dawk kollha fostna li dejjem lesti jaraw in-nuqqasijiet ta' l-oħrajn u jitkażżaw bihom, u ma jintebħu qatt bin-nuqqasijiet tagħhom. Dawn in-nies huma neqsin mill-imħabba, ftit iħobbu, u allura, igħidilna Ġesu', ftit jinħafrilhom. Inkunu nħobbu ħafna jekk inkunu dejjem

lesti li nagħdru u nistabru bl-oħrajn, li niskużaw u naħfru lill-oħrajn. Dan naslu biex nagħmluh biss jekk inħabirku biex dejjem aktar insiru nixbhu 'l Kristu.

Hu dmir tagħna bħala nsara li nkunu nixbhu 'l Kristu, għax bħala nsara aħna dixxipli tiegħu; u nkunu nixbhuh lil Kristu jekk bħalu nkunu dejjem lesti li ngħidu għal min jonqosna, dak li qal Kristu għal dawk li sallbuh: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu"; inkunu nixbhu 'l Kristu jekk nafu nistabru b'xulxin, jekk nafu nagħdru lil min jonqosna, jekk nafu nissaportu lil min idejjaqna, jekk lesti nagħmlu l-ġid lil min għamlilna d-deni, jekk kull ma nagħmlu nagħmluh għall-imħabba ta' Alla.

Aħna kemm-il darba ma nagħmlux il-ħażin, mhux għax irridu nħobbu lil Alla fuq kollox, imma għax il-ħaġa hi ħażina, hi ta' ħsara għalina: immorru l-Quddies nhar ta' Ħadd biex ma nagħmlux dnub u mhux biex niltaqgħu mal-Mulej flimkien ma' ħutna l-oħra fi Kristu; ma nisirqux, ma nidgħux, ma ngħidux kontra n-nies biex ma niksrux il-kmandamenti ta' Alla u mhux biex nuru mħabba għal Alla u għal għajrna. Meta nkunu qed nagħmlu hekk inkunu bħal Xmun il-Fariżew, inkunu nħobbu ftit; inkunu nħobbu ħafna, meta kull ma nagħmlu, ngħidu u naħsbu fil-ħajja kollha tagħna ta' kuljum, nagħmluh imqanqlin mill-imħabba ta' Alla.

Għal dan iħeġġiġna San Pawl fit-tieni qari tal-lum. Kull ma għamel, San Pawl għamlu mhux biex iħares il-liġi, imma għall-imħabba ta' Alla. Il-liġi ta' Alla hi don ta' Alla, hi għajnuna għalina biex inkunu nafu x'għandna nagħmlu ħa nkunu bla ħtija quddiem Alla; imma Alla minna jrid xi ħaġa aktar minn hekk; iridna iva nkunu bla ħtija quddiemu, imma fuq kollox iridna nkunu qaddisin u bla tebgħa quddiemu, fl-imħabba. Jekk ngħixu ħajjitna f'din id-dinja, imqanqlin mill-imħabba, inkunu ngħixuha bil-fidi f'Ġesu', l-Iben ta' Alla li ħabbna tant li ta ruħu għalina u obda sal-mewt tas-salib. Jekk ngħixu fl-imħabba ta' Ġesu', dnubietna jkunu maħfura u, flimkien ma' San Pawl, inkunu nistgħu ngħidu: "Ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija, għax qiegħed ngħix fl-imħabba tiegħu."

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien illum għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa nitolbu 'l Alla l-grazzja biex nilqgħu bil-ħlewwa l-Kelma tiegħu u nħawluha f'qalbna, għax il-Kelma tiegħu hi setgħana u qawwija, u tista' ssalvalna ruħna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija u xxandar l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet.

Wettaq bil-grazzji tiegħek lil kull bniedem li hawn fid-dinja biex, bħal David, ma jibżax jistqarr li jkun dineb kontra l-Mulej.

Sejjaħ lura lejk lil dawk kollha li tbegħdu minnek, u erġa' ħabbibhom miegħek, sogħbenin u niedma.

Wettaqna fl-imħabba tiegħek u ta' għajrna, biex ikollna l-maħfra ta' dnubietna.

Sieħeb fis-sema mal-anġli u l-qaddisin tiegħek lil dawk kollha li f'din id-dinja ħabirku biex igħixu f'imħabbtek.

Mulej Alla li tista' kollox ġejna llum nistqarrulek id-dnubiet tagħna u nuruk x'inhu l-ħażen tagħna; agħdirna u ħenn għalina; qanqal fina mħabba kbira għalik u għal għajrna, biex ikollna l-maħfra ta' dnubietna u d-don ta' mħabbtek. Bi Kristu Sidna.

## It-tnax-il Ħadd tas-sena

## ILBISNA 'L KRISTU FIL-MAGĦMUDIJA

*Ilbisna 'l Kristu*

Għadna kemm smajna lil Missierna San Pawl igħidilna li aħna lkoll aħna wlied Alla, li aħna lkoll, fil-Magħmudija, ilbisna 'l Kristu, u għalhekk ma għandux ikun hemm aktar għażliet bejnietna, għax aħna lkoll sirna ħaġa waħda fi Kristu, ilkoll aħwa fi Kristu, ilkoll werrieta flimkien miegħu tal-wegħdiet li Alla għamel lil Abraham u lil nislu għal dejjem.

X'ifisser dan il-kliem ta' San Pawl, li l-Knisja riedet tħabbrilna llum, f'dan il-Jum li għamel il-Mulej? X'jiġifieri li aħna lbisna lil Kristu? X'inhi l-wegħda li Alla għamel lil Abraham u lil nislu għal dejjem u li aħna lkoll werrieta tagħha? Meta San Pawl igħidilna li aħna lbisna 'l Kristu, irid ifakkarna li aħna fil-Magħmudija tagħna, stqarrejna li nemmnu fi Kristu, li nemmnu li Kristu hu l-Iben ta' Alla, il-Messija, is-Salvatur tad-dinja, l-Iben ta' Alla li ġie fid-dinja u sar bniedem bħalna biex jeħlisna mill-jasar tax-xitan u jagħtina mill-ġdid id-dinjita' ta' wlied Alla li konna tlifna bid-dnub. Fil-Magħmudija tagħna aħna għamilna l-istess stqarrija tal-fidi li għamel San Pietru dak in-nhar li Ġesu' staqsa lill-Appostli, huma min kienu jgħidu li kien, kif ħabbrilna l-qari ta' l-Evanġelju tal-lum.

Fil-Magħmudija tagħna aħna stqarrejna l-fidi tagħna fi Kristu, li hi l-istess fidi tal-Knisja li tagħha aħna lkoll membri. U San Pawl ikompli jgħidilna li fil-Magħmudija tagħna, aħna mhux biss stqarrejna l-fidi tagħna fi Kristu, imma lbisna wkoll lil Kristu, sabiex ifakkarna li, biex inkunu tassew ulied Alla, mhux biżżejjed li nistqarru l-fidi tagħna b'fommna, imma rridu wkoll nistqarruha bl-egħmil kollu ta' ħajjitna. Dan ifisser li lbisna 'l Kristu, jiġifieri aċċettajna li nkunu nixbhu 'l Kristu, li nimxu fuq l-eżempju tiegħu, li jkollna l-istess sentimenti li kellu hu.

*Kif nilbsu 'l Kristu*

X'għandna nagħmlu biex inkunu nixbhu 'l Kristu, biex inkunu nistgħu ngħidu li lbisna 'l Kristu? X'eżempju tana Kristu biex inkunu nixbhuh? Igħidulna l-Evanġelju li għadna kemm smajna: Ġesu' bata ħafna għalina, miet għalina fuq is-salib, qalbu ġiet minfuda b'daqqa ta' lanza u minnha ħareġ demm u ilma. Bi kliem il-profeta Żakkarija il-Knisja tistedinna llum biex inħarsu lejn din il-qalb minfuda ta' Ġesu' ħalli fuqna jsawwab spirtu ta' ħniena u ta' talb, waqt li nibku biki ta' qsim il-qalb, għaliex kienu dnubietna li sallbu 'l Kristu u għadhom isallbuh sal-lum.

Inkunu tassew nibku dnubietna, jiġifieri nkunu tassew nuru sogħba mill-qalb għal dnubietna, jekk aħna lesti nimxu wara Ġesu', nerfgħu warajh is-salib tagħna kuljum. Hu b'dan il-mod li aħna nkunu tassew nixbhu 'l Kristu, inkunu tassew mexjin fuq l-eżempju li tana, inkunu tassew nistgħu ngħidu li lbisna 'l Kristu. Imma x'jiġifieri terfa' salibek u tmur wara Kristu, u dan kuljum, il-jiem kollha ta' ħajtek? Igħidulna Ġesu' stess: nerfgħu salibna kuljum wara Ġesu', jekk kuljum aħna niċħdu lilna nfusna: hekk biss nistgħu nsalvaw ruħna.

*Iċ-ċaħda tagħna nfusna*

Tiċħad lilek innifsek ifisser li ma tfittixx l-interessi tiegħek, dak li jaqbillek, imma tkun lest twarrab fil-ġenb l-interessi tiegħek u tfittex il-ġid ta' l-oħrajn; ifisser tkun dejjem lest taħfer in-nuqqasijiet kollha li jsirulek u tinsiehom qishom qatt ma kienu, mhux biss, imma wkoll tkun lest tagħmel il-ġid lil min naqsek u offendiek, u tpattilu d-deni li għamillek b'egħmejjel ta' tjieba u ta' ġid; ifisser li tkun dejjem lest li tagħder u tħenn u tistabar b'kull min idejqek jew ifixklek, u tkun lest tkompli dejjem miegħu mingħajr qatt ma ċċanfru jew tonqos mill-imħabba għalih; f'kelma waħda, tiċħad lilek innifsek ifisser tħobb lil kulħadd bl-istess imħabba li biha ħabbna Kristu, imħabba li wasslitu biex jagħti ħajtu għalina, imħabba li twassalna li nqisu lil kulħadd bħala ħutna, u ma naslu qatt biex nagħmlu għażla bejn bniedem u ieħor għax aħna lkoll aħwa fi Kristu.

Mhix ħaġa ħafifa din iċ-ċaħda tagħna nfusna, għaliex il-bnie-

dem miġruħ mid-dnub, hu supperv u egoista, ma jaqax malajr għal ħaddieħor, ikun irid ipatti d-deni li jsirlu bid-deni, ma tantx jinsa malajr il-ħtijiet li jsirulu, iżomm f'qalbu ħsibijiet ta' deni u ta' ħsara, jagħżel bejn bniedem u ieħor, jistmerr u jkasbar lil min mhux bħalu, japprofitta ruħu minn min hu dgħajjef u ma għandux min jaqbeż għalih. Min jagħmel hekk, ukoll jekk mgħammed, ma jkunx liebes 'il Kristu, għax min jagħmel hekk ma għandux l-istess sentimenti ta' Kristu ta' ħniena, sabar, mogħdrija, u fuq kollox imħabba. U għalhekk ma jistax isalva: qiegħed igawdi ħajtu fid-dinja, għax qiegħed igħix skond il-fehmiet tad-dinja, imma se jitlifha għall-ħajja ta' dejjem; jekk ma jibdilx ħajtu, u jilqa' l-istedina li qiegħed jagħmillu Ġesu' llum, u jitgħallem jiċħad lilu nnifsu. Imbagħad, iva, ikun jista' jikseb il-wegħdiet li Alla għamel lil Abraham u lil nislu għal dejjem.

*Werrieta tal-wegħda*

Smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari tal-lum li jekk aħna ta' Kristu, aħna wkoll nisel Abraham, u werrieta skond il-wegħda. Il-wegħda li Alla għamel lil Abraham u lil nislu għal dejjem, kienet il-wegħda li hu jkun missier ta' kotra kbira ta' ġnus, li nislu jkun kotran daqs il-kwiekeb tas-sema u r-ramel f'xatt il-baħar. Alla għamel din il-wegħda lil Abraham bi premju għall-fidi kbira tiegħu, fidi li wasslitu li jemmen dejjem fil-kelma ta' Alla u jittama fih, ukoll f'mumenti li fihom kien jidher li ma hemm ebda tama li se sseħħ il-wegħda li saritlu. Abraham dejjem emmen, u proprju minħabba dan it-twemmin tiegħu hu missier kotra kbira ta' ġnus, hu missier dawk kollha li tul ħajjithom fid-dinja jemmnu bl-istess qawwa u bl-istess ħeġġa ta' Abraham, il-kelma ta' Alla. Dawk kollha għalhekk li jemmnu fil-Kelma ta' Alla, kif emmen Abraham, għandhom sehem mill-wegħda li għamillu Alla, huma werrieta miegħu tal-wegħda ta' Alla, huma min-nisel ta' Abraham u hu missierhom fil-fidi. Il-wegħda magħmula lil Abraham isseħħ fil-milja kollha tagħha fis-saltna tas-sema fejn il-kotra kbira, bla għadd, ta' dawk li ħaslu lbieshom fid-Demm tal-Ħaruf, minn kull poplu u ġens, minn kull ilsien u nazzjon, qegħdin quddiem it-tron ta' Alla jfaħħruh għal dejjem ta' dejjem.

Aħna wkoll għad nissieħbu ma' din il-kotra bla għadd ħa nfaħħru 'l Alla għal dejjem ta' dejjem, jekk il-fidi tagħna tkun bħal dik ta' Abraham, jekk aħna nemmnu fi Kristu u nuru din il-fidi tagħna fl-egħmil kollu ta' ħajjitna billi kuljum inċaħħdu lilna nfusna minn kull nuqqas ta' mħabba u minn kull qerq u ħażen, billi nerfgħu s-salib tagħna ta' kuljum u fuqu nsallbu ġisimna bil-ġibdiet u n-nuqqasijiet kollha tiegħu, ħalli mejtin għad-dinja tad-dnub, ngħixu fil-ħelsien ta' wlied Alla.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u ninsabu miġburin illum f'dar Missierna tas-sema f'dan il-Jum tal-Mulej, waqt li nistqarru l-fidi tagħna fi Kristu, il-Messija ta' Alla, ntolbuh iwettaqna fil-grazzji tiegħu biex inkunu nistgħu niċħdu lilna nfusna u nimxu warajh mgħobbijin bis-salib tagħna.

Mulej Ġesù, ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tħabbar lid-dinja li int Kristu, Iben Alla l-ħaj, u s-Salvatur tagħna.

Mulej Ġesù, wassal lill-bnedmin kollha tad-dinja biex jgħarfu li huma lkoll aħwa u għalhekk ma għandux ikun hemm ebda għażla bejniethom biex ħadd ma jbati minħabba t-twemmin jew ir-razza tiegħu.

Mulej Ġesù, kun ma' dawk kollha li jistqarru li int il-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier, biex igħixu l-Magħmudija tagħhom skond ir-rieda tiegħek.

Mulej Ġesù, wettaqna bil-grazzji tiegħek biex nagħarfu niċħdu lilna nfusna u nerfgħu kuljum salibna warajk, ħa nsalvaw ruħna għall-ħajja ta' dejjem.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, f'ġieh il-merti tal-passjoni tiegħek, kun magħna tul ħajjitna kollha, biex nagħarfu negħilbu kull ma jista' jkun ta' tfixkil għalina ħa nagħtu xhieda tal-fidi tagħna fik quddiem id-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## SAN PIETRU U SAN PAWL

Il-Knisja qiegħda llum tistedinna nagħtu ġieħ lil żewġ Appostli kbar ta' Kirstu, lil San Pietru, l-Appostlu li għas-sejħa tal-Mulej ħalla kollox u mar warajh biex ikun sajjied tal-bnedmin, u San Pawl li minn persekutur ta' Kristu sar għodda maħtura f'idejh biex iwassal ismu lill-ġnus kollha ta' l-art; żewġ Appostli kbar ta' Kristu li Alla ried li jagħtu xhieda għalih sat-tixrid ta' demmhom, fl-istess belt ta' Ruma, għalkemm mhux fl-istess żmien; żewġ Appostli kbar ta' Kristu li bid-demm għażiż li huma xerrdu għal Kristu sebbħu u qaddsu l-belt ta' Ruma u għamluha ġawhra ta' l-ibliet kollha, kif tkanta l-Knisja llum fl-uffiċċju divin tagħha.

Min kienu dawn iż-żewġ Appostli kbar ta' Kristu? X'għamlu biex jistħoqqilhom dan il-ġieħ kollu tal-Knisja ta' Kristu?

*San Pietru*

San Pietru, il-Mulej sejjaħlu waqt li kien jistad fil-baħar tal-Galilija flimkien ma' ħuh, San Andrija, u ma' sħabu, San Ġwann u San Ġakbu: mas-sejħa tal-Mulej ħallew kollox u marru warajh u baqgħu miegħu u kienu xhieda ta' kull ma għadda minnu, ta' kull ma għamel u qal minn meta beda l-missjoni tiegħu jistieden lin-nies jindmu u jemmnu fil-Bxara t-tajba, sal-qawmien tiegħu mill-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-sema. San Pietru, flimkien ma' San Ġwann, l-Appostlu maħbub tal-Mulej, u San Ġakbu, l-ewwel fost l-Appostli li xerred demmu għalih f'Ġerusalemm stess, il-Mulej riedhom miegħu meta tbiddel quddiemhom u wiċċu sar jiddi bħax-xemx u lbiesu sar abjad bħas-silġ: "Rajna b'għajnejna stess il-kobor tiegħu," igħidilna San Pietru, "meta hu ħa mingħand Alla l-Missier ġieh u sebħ... u leħen mit-tron t' Alla nstema' jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż li bih jien nitgħaxxaq: aħna smajnieh dan il-leħen ġej mis-sema meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa." Kienu wkoll l-istess tliet Appostli ma' Ġesu' meta hu qajjem lil bint Ġajru mill-mewt u kienu wkoll l-istess tlieta li kienu miegħu meta, wara l-Aħħar Ikla maddixxipli tiegħu qabel bata għalina, warrab ftit 'il bogħod fil-ġnien taż-żebbuġ biex jitlob lill-Missier ħa jbiegħed minnu l-kalċi tal-passjoni tiegħu. Iżda mbagħad minn dawn it-tliet Appostli, San Pietru ġie magħżul biex ikun dak li jwettaq fil-fidi lil sħabu tul iż-żminijiet. Dan Alla wrieh meta, minn fost l-Appostli kollha, lil San Pietru għażlu u nebbħu biex iwieġeb għall-mistoqsija ta' Ġesu': "U intom min taħsbu li jien?" Imnebbaħ minn Alla, San Pietru wieġeb: "Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj." U Ġesu' qallu: "Imbierek int, Xmun, bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet. U jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata nibni l-Knisja tiegħi u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex. U jiena nagħtik l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet u kull

ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet."

Dan il-kliem, kliem li bih il-Mulej wiegħed lil San Pietru setgħa sħiħa fuq il-Knisja tiegħu, Ġesu' wettqu wara li qam mill-imwiet, f'xatt il-baħar tal-Galilija, meta ta lil San Pietru l-okkażjoni jpatti għat-tliet ċaħdiet tiegħu fil-lejl li Ġesu' ġie maqbud, bi tliet stqarrijiet ta' l-imħabba tiegħu għall-Mulej. Għat-tliet mistoqsijiet ta' Ġesu': "Tħobbni int?" San Pietru wieġeb: "Iva, Mulej, int taf li jien inħobbok." U Ġesu' qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi; irgħa n-ngħaġ tiegħi." U hekk ired ifissirlu dak li kien qallu fl-Aħħar Ikla, meta ħabbarlu li kellu jiċħdu tliet darbiet: "Jien tlabt għalik," qallu, "biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa; inti mbagħad meta terġa' lura għassewwa, wettaq lil ħutek." U San Pietru wettaq lil sħabu meta f'Ruma ta xhieda għal Kristu bil-mewt tiegħu, kif kien ħabbarlu Ġesu' stess wara li qallu jirgħa l-ħrief u n-ngħaġ tiegħu. U minn Ruma, mill-qabar tiegħu fuq l-għolja tal-Vatikan, San Pietru għadu sal-lum iwettaq 'il ħutu: tul iż-żminijiet, permezz tas-suċċessuri tiegħu bħala isqfijiet ta' Ruma u kapijiet tal-Knisja a' Kristu, San Pietru għadu jmexxi l-Knisja ta' Kristu u bla heda jistieden lill-poplu ta' Alla biex, bħala ġens maħtur, saċerdozju rijali, nazzjon qaddis, u poplu miksub minn Alla, bl-imġiba kollha ta' ħajtu jxandar l-egħġubijiet t' Dak li sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb.

*San Pawl*

U minn Ruma wkoll, mill-qabar tiegħu fit-triq li tieħu għall-port ta' Ostia, San Pawl għadu sal-lum isemmagħlna leħnu, qisu ħoss ta' tromba, biex iħabbrilna l-Evanġelju ta' Kristu, Evanġelju mhux tal-bnedmin, għax hu Evanġelju li rċevih u tgħallmu u kien rivelat lilu minn Kristu stess. Kristu sejjaħ lil San Pawl meta żagħżugħ kien kollu ħeġġa għar-reliġjon Lhudija wisq aktar minn sħabu kollha ta' mparu, imġennen kif kien għat-tradizzjonijiet tal-Lhud, ġenn li wasslu biex jippersegwita l-Knisja ta' Alla. Alla lil San Pawl — u dan igħidulna hu stess — għażlu sa minn ġuf ommu biex ikun għodda maħtura f'idejh ħa jwassal isem Kristu sa truf l-art kollha magħrufa dak iż-żmien: ħallih jissieħeb fit-tħaġġir ta' San Stiefnu biex id-demm ta' l-Ewwel Martri ta' Kristu jaqlagħlu l-grazzja tal-konverżjoni, li seħħet huwa u sejjer fil-belt ta' Damasku biex hemm jitfa' l-ħabs lil kull min kien jistqarr li Kristu hu l-Mulej. Għassejħa ta' Kristu, San Pawl wieġeb minnufih, u bl-istess ħeġġa li biha ippersegwita 'l Kristu, beda jħabbar 'il Kristu ma' kullimkien u jxandar 'il Kristu msallab għax kien iħoss li ma kien hemm xejn aktar għalih biex bih jiftaħar ħlief is-salib ta' Kristu li bih id-dinja kienet imsallba għalih u hu għad-dinja. Fil-ħidma tiegħu biex ixandar lil Kristu msallab, San Pawl għadda minn ħafna tiġrib, ġarrab ħafna persekuzzjonijiet, ġie msawwat, kien imfittex għall-mewt, ra l-għarqa kemm-il darba, iżda qatt ma qata' qalbu, għax l-imħabba ta'

Kristu kienet issuqu, moħħu biss li jilħaq il-premju li għalih Alla kien qiegħed isejjaħlu fi Kristu Ġesu'. U meta f'Ruma, fil-ħabs, għaraf li kien wasal għat-tmiem tal-ħidma tiegħu fid-dinja u stqarr li kien lest għas-sagrifiċċju li kien qiegħed jitlob minnu l-Mulej. "Tqabadt it-taqbida tajba," kiteb lill-maħbub dixxiplu tiegħu Timotju, "temmejt il-ġirja tiegħi, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja li biha f'dak il-jum iħallasni l-Mulej, l-imħallef ġust, u mhux lili biss, imma lil dawk kollha li jkunu għexu bix-xewqa tad-dehra tiegħu." Hu t-testment ta' l-Appostlu Missierna, ta' l-Appostlu li għall tliet xhur sħaħ dam fostna jħabbrilna 'l Kristu msallab, u li tul iż-żminijiet kollha, minkejja t-tiġrib kollu tal-ġrajja mqallba ta' pajjiżna, żammna sħħ fil-fidi li xandrilna.

F'dan il-jum ta' festa kbira nitolbu 'l Alla llum jieqaf magħna biex qatt ma niċħdu l-wirt nisrani li missirijietna rċevew mingħand San Pawl u għaddewh lilna bla mittiefes tul dsatax-il mitt sena. Jalla nibqgħu dejjem fidili għat-tagħlim ta' San Pawl, f'rabta sħiħa ta' mħabba u fedelta' lejn is-suċċessuri ta' San Pietru, biex fost it-taqlib u t-taħwid kollu tal-ħajja f'din id-dinja, qlubna jkunu dejjem fis-sod fejn tassew jinsab il-hena — fir-rabta sħiħa mal-Knisja ta' Kristu, dik il-Knisja mwettqa mit-tagħlim taż-żewġ Appostli kbar ta' Kristu, li fiha qiegħdu s-sisien tar-reliġjon.

**L-erbatax-il Ħadd tas-sena**

## IS-SLIEM TA' KRISTU

*Niftaħru bis-Salib ta' Kristu*

Il-Ħadd li għadda, il-Mulej Ġesu' stedinna nimxu warajh mgħobbijin bis-salib tagħna: jalla nilqgħu din l-istedina li l-Mulej jagħmlilna spiss biex imbagħad inkunu nistgħu niftaħru, kif ftaħar magħna Missierna San Pawl, fit-tieni qari tal-lum, li hu ma jiftaħarx ħlief bis-salib ta' Kristu li bih id-dinja hi msallba għalih u hu għad-dinja, tant li f'ġismu jġib il-marki ta' Ġesu'. Jekk aħna ngħożżu dan il-kliem ta' San Pawl, jekk bħalu naslu biex niftaħru biss bis-salib ta' Kristu u bih id-dinja tkun imsallba għalina u aħna għad-dinja, imbagħad tassew ingawdu s-sliem u l-ħniena ta' Alla. Nissallbu għad-dinja u d-dinja tkun imsallba għalaina jekk aħna, kif rajna l-Ħadd li għadda, niċħdu lilna nfusna u nsallbu ġisimna bil-ġibdiet u l-ħajriet kollha tiegħu ħa nżommu ruħna 'l bogħod mill-ħażen u l-qerq tad-dinja, u ngħixu fl-imħabba.

*... biex ikollna s-sliem u l-hena*

Jekk naslu biex nagħmlu dan iseħħ fina dak li ħabbritilna l-Knisja llum fl-ewwel qari tal-Quddiesa, bi kliem il-profeta Isaija. Il-profeta kien qiegħed iħabbar sliem u hena għall-belt ta' Ġerusalemm u għal niesha wara li ntemm għalihom it-tigrib ta' l-eżilju: Ġerusalemm kienet se tinbena mill-ġdid u ġnus minn kullimkien jerġgħu jibdew imorru fiha, jġibu l-ġid u l-għana kollu tagħhom, u n-nies tal-belt tifraħ u tithenna u tgawdi s-sliem u l-paċi. Iżda kliem il-profeta għandu tifsir aktar għoli, u huwa dan it-tifsir li trid twassilna l-Knisja biex tħabbrilna li spiċċa għad-dinja żmien in-niket u l-imrar, żmien il-moħqrija u l-jasar, għaliex wasal iż-żmien li fih l-Iben ta' Alla ġie fid-dinja biex jeqred is-setgħa tax-xitan li kien qed ijassar id-dinja taħt is-setgħa tiegħu; bil-qerda tas-setgħa tax-xitan id-dnub u l-mewt ma baqgħux aktar jaħkmu fuq il-bniedem, u mill-ġdid il-bnedmin setgħu jgawdu dak is-sliem ta' Alla li jisboq kull ma l-bniedem jista' qatt jaħseb jew jittama, dak is-sliem li l-anġli ħabbru lid-dinja fil-lejl li fih l-Iben ta' Alla twieled bniedem bħalna biex jagħti bidu għall-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni.

Ġesu' ġie fid-dinja jġib is-sliem tiegħu dsatax-il mitt sena ilu, imma l-kotra kbira tal-bnedmin għadhom mhux igawdu dan is-sliem, fuqhom għadu ma nxteridx u mhux qed jitgħaxxqu bil-faraġ u s-sebħ li jġibilhom. Dan għaliex? Għaliex għad li għaddew dsatax-il mitt sena minn dak il-lejl li fih l-anġli ħabbru sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba, lill-bnedmin li fihom Alla jsib il-għaxqa tiegħu, għadu ma jsaltanx fid-dinja s-sliem ta' Kristu?

*Is-sejħa tagħna biex inwasslu s-sliem ta' Kristu lid-dinja*

Dan kollu hu ħtija tagħna, ta' dawk kollu li jemmnu fi Kristu. Ġesu' s-sliem tiegħu lid-dinja ma riedx iwasslu hu stess, imma ried li jkunu d-dixxipli tiegħu li jwassluh lid-dinja; ried li nkunu aħna li nwasslu s-sliem tiegħu lill-bnedmin kollha, aħna li bil-Magħmudija sirna dixxipli tiegħu. U llum qiegħed ifakkarna f'dan id-dmir tagħna huwa u jgħidilna li l-ħsad kbir imma l-ħaddiema ftit. Il-kotra kbira tal-bnedmin huma nies ta' rieda tajba, huma bnedmin imxennqa għas-sliem ta' Kristu, imma ftit huma dawk li qed iħabirku biex iwassluhulhom. U għalhekk Ġesu' jgħidilna: "Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fil-ħsad tiegħu." U mhux biss igħidilna nitolbuh jibgħat ħaddiema fil-ħsad tiegħu, imma jibgħat lilna wkoll, huwa u jgħidilna: "Morru, ara qed nibgħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup. Tieħdu magħkom xejn... imma f'kull dar li tidħlu għidu: 'Is-sliem lil din id-dar'." Xi jfisser dan il-kliem ta' Ġesu' għalina llum? Nifhmu, għax smajniha kemm-il darba, li għandna nitolbu lil Alla biex ma jonqsu qatt fil-Knisja l-vokazzjonijiet, biex ma jonqos qatt l-għadd tas-saċerdoti, tar-reliġjużi u tal-missjunarji, biex ma jonqos qatt l-għadd ta' dawk li għandhom sejħa speċjali mingħand Alla biex iwasslu s-sliem ta' Kristu sa truf l-art kollha. Imma għa-

lina li għandna biss is-sejħa għall-ħajja nisranija, kif nistgħu naqdu l-kmand tal-Mulej li qed igħid lilna wkoll: "Morru!" Immorru fejn? Immorru kif?

Ġesu' qiegħed jibgħatna fid-dinja madwarna, fost in-nies li magħhom niltaqgħu kuljum, fuq ix-xogħol, fil-ħin tal-mistrieħ, fit-triqat tal-bliet u l-irħula tagħna; iridna mmorru biex inwasslulhom is-sliem tiegħu, il-paċi tiegħu. Kull nhar ta' Ħadd, f'kull laqgħa tagħna miegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa hu jibgħatna fid-dinja nwasslu l-paċi tiegħu — "Morru fil-paċi ta' Kristu", igħidilna s-saċerdot f'isem Kristu stess fi tmiem kull Quddiesa.

*Kif se jwasslu s-sliem*

Kif sejrin inwasslu aħna s-sliem ta' Kristu fid-dinja madwarna? Bl-imġiba kollha tagħna, b'imġiba li nuru li Kristu hu kollox għalina, li aħna tassew dixxipli tiegħu, u għandna l-istess sentimenti tiegħu ta' ħniena, tjieba, sabar, mogħdrija, maħfra u, fuq kollox, imħabba. U biex dan nagħmluh irridu nifhmu sewwa x'irid igħidilna Ġesu' meta jgħidilna biex ma nieħdu xejn magħna, la but, la ħorġa u lanqas qrieq, u li fit-triq ma nsellmu lil ħadd. B'dan il-kliem Ġesu' jrid jurina li fil-qadi tagħna biex inwasslu'l Kristu lin-nies li magħhom niltaqgħu kuljum, aħna ma għandniex infittxu dak li jaqbel lilna, ma għandniex nuru rabta żejda mal-ġid ta' l-art u l-kumditajiet tal-ħajja, ma għandniex nagħmlu għażla bejn bniedem u ieħor, imma nqisu lil kulħadd l-istess, għaliex fi Kristu ma hemmx għani u fqir, ma hemmx ilsir u ħieles, ma hemmx raġel u mara, imma ikoll aħna aħwa fih, ilkoll mifdijin mid-demm għażiż tiegħu, ilkoll imsejħin għal tama waħda. Irridu għalhekk inkunu dejjem lesti li ngħinu 'l kulħadd, nuru mħabba ma' kulħadd, ukoll ma' dawk li se jeħduha kontra tagħna, għaliex l-imġiba tagħna hi ta' ċanfira għalihom, għaliex, għalkemm jiftaħru li huma nsara, l-imġiba tagħhom ma taqbilx ma' l-isem ta' nsara li huma jġibu. Lil dawn ħutna wkoll, għalkemm midinbin, irridu nwasslulhom is-sliem ta' Kristu, irridu nkunu ta' għajnuna għalihom biex iwieġbu għas-sejħa li bla heda jagħmlilhom il-Mulej ħa jqumu mill-miżerja li fiha waqgħu u jerġgħu lura għandu ħa jerġgħu jinħabbu miegħu. Jistgħu ma jagħtux widen għal kliemna meta nwasslulhom is-sliem ta' Kristu, iżda dan ma għandux jaqtagħlna qalbna; ninqdew b'xi ħadd ieħor, nitolbu l-għajnuna ta' xi ħabib biex igħinna nwasslu lil dawn ħutna l-midinbin is-sliem ta' Kristu; u jekk naraw li l-ħidma tagħna hi kollha għalxejn inħalluhom f'idejn il-ħniena ta' Alla.

F'din il-ħidma tagħna biex inwasslu s-sliem ta' Kristu madwarna ma għandniex nippretendu xi ħlas speċjali, għaliex ma nkunux qed nagħmlu ħlief li naqdu d-dmir tagħna ta' nsara li aħna, għax fl-aħħar mill-aħħar aħna m'aħniex ħlief qaddejja li ma niswew għalxejn: jekk il-ħidma tagħna biex inwasslu s-sliem ta' Kristu madwarna tħalli xi frott, dan ma jkunx ġej mill-ħila tagħna, imma

bi grazzja ta' Alla li jinqeda bina bħala strumenti ħajja f'idejh biex iwassal is-salvazzjoni tiegħu lil min miegħu aħna niltaqgħu kuljum.

*Il-ferħ tagħna*

Meta aħna naraw li bil-ħidma tagħna għal Kristu qiegħed isir xi ġid madwarna, ma jistax ikun li m nifirħux, kif ferħu d-dixxipli wara li reġgħu lura mill-missjoni li għaliha bagħathom il-Mulej; reġgħu lura ferħanin għaliex raw ix-xjaten joqogħdu għalihom minħabba isem Ġesu'. Ix-xjaten ta' żminijietna wkoll joqogħdu għalina minħabba l-isem ta' Ġesu', għaliex bl-eżempji tajba li nistgħu nagħtu naslu biex inħajru lil xi wħud biex ma jibqgħux qalbhom marbuta żżejjed mal-ġid ta' l-art, ma' l-infiq bla rażan, u jirnexxielna ngħinu lil xi wħud jirbħu r-regħba u l-għira u l-mibegħda li jkollhom f'qalbhom. Imma dan mhux aħna nkunu li ġibnieh, imma tkun il-grazzja ta' Alla. Għalhekk igħodd għalina wkoll il-kliem ta' Ġesu' lid-dixxipli tiegħu: "Mhux b'dan ifirħu, jiġifieri li l-ispirti joqogħdu għalikom, mhux b'dan ifirħu, li rnexxielkom issejħu lil xi wħud għall-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla, imma ifirħu għaliex għandkom ismijietkom miktuba fis-saltna tas-smewwiet." Isimna huma miktubin fis-saltna tas-smewwiet, jekk aħna qegħdin ngħixu s-sejħa tagħna ta' nsara, jekk aħna niftaħru biss bis-salib ta' Kristu li bih aħna msallbin għad-dinja u d-dinja hi msallba għalina.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa nitolbu llum lil Alla l-grazzja li bl-imġiba kollha ta' ħajjitna nagħtu xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja u nwasslu s-sliem tiegħu fid-dinja kollha ma' dwarna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tħabrek biex twassal is-sliem ta' Kristu sa truf l-art kollha ħalli kull bniedem jara s-salvazzjoni tiegħek.

Ibgħat ħafna ħaddiema fid-dinja biex iwasslu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni, għax kbir huwa l-għadd tal-bnedmin ta' rieda tajba li għandhom għatx kbir għas-sliem tiegħek u ftit ferm huma l-ħaddiema li jistgħu jwassluhulhom.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art biex is-sliem u l-paċi li tant jixtiequ u tant qegħdin iħabirku għaliha, ifittxuha fid-dawl tal-Evanġelju mqaddes.

Qawwi qlubna biex bil-ħeġġa kollha nwasslu kuljum fid-dinja madwarna l-paċi ta' Kristu.

Mulej Alla li tista' kollox tħalli qatt nieqsa d-dinja mill-ħaddiema tiegħek li juru lid-dinja fejn tinsab il-paċi vera li tant jixtiequ, biex il-bnedmin kollha jitgħallmu minn għandhom kif jibnu dinja ġdida fejn isaltnu paċi vera u għaqda sħiħa bejn il-bnedmin kollha. Bi Kristu Sidna.

## Il-ħmistax-il Ħadd tas-sena

## L-IMĦABBA TA' GĦAJRNA

*Il-ħarsien tal-kmandamenti*

Il-mistoqsija li wieħed għaref fil-liġi għamel lil Ġesu', kif smajna fil-qari ta' l-Evanġelju tal-lum, forsi għamilniha aħna wkoll kemm-il darba: "X'għandi nagħmel biex ikolli l-ħajja ta' dejjem? X'għandi nagħmel biex insalva, biex, wara ħajti f'din id-dinja, nikseb ħena bla tmiem fil-ħajja ta' dejjem?" It-tweġiba malajr jagħtihielna Ġesu' stess illum, huwa u jgħidilna li jekk irridu nsalvaw, jekk irridu mmorru l-ġenna, jeħtieġ li nħobbu 'l Alla fuq kollox u nħobbu wkoll il-proxxmu tagħna. Dan huwa l-kmandament ta' l-imħabba, igħidilna Ġesu', huwa l-kmandament li fih jinsabu miġbura l-għaxar kmandamenti li Alla ta lil Mose' fuq l-għolja tas-Sinaj, u li Mose' niżżel fil-ktieb tal-liġi ta' Alla.

Dan il-kmandament ta' l-imħabba jiġbor fih l-ordnijiet u d-digrieti kollha li Alla għoġbu jagħti lill-poplu li għażel għalih fi żmien il-Patt il-Qadim, u miegħu għamel Patt li jekk iħarsu l-liġijiet u l-kmandamenti kollha tiegħu, huma jkunu l-poplu tiegħu u hu, Alla, ikun Alla tagħhom. U Mose', meta l-Lhud waslu biex jidħlu fl-art li Alla kien wiegħed lil missirijiethom, qabel miet, ried iħallilhom l-aħħar xewqat u twissijiet tiegħu u jfakkarhom fl-egħġubijiet kbar li Alla għamel magħhom mill-ħruġ tagħhom mill-Eġittu u tul l-erbgħin sena li damu mexjin fid-deżert. U fost ħwejjeġ oħra fakkarhom fil-kmandamenti li Alla kien tahom ħdejn is-Sinaj, u qalilhom li dawn il-kmandamenti ma kinux xi ħaġa tqila għalihom biex ikunu jafuhom, ma kellhomx għalfejn jaqsmu ibħra u xmajjar jew jixxabbtu ma' muntanji ħa jmorru f'pajjiżi 'l bogħod biex jitgħallmuhom; dawn il-kmandamenti li Alla tahom kienu ġa' jinsabu f'qalbhom, fuq fommhom, u għalhekk kienet ħaġa ħafifa għalihom li jobduhom.

*Il-bluha tal-bniedem*

Tobdi l-kmandamenti ta' Alla ma kinitx ħaġa ħafifa għal-Lhud biss, imma hi ħaġa ħafifa għll-bnedmin kollha tad-dinja, għaliex il-kmandamenti ta' Alla jinsabu minquxa fil-qalb ta' kull bniedem, u kull bniedem, jekk ma joħnoqx fih innifsu leħen il-kuxjenza tiegħu, jekk ma jħallix id-dnub idallamlu l-fehma tiegħu, jagħraf li għandu jħobb lil Alla fuq kollox, ma jżeblaħx u ma jkasbarx l-isem qaddis tiegħu, u jagħtih il-qima li tixraqlu u tistħoqqlu. Tassew boloh minn twelidhom, naqraw fil-Ktieb ta' l-Għerf, dawk kollha li ma għarfux lil Alla u mill-ħwejjeġ tajba u sbieħ li jaraw fil-ħolqien kollu ma waslux biex jagħarfu lil Alla; u jekk ħasbu li kienu allat xi ħlejjaq minħabba l-ġmiel u l-qawwa tagħhom, imisshom intebħu li wisq isbaħ u aktar qawwi hu Dak li għamilhom. U għalhekk San Pawl jikteb li ma għandhom ebda skuża l-bnedmin li ma jagħarfux lil Alla u ma jqimuhx għax is-smewwiet u l-ħolqien kollu jxandru l-kobor ta' Alla.

Fl-imgħoddi l-bniedem, imsaħħar mill-ġmiel tal-ħolqien, wasal biex jagħmel xi ħlejjaq sbieħ u qawwija l-allat tiegħu, u ma ntebaħx, fil-bluha tiegħu, li dak li għamel il-ħlejjaq kollha hu wisq aktar sabiħ u aktar qawwi mill-ħlejjaq kollha; f'fehmtu mdallma middnub il-bniedem ma għarafx jintrefa' 'l fuq mill-ħolqien ta' madwaru u jagħraf lil Alla, u flok ta qima lil Alla, il-qima tiegħu ta "lin-nar u r-riħ, u l-arja ħafifa, id-dawra tal-kwiekeb, il-mewġa qawwija, id-dawl tas-sema li jmexxi d-dinja" (Għerf 13, 2) u sawwar għalih xbihat tad-deheb u tal-fidda, ta' l-injam u tal-ġebel u qieshom allat tiegħu u tahom il-qima li tistħoqq biss lil Alla.

*Fejn twassal iċ-ċaħda ta' Alla*

Iżda llum il-bniedem wasal mhux biex jagħti qima lill-ħlejjaq flok jagħtiha lil Alla, imma wasal biex igħid li ma hemmx Alla, u għamel lilu nnifsu l-alla tiegħu. Dan wasslu biex iġib fix-xejn mhux biss l-ewwel kmandament ta' l-imħabba — l-imħabba ta' Alla — imma wkoll biex iġib fix-xejn it-tieni kmandament ta' l-imħabba — l-imħabba tal-proxxmu; għax il-bniedem meta jagħmel lilu nnifsu alla tiegħu ma jimpurtah minn ħadd ħlief minnu nnifsu, u jqis lil kulħadd bħala mezz u strument biex iġib 'il quddiem l-interessi tiegħu biss. Bniedem li jagħmel lilu nnifsu l-alla tiegħu jistmerr u jkasbar kull rabta ma' ħaddieħor, ir-rabta tal-familja, ir-rabta tal-ħbiberija: lest biex jagħmel kull xorta ta' ħsara u ta' deni lil uliedu, lil qrabatu u ħbiebu jekk dawk se jkunu ta' tfixkil għall-interessi tiegħu, u wisq aktar imbagħad ikun lest jagħmel kull xorta ta' ħsara lill-bqija tal-bnedmin: għalih il-qtil, is-serq, il-malafami, huma mezzi biex iġib 'il quddiem l-interessi tiegħu; iż-żina ssir għalih mezz ta' qligħ kbir; u biex jistagħna llum wasal biex iwaqqa' fil-vizzju tad-drogi ħafna żgħażagħ u tfal ukoll, u ma jimpurtah minn xejn li b'dawn id-drogi se jeqridhom fir-ruħ u fil-ġisem. Bniedem bħal

dan ma jafx min hu l-proxxmu tiegħu, anzi nistgħu ngħidu li ma jemminx li għandu xi proxxmu. U dan hu proprju ċ-ċaħda tat-tieni kmandament ta' l-imħabba, għaliex il-bniedem ma ġiex maħluq biex igħix għalih waħdu, għaliex il-bniedem irid igħix, anzi hu miġbud biex igħix flimkien ma' bnedmin oħra, li bħalu għandhom dritt għall-ħarsien tad-dinjita' tagħhom ta' bnedmin li huma. Dan ifisser li l-bnedmin għax iridu jgħixu flimkien fis-soċjeta', jeħtiġilhom jirrispettaw lil xulxin u jħarsu d-drittijiet ta' xulxin: dan dmir ta' kull bniedem, dmir li jaqduh bil-ħarsien tal-preċett ta' l-imħabba tal-proxxmu: huwa l-preċett li Alla li lill-bniedem maħluq biex igħix fis-soċjeta' tal-bnedmin.

*Samaritani tajba*

Kull bniedem hu proxxmu tagħna, u dan uriħulna Ġesu' bil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb. Ma hemmx għalfejn nitkellmu fit-tul biex infissru din il-parabbola tal-Mulej għax nafuha tajjeb ħafna; il-qofol tagħha huwa l-fatt li wieħed Samaritan qabeż għal wieħed Lhudi midrub għall-mewt u għenu minn ġidu fil-ħtiġijiet tiegħu. Mill-parabbola minnufih nintebħu li l-proxxmu tagħna hu kull bniedem li jinsab fil-bżonn. Alla, bil-kmandament ta' l-imħabba tal-proxxmu, jordnalna biex ngħinu kif nistgħu kull bniedem fil-ħtiġijiet tiegħu, kemm tar-ruħ u kemm tal-ġisem: il-bniedem mhux biss jista' jbati l-ġuħ u l-għatx, mhux biss jista' ma jkollux x'jilbes jew dar xierqa fejn joqgħod, mhux biss jista' jkun marid jew il-ħabs jew maħqur jew imkasbar minħabba razztu jew twemminu, imma l-bniedem ukoll jista' jkollu bżonn ta' xi parir tajjeb, ta' xi ħadd li jqawwilu qalbu, ta' xi ħadd li jgħinu jitbiegħed mit-triq ħażina li jkun qabad, li jfarrġu fin-niket tiegħu, li jgħinu jintrefa' mill-miżerja li fiha jkun waqa'. Meta aħna ngħinu lil xi ħadd fil-bżonn, hu x'inhu dan il-bżonn, u l-għajnuna nagħtuha għax inħossu għalih, inkunu qed nagħmlu bħas-Samaritan it-tajjeb li, flok baqa' għaddej għal għonq it-triq mingħajr ma mpurtah xejn mill-midrub, mar dewwih, ħadu f'lukanda u ħasiblu għal kollox. Il-parabbola tgħidilna xi ħaġa iżjed ukoll dwar min hu l-proxxmu tagħna. Il-Lhud u s-Samaritani ma kinux jinħamlu bejniethom, u għalhekk Ġesu' fil-parabbola tkellem dwar Samaritan li qabeż għal wieħed Lhudi li kien fil-bżonn, biex jurina li l-proxxmu tagħna hu kull bniedem, u mhux biss il-bnedmin qrabatna, jew nies ta' ġensna, imma wkoll l-egħdewwa tagħna, ukoll min għamlilna d-deni.

Jekk l-imħabba tagħna tkun tħaddan il-bnedmin kollha, imbagħad iva nkunu nistgħu niftaħru li aħna nsara, u li qegħdin ngħixu ta' nsara, għax inkunu tassew nixbhu 'l Kristu li miet għal kulħadd u ġab is-sliem fis-sema u fl-art. L-Iben ta' Alla, li bih u għalih sar kollox u bih kollox qiegħed iżomm, u fih tgħammar il-milja kollha tad-divinita', sar bniedem bħalna, biex jeqred il-mibgħeda minn fost il-bnedmin, u jħabbibhom ma' xulxin u ma' Alla. Bil-qawmien

tiegħu mill-imwiet hu qered is-setgħa tad-dnub u l-mewt u ta lill-bnedmin il-qawwa li jħobbu 'l xulxin bħal aħwa, u sejħilhom biex jidħlu f'dik ix-xirka waħda ta' mħabba li hi l-Knisja tiegħu, dik il-Knisja li tagħha huwa r-Ras. Aħna għandna l-grazzja li nkunu membri ta' din il-Knisja ta' Kristu, u bħala membri ta' din ix-xirka ta' mħabba aħna fid-dmir li ngħixu fl-imħabba ta' xulxin, biex nagħtu xhieda lid-dinja tal-kmandament ta' l-imħabba. Jalla qatt ma nonqsu li nagħtu din ix-xhieda quddiem id-dinja biex ikun tassew jistħoqqilna l-isem ta' nsara li nġibu.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nagħtu ġieh illum lill-Mulej Ġesù għax bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu u permezz tiegħu jġib is-sliem fis-sema u l-art, nitolbuh jgħinna nifhmu sewwa min hu l-proxxmu tagħna, biex qatt ma nonqsu mill-ħarsien tal-kmandament tal-imħabba.

Mulej Ġesù, ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tgħallimna li għandna nħobbu lil Alla fuq kollox u li nħobbu l-proxxmu tagħna, bħalna nfusna.

Mulej Ġesù, ħu ħsieb dawk ħutna l-bnedmin li, imkabbrin bihom infushom, qegħdin jiċħdu lil Alla jew qed igħixu qiesu ma hemmx Alla, biex jintebħu bl-iżball tagħhom, u jaslu biex jagħarfuh.

Mulej Ġesù, tħallix tikber aktar il-ħsara li qed issir fid-dinja tal-lum għax nieqsa ħafna l-imħabba tal-proxxmu u ħafna nies tilfu kull sura ta' mħabba għal ħuthom il-bnedmin l-oħra.

Mulej Ġesù, ara kemm ħsara qiegħda ssir fid-dinja tal-lum minħabba r-regħba tal-bnedmin: tħallix tkompli tinxtered din il-ħsara biex ma jsirx aktar deni lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

Mulej Ġesù, nissel fi qlubna mħabba vera għall-proxxmu tagħna biex inkunu dejjem lesti ngħinu lil kull min naraw fil-bżonn, u npattu bil-ġid id-deni li jista' jsirilna.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, agħti widen għat-talb li qegħdin nagħmlulek illum, u għallimna ngħożżu l-kmandamenti u l-preċetti tiegħek u nħarsuhom bil-ħeġġa kollha ta' qalbna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## NITKELLMU MA' ALLA

*Alla jkellem il-bniedem*

Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud igħidilna li Alla bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem lill-bniedem tul iż-żminijiet sakemm fl-aħħar taż-żmien bagħat lil Ibnu stess fid-dinja biex ikellimna u jurina l-ħwejjeġ moħbija tas-saltna tas-sema, biex jirrivelalna l-misteru moħbi għall-bnedmin kollha sa mill-bidu taż-żmien, jiġifieri li l-bnedmin kollha tad-dinja huma msejħin għas-salvazzjoni għaliex Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għas-sebħ tal-ħajja ta' dejjem. F'dan trid tfakkarna l-Knisja llum u fl-istess ħin trid turina kif aħna stess nistgħu nitkellmu ma' Alla u nisimgħu leħnu.

Jekk inqallbu l-Iskrittura, għandna naraw b'liema mod Alla kellem lill-bniedem fi żmien il-Patt il-Qadim: kien jitkellem ma' Adam u Eva fil-ġenna ta' l-art, u tkellem magħhom ukoll wara li kisru l-kmandament tiegħu u waqgħu fid-dnub mhux biss biex iħabbrilhom il-kastig għad-dnub tagħhom, imma wkoll biex jurihom li, minkejja d-dnub tagħhom, baqa' jħobbhom, u wegħdhom il-ħelsien mill-jasar li fih waqgħu bi dnubhom, meta jasal il-waqt. Kellem lil Noe' meta d-dinja kollha kienet tħażżnet u Alla ma felaħx għall-ħażen kollu tal-bnedmin; kellem lil Noe' u qallu jibni arka biex fiha hu u l-familja tiegħu jeħilsu mil-kastig tad-dilluvju, ħalli jkunu żerriegħa ta' nisel ġdid. Kellem lil Abraham bosta drabi: l-ewwel darba meta sejjaħlu biex iħalli pajjiżu u jmur f'art oħra; kellmu ħdejn il-ballutа ta' Mamre, kif smajna fl-ewwel qari tal-lum, biex iħabbarlu li fi xjuħitu se jkollu tifel; reġa' kellmu meta riedu joffrilu b'sagrifiċċju lil dan l-iben il-waħdieni tiegħu. Abraham, minħabba l-fidi tiegħu f'Alla, fidi li qatt ma ġiet nieqsa, kien il-ħabib ta' Alla, u Alla wegħdu li jkun missier ta' kotra kbira ta' ġnus. Il-wegħdiet li Alla għamel lil Abraham ġeddidhom lil Isakk, u mbagħad lil Ġakob. U meta nisel Ġakob fl-Eġittu sar poplu kbir u kien qiegħed jiġi maħqur, Alla reġa' tkellem u sejjaħ lil Mose' biex jeħles lill-poplu tiegħu mill-jasar. U wara żmien Mose', Alla kompla jkellem lill-poplu tiegħu, biex iżomm sħiħa t-tifkira tal-wegħdiet magħmula lil Abraham u lil nislu, permezz tal-profeti, sa ma waslet il-milja taż-żminijiet, u l-Iben ta' Alla stess ġie fid-dinja biex iħabbar is-salvazzjoni għall-bnedmin kollha.

*Il-missjoni ta' l-Appostli*

Is-salvazzjoni Ġesu' ħabbarha biss lin-nies tal-Lhudija u tal-Galilija, iżda għażel tnax minn ħdan id-dixxipli tiegħu, biex ikunu dejjem miegħu ħa jħejjihom biex iwasslu l-bxara t-tajba tas-salvazzjoni sa truf l-art kollha wara li hu jerġa' lura għand il-Missier. Meta temm il-missjoni tiegħu fuq l-art u bil-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib kiseb is-salvazzjoni għall-bnedmin kollha, qabel tela'

s-sema, lill-Appostli qalilhom: "Morru fid-dinja kollha... agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għallmuhom dak kollu li ordnajtilkom." U l-Appostli marru fid-dinja jħabbru lill-bnedmin kollha u jwissu u jgħallmu bil-għerf kollu lil kulħadd, biex iwasslu lil kull bniedem għall-perfezzjoni ta' Kristu. Huma xterdu fid-dinja jxandru l-Kelma ta' Alla u jħabbru l-misteru moħbi għall-bnedmin kollha sa mill-bidu taż-żmien, jiġifieri li l-bnedmin kollha huma msejħin għas-salvazzjoni fi Kristu li fuq is-salib xerred demmu għall-bnedmin kollha. L-Appostli xterdu mad-dinja kollha u fost ħafna tiġrib u tbatija ħabbru l-Evanġelju u fl-aħħar wettqu l-kelma li huma ħabbru bix-xhieda tal-martirju u hekk temmew f'ġisimhom dak li kien nieqes mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja, dik il-Knisja li Kristu waqqaf fuq is-sisien ta' l-Appostli u li tagħha huma kienu l-ministri, dik il-Knisja li Kristu waqqaf biex twassal il-kelma tiegħu lill-bnedmin tul iż-żminijiet kollha, dik il-Knisja li biha Alla għadu jitkellem mal-bnedmin u jwasslilhom ix-xewqat u t-twissijiet tiegħu.

*Alla għadu jkellimna*

Alla għadu jkellimna kif kellem lil Adam u lil Eva, kif kellem lil Noe', kif kellem lil Abraham u lill-patrijarki l-oħra; għadu jkellimna kif kien ikellem il-poplu tiegħu tal-Patt il-Qadim, iżda mhux aktar b'fomm il-profeti, imma b'fomm Kristu stess, li fil-Knisja qatt ma jieqaf isemmagħlna leħnu. Meta aħna ninsabu miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, aħna nkunu dehra tal-Knisja fid-dinja, u f'nofsna jinsab Ġesu', għaliex ninsabu miġburin flimkien f'ismu: Ġesu' hu magħna bħala l-Kap tagħna, Ġesu' hu magħna u aħna nisimgħu leħnu u nissieħbu miegħu fl-offerta tiegħu lill-Missier għall-maħfra tad-dnubiet, l-offerta li biha f'misteru jġedded is-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib magħmul darba għal dejjem għas-salvazzjoni tad-dinja.

*Inkunu nixbhu lil Marija*

B'liema mod għandna nġibu ruħna meta nkunu ninsabu flimkien ma' Ġesu' bħala Knisja, għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa? Bħala tweġiba għal din il-mistoqsija l-Knisja tagħtina l-eżempju ta' Marija, oħt Marta u Lazzru. Ġesu' kien imur spiss għandhom, fid-dar tagħhom f'Betanja, biex jistrieħ, u Marija, meta Ġesu' kien ikun għandhom, kienet tħalli kollox u tinxteħet f'riġlejn Ġesu' toqgħod tisimgħu, waqt li oħtha kienet tkun imħabbta bix-xogħol tad-dar. U meta Marta talbet lil Ġesu' jgħid lil Marija biex tgħinha, Ġesu' ċanfarha bil-ħlewwa kollha u qalilha: "Marta, int qiegħda tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ, meta ħaġa waħda biss hi meħtieġa; din il-ħaġa Marija għażlitha, u ħadd ma hu se jeħodhielha." Din il-ġrajja ta' Marta u ta' Marija turina b'liema mod għandna nġibu ruħna meta niltaqgħu ma' Ġesu' waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri

qaddisa. Dak il-ħin għandna nħallu fil-ġenb kull ħsieb tad-dinja, ninsew għal ftit mumenti t-tħassib tagħna, il-problemi tagħna, l-inkwiet tagħna, il-proġetti tagħna tal-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja, u ħsibijietna jkunu biss f'dak li qiegħed igħidilna l-Mulej, biex ma nħallu ebda kelma minn tiegħu ttir mar-riħ. Dan għaliex il-kliem li jkun qiegħed igħidilna l-Mulej hu kliem li jgħodd għalina, għal kull wieħed u waħda minna, skond il-qagħda li fiha nkunu fil-ħin u l-waqt li Ġesù' jkun ikellimna. Il-kelma tiegħu tqawwilna qalbna jekk l-inkwiet u t-taqlib tal-ħajja tagħna ta' kuljum qiegħed jifnina, jew il-ħażen kollu li naraw madwarna u fina jwassalna biex niddubitaw minn Alla; il-kelma tiegħu tħeġġiġna dejjem aktar biex ngħixu ħajja aħjar jekk aħna qed nagħmlu kull ma nistgħu biex naslu għall-perfezzjoni fi Kristu; il-kelma tiegħu twissina u twiddibna jekk nibdew nitħajru nħarsu lura u ma nkomplux mexjin 'il quddiem fit-triq li twassalna għall-għaqda dejjem aktar sħiħa fl-imħabba ma' Kristu; il-kelma tiegħu ċċanfarna jekk qbadna triq ħażina u qed nonqsu mill-imħabba ta' Alla u ta' għajrna, u fl-istess ħin tistedinna biex inqumu mill-miżerja li fiha qegħdin naqgħu biex nerġgħu lura għall-ħbiberija miegħu. Il-kelma ta' Kristu tista' tagħmel dan kollu magħna jekk aħna ma nfixkluhiex bit-tħassib żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja, tħassib li jasal biex inessina l-ħaġa waħda meħtieġa: is-salvazzjoni ta' ruħna.

*It-tħassib żejjed*

Il-ġrajja ta' Marta u Marija għandha wkoll tagħlim ieħor għalina. Ġesù' ma ċanfarx lil Marta għaliex kienet meħdija bix-xogħol tad-dar, imma għaliex kienet qiegħda tħabbel rasha u tinkwieta żżejjed bix-xogħol tad-dar, u ma kinitx qiegħda ssib ħin biex tisma' l-kelma tal-Mulej. Ix-xogħol tad-dar irid isir, kif irid isir kull xogħol ieħor li l-bniedem hu msejjaħ biex jagħmel fid-dinja, u dan ix-xogħol irid isir bil-għaqal kollu, irid isir mhux għal wiċċ il-bnedmin, iżda għal Alla, bħala dmir li Alla qiegħed jitlob minna għall-ġid ta' kulħadd. Dak li ma jridx Ġesù' hu li tant neħdew fix-xogħol tagħna ta' kuljum li ma nsibux mument wieħed biss biex ngħollu ħsibijietna lejn is-sema u naħsbu fuq il-ħwejjeġ tas-sema. L-istess xogħol tagħna ta' kuljum nistgħu mbagħad inqaddsuh lil Alla jekk nagħmluh bħala r-rieda ta' Alla għalina, u noffruh bħala t-talba tagħna ta' kuljum lil Alla. Jekk ix-xogħol tagħna ta' kuljum nibdew inħarsu lejh b'dan il-mod, ma jtellfilniex aktar il-ħaġa waħda meħtieġa, imma jkun ta' għajnuna għalina biex niksbuha.

# TALBA TAL-FIDILI

Miġburin f'dar Missierna tas-sema llum, nitolbuh il-grazzja biex l-inkwiet żejjed dwar ħafna ħwejjeġ fil-ħajja tagħna fid-dinja tal-lum, ma jasalx biex itellfilna l-ħaġa waħda meħtieġa.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u twassililna kuljum il-kelma tiegħek biex tmexxina, twissina u tgħallimna l-għerf kollu ħa twassalna għall-perfezzjoni fi Kristu.

Kun ma' dawk kollha li inti ssejjaħ minn ħdan il-poplu tiegħek, biex bħala ministri tiegħek ixandru l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni lill-ġnus kollha ta' l-art.

Dawwal il-fehma ta' kull min hu mġarrab mill-mard u t-tbatija, biex jifraħ għaliex bihom qiegħed itemm f'ġismu dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-bini tal-Knisja tiegħu fid-dinja.

Għinna nżommu 'l bogħod minna kull ħsieb tal-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja, meta ninsabu miġburin flimkien miegħek għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, waqt li int tkun qiegħed issemmagħlna l-kelma tiegħek u tgħidilna xi trid minna.

Mulej Alla li tista' kollox, tħalli qatt it-tħassib żejjed fil-ħwejjeġ tad-dinja ifixkilna u ma jħalliniex naraw sewwa xi trid minna, biex fost it-taqlib u t-taħwid kollu tad-dinja tal-lum, qlubna jkunu fejn tassew jinsab il-veru hena tagħna. Bi Kristu Sidna.

## Is-sbatax-il Ħadd tas-sena

## IL-QAWWA TAT-TALB

*Imweldin mill-ġdid*

Il-Knisja fit-tieni qari tal-lum, bi kliem Missierna San Pawl, tagħtina aħbar li għandha tkun ta' faraġ kbir għalina, għaliex tfakkarna li aħna, fil-Magħmudija tagħna, indfinna ma' Kristu fil-mewt tiegħu biex miegħu nirxuxtaw għall-ħajja ġdida u dan bis-saħħa tal-fidi tagħna fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Minħabba d-dnub tan-nisel li writna mingħand Adam aħna konna mejtin għal Alla, konna egħdewwa tiegħu, imma Alla ħabbna u tana l-ħajja mill-ġdid bi Kristu, għaliex Kristu bil-mewt tiegħu fuq is-salib qered il-mewt tagħna, kisbilna l-maħfra tad-dnubiet bid-demm li hu xerred fuq is-salib, ħassar il-kont tad-dejn li kellna ma' Alla, u hekk stajna ngħixu mill-ġdid il-ħajja li konna tlifna bid-dnub. Bil-Magħmudija bdejna ngħixu ħajja ġdida, bdejna ngħixu l-istess ħajja ta' Alla, sirna ħbieb ta' Alla, anzi sirna aħwa ma' Kristu u wlied Alla u werrieta flimkien miegħu tas-saltna tas-sema.

*Il-qawwa tat-talb*

Għaliex aħna ħbieb ta' Alla, għaliex aħna wlied Alla, lil Alla nistgħu nsejħulu "Missier": l-istess Spirtu ta' Alla li ssawwab fina fil-Magħmudija tagħna, inebbaħna biex induru lejn Alla u ngħidulu: "Abba! Missier!", u Kristu stess, meta l-Appostli talbuh igħallimhom jitolbu kif San Ġwann għallem jitolbu d-dixxipli tiegħu, qalilhom jitolbu hekk: "Missierna li inti fis-smewwiet jitqaddes ismek; tiġi saltnatek; ikun li trid int; agħtina ħobżna ta' kuljum; aħfrilna dnubietna; iddaħħalniex fit-tiġrib; eħlisna mid-deni." U wara li Ġesu' għallem din it-talba lid-dixxipli tiegħu, qalilhom ukoll li Alla sejjer dejjem jisma' din it-talba tagħhom, u wettaq kliemu permezz ta' żewġ parabboli li ħabbrilna l-Evanġelju tal-lum, il-parabbola ta' wieħed li f'nofs ta' lejl iqum biex jagħti l-għajnuna lil wieħed ħabib tiegħu li ma qatax qalbu u baqa' jħabbat il-bieb sakemm inqeda, u l-parabbola ta' missier li 'l uliedu jagħtihom xi ħaġa ta' ġid u mhux xi ħaġa li tagħmlilhom ħsara.

Minn dawn iż-żewġ parabboli Ġesu' joħroġ tagħlima għall-Appostli, biex jurihom li għandhom jitolbu dejjem, bla ma qatt jaqtgħu qalbhom, għax il-Missier jisma' żgur it-talb tagħhom u jagħti dejjem spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu. Għalhekk Ġesu' qalilna llum: "Itolbu u jingħatalkom, ħabbtu u jiftħulkom, fittxu u ssibu, għax min jitlob jaqla', min ifittex isib, min iħabbat jiftħulu."

*Kif nitolbu*

Jekk hu minnu dan il-kliem ta' Ġesu', għaliex kemm-il darba dak li nitolbu lil Alla aħna ma naqilgħuhx? Ma naqilgħux dak li nitolbu għaliex nitolbu ħażin, għaliex nitolbu dak li mhux ta' ġid

għal ruħna, għax ma nitolbux f'isem Kristu, għaliex ma nitolbux kif titlob il-Knisja.

It-talb kollu tal-Knisja lill-Missier hu bi Kristu fl-Ispirtu s-Santu, għaliex fi Kristu aħna għandna avukat kbir quddiem il-Missier li fis-sema dejjem lest biex jidħol għalina, għaliex hu l-medjatur ewlieni tagħna: bħala bniedem hu wieħed minna u għalhekk jista' jidher u jitkellem għalina, u bħala Alla t-talb tiegħu għalina għandu qawwa liema bħalha. Hu stess qalilna x'għandna nitolbu, u l-Knisja fit-talb kollu tagħha dejjem titlob dak li Kristu għallimna li għandna nitolbu.

L-ewwel talba tagħna hi li jitqaddes l-isem ta' Alla billi l-bnedmin kollha minn tarf għall-ieħor tad-dinja, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, jagħtu ġieħ lil Alla u jsebbħu l-isem qaddis tiegħu u ma jkasbruhx bid-dagħa u l-ħalf falz tagħhom. U nitolbu wkoll biex tiġi s-saltna ta' Alla, jiġifieri nitolbu biex il-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna, u l-Knisja tiegħu tkun tidher fid-dinja kollha bħala sinjal ta' salvazzjoni għal kulħadd u tkun verament l-għamara ta' Alla mal-bnedmin. U nitolbu mbagħad ukoll biex kullimkien isehh dak li jrid Alla; u r-rieda ta' Alla hija din, il-qdusija tagħna, billi nżommu ruħna 'l bogħod minn kull tinġis tad-dnub u minn kull qerq tal-ħażen aħna u nħarsu l-kmandamenti u l-preċetti kollha ta' Alla.

*Nitolbu għall-ħtiġijiet tagħna*

It-talb tagħna għalhekk għandu jkun l-ewwelnett talb ta' tifħir, ġieh u radd il-ħajr lil Alla għax it-tjieba tiegħu għal dejjem; iżda Alla ma jridniex nitolbu dan biss; iridna wkoll nitolbuh għall-ħtiġijiet tagħna, mhux għax ma jafx x'neħtieġu, imma għall-ġid tagħna, biex aħna nagħarfu u nifhmu li mingħajru ma aħna xejn, u kull ma għandna ġej minnu. Għalhekk iridna nitolbu għall-ħtiġijiet tagħna ta' kull jum, mhux biss għall-ħtiġijiet materjali, imma, wisq aktar, għall-ħtiġijiet spiritwali tagħna. Huwa f'din il-ħaġa li aħna kemm-il darba ma nitolbux kif imiss jew nitolbu għal xi ħaġa li mhux se tkun ta' ġid għal ruħna. Ġeneralment nitolbu għal xi ħtiġijiet materjali, li m'humiex dejjem ħtiġijiet tassew, li forsi se jkunu ta' ħsara għall-ħajja ta' ruħna: meta nitolbu xi ħaġa hekk, Alla, li jrid il-ġid t' dejjem tagħna, ma jagħtihilniex, iżda jagħtina flokha xi ħaġa aħjar li tkun aktar ta' ġid għal ruħna. Xi kull tant nitolbu għall-ħelsien minn xi tiġrib, minn xi marda, minn xi salib, u t-tiġrib jibqa' magħna, il-fejqan mill-marda ma jseħħx, is-salib jidher aktar tqil: dan ma jfissirx li Alla ma semax it-talba tagħna; ikun semagħha iżda flok tana dak li tlabna aħna, ikun tana xi ħaġa aħjar, ikun uriena sinjal speċjali ta' mħabbtu, għaliex bit-tiġrib u l-mard u s-salib tana li nissieħbu ma' Kristu fil-passjoni tiegħu għall-ġid tagħna u ta' l-oħrajn. Mhux biss, imma wkoll ikun tana l-qawwa li neħtieġu għal dan u biex bil-ferħ nerfgħu t-tiġrib u l-mard u s-salib tagħna.

Nitolbu wkoll għall-maħfra ta' dnubietna. Alla jaħfirhomlna daqskemm inkunu lesti li naħfru lil min hu ħati għalina, daqskemm ikollna sogħba u ndiema għalihom. Nitolbu biex ma nidħlux fit-tiġrib u biex neħilsu minn kull deni; f'dan ukoll Alla jisma' t-talb tagħna għaliex, jekk jippermettilna li nkunu mġarrbin mit-xitan, jagħtina wkoll kull għajnuna biex nirbħu t-tiġrib kollu li jista' jkollna, u jekk naqgħu ikun tort tagħna għax inkunu aħna stess li fittixna l-okkażjoni tad-dnub u ġibna d-deni fuqna bi ħtija tagħna stess.

*Alla jisma' t-talb ta' ħbiebu*

Alla dejjem jisma' talb tagħna, iżda b'mod speċjali jogħġbu t-talb li jagħmlulu dawk li huma ħbiebu, bħalma kien Abraham, kif jurina l-ewwel qari tal-lum. Alla għarraf lil Abraham bil-ħsieb tiegħu li jeqred il-bliet ta' Sodoma u Gomorra minħabba l-kobor tal-ħażen tagħhom, iżda Abraham talab lil Alla jħenn għal dawk il-bliet minħabba t-tajbin li kienu jgħammru fihom; kien lest li ma jibgħatx il-kastig tiegħu fuq dawk l-ibliet jekk fihom kien hemm ħamsin tajbin; u għaliex Abraham baqa' jitolbu u ma qatax qalbu mit-talb, Alla kien lest biex ma jisħetx il-belt minħabba għaxra tajbin. Din il-ġrajja turina kemm jiswa t-talb tan-nies tajba, tal-qaddisin, quddiem Alla; jurina wkoll li għandna dejjem nitolbu u nkomplu nitolbu dejjem bla ma qatt naqtgħu mit-talb. Il-ħolqien kollu jitlob lil Alla għaliex il-ħolqien kollu jxandar il-glorja ta' Alla; wisq aktar għalhekk għandu jxandar il-glorja ta' Alla bit-talb tiegħu l-bniedem li Alla ħalqu ftit inqas mill-anġli u qiegħdu fuq l-egħmejjel kollha ta' jdejh. Hu għalhekk li l-Knisja titlob kuljum biex tkompli t-talba li Kristu beda f'din id-dinja u qiegħed ikompliha fis-sema. Il-Knisja msieħba ma' din it-talba ta' Kristu, tqaddes il-mumenti ewlenin tal-ġurnata bit-talb tagħha: titlob ma' sbieħ il-jum, titlob f'nofs il-jum, titlob ma' nżul ix-xemx, titlob qabel il-mistrieħ tal-lejl. Il-Knisja trid li l-insara kollha wkoll iqaddsu magħha s-sigħat ewlenin tal-jum bit-talb tagħhom ħa jfaħħru 'l Alla u jroddu ħajr u jitolbuh għall-ħtiġijiet tal-Knisja, tad-dinja u tal-komunita' li fiha jgħixu. Il-Knisja tiżgurana li dan it-talb tagħna, imsieħeb mat-talb tagħha, iġib kotra ta' grazzji fuq id-dinja u jeħlisna minn kull deni u kull tiġrib, u jseddaq ħajjitna fis-sliem u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. Jalla ma nieqfu qatt mit-talb f'għaqda sħiħa mal-Knisja ta' Kristu.

## TALBA TAL-FIDILI

Illum, kif għadna kemm smajna lill-Mulej Ġesù jgħallimna kif għandna nitolbu, magħqudin flimkien f'xirka waħda ta' mħabba, ma' Kristu, fi Kristu u bi Kristu, nagħmlu t-talba tagħna lill-Missier għani bil-ħniena, biex ixerred kotra ta' barka u sliem fuq id-dinja kollha.

Missierna li int fis-smewwiet, agħmel li ismek ikun imbierek fl-art kollha u kull bniedem jagħraf il-ġmiel glorjuż tas-saltna tiegħek.

Missierna li inti fis-smewwiet, uri lill-bnedmin x'inhi r-rieda mqaddsa tiegħek, biex dejjem u kullimkien ikun dak li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art.

Missierna li inti fis-smewwiet, agħmel li minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, kullimkien fid-dinja, ttla' quddemek kuljum l-offerta tal-Knisja tiegħek hija u ġġedded is-sagrifiċċju tas-salvazzjoni tagħna.

Missierna li inti fis-smewwiet, tħalli qatt nieqsa mill-ikel ta' kuljum u mill-ħtiġijiet kollha għall-ħajja xierqa fl-art, il-bnedmin kollha li llum qed igħixu fid-dinja.

Missierna li inti fis-smewwiet, aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, la ddaħħalniex fit-tigrib, u eħlisna minn kull deni.

Mulej Alla tagħna, ilqa' t-talba li għadna kemm għamilnilek illum, it-talba li Ibnek stess għallimna, għas-salvazzjoni tagħna, u agħmel li jseħħu dawn ix-xewqat tajba tagħna li qed inwassluhomlok ma' Kristu, fi Kristu, u bi Kristu, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

### It-tmintax-il Ħadd tas-sena

### INFITTXU L-ĦWEJJEĠ TAS-SEMA

*Kull nhar ta' Hadd niċċelebraw l-Għid tal-Mulej*

Illum il-Knisja qiegħda tagħmlilna l-istess stedina li għamlitilna nhar l-Għid il-Kbir biex aħna li, fil-Magħmudija tagħna, irxoxtajna ma' Kristu għall-ħajja ġdida, naħsbu mhux fil-ħwejjeġ ta' l-art imma fuq dawk tas-sema. Din l-istedina tal-Knisja llum m'hijiex barra minn postha, għaliex kull nhar ta' Hadd il-Knisja tħabbrilna l-qawmien tal-Mulej mill-imwiet u tistedinna biex niftakru fil-Magħmudija tagħna; għaliex trid ukoll li kull nhar ta' Hadd qabel il-Quddiesa ewlenija tal-ġurnata jitbierek l-ilma b'tifkira tal-Magħmudija tagħna u jiġi mraxxax fuqna b'sinjal ta' ndiema.

Kull nhar ta' Hadd il-Knisja tfakkarna li aħna mitna għad-dnub u ħajjitna ġiet moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla, jiġifieri aħna mitna għad-dnub u sirna aħwa ma' Kristu, bdejna ngħixu l-istess ħajja tiegħu

li nkabbru dejjem aktar fina bis-sagramenti mqaddsa, sa ma jasal għalina l-jum li fih Kristu jerġa' jidher biex idaħħalna miegħu fis-sebħ tassaltna tiegħu fis-sema.

*X'inhuma l-ħwejjeġ ta' l-art*

Iżda llum il-Knisja mhux biss tistedinna biex naħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema u mhux f'dawk ta' l-art, imma tgħidilna wkoll x'inhuma l-ħwejjeġ ta' l-art li għandna nżommu 'l bogħod minn ħsibijietna. Il-ħwejjeġ ta' l-art li rridu nżommu 'l bogħod minna, tgħidilna l-Knisja llum, bi kliem San Pawl Missierna, huma ż-żina, il-faħx, il-ġibdiet u x-xewqat ħżiena, ir-rebgħa u l-gideb: f'kelma waħda, l-egħmil kollha li juri nuqqas kbir ta' mħabba għal għajrna; hu egħmil kollu kemm hu li ma jixraqx li jissemma' fost dawk li huma ta' Kristu, fost dawk li ċaħdu d-dnub u qerq tax-xitan u l-frugħat tad-dinja. "Intom inżajtu l-bniedem il-qadim," tgħidilna l-Knisja, "inżajtu mill-bniedem tad-dnub, biex tilbsu l-bniedem il-ġdid, biex tilbsu 'l Kristu u tkunu tixbħuh f'kollox, billi jkollkom l-istess sentimenti tiegħu ta' tjieba, ħniena, maħfra, mogħdrija, sabar u fuq kollox imħabba għal kulħadd, b'mod li ma tagħmlu ebda għażla bejn bniedem u ieħor, għax il-bnedmin kollha huma aħwa flimkien fi Kristu."

*L-idolatrija tar-regħba*

Forsi wieħed igħid li l-ħwejjeġ ta' l-art li l-Knisja bi kliem San Pawl tgħidilna biex inżommu 'l bogħod minn ħsibijietna, huma ħwejjeġ li lanqas qatt noħolmu li nagħmlu, imma jekk ngħarblu ftit lilna nfusna, malajr nintebħu li dak l-egħmil kollu li lanqas jixraq li nsemmuh nagħmluh meta norbtu qalbna mal-ġid ta' l-art li jgħaddi, u nagħmlu dan il-ġid il-bidu u t-tmiem tal-ħajja kollha tagħna fid-dinja.

Il-bniedem li jorbot qalbu mal-ġid ta' l-art u moħħu biss li jkattru dejjem aktar, jaqa' f'dik li San Pawl isejħilha l-idolatrija tar-regħba, għaliex jagħmel il-flus u l-għana u l-ġid l-alla tiegħu; bniedem bħal dan ma jarahiex xejn bi tqila biex jigdeb, biex iqarraq, biex jagħmel kull xorta ta' egħmil faħxi u jasal biex ibigħ lil uliedu stess għall-qligħ tal-flus; u jekk dan il-bniedem għandu qalbu tant marbuta mal-flus u mal-ġid tad-dinja, in-nuqqas tagħhom joħolqu fih ħafna xewqat u ġibdiet ħżiena ta' għira u ta' mibgħeda li spiss iwassluh imbagħad għall-vjolenza u għat-tkasbir ta' l-oħrajn. Għalhekk il-Knisja llum mhux biss tgħidilna biex naħsbu fuq il-ħwejjeġ tas-sema, imma tfakkarna wkoll li l-ġid kollu ta' l-art hu kollu frugħa, u iblah ikun il-bniedem li jaħli l-enerġiji kollha tiegħu biex ikabbar dejjem aktar il-ġid tad-dinja li għandu.

*Nagħmlu kollox għall-Mulej*

Kliem Qohelet fl-ewwel qari tal-lum, għandu jħassibna ħafna jekk kull ħidma tagħna f'din id-dinja ma nagħmluhiex fil-Mulej u għall-Mulej.

Bniedem jista' jaħdem bil-għerf u l-għaqal kollu biex jagħmel ħwejjeġ ta' ġid, imma jekk din il-ħidma tiegħu ma jagħmilhiex għall-ġid ta' ħutu l-bnedmin u hekk jagħti glorja lil Alla li tah id-dehen u l-għaqal,

il-ħidma kollha tiegħu tkun għalih ħidma fiergħa, għax minnha hu mhux se jieħu xejn, u se jgawdiha xi ħadd ieħor li ma tħabatx għalina. Kemm jitħabtu xi nies biex ikattru ġidhom, kemm jitbaqbqu, kemm igħaddu ġranet u ljieli sħaħ jaħsbu u jippjanaw il-ħidmiet u wara tant żmien ta' taħbit u ta' tħassib, jiġrilhom bħal dak ir-raġel għani tal-parabbola li Ġesù semmagħlna fl-Evanġelju tal-lum!

Ir-raġel għani tal-parabbola tħabat u stinka biex jaħżen ħafna ġid, u ma kienx biżżejjed għalih, għax kien ħsiebu jkompli jitħabat ħa jkattar ġidu dejjem aktar biex imbagħad ikun jista' jgawdih, jiekol u jixrob u jixxala. Imma fil-bluha tiegħu nesa li Alla seta' jsejjaħlu ħin bla waqt biex jagħti kont ta' ħajtu fid-dinja. U meta deher quddiem Alla x'seta' jiswielu l-ġid ta' l-art li kellu fl-imħażen tiegħu? Ma swielu xejn u lanqas gawdih; tħabat biex gawdew il-werriet tiegħu. Iżda jekk flok fittex jaħżen teżori fuq l-art, ħabrek biex jaħżen teżori fis-sema, dawn kienu jkunu jiswewlu għall-ħajja ta' dejjem. Għalhekk jgħidilna Ġesù fl-Evanġelju: "Taħżnux teżori fuq l-art fejn il-ħallelin jistgħu jisirqu u fejn il-kamla tista' tmermer kollox, imma aħżnu teżori fis-sema fejn la hemm kemla u lanqas ħallelin".

*It-teżori tas-sema*

U x'inhuma t-teżori li għandna naħżnu fis-sema? Huma teżori li kulħadd jista' jaħżinhom, għaliex huma t-teżori ta' l-egħmejjel tajba li aħna nagħmlu: il-qima li aħna nagħtu lil Alla fl-ispirtu u l-verità, ix-xhieda li nagħtu quddiem id-dinja ta' ħajja verament nisranija, it-tħabrik tagħna biex is-saltna ta' Alla tinxtered u tikber fl-art kollha, it-talb li nagħmlu biex jitqaddes l-isem ta' Alla u jkun dak li jrid kullimkien fid-dinja; l-għajnuna li nagħtu lil min hu fil-bżonn billi nitimgħu lil min hu bil-ġuħ, nisqu lil min hu bil-għatx, inlibbsu lil min hu għarwien, inżuru l-morda u l-imġarrbin, nagħtu parir tajjeb lil min jeħtieġu, inqawwu l-qalb dawk mifnijin mill-hemm u l-ħażen tad-dinja — dawn kollha huma teżori li naħżnu fis-sema, għaliex dan kollu hu egħmil li Alla jqisu magħmul lilu stess; u proprju għalhekk idaħħalna fl-hena tiegħu. Infittxu mela li naħżnu dawn it-teżori kollha ta' ġid spiritwali. Din m'hijiex xi ħaġa tqila għalina, għaliex għandna l-Mulej magħna li jwettaqna bil-grazzji tiegħu ħa nagħmlu dak kollu li jogħġbu, ħa nkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Meta mbagħad jidher Kristu, il-ħajja tagħna, meta mbagħad jasal il-waqt li nħallu din id-dinja, il-Mulej stess jiġi jilqagħna u jdaħħalna għandu biex miegħu nidhru fis-sebħ tal-ħajja ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Illum li qegħdin nisimgħu leħen il-Mulej jistedinna biex ma norbtux qalbna mal-ġid tad-dinja, nagħtu widen għall-kelma tiegħu u nitolbuh iwettaqna bil-grazzji tiegħu ħa nagħarfu nużaw il-ġid ta' l-art b'mod li ma nitilfu qatt il-ġid li jibqa' għal dejjem.

Wettaq, Mulej, il-Knisja tiegħek hija u tagħmlilna l-istedina tiegħek biex naħsbu fuq il-ħwejjeġ tas-sema u mhux f'dawk ta' l-art biex meta jidher Kristu nidħlu miegħu fis-sebħ tiegħu.

Dawwal il-fehma ta' l-għonja u tas-setgħanin tad-dinja biex il-ġid li għandhom f'idejhom jużawh ħa jtejbu l-qagħda tal-bniedem fid-dinja biex ħadd ma jbati l-ġuħ u kulħadd igħix skond id-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu.

Wassal lil dawk li moħħom biss li jaħżnu ħafna ġid fid-dinja, biex jifhmu li l-veru ġid huwa dak li naħżnu fis-sema permezz tal-egħmejjel tal-ħniena li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn.

Agħtina li mmewtu fina kull ma hu ta' l-art u nżommu ruħna 'l bogħod mir-regħba, biex ħajjitna tkun tassew moħbija ma' Kristu f'Alla.

Mulej Alla, li tista' kollox, fil-Magħmudija int tajtna li nqumu ma' Kristu għall-ħajja ġdida u nkunu xebh ħaj miegħu: agħtina li nikbru dejjem aktar fil-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, ħa nkunu xebh aqwa ma' Kristu, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

## Id-dsatax-il Ħadd tas-sena

## IL-FIDI TAGĦNA

*Kif naħżnu teżori fis-sema*

Il-kliem li l-Mulej Ġesù għadu kemm qalilna llum ikompli ma' dak li smajna l-Ħadd li għadda, meta l-Mulej stedinna naħsbu mhux fil-ħwejjeġ ta' l-art, imma f'dawk tas-sema. Illum qiegħed igħidilna l-istess ħaġa fi kliem ieħor. Kif rajna l-Ħadd li għadda, aħna nkunu naħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema u mhux f'dawk ta' l-art, meta ma norbtux qalbna mal-ġid tad-dinja li jgħaddi, imma nużawh, kif irid Alla, ħa nagħmlu ġid lil ħutna fil-bżonn. Meta nkunu nagħmlu dan, aħna nkunu naħżnu għalina teżori fis-sema "fejn la ħalliel ma jersaq u lanqas kamla ma tħassar". U proprju għal dan qiegħed jistedinna l-Mulej illum u qiegħed igħidilna wkoll biex dawn it-teżori fis-sema naħsbu biex naħżnuhom tul ħajjitna kollha, u ma nagħmlux bħal dawk li jħallu għall-aħħar ta' ħajjithom fid-dinja, għax ma nafux meta jkun dan.

*Kunu dejjem lesti*

U din hi t-tieni twissija li l-Mulej qiegħed jagħmlilna llum: "Kunu dejjem lesti" qalilna, "biex meta niġi nsejħilkom, insibkom tistennewni".

Aħna ma nafux meta se jsejħilna l-Mulej biex nagħtu kont ta' ħajjitna fid-dinja; nafu biss li żgur xi darba jiġi jsejħilna, iżda jekk dan se jiġri f'żogħżitna, jew meta nkunu fl-aħjar ta' ħajjitna, jew fi xjuħitna jew fix-xejb tagħna, hu biss jafu. L-aktar ħaġa importanti għalina hi li, meta jiġi, isibna lesti nistennewh bl-imsiebaħ mixgħula f'idejna, nishru u nitolbu. B'din it-tixbiha wkoll Ġesù jtennilna l-ħtieġa li jkollna teżori maħżuna fis-sema għal meta jiġi, għaliex bl-imsiebaħ mixgħula Ġesù jrid ifisser l-egħmejjel tajba kollha tagħna li bihom niksbu teżor ta' merti fis-sema. Għal dan hu ħeġġiġna meta qalilna li dawkli jemmnu fih għandhom ikunu d-dawl tad-dinja — id-dawl ma naħbuhx, imma nqegħduh fuq xi post fil-għoli biex idawwal lil kull min ikun hemm fid-dar, u meta aħna nkunu qegħdin nagħmlu egħmejjel tajba ma' ħutna fil-bżonn, id-dawl tagħna jkun jiddi madwarna quddiem il-bnedmin li jaraw l-egħmejjel tajba tagħna u jfaħħru 'l Missierna li hu fis-smewwiet.

Meta Ġesù qal dan il-kliem lill-Appostli tiegħu, San Pietru, kif smajna fl-Evanġelju tal-lum, staqsih jekk kliemu kienx biss għall-Appostli jew kienx għal kulħadd. It-tweġiba ta' Ġesù kienet ċara biżżejjed biex nifhmu li hu jrid lil kulħadd jaħżen teżori fis-sema, u jaħseb biex jaħżen dawn it-teżori tul ħajtu kollha għax Ġesù jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw. Iżda kemm huma ftit dawk li jagħtu widen għal dan il-kliem tal-Mulej! Ħafna nsara jibdew jaħsbu biex jaħżnu teżori ta' egħmejjel tajba fis-sema tard f'ħajjithom, u meta l-Knisja tfakkarhom, kif qiegħda tagħmel illum, u tgħidilhom li l-Mulej jista' jsejħilhom f'mument li ma jkunux jobsru fih, għax il-mewt tista' tiġi fuqhom għall-għarrieda u jistgħu jsibu ruħhom quddiem Alla ħa jagħtu kont ta' egħmilhom, ma tantx jieħdu pjaċir. In-nies tal-lum ma jieħdux pjaċir min ikellimhom dwar il-mewt u l-ġudizzju u l-infern, u xi wħud biex iserrħu moħħhom jaslu biex igħidu li ma hemmx ġudizzju u lanqas infern; iżda qatt ma jaslu biex igħidu li ma hemmx mewt.

*Il-fidi*

Min jaħseb hekk, jew jipprova jaħseb hekk, hu nieqes mill-fidi, minn dik il-fidi li mingħajrha ma nistgħux nogħġbu lil Alla, dik il-fidi li hi meħtieġa għas-salvazzjoni tagħna, dik il-fidi li, kif smajna fit-tieni qari tal-lum, hija l-pedament tal-ħwejjeġ kollha li nittamaw. Aħna nittamaw li għad ikollna l-ħajja ta' dejjem u Alla jagħtihielna għax f'din id-dinja nkunu għexna skond ir-rieda tiegħu; iżda din il-fidi biex tkun ħajja skond kif iridha Alla, titlob ħafna ċaħdiet u sagrifiċċji, li aħna naslu biex nagħmluhom biss għaliex għandna tama qawwija li wara t-taħbit u ċ-ċaħdiet kollha li nagħmlu biex ngħixu ħajja tajba, aħna żgur se niksbu l-hena ta' dejjem. Hija din il-fidi tul iż-żminijiet kollha tal-ġrajja tal-Knisja, li qawwiet qalb dik "il-merħla ċkejkna" ta' dawk li l-Mulej isejjaħ biex ibigħu ġidhom kollu u jgħixu ħajja ta' faqar kbir biex ikunu kollhom kemm huma tal-Mulej ħa jaqduh f'ħuthom fil-bżonn billi jagħmlu magħhom egħmejjel ta' tjieba u ħniena jew billi maqtugħin għal kollox mid-dinja jitolbu u jagħmlu penitenzi kbar ħa jpattu għall-ħtijiet tad-dinja.

Hija din il-fidi li wasslet tant nies, tul il-ġrajja kollha tal-Knisja,

biex jissagrifikaw ħajjithom ħa jagħtu xhieda għal Kristu sat-tixrid ta' demmhom; u wasslet lil tant nies oħra biex igħixu ħajja ta' penitenza u ta' ċaħda 'l bogħod mid-dinja biex jagħtu xhieda lid-dinja ta' ħajja wisq aktar għolja u perfetta; u wasslet lil tant nies oħra biex imorru f'pajjiżi mibegħda u hemm, fost tiġrib u perikoli, iħabbru lill-ġnus kollha li ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih jistgħu jkunu salvi jekk mhux l-isem ta' Kristu.

*Il-fidi ta' Abraham*

Hija din il-fidi li kellu Abraham, li wasslitu jafda dejjem f'Alla, meta qallu biex iħalli art twelidu u 'l ġensu u 'l qrabatu u jmur jgħix qiesu barrani f'art barranija; kienet din il-fidi li ġagħlet lil Abraham jemmen il-Kelma ta' Alla meta wegħdu li jagħtih tifel fi xjuħitu u ma' dan it-tifel rabat il-wegħda li jagħmlu missier kotra kbira ta' ġnus; u kienet din il-fidi wkoll li wasslet lil Abraham biex iħejji ruħu ħa joffri b'sagrifiċċju lil Alla lill-ibnu stess, l-iben li miegħu kienet marbuta l-wegħda ta' Alla, għax kien jemmen li Alla kellu s-setgħa mqar li jqajjem mill-mewt. Kienet din il-fidi li għamlet lil Abraham bniedem ġust quddiem il-Mulej, u biha sar eżempju għal dawk kollha li ġew warajh, u hekk sar missierna lkoll min-ħabba l-fidi tiegħu. Kienet din il-fidi wkoll li qawwiet il-poplu ta' Alla fil-ħruġ tiegħu mill-jasar ta' l-Eġittu u tul l-erbgħin sena mixi fid-deżert sa ma waslu fl-art imwegħda lil Abraham u lil nislu għal dejjem.

*Aħna u l-Lhud*

Il-ħelsien ta' wlied Israel mill-jasar ta' l-Eġittu u l-mixi tagħhom fid-deżert hu xbieha tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna f'din id-dinja. Bħalhom aħna ħlisna minn jasar kiefer: huma ħelsu mill-jasar ta' l-Eġittu wara li qasmu l-Baħar tal-Qasab, aħna ħlisna mill-jasar tal-mewt u d-dnub meta għaddejna mill-ilmijiet tal-Magħmudija; qabel telqu mill-Eġittu offrew sagrifiċċji bil-moħbi waqt li qagħdu għal kull ma qalilhom Alla permezz ta' Mose' u hekk kisbu l-ħelsien; aħna wkoll noffru sagrifiċċji ta' radd il-ħajr u sagrifiċċji ta' qalb niedma u sogħbiena aħna u nagħtu widen għall-Kelma ta' Alla li twasslilna l-Knisja; huma tul il-mixi tagħhom fid-deżert kellhom l-ikel mis-sema, u aħna wkoll tul il-mixi tagħna f'din id-dinja għandna ħobż ħaj li niżel mis-sema u li jwettaqna fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna. U kif il-Lhud tul il-mixi tagħhom fid-deżert kemm-il darba webbsu qalbhom u gergru kontra Alla u kemm-il darba mbagħad daru lejh jitolbu maħfra, hekk aħna wkoll kemm-il darba bi dnubietna neħduha kontra Alla, u mbagħad niedma u sogħbiena nduru lejh nitolbuh maħfra. Bħal-Lhud aħna nwebbsu qalbna ma' Alla għax għandna fidi dgħajfa, iżda din il-fidi dgħajfa hi biżżejjed għalina biex nintebħu kemm nonqsu meta nwebbsu qalbna ma' Alla, u twassalna biex nerġgħu nduru lejh nitolbuh maħfra. M'hijiex xi ħaġa sabiħa li aħna nwebbsu qalbna ma' Alla u nwarrbuh fil-ġenb bi dnubietna, u tant hu minnu dan li nistmerru l-Lhud għaliex, minkejja l-egħġubijiet kbar li Alla għamel magħhom, huma webbsu qalbhom miegħu u ġarrbuh; nistmerruhom għaliex ninsew li aħna kemm-il darba nagħmlu bħalhom u agħar

minnhom. Huma kienu jiżbaljaw meta kienet tonqsilhom il-fidi, kif naqsitilhom meta flok 'l Alla huma qiemu għoġol tad-deheb; aħna wkoll kemm-il darba nonqsu mill-fidi u flok inqimu lil Alla nqimu l-ġid tad-dinja, il-flus, l-unuri, u lill-allat foloz kollha ta' żminijietna, u dan nagħmluh għaliex il-fidi tagħna hi dgħajfa ħafna, m'hijiex il-fidi ta' Abraham, m'hijiex il-fidi tal-qaddisin.

Iżda din il-ħaġa ma għandhiex taqtalna qalbna. Il-fidi hija don ta' Alla, don li Alla tana fil-Magħmudija, don li rridu nkabbru u nsaħħu dejjem fina. Il-Mulej igħinna f'dan bil-grazzji li hu jagħtina tul ħajjitna kollha. Nitolbuh għalhekk din il-grazzja flimkien ma' dak il-missier ta' l-Evanġelju li talab lil Ġesù jfejjaqlu 'l ibnu, u għax il-fidi tiegħu kienet dgħajfa talab ukoll lil Ġesù u qallu: "Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!"

## TALBA TAL-FIDILI

Illum li smajna leħen il-Mulej jistedinna naħżnu teżori fis-sema, nitolbuh l-għajnuna tal-grazzja tiegħu, biex, qawwijin fil-fidi, nagħmlu dak li jrid minna. Ngħidulu: Mulej, għinna fil-fidi nieqsa tagħna!

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tistedinna biex fost it-taqlib u t-taħwid kollu tad-dinja tal-lum, ma nonqsu qatt mill-fidi tagħna fik biex teħlisna minn kull tiġrib u twassalna għall-hena ta' dejjem.

Wettaq lil dawk kollha li qalbhom maqtugħa minħabba t-tiġrib u l-ħażen kollu li hawn fid-dinja, biex ma jonqsux mill-fidi tagħhom fik u jemmnu li int tista' tbiddel l-hemm u d-dwejjaq tagħhom f'hena bla qjies.

Kun dejjem mal-poplu tiegħek f'pajjiżna biex dejjem jibqa' sħiħ fil-fidi li wiret mingħand missirijietu u jkun dejjem lest jagħti kont tagħha quddiem id-dinja bl-imġiba kollha tiegħu.

Agħder in-nuqqas ta' fidi tagħna li spiss twassalna biex inwebbsu rasna miegħek u nġarrbuk, u kun magħna biex tgħinna fin-nuqqas ta' fidi tagħna.

Mulej Alla li tista' kollox, ara minn kemm tiġrib ninsabu mdawrin; ħenn għalina jekk spiss aħna nonqsu mill-fidi tagħna fik minħabba dan it-tiġrib kollu tagħna; tħalliniex waħedna iżda ieqaf magħna bil-grazzji tiegħek ħa tgħinna fin-nuqqas ta' fidi tagħna. Bi Kristu Sidna.

*Id-dehra li kellu San Ġwann*

Fl-ewwel qari tal-Quddiesa tal-lum il-Knisja tgħidilna bid-dehra li kellu San Ġwann waqt li kien eżiljat fil-gżira ta' Patmos: ra t-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, jinfetaħ u tidher l-Arka tal-patt f'nofs it-tempju; u deher ukoll sinjal ieħor kbir: mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha, waqt li leħen qawwi missema nstema' jgħid: "Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa u s-saltna ta' Alla tagħna u s-setgħa tal-Messija tiegħu".

Xi trid tħabbrilna b'dan il-Knisja llum, aħna u niċċelebraw it-tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija bir-ruħ u l-ġisem? x'inhi l-Arka tal-patt li dehret f'nofs it-tempju tas-sema? Min hi l-mara mżejna b'kuruna ta' tnax-il kewkba u liebsa x-xemx u bil-qamar taħt riġlejha? Għaliex din id-dehra tħabbar il-miġja tas-salvazzjoni ta' Alla tagħna u s-setgħa tal-Messija tiegħu?

*Tħabbira tal-Knisja u tal-Verġni Marija*

Missirijiet il-Knisja f'din id-dehra ta' l-Appostlu San Ġwann raw imħabbar is-sebħ tal-Knisja ta' Kristu fuq is-setgħat kollha tal-ħażen, il-Knisja, is-saltna ta' Alla fid-dinja, li fiha biss kull bniedem jista' jikseb is-salvazzjoni. F'din id-dehra ta' l-Appostlu San Ġwann raw ukoll imħabbra l-glorja tal-Verġni Marija: u bir-raġun kollu għaliex fil-Verġni Marija, il-Knisja tara dik li tixtieq u tittama li tkun meta tasal fil-milja tagħha fil-glorja tas-smewwiet.

*L-Arka tal-Patt*

Fil-litanija lill-Verġni Marija aħna nsellmulha l-arka tal-patt — *foederis arca:* hu għalhekk li l-Knisja riedet l-ewwel qari għall-Quddiesa tal-Vġili tal-festa tal-lum, tħabbrilna l-ġrajja tad-dħul ta' l-arka tal-patt fil-belt ta' Ġerusalemm fi żmien is-sultan ta' David. L-arka kien għamilha Mose' fuq ordni ta' Alla minn injam tal-gazzi, injam li ma jitħassar qatt, u kienet għall-poplu Lhudi sinjal tal-preżenza ta' Alla f'nofs il-poplu tiegħu. Il-Knisja ta' Kristu nistgħu nqisuha bħala l-arka tal-patt il-ġdid għaliex hi l-għamara ta' Alla fost ulied il-bnedmin, hija d-dar ta' Alla f'din id-dinja u l-bieb tas-sema għall-bnedmin kollha għaliex il-Knisja hija t-triq li minnha rridu ngħaddu ħa jkollna s-salvazzjoni. U l-Verġni Marija wkoll nistgħu nxebbħuha ma' l-Arka tal-patt, għaliex hi tat lid-dinja Bin il-Missier etern, saret omm u baqgħet bi xbubitha bla mittiefsa: permezz tagħha l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna u ġie jgħammar fostna.

*Il-mara liebsa x-xemx*

Lilha Alla għażel sa mill-ħolqien tad-dinja biex tkun dik li tagħti lid-dinja s-Salvatur li kellu jisħaq taħt riġlejh ras is-serp ta' l-infern u jġib fix-xejn il-ħakma tiegħu fuq il-bnedmin, imjassrin bid-dnub u l-mewt. Il-Verġni Marija, permezz ta' Binha, kellha tikseb rebħa sħiħa fuq l-għadu ta' ruħna, fuq ix-xitan, u għalhekk ma kienx jixraq li, imqar għall-mument

wieħed biss, Marija tkun taħt is-setgħa tax-xitan. Kien għalhekk li Marija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha kienet ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub f'ġieħ il-merti li kellu jikseb Binha Ġesù. Il-Verġni Marija, għaliex sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha f'din id-dinja kienet mimlija bil-grazzja, kienet ħielsa mill-iċken tinġis tad-dnub, u għalhekk ġisimha ma kienx jistħoqqlu jara t-taħsir tal-qabar, li hu l-wirt ta' kull bniedem li jiġi fid-dinja, taħsir li minnu għad neħilsu bil-qawwa ta' Dak li qajjem 'il Kristu mill-imwiet u li għad iqajjem ukoll l-ġisem dgħajjef tagħna u jlibbsu bin-nuqqas ta' taħsir u bl-immortalità.

Bil-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet Kristu qered fina s-setgħa tal-mewt u neħħielha n-niggieża tagħha: irridu mmutu, iva, iżda l-mewt mhux se taħkem fuqna għal dejjem, għaliex kif qam Kristu mill-imwiet, aħna wkoll għad inqumu mill-imwiet, iżda, mhux minnufih, imma meta jasal il-waqt, fl-aħħar taż-żmien. Bħalma Kristu qam mill-imwiet, aħna wkoll għad inqumu miegħu mill-imwiet. Kristu hu l-ewwel wieħed li qam mill-imwiet fost dawk kollha li raqdu r-raqda tal-mewt, u aħna wkoll għad inqumu mir-raqda tal-mewt b'ġisem glorjuż bħal tiegħu, ġisem nieqes mit-taħsir, ġisem glorifikat u immortali. Din il-grazzja għad niksbuha lkoll kemm aħna fl-aħħar taż-żmien, iżda fost il-ħlejjaq kollha kien hemm waħda li din il-grazzja ngħatatilha minnufih, malli għalqet għajnejha għad-dawl ta' din id-dinja. Din kienet il-Verġni Marija, u kien jixirqilha dan il-privileġġ bħala l-imnissla mingħajr tebgħa ta' dnub għaliex Omm Alla.

*Il-misteru li qed niċċelebraw illum*

Huwa dan il-misteru li qed infakkru llum aħna u nistqarru li l-Madonna malli mietet ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, li ġisimha ma rax it-tkasbir tal-qabar, imma minnufih sar ġisem glorjuż bħal dak ta' Kristu rxoxt: Marija ġiet imtellgħa s-sema 'l fuq minn kull setgħa u qawwa u nkurunata Sultana tas-sema u ta' l-art. Għalhekk illum il-Knisja tara mħabbra l-Verġni Marija fil-mara ta' l-Apokalissi, il-mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha. Il-mara ta' l-Apokalissi, li hi wkoll xbieha tal-Knisja ta' Kristu li tilħaq is-sebħ kollu tagħha fit-tmiem ta' kollox, meta dawk kollha li huma ta' Kristu, ix-xirka ta-mifdijin kollha, jsaltnu ma' Kristu fil-glorja ta' dejjem, u jiksbu l-glorja li kellha Marija malli ħalliet din id-dinja tad-dmugħ, u hekk seħħ fil-milja kollha tagħha s-salvazzjoni u l-qawwa u s-saltna ta' Alla.

*Infaħħru 'l Alla għall-glorja tal-Verġni Marija*

Hija u taħseb f'dawn il-veritajiet kbar tal-fidi tagħna, li għandhom iqawwulna qalbna quddiem it-tiġrib u l-hemm kollha tal-ħajja ta' turufnament li qegħdin ngħixu f'dan il-wied ta' dmugħ, il-Knisja llum tissieħeb mal-qtajjiet tas-sema, tissieħeb mal-Verġni Marija u mal-qaddisin kollha, biex tfaħħar lil Alla bl-innu ta' tifħir u radd il-ħajr li Marija lissnet mat-tislima li għamlitilha Elizabbetta.

Mal-Verġni Marija nfaħħru llum lil Alla għall-kobor i wera fil-Verġni

Marija, ix-xebba umli u fqajra ta' Nazaret li għażel biex tkun Omm Ibnu magħmul bniedem għalina, ħelisha minn kull tebgħa ta' dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha u taha l-milja tal-grazzji, żejjinha bil-ġmiel u s-sebħ tiegħu, tant li matul iż-żminijiet kollha ma kienx hemm mument wieħed li fih il-poplu nisrani ma tax ġieh, tifħir u qima lil Omm Alla u ħares lejha bħala avukata tiegħu quddiem it-tron ta' Alla u qiegħed fina t-tama kollha u sellmilha bħala omm il-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tiegħu. Ma kienx hemm żmien wieħed li fih il-poplu nisrani ma fittixx il-ħarsien tal-Verġni Marija: fiha dejjem fittex kenn għaliex żgur li hi ma kenitx se twarrab it-talb tiegħu fil-ħtiġijiet kollha ta' din il-ħajja.

Missirijietna wkoll, bħall-poplu ta' Alla kullimkien, dejjem ittamaw fl-għajnuna ta' Marija fit-tiġrib kollu tagħhom, u hi dejjem ħelsithom: fil-ġrajja ta' pajjiżna l-mumenti ta' ħelsien mit-tiġrib kbir insibuhom dejjem marbutin mal-festi kbar tal-Madonna, mal-festa tat-twelid tagħha, mal-festa tal-lum u għalhekk minn qalbna llum, minn din l-art ħelwa l-omm li tatna isimha, minn qalb il-Maltin kollha, jitla' innu ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla għaliex għoġbu jagħtina f'Marija Omm l-aktar ħanina li fil-mixi tagħna f'din id-dinja, bħala kewkba, turina t-triq li twassalna għand Binha Ġesù fil-glorja ta' dejjem.

## L-għoxrin Ħadd tas-sena

## IL-PAĊI TA' KRISTU

"Ġejt biex nagħti mhux il-paċi, imma l-firda" għandu kemm qalilna l-Mulej Ġesù fil-qari ta' l-Evanġelju tal-lum, "ġejt biex jinfirdu missier kontra ibnu, u iben kontra missieru, omm kontra bintha, u bint kontra omma, omm ir-raġel kontra mart bintha u mart l-iben kontra omm żewġha".

Dan il-kliem ta' Ġesù narawh iebes ħafna u qiesu jmur kontra dak li ħabbru l-anġli lir-rgħajja ta' Betlehem fil-lejl li fih twieled Ġesù bniedem bħalna. Jekk il-miġja ta' Ġesù fid-dinja kellha tkun, kif ħabbru l-profeti kollha, il-miġja tas-sliem u l-paċi fid-dinja, għaliex Ġesù llum qiegħed igħidilna li hu ma ġiex fid-dinja biex iġib l-paċi imma ġie biex iġib firda fost il-bnedmin, firda fi ħdan l-istess familji? Irridu għalhekk naraw sewwa x'ried igħidilna Ġesù b'dan il-kliem. Il-Knisja tgħinna naraw dan illum permezz tal-qari mill-Ktieb ta' Ġeremija, l-ewwel qari tal-Quddiesa tal-lum.

*Ġeremija u l-firda fost il-poplu*

Ġeremija ġie msejjaħ minn Alla mhux biex iħabbar sliem u paċi, imma biex ikun bniedem ta' tilwim fil-pajjiż kollu. Ġerusalemm kienet għaddejja minn tiġrib kbir, għaliex is-suldati ta' l-Assirja kienu qegħdin jassedjawha u ma kienx fadal aktar ikel fil-belt, u Ġeremija kien qiegħed

iħeġġeġ lis-sultan biex iċedi u joqgħod għar-rieda tas-sultan ta' l-Assirja, waqt li dawk ta' madwaru rieduh ikompli jiġġieled kontra l-Assirja u xlew lil Ġeremija bħala wieħed li kien qiegħed ifittex il-qerda tal-poplu, jaqtagħlhom qalbhom, u għalhekk tefgħuh il-ħabs u riedu jagħtuh il-mewt. Il-firda fost il-poplu ma kienx qiegħed iġibha Ġeremija, iżda dawk li kienu kontra tiegħu, u li ma ridux jagħtu widen għall-kelma ta' Alla li kienet qiegħda taslilhom permezz ta' Ġeremija. Kliem Ġeremija ma kienx iħabbar sliem u paċi għall-pajjiż, imma dan in-nuqqas ta' paċi ma kienx ġej minn Ġeremija, kienu se jġibuh dawk li ma riedux jisimgħu minn kliemu, dawk li ma ridux jisimgħu l-kelma ta' Alla u kienu qed ixewxu l-poplu kontra l-profeta.

*Ġesù u l-firda*

L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għal Ġesù: Ġesù ġie fid-dinja biex iġib is-sliem u l-paċi lill-bnedmin ta' rieda tajba — hekk ħabbru l-anġli fil-lejl tal-Milied — imma għan-nies li ma kellhomx rieda tajba Ġesù ma kienx se jġibilhom paċi imma firda, għaliex, minħabba r-rieda ħażina tagħhom, huma stess kienu se jinfirdu mill-bnedmin ta' rieda tajba u bħala sehemhom kien se jkollhom it-telfien ta' dejjem, kienu se jitilfu s-sliem li għandu Alla mhejji fis-sema għal dawk kollha li fuq l-art għamlu dejjem ir-rieda tiegħu.

Fl-aħħar mill-aħħar huwa Ġesù stess li llum ifissrilna x'ried igħid meta ħabbrilna li hu ma ġiex biex iġib il-paċi fid-dinja imma l-firda. Qabel qal dan il-kliem Ġesù ħabbar u qal: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art u kemm nixtiequ li ġà qabad". In-nar li Ġesù ġie jqabbad fid-dinja huwa n-nar ta' l-imħabba: ġie fid-dinja biex iħabbeb il-bnedmin ma' xulxin u jħabbibhom ma' Alla li minnu nfirdu minħabba d-dnub. Ix-xewqa ta' Kristu hi li l-bnedmin kollha jkunu xirka waħda ta' mħabba ħa jgħixu flimkien fis-sliem ħajjithom kollha f'din id-dinja sa ma jasal il-waqt li jidħlu fis-sliem ta' dejjem. Iżda mhux kulħadd jilqa' din ir-rieda ta' Alla, bħalma mhux kulħadd kien jilqa' kliem Ġeremija; u kif dawna ġabu firda fil-poplu hekk dawk li ma jilqgħux l-istedina ta' Kristu biex igħixu fl-imħabba jinfirdu mill-poplu ta' Alla, jitilfu s-sliem u l-paċi.

*Il-missjoni ta' Ġesù*

Ġesù ġab bxara ta' paċi, ta' verità u ta' mħabba lid-dinja, u d-dinja ħallsitu bit-tiġrib tas-salib, imma proprju bit-tiġrib tas-salib li Ġesù ġab il-paċi fid-dinja, għax bil-mewt tiegħu fuq is-salib hu ġarraf il-ħitan kienu jżommu l-bnedmin mifrudin minn xulxin u ħabbibhom bejniethom u ma' Alla. Din kienet il-missjoni ta' Kristu, il-magħmudija li biha kellu jitgħammed ħa jkebbes nar ta' mħabba fid-dinja li ma jintefa' qatt — mhux ta' xejn Ġesù kellu xewqa kbira li tfittex isseħħ din il-magħmudija tiegħu, ħalli n-nar ta' mħabba li hu ġab fid-dinja jaqbad u jkun ħuġġieġa waħda mad-dinja kollha.

*Dmirna li nqabbdu n-nar ta' mħabba*

Dan in-nar li Ġesù ġie jqiegħed fid-dinja, irridu nkomplu nqabbduh

aħna, biex il-ħuġġieġa ta' mħabba titkebbes aktar fid-dinja u ssir ħuġġieġa waħda ta' mħabba għal Alla u għall-bnedmin ħutna. Ġesù jixtieqha din il-ħuġġieġa, imma jisgħobih li mhux qed taqbad biżżejjed elfejn sena wara li hu ġie fid-dinja: "kemm nixtieq li ġà qabad!", għadu kemm qalilna fl-Evanġelju tal-lum.

In-nar ta' mħabba li Ġesù jrid jara mqabbad irridu nqabbduh aħna bl-imġiba tagħna bħala nsara. Imma x'nistgħu nagħmlu aħna biex inqabbdu dan in-nar ta' mħabba? Aħna m'aħna xejn, u għalhekk se nirnexxu aħna, meta ma rnexxewx l-insara kollha li ġew qabilna tul iż-żminijiet kollha l-imgħoddija? Ma nistgħux ngħidu li tul iż-żminijiet kollha l-imgħoddija ma kienx hemm insara li ma ħabirkux biex in-nar ta' mħabba li ġab Kristu fid-dinja jaqbad tassew, u dawna xi ħaġa għamlu għaliex, minkejja l-ħażen kollu li hawn fid-dinja, minkejja l-gwerer, il-ġlied, il-mibegħda, l-għira, il-vjolenza li għadhom tant imxerrdin fid-dinja, il-bnedmin dejjem aktar qed jifhmu li huma lkoll aħwa, li huma familja waħda, li jeħtieġ li jgħixu fil-paċi u s-sliem bejniethom, u għalhekk qed iħabirku ħafna għall-paċi fid-dinja, għalkemm xi wħud waslu biex il-paċi jqisuha bħala ħolma li ma hi se sseħħ qatt.

*Il-paċi mhijiex ħolma*

Imma aħna nafu li l-paċi m'hijiex ħolma, imma nafu wkoll li rridu nitħabtu għaliha. Għandna madwarna sħaba kbira ta' xhieda, tgħidilna l-Knisja fit-tieni qari tal-lum, li għandhom iqawwulna qalbna biex inwarrbu kull xkiel għall-paċi fid-dinja. L-akbar xkiel huwa d-dnub, għax id-dnub huwa l-bidu tal-firda fid-dinja, huwa d-dnub li jassar il-bniedem u jeqred fih l-imħabba; u aħna għandna l-kotra l-kbira tal-Qaddisin li bl-eżempju tal-ħajja tagħhom juruna kif nirbħu d-dnub biex b'qalbna qawwija, niġru fit-triq li għandna quddiemna, b'għajnejna f'Ġesù li qagħad għas-salib bla ma qies xejn l-għajb tiegħu u ġab rebħa sħiħa fuq id-dnub u neħħa għalhekk l-ixkiel li kien qed iżomm il-bnedmin mifrudin minn xulxin.

Tul iż-żminijiet kienu l-Qaddisin li salvaw id-dinja, u llum id-dinja għandha ħtieġa kbira ta' qaddisin. Il-qaddisin m'humiex biss dawk li aħna nqimu fuq l-altari u l-knejjes tagħna; il-qaddisin huma dawk kollha li qed iħabirku biex ikunu perfetti kif hu perfett Missierna tas-sema, billi jagħmlu dejjem ir-rieda tiegħu u jżommu ruħhom 'il bogħod mit-tinġis tad-dinja, qaddisin u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba. Aktar ma jkun-kbir l-għadd ta' dawn il-qaddisin ta' dawn il-bnedmin ta' rieda tajba li fihom Alla jsib l-għaxqa tiegħu, aktar malajr isseħħ fid-dinja l-paċi li ġab Kristu, li hija biss imċaħħda lil dawk li ma jridux jafu b'Alla, li jiċħdu lil Alla, li qegħdin igħixu qisu ma hemmx Alla, li 'l Alla u l-kmandamenti tiegħu jwarrbuhom mil-laqgħat tagħhom fejn jittieħdu deċiżjonijiet li jolqtu l-ħajja ta' kulħadd fid-dinja.

Meta Ġesù jgħidilna li hu mhux il-paċi ġie biex jagħti, imma l-firda, dan ried igħidilna: ġie jifred mill-poplu teigħu 'l dawk li ma jridux il-paċi tiegħu, dawk li ma jridux l-imħabba tiegħu, dawk li għamlu lilhom infushom l-alla tagħhom u lil Alla warrbuh fil-ġenb. Jalla ma nkunu qatt

fost dawn in-nies, biex il-paċi ta' Kristu li tisboq kull ma l-moħħ jista' jaħseb, ingawduha tul ħajjitna fuq l-art, inwassluha lil ħutna l-bnedmin kollha, u niksbuha fil-milja tagħha fis-sema.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien f'dar Missierna tas-sema biex naqdu dmirna u nagħtu qima lil Alla fl-ispirtu u l-verità nitolbuh iseddaq ħajjitna fis-sliem u jwettaqna bil-grazzji tiegħu ħa nwasslu s-sliem ta' Kristu fid-dinja kollha madwarna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tħabbrek biex in-nar ta' mħabba li Kristu ġie jqiegħed fid-dinja jibda jaqbad fi qlub il-bnedmin kollha ħa jiksbu s-sliem tiegħu.

Agħmel li s-setgħanin kollha tad-dinja jagħtu widen għall-kliem Kristu, kif twassalulhom il-Knisja ħalli jirbħu kull ma jifridhom u jgħixu flimkien bħal aħwa.

Kun ma' dawk kollha li fid-dinja llum qegħdin iħaddnu ħsibijiet ta' sliem u mhux ta' ħsara u qegħdin iħabirku għall-ġid tal-bnedmin kollha; bl-għajnuna tal-grazzja tiegħek żommhom sħaħ f' din il-fehma tagħhom.

Ikunu l-qaddisin tiegħek eżempju għalina biex inwarrbu minna kull xkiel ta' dnub u b'qalbna qawwija, niġru fit-triq li għandna quddiemna, ħa nwasslu lis-sliem ta' Kristu fid-dinja madwarna.

Mulej Alla tagħna, ara minn kemm tiġrib tinsab imdawra d-dinja llum u kemm hi kbira x-xewqa tal-bnedmin għall-paċi: isma' t-talb tal-Knisja tiegħek u kebbes in-nar ta' mħabba vera fi qlub il-bnedmin kollha biex, bil-verità u s-sinċerita' kollha, iħabirku għall-vera paċi tad-dinja. Bi Kristu Sidna.

## IS-SALVAZZJONI GĦAL KULĦADD

*Alla jrid li kulħadd isalva*

"Mulej, jaqaw ftit huma dawk li jsalvaw?" Din il-mistoqsija li wieħed għamel lil Ġesu' waqt li kien għaddej mill-ibliet u l-irħula tal-Palestina fi triqtu lejn Ġerusalemm, spiss nagħmluha aħna wkoll, xi kultant biex inserrħu rasna wkoll, għaliex jekk ftit huma dawk li jsalvaw, kważi kważi nibdew naqtgħu qalbna mis-salvazzjoni ta' ruħna, għaliex inħossu li m'aħniex ngħixu biżżejjed ħajja li togħġob lil Alla. Iżda dan kollu hu tħassib bla bżonn, u dan tgħidulna l-Knisja stess illum.

Għall-mistoqsija jekk ftit humiex dawk li jsalvaw, Ġesu' ma weġibx, u dan għamlu biex igħidilna li, flok noqogħdu nħabblu rasna humiex ftit jew ħafna dawk li jsalvaw, għandna nfittxu li nħabirku għas-salvazzjoni tagħna, li titlob minna ħajja ta' sagrifiċċju u ta' ċaħda biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u nagħmlu dak li jrid Alla minna.

Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-glorja ta' dejjem, iżda Alla jrid ukoll li kull bniedem jaħdem għas-salvazzjoni tiegħu u ta' l-oħrajn ukoll. Dan li jrid igħidilna l-Mulej illum permezz tal-Knisja tiegħu.

*Ix-xhieda tal-Patt il-Qadim*

Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw. Dan ħabbru Alla stess fi żmien il-Patt il-Qadim permezz tal-profeti tiegħu, kif smajna l-profeta Isaija jħabbrilna fl-ewwel qari tal-lum. Fi kliem il-profeta għandna mħabbra l-missjoni tal-Knisja biex twassal il-bxara t-tajba sa truf l-art kollha. Alla, ħabbar il-profeta, se jgħolli sinjal għall-ġnus kollha ta' l-art u għall-popli ta' kull ilsien u se jibgħat fost il-ġnus tad-dinja, lejn xtut imbegħda, xi wħud mill-fdal ta' Israel biex ixandru s-sebħ ta' Alla ma' kullimkien. Is-sinjal li fuqu jitkellem il-profeta, hi l-Knisja ta' Kristu fid-dinja, il-Knisja li Alla jridha tkun sinjal ta' salvazzjoni għall-ġnus kollha ta' l-art; il-Knisja hi mwaqqfa fuq is-sisien ta' l-Appostli, fuq is-sisien ta' dawk li minn fost ulied Israel Ġesu' għażel biex iwasslu l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni fid-dinja kollha, f'artijiet imbegħda li qatt ma semgħu bih.

*Ix-xhieda ta' Ġesu'*

Kliem il-profeta hu mwettaq minn kliem Ġesu' stess fl-Evanġelju tal-lum. "Jiġu nies mil-lvant u mill-punent, mit-tramuntana u minn nofs-in-nhar u jitqiegħdu għall-mejda fis-saltna ta' Alla." Il-mejda tas-saltna ta' Alla hi l-hena ta' dejjem: għaliha huma msejħin bnedmin mill-erba' trufijiet tad-dinja, u jiksbuha jekk fid-

dinja għamlu dejjem dak li Alla ried minnhom, u żammew ruħhom bogħod minn kull tingis tal-ħażen, ukoll jekk, bla ebda tort tagħhom, ma sarux jafu, għax ħadd ma qalilhom, bis-sinjal għas-salvazzjoni li Alla waqqaf għalihom, il-Knisja tiegħu.

Aħna għandna x-xorti li nafu bil-Knisja ta' Kristu u aħna membri tagħha, u għalhekk aħna għandna l-mezzi kollha — is-sagramenti mqaddsa — biex niksbu s-salvazzjoni ta' ruħna.

Għalhekk irridu noqogħdu attenti li ma jiġrilniex bħal ma ġara 'l dawk li fuqhom jitkellem Ġesu' fl-Evanġelju tal-lum, bil-parabbola ta' sid id-dar li wara li jkun għalaq il-bieb ta' daru lil ħbiebu li waslu tard ma riedx jiftħilhom u qalilhom li ma kienx jafhom għax għamlu dak li mhux sewwa quddiemu.

*L-insara ħżiena*

Dawn in-nies tal-parabbola huma xbieha ta' dawk l-insara li għalkemm saru ħbieb ta' Alla fil-Magħmudija u kielu u xorbu mill-mejda li hu jhejji għall-poplu tiegħu f'din id-dinja, il-mejda tal-Kelma tiegħu u l-mejda tal-Ġisem u d-Demm għażiż tiegħu, huma ma għamlux dak li hu sewwa quddiemu: fittxu d-dnub tal-ħażen li kienu ċaħdu fil-Magħmudija tagħhom, u meħdijin bid-dinja reġgħu lura għall-ħajja bla rażan fil-frugħat tad-dinja: fittxew it-triq il-wiesgħa li twassal għat-telfien, u ma ridux jidħlu mill-bieb id-dejjaq li jwassal għas-salvazzjoni.

*Nidħlu mill-bieb id-dejjaq*

Dawk kollha li jitħabtu biex jidħlu minn dan il-bieb id-dejjaq, dawn kollha jsalvaw. Din hi t-tweġiba li ta Ġesu' għall-mistoqsija dwar jekk humiex ftit jew ħafna li jsalvaw: Ġesu' igħidilna mhux importanti għalikom tkunu tafu jekk huwiex żgħir jew kbir l-għadd ta' dawk li jsalvaw; dak li hu importanti li intom titħabtu ħalli tiksbu s-salvazzjoni billi tidħlu mill-bieb id-dejjaq.

Imma x'jiġifieri tidħol mill-bieb id-dejjaq? Minn bieb dejjaq ma tantx jistgħu jgħaddu nies, waqt li minn triq wiesgħa jgħaddu ħafna nies. B'dan il-kliem Ġesu' ried igħidilna li ftit huma dawk li jsalvaw? Le, ried igħidilna biss li s-salvazzjoni rridu nitħabtu għaliha, bħalma wieħed irid jitħabat biex jidħol f'xi mkien fejn il-bieb biex tidħol hu dejjaq ħafna. U x'għandna nagħmlu biex nidħlu minn dan il-bieb dejjaq tas-salvazzjoni?

*X'għandna nagħmlu*

Tgħidulna l-Knisja fit-tieni qari tal-lum: Bi kliem l-ittra lil-Lhud, il-Knisja tgħidilna biex ma ninsew qatt it-twissijiet u t-twiddib tal-Mulej, twissijiet u twiddib li jaslilna bit-tħabbir tal-Kelma tiegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa u bit-tagħlim tal-Knisja tiegħu. U xi jwissina u jwiddibna l-Mulej? X'tgħallimna l-Knisja? Il-Mulej iwissina biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub,

iwiddibna meta aħna nagħmlu l-ħażin, ifakkarna li jekk aħna nfittxu l-egħmejjel tal-ġisem, jiġifieri ż-żina, il-faħx, il-qerq, il-gideb, il-ġlied, l-għira, il-mibgħeda aħna ma jistax ikollna sehem fil-mejda tiegħu fis-sema; għalhekk jistedinna biex infittxu nagħmlu l-egħmejjel ta' l-ispirtu jiġifieri s-sabar, il-mogħdrija, il-maħfra, il-ħniena, it-tjieba u fuq kollox l-imħabba. U l-Knisja, bit-tagħlim tagħha turina b'liema mod nistgħu ngħixu skond l-ispirtu fil-ħajja tad-dinja tal-lum, meta turina liema huma l-fehmiet tan-nies tad-dinja tal-lum u liema hija l-imġiba tagħhom li ma togħġobx lil Alla: meta l-Knisja tgħolli leħenha biex tikkundanna l-abort, id-divorzju, ix-xalar bla ražan, l-infiq żejjed, il-ġenn għall-kumditajiet tal-ħajja, tkun qiegħda turina liema hi t-triq tas-salvazzjoni tagħna; u tkun turihielna wkoll meta tgħallem il-qdusija taż-żwieġ nisrani, meta tinsisti fuq id-drittijiet tal-familja, meta tiddefendi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-libertajiet tiegħu u l-ħelsien minn kull diskriminazzjoni minħabba ġensu jew twemminu.

Dan kollu jitlob minna ċ-ċaħda tagħna nfusna, is-sagrifiċċju tal-kumditajiet tagħna għall-ġid ta' l-oħrajn, ċaħdiet u sagrifiċċji li ma tantx inħobbu nagħmlu, iżda li huma meħtieġa jekk irridu nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u t-tinġis tad-dinja — hu għalhekk li Ġesu' jitkellem dwar il-bieb id-dejjaq tas-salvazzjoni.

Is-salvazzjoni tagħna rridu nitħabtu għaliha biċ-ċaħdiet u s-sagrifiċċji tagħna, għax bihom aħna nsallbu 'l ġisimna bil-ġibdiet u l-ħajriet kollha tiegħu u nkunu nixbhu 'l Kristu, li bis-salib tiegħu ġab is-salvazzjoni għad-dinja kollha.

Il-Knisja għalhekk illum tħeġġiġna u tgħidilna biex ma naqtgħux qalbna hi u tgħidilna: "Saħħu l-idejn merħija, u l-irkobbtejn mitluqa tagħkom, imxu sewwa quddiem il-Mulej, u tiksbu l-ħajja ta' dejjem."

## TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej Ġesù ġie fid-dinja għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha: nitolbuh għalhekk iwettaq il-ħidma ta' dawk kollha li qegħdin iħabirku għax-xandir tal-Evanġelju biex l-art kollha tara s-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

Mulej Ġesù, kun dejjem mal-Knisja tiegħek hija u xxandar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni fid-dinja kollha.

Mulej Ġesù, hu ħsieb dawk ħutna kollha li, imqarrqin mill-frugħat tad-dinja, tbegħdu mit-triq it-tajba: sejħilhom lura lejk u reġġagħhom lura mit-triq il-wiesgħa li twassal għat-telfien ta' dejjem.

Mulej Ġesù, ibgħat aktar ħaddiema għall-ħsad tiegħek biex dawk il-ġnus ukoll li għadhom qatt ma semgħu bik, jaraw huma wkoll is-sebħ tiegħek u jfaħħruk u jroddulek ħajr fil-Knisja mqaddsa tiegħek.

Mulej Ġesù, qawwielna qalbna u wettaqna bil-grazzji tiegħek biex bil-hena kollha ta' qalbna nħabirku ħalli nidħlu mill-bieb iddejjaq li jwassalna għas-salvazzjoni ta' dejjem.

Mulej Ġesù Kristu, int ġejt fid-dinja biex il-bnedmin kollha jsalvaw u jiksbu l-hena ta' dejjem: agħmel li mad-dinja kollha, bla tfixkil, tixxandar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni ħalli l-bnedmin kollha jaraw is-sebħ glorjuż tas-saltna tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

### It-tnejn u għoxrin Ħadd tas-sena

### IL-VIRTU' TA' L-UMILTA'

*Is-suppervja tal-bniedem*

Il-bniedem, min-natura tiegħu mħassra bid-dnub, hu mimli bih innifsu, irid li kulħadd jagħtih ġieh, jidhirlu li ma hemmx ħadd ieħor għaref daqsu, b'saħħtu u kapaċi daqsu: iqis ruħu xi alla. Dan kollu frott ta' l-ewwel dnub, li kien dnub ta' kburija, ta' suppervja: il-bniedem kiel mill-frott tas-siġra li kien hemm f'nofs il-ġenna ta' l-art, biex ikun daqs Alla, jagħraf it-tajjeb u l-ħażin — din kienet it-tentazzjoni li biha x-xitan waqqa' l-bniedem fid-dnub u għamlu lsir tiegħu.

Is-suppervja lill-bniedem tagħmih u ma tħallihx jara fejn se twasslu: hekk ġralu Adam; għalkemm kien jaf li jekk kien jiekol mill-frott tas-siġra li kien hemm f'nofs il-ġenna ta' l-art, hu kien se jaqa' taħt il-kundanna tal-mewt, kiel mill-frott tagħha; is-suppervja għamietu u meta ġarrbu d-demonju ma rax, għalkemm seta' jara x'kien se jagħmel b'idejh, x'kienu se jkunu l-konsegwenzi taddnub tiegħu. Meta dineb, imbagħad intebaħ x'għamel b'idejh u pprova jistaħba minn quddiem Alla.

Il-konsegwenzi tad-dnub ta' Adam qed ibatuhom il-bnedmin kollha, għax kull bniedem li jiġi fid-dinja jiġi b'natura midruba mid-dnub, miġbuda lejn il-ħażen, bil-passjonijiet kollha tiegħu li ma jridux joqogħdu għar-rieda tar-ruħ tiegħu b'kastig, għaliex hu, il-bniedem, ma qagħadx għar-rieda ta' Alla.

Jekk is-suppervja ta' Adam ġabet konsegwenzi hekk koroh għal

kull bniedem li jiġi fid-dinja, is-suppervja ta' kull bniedem iġġib ukoll ħafna konsegwenzi koroħ fost il-bnedmin, għaliex is-suppervja u l-kburija tal-bniedem huma l-bidu ta' kull xorta ta' ħsara fid-dinja. Il-bniedem supperv, minfuħ bih innifsu, iqis ruħu aqwa minn kull bniedem ieħor, għalih il-bnedmin l-oħra mhumiex ħlief knis quddiemu, u jinqeda bihom għall-interessi tiegħu biss, u għalhekk ikasbar id-dinjita' tagħhom ta' bnedmin li huma u ma jimpurtah xejn jekk ikunu jbatu u jgħixu ħajja agħar minn dik ta' l-annimali. Dan iġib ħafna nkwiet u ġlied u mibgħeda u għira għax għal kull bniedem jasal il-waqt meta ma jkunx jiflaħ aktar għall-inġustizzji li jsirulu, u jqum kontra min ikun jaħqru u jagħti bidu għal sensiela twila ta' ġlied, vjolenzi, vendetti, li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jikbru.

Il-ġrajja kollha tal-bniedem, minn awl id-dinja, hi ġrajja ta' ġlied u ta' vjolenzi, ta' suppervja u ta' inġustizzji, ta' għira u ta' mibgħeda, ta' ħakma u ta' sfruttament ta' bniedem minn ieħor, ta' ġens minn ieħor, ta' poplu minn ieħor.

*Kristu rebaħ is-suppervja bl-umilta' tiegħu*

Din il-qagħda mwiegħra tal-bniedem fid-dinja, qagħda li hi l-konsegwenza tas-suppervja tal-bniedem, kellha tintemm bil-miġja ta' Kristu fid-dinja. Dan ħabbruh il-profeti u dan ħabbru wkoll l-anġli lir-ragħajja ta' Betlehem fil-lejl tal-Milied. Ġesu' ġie fid-dinja biex jeqred is-suppervja minn qalb il-bnedmin u jħabbibhom ma' xulxin bħal aħwa.

B'liema mod Ġesu' kellu jeqred is-suppervja minn qalb il-bnedmin? L-ewwelnett bl-eżempju stess ta' ħajtu: Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx iqis dak li kien tiegħu, dak li kien jistħoqqlu bħala Alla, bħala Iben Alla, imma tneżża' minn kollox u ħa n-natura ta' lsir, sar jixbaħna f'kollox bħala bniedem u ċekken lilu nnifsu u obda sal-mewt tas-salib b'dan il-mod uriena liema hi l-aqwa arma kontra s-suppervja tagħna; uriena b'liema mod nirbħu s-suppervja tagħna — uriena l-ħtieġa li niċċekknu, li nkunu umli biex neqirdu s-suppervja minn qalbna u nwarrbu minna l-konsegwenzi kollha tagħna.

Aħna l-bnedmin aħna suppervi għaliex irridu nilħqu l-quċċata tal-ġieħ fost il-bnedmin; u Ġesu', bl-umiljazzjonijiet tiegħu li wassluħ sal-mewt tas-salib, jurina li hi proprju t-triq ta' l-umilta' li twassalna biex niksbu l-ogħla ġieħ li jista' jikseb il-bniedem. Hu ċekken lilu nnifsu sal-mewt tas-salib, u Alla għollih u tah l-isem li hu fuq kull isem biex fl-isem ta' Ġesu' l-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art jistqarru li Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier. L-umiljazzjonijiet ta' Ġesu' kisbulu l-akbar ġieħ li seta' jkollu bħala bniedem. Hekk aħna wkoll: mhux il-ħajja ta' suppervja li biha forsi nistgħu niksbu għal ftit żmien il-ġieħ tal-bnedmin li jagħtuhulna mhux għax iħobbuna, imma għax jibżgħu

minna, iżda mbagħad ma jibqgħux jiftakru fina ħlief biex jisħtu t-tifkira tagħna minħabba d-deni kollu li nkunu għamilna. Imma ħajja ta' umilta', għalkemm moħbija għal għajnejn in-nies taddinja, hi ta' ġieh kbir għalina quddiem Alla, u xi kultant f'għajnejn il-bnedmin ukoll — hekk kienet dejjem il-ħajja tal-Qaddisin, u għal żminijietna biżżejjed insemmu l-ħajja umli u kbira ta' Mother Theresa ta' Kalkutta.

*Stedina għall-umilta'*

Imma Ġesu' mhux biss iħeġġiġna għall-ħajja umli u ċkejkna bl-eżempju ta' ħajtu stess; kliemu wkoll dejjem kien stedina biex ngħixu ħajja umli u ċkejkna. Illum stess qiegħed jistedinna għal dan biex żewġ parabboli ta' l-Evanġelju tal-lum. Il-qofol tat-tagħlim taż-żewġ parabboli jagħtihulna Ġesu' stess, huwa u jgħidilna li "min jitkabbar jiċċekken u min jiċċekken jitkabbar." Huma l-umli u ċ-ċkejknin li jgħixu ħajja 'l bogħod mill-ġieh tad-dinja li għad jilħqu l-milja tagħhom bħala bnedmin fil-glorja tas-smewwiet; dawk li jkunu ħadu l-ġieh tan-nies tad-dinja, ikunu ħadu minn għandhom il-premju tal-ftit tajjeb li jkunu għamlu fid-dinja, imma jkunu tilfu l-premju tal-ħajja ta' dejjem minħabba l-kburija u s-suppervja tagħhom.

Ġesu' jkompli jgħidilna wkoll kif għandha nġibu ruħna ma' min hu kburi u setgħan fid-dinja bit-tieni parabbola ta' l-Evanġelju tal-lum. B'din il-parabbola jgħidilna l-istess ħaġa li kitbilna San Ġakbu fl-ittra tiegħu: irridu noqogħdu attenti li ma nagħmlux għażla bejn min hu liebes imċerċer u min hu liebes sabiħ u jlellex; fi kliem ieħor ma għandniex immaqdru l-foqra u l-umli u nuru ġieh u rispett biss lejn l-għonja u s-setgħanin ta' l-art; għandna nuru mħabba lejn kulħadd, imma preferenza għall-foqra ta' din id-dinja — dak li nagħmlu ma' dawn iċ-ċkejknin tal-Mulej, igħidilna Ġesu', jintraddilna fil-qawmien tal-ġusti għall-ħajja ta' dejjem.

*It-tagħlim tal-Knisja*

L-istess ħaġa tgħidilna l-Knisja fl-ewwel qari tal-lum, bi kliem Bin Sirak: jekk inkunu umli jkollna kotra ta' ġid u nkunu maħbubin minn kulħadd; quddiem Alla nsibu kotra ta' ħniena u hu jurina l-fehmiet moħbija tiegħu, għaliex iqisna bħala ħbieb tiegħu.

L-imġiba umli tagħna tagħtina xebh kbir ma' Kristu li, kif ġa' għidna, kien Alla u ċekken lilu nnifsu biex ikun wieħed bħalna, għax l-hena tiegħu hi li jkun ma' wlied il-bnedmin. Kristu hu wieħed minna u nistgħu nersqu lejh bil-fiduċja kollha u permezz tiegħu, nistgħu wkoll nsejħu lil Alla u ngħidulu: Missier. Din ix-xorti kbira tagħna ksibniha bl-umiljazzjoni ta' Kristu: qabel ma Kristu ċekken lilu nnifsu u sar bniedem bħalna, il-bnedmin kienu jersqu lejn Alla bil-biża' u t-twerwir: hekk resqu l-Lhud meta ħdejn is-Sinaj Alla kellimhom u tahom il-liġi tal-Patt tiegħu: biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla kellhom jersqu lejn in-nar materjali u jħeġġeġ tal-għolja

tas-Sinaj, lejn is-swidija u d-dalma u r-riefnu li dawru l-muntanja u tant beżgħu li talbu lil Mose' jkellimhom hu u mhux aktar Alla li ma jmutux bil-biża'. Iżda aħna mhux hekk: aħna l-Kelma ta' Alla nisimgħuha bil-ferħ għaliex aħna b'Ġesu' Kristu, bil-mewt u l-qawmien tiegħu, ersaqna u sirna membri tal-belt ta' Alla, tal-Knisja ta' Kristu, aħna xirka waħda ma' dawk li isimhom hu miktub fis-sema man-nies twajba li kisbu l-perfezzjoni: f'xirka waħda magħhom aħna mexjin lejn is-sema pajjiżna, lejn Ġesu', is-Salvatur tagħna u l-avukat tagħna quddiem il-Missier, l-imħallef ġust ta' kulħadd. U għad naslu f'Ġerusalemm tas-sema, fil-Knisja ta' Kristu, fil-milja kollha tas-sebħ tagħha fis-sema, jekk aħna fid-dinja nkunu nixbhu lil Ġesu' billi niċċekknu bħalu, ħalli bħalu mbagħad niksbu miegħu l-glorja ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr lil Alla llum għall-ġid kollu li għamel magħna, nitolbuh il-grazzja li nifhmu li bil-ħila tagħna ma niswew għalxejn imma kollox nistgħu bl-għajnuna tiegħu li ma tonqosna qatt.

Saħħaħ, Mulej, l-ispirtu tal-umiltà fil-Knisja tiegħek biex titkabbar quddiemek hija u tiċċekken quddiem id-dinja.

Dawwal il-fehma tal-kburin u s-setgħanin tad-dinja li jagħarfu li kull ma għandhom ġej minn għandek biex ma jitkabbrux bihom infushom imma jħabirku għall-ġid tal-bnedmin kollha ħuthom.

Biddel il-fehmiet ta' dawk li mimlijin bihom infushom iridu jaħkmu fuq il-bnedmin ħuthom, biex jagħarfu li s-suppervja tagħhom se twassalhom għat-telfien ta' dejjem tagħhom.

Nissel fina spirtu qawwi ta' umiltà biex ma niftaħrux bina nfusna imma nagħarfu li kull ma għandna u kull ma aħna kollu ġej minnek.

Mulej Ġesù Kristu, int għalina ċċekkint u obdejt sal-mewt tassalib, agħtina li nkunu nixbhuk fiċ-ċokon tiegħek biex, meta jasal il-waqt, niġu nsaltnu miegħek għal dejjem, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-IMHABBA FI KRISTU

### Kliem iebes ta' Ġesù

Il-mistoqsija li għamel min kiteb il-Ktieb ta' l-Għerf, mistoqsija li għadna kemm smajna fl-ewwel qari tal-lum, hi mistoqsija li forsi aħna stess għamilna kemm-il darba lilna nfusna: "Min jista' jagħraf il-ħsieb ta' Alla? Min jista' jifhem x'irid il-Mulej?" U nagħmlu din il-mistoqsija, għaliex kemm-il darba kliem il-Mulej narawh ifixkilna, narawh imur kontra l-fehmiet u l-ħsibijiet tagħna. Illum stess, il-kliem li l-Mulej għadu kemm qalilna fl-Evanġelju, huwa kliem li jħawwadna għaliex mhux biss imur kontra l-fehmiet tal-kotra l-kbira tal-bnedmin (almenu hekk jidher) imma imur ukoll kontra l-ispirtu tal-Evanġelju stess. L-Evanġelju jgħidilna li għandna nħobbu lil kulħadd, saħansitra l-egħdewwa tagħna, imbagħad fl-Evanġelju tal-lum smajna li d-dixxipli tal-Mulej ma jkunux veri dixxipli tiegħu jekk ma jobogħdux lil missierhom u lil ommhom, lil marthom u lil uliedhom, u lil ħuthom, anzi l-istess ħajja tagħhom ukoll. Inħossu għal-hekk li għandna nistaqsu għaliex il-Mulej ikellimna b'dan il-mod, b'mod li jfixkilna u jħawwadna. Il-Mulej dan jagħmlu biex iqanqalna, biex iqajjimna ħa nħabblu rasna nifhmu sewwa x'irid igħidilna; u dan naslu għalih jekk kliem Ġesù nqisuh mal-kliem l-ieħor li jgħidilna miegħu.

### Żewġ parabboli ta' Ġesù

Ġesù stess illum igħidilna b'liema mod nistgħu naslu biex nifhmu l-ħsiebu, biex nistgħu naraw xi jrid minna miż-żewġ parabboli li qalilna fl-Evanġelju tal-lum: qabel wieħed jibda jibni torri jara jistax ilaħħaq mal-ispejjeż bil-flus li għandu f'idejh; sultan li jrid jagħmel gwerra lil sultan ieħor, qabel jagħmilha, iqis jistax jirbaħ bis-suldati li għandu — hekk aħna, igħidilna Ġesù, għandna nqisu sewwa x'irid minna Ġesù biex inkunu tassew dixxipli tiegħu, u mhux dixxipli tal-isem biss.

### Ġesù l-ewwel u qabel kollox

U x'irid Ġesù minna biex inkunu tassew dixxipli tiegħu jgħidilna wkoll bil-kliem li għadna kemm smajna fl-Evanġelju tal-lum: "Min ma jiċħadx għall-ġidu kollu ma jistax ikun dixxiplu tiegħu."

X'ifisser dan il-kliem ta' Ġesù? Xejn ħlief li lil Ġesù ma għandna qatt inqegħduh fit-tieni post, li flok Ġesù ma għandniex nippreferixxu xi persuna jew xi ħaġa oħra, ukoll jekk din il-persuna hi xi ħadd għażiż għalina, ukoll jekk din il-ħaġa hi ħajjitna stess. Ġesù għandu jkun għalina fuq kollox u qabel kollox.

Iżda dan il-kliem ta' Ġesù ma jfissirx li ma għandniex inħobbu l-ġenituri tagħna, lil ħutna u lil qrabatna kollha; ma jfissirx li ma għandniex ngħożżu ħajjitna bħala don li Alla fdalna f'idejna biex inħarsuha. Kliem Ġesù jfisser biss għandna nkunu dejjem lesti nissagrifikaw l-aktar ħwejjeġ egħżież għalina biex nibqgħu fl-imħabba tiegħu.

**Alla jridna nħobbu lil kulħadd**

Kemm Alla jridna nħobbu mhux biss lill-ġenituri u l-qraba tagħna, iżda wkoll kull bniedem li hawn fid-dinja, narawh mit-tieni qari tal-lum, mill-ittra li San Pawl kiteb lill-ħabib tiegħu Filemon dwar ilsir li kien ħarablu. Dan l-ilsir, jismu Onesimu, wara li ħarab mingħand sidu, iltaqa' ma' San Pawl u sar nisrani. San Pawl bagħtu lura għand sidu u talbu jilqgħu mhux aktar bħala lsir tiegħu, imma bħala ħuh fi Kristu. Kliem San Pawl fit-tieni qari tal-lum jurina b'liema mod għandna nħobbu lil xulxin, b'liema mod għandna nħobbu l-ġenituri tagħna u lil ħutna u lil qrabatna, b'liema mod għandna nħobbu l-bnedmin kollha: għandna nħobbuhom fi Kristu, bħala ħutna fi Kristu. Meta nħobbu lill-oħrajn fi Kristu, l-imħabba ta' ħutna l-bnedmin l-oħra ma tkunx ta' tfixkil għalina, anzi tkun ta' mezz għalina biex nikbru fl-imħabba ta' Kristu. Kristu jrid li aħna nuruh imħabbitna għalih fl-imħabba tagħna għal ħutna l-bnedmin l-oħra, u kull sinjal ta' mħabba li aħna nuru ma' ħutna fil-bżonn, Ġesù jqisu bħala sinjal tal-imħabba tagħna għalih. "Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont marid u ġejtu żżuruni... għaliex kull ħaġa li għamiltu ma' l-iċken minn ħuti għamiltuha miegħi."

**L-imħabba ta' Kristu**

Inkunu għalhekk inħobbu tassew lil ħutna, lil qrabatna u lil ħbiebna, u l-bnedmin kollha, jekk inħobbuhom fi Kristu; u nkunu nħobbu lilna nfusna wkoll fi Kristu jekk ħajjitna tkun kollha kemm hi mogħtija għall-qadi ta' Kristu, jiġifieri jekk inkunu dejjem lesti nagħmlu dak li l-Mulej irid minna b'mod li ebda taħbit, jew tiġrib, jew inkwiet, jew il-biża' tal-mewt ma jaslu biex iġagħluna nagħmlu dak li Alla ma jridx, id-dnub, li hu ċ-ċaħda tal-imħabba ta' Alla. Biex ma nagħmlux dnub għandna nkunu lesti nissagrifikaw kollox, l-aktar ħwejjeġ egħżież għalina, saħansitra ħajjitna stess, għax ma hemmx imħabba akbar minn dik, igħidilna Ġesù, ta' dak li jagħti ħajtu għal ħbiebu — u min hu l-akbar ħabib tagħna jekk mhux Kristu l-Mulej?

Dan kollu jrid igħidilna Ġesù bil-kliem tal-Evanġelju tal-lum: min ma jiċħadx għal ġidu kollu, ma jistax ikun dixxiplu tiegħu.

**Is-salib tagħna**

Din iċ-ċaħda li Ġesù qed jitlob minna lkoll biex inkunu dixxipli tiegħu, hija s-salib li aħna rridu nerfgħu kuljum wara Ġesù.

Kif Ġesù għad li kien Alla, ċekken lilu nnifsu u ħa sura ta' lsir biex ikun bniedem bħalna, jixbahna f'kollox barra d-dnub, hekk in-nisrani jrid jiċħad lilu nnifsu u jagħraf ix-xejn tiegħu quddiem Alla ħa jilbes lil Kristu u jkun jista' jgħid ma' San Pawl, li hu qed igħix, iżda mhux hu, imma Kristu jgħix fih.

Kif Ġesù tgħabba bid-dnubiet tagħna lkoll biex ħassarhom bid-demm li hu xerred għalina fuq is-salib, hekk aħna rridu nitgħabbu bit-tiġrib kollu li niltaqgħu miegħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum biex nibqgħu fidili għassejħa tagħna ta' nsara u ma nagħmlu xejn li ma jkunx jixraq l-isem ta' nsara li niftaħru li nġibu.

Kif Ġesù, li kien għani, ftaqar biex nistagħnu aħna, hekk aħna rridu niċċaħħdu għall-ġid kollu tad-dinja billi ma norbtux qalbna miegħu imma nużawh skond ir-rieda ta' Alla, ħalli foqra fl-ispirtu, naħżnu teżori ta' ġid fis-sema fejn ebda ħalliel ma jisraq u ebda kamla ma tmermer.

**L-għerf tas-sema**

Dan huwa l-għerf li tana Alla meta mis-sema bagħtilna l-Ispirtu qaddis tiegħu, għerf li jgħinna biex ma nitbegħdux mit-triq id-dritta li twassalna għas-salvazzjoni, għerf li jgħinna naraw x'irid Alla minna. Neqsin minn dan il-għerf, ma naslu qatt biex nifhmu l-ħwejjeġ tas-sema, aħna li bil-kemm għandna l-ħila nkunu nafu l-ħwejjeġ ta' l-art u dak kollu li jsir madwarna.

Imdawlin mill-għerf tas-sema aħna għandna t-tweġiba għall-mistoqsijiet li nagħmlu lilna nfusna u li semmielna l-ewwel qari tal-lum. Aħna għandna x-xorti li nkunu nafu x'inhu l-ħsieb ta' Alla, aħna nistgħu nifhmu x'irid minna l-Mulej, għaliex fil-Magħmudija tagħna hu tana l-Ispirtu tiegħu fina, u fil-Griżma ssiġillana bid-don ta' l-istess Spirtu bid-doni tiegħu, bl-għerf u d-dehen, bil-għaqal u l-qawwa, bix-xjenza u l-pjetà, bil-biża' ta' Alla. L-Ispirtu ma jieqaf qatt jaħdem fina, u jidħol għalina fil-ħtiġijiet kollha tagħna ħalli bil-qawwa kollha nagħtu dejjem xhieda ta' l-imħabba tagħna għal Kristu quddiem id-dinja. Jalla qatt ma nxekklu l-ħidma tal-Ispirtu tal-Mulej fina!

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr lill-Mulej Ġesù għaliex għoġbu jurina x'jistenna minna biex inkunu tassew dixxipli tiegħu, nitolbuh iwettaqna bil-grazzji tiegħu biex bl-imġiba kollha ta' ħajjitna nkunu tassew xebh miegħu.

Mulej Ġesù, kun mal-Knisja tiegħek hija u tgħallimna kif għandna niċċaħħdu mill-ġid kollu tad-dinja ħalli nimxu warajk, mgħobbijin bis-salib tagħna.

Mulej Ġesù, għallem lill-bnedmin kollha tad-dinja ħa jagħmlu użu tajjeb mill-ġid ta' l-art biex igawdu minnu l-bnedmin kollha.

Mulej Ġesù, qawwi l-fidi ta' dawk kollha li jemmnu fik, biex ikunu dejjem lesti jilqgħu kull tiġrib biex ma jonqsu qatt mill-fedeltà lejk.

Mulej Ġesù, kun dejjem magħna u saħħaħ dejjem aktar l-imħabba tagħna għalik, biex ebda ħaġa ma tasal biex qatt tifridna minnek u mill-imħabba tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ibgħatilna l-Ispirtu qaddis tiegħek biex idawwalna ħa nagħarfu l-ħsieb tiegħek, u biex iqawwina ħa nagħmlu dak li trid minna, ħalli nogħġbuk fl-egħmil kollu tagħna u niksbu s-salvazzjoni ta' dejjem, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-24 Ħadd tas-sena

## IL-MISTERU TAS-SALIB

"Kif Mose' refa' s-serp fid-deżert, hekk meħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem." B'dan il-kliem li għadu kemm ħabbrilna fl-Evanġelju tal-lum, Ġesù ried jurina l-kobor tal-imħabba tiegħu għalina u jgħidilna li hu ma ġiex fid-dinja biex jagħmel ħaqq minna, imma biex jagħtina s-salvazzjoni, biex, permezz tiegħu aħna neħilsu mill-jasar tad-dnub u tal-mewt li fih waqajna minħabba dnubietna, ħalli mill-ġdid inkunu nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem.

### Is-serp tal-bronz merfugħ fid-deżert

Ġesù dan jurihulna billi jfakkarna f'dak li ġara lil-Lhud meta, darba, tul il-mixi tagħhom fid-deżert ta' Sin, għax ħaduha kontra Alla u ġarrbuh, u gergru għaliex kien ħariġhom mill-Eġittu u wassalhom f'post nieqes mill-ħobż u l-ilma, b'kastig għat-tgergir tagħhom, Alla bagħat fosthom ħafna sriep jaħarqu u kotra kbira ta' dawk li ħaduha kontra Alla mietu migduma mis-sriep. Imwerwrin mill-kastig ta' Alla, il-Lhud nidmu u talbu ħniena: "Dnibna," qalu lil Mose', "għax ħadniha kontra l-Mulej u kontra tiegħek: itlob għalina quddiem il-Mulej ħa jeħlisna minn dawn is-sriep li qed jeqirduna." U Mose' talab, kif soltu kien jitlob għall-poplu midneb u rasu iebsa, u Alla ħenn għalihom; qal lil Mose' jagħmel serp tal-bronz u jarbulah f'nofs il-kamp tal-Lhud u jgħid lill-poplu li kull min iħares lejn is-serp tal-bronz ma kienx se jmut imma jsalva mill-gdiem tas-sriep.

X'qawwa kellu dan is-serp tal-bronz biex fejjaq il-Lhud mill-gdiem tas-sriep? Fih innifsu ma kellu ebda qawwa, imma kien biss sinjal għalihom biex jistedinhom jindmu minn dnubiethom, mit-tgergir tagħhom kontra Alla, u niedma u sogħbiena jitolbuh iħenn għalihom u jaħfrilhom.

### Is-serp tal-bronz u s-salib ta' Kristu

Is-serp tal-bronz huwa wkoll sinjal għalina, għax kull ma ġara fi żmien il-Patt il-Qadim, ġara b'sinjal għalina għas-salvazzjoni tagħna. U fil-każ tal-grajja tal-lum, Kristu stess jurina b'liema mod is-serp tal-bronz hu sinjal għalina għas-salvazzjoni tagħna. Is-serp tal-bronz merfugħ f'nofs id-deżert bħala sinjal ta' salvazzjoni mill-gdiem tas-sriep jaħarqu, hu għalina simbolu tas-Salib ta' Kristu, merfugħ f'nofs id-deżert ta' din id-dinja tad-dnub, b'sinjal ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha, midruba fin-natura tagħhom stess mis-serp tal-infern, li qarraq bl-ewwel bniedem u ġagħlu jagħmel id-dnub: permezz ta' Adam, imqarraq mis-serp tal-infern, daħal id-dnub fid-dinja, u mad-dnub il-mewt u l-mewt għaddiet fil-bnedmin kollha, bit-taħsir kollu li ġġib magħha. Minn dan it-taħsir tal-mewt u d-dnub ħelisna Ġesù bil-mewt tiegħu fuq is-Salib: merfugħ bejn is-sema u l-art, b'idejh miftuħa fuq is-Salib, Ġesù ħaddan il-bnedmin kollha miegħu, il-bnedmin li kienu mifrudin minn xulxin u minn Alla minħabba d-dnub, u ħabbibhom mill-

ġdid bejniethom u ma' Alla; mgħobbi bid-dnubiet kollha tad-dinja, hu li ma kellu ebda dnub, patta għalihom bi tpattija xierqa u togħġob lil Alla, għax tpattija magħmula minn Bniedem-Alla, u ħassar il-kont tad-dejn li kellna ma' Alla minħabba dnubietna.

**Il-misteru tas-Salib**

Fuq is-Salib seħħet il-fidwa tagħna u l-Iben ta' Alla, Alla minn Alla, Dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, ma qagħadx ifittex dak li kien jistħoqqlu bħala Alla, imma ħeba n-natura tiegħu ta' Alla, u deher fostna, liebes in-natura dgħajfa tagħna l-bnedmin, ħa sura ta' bniedem maħluq, u għex fostna bniedem bħalna; mhux biss, imma għamel sa l-aħħar ir-rieda tal-Missier għas-salvazzjoni tagħna: ċekken lilu nnifsu u obda sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollih u tah l-isem li hu fuq kull isem biex fl-isem ta' Ġesù, fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art il-ħlejjaq kollha jistqarru li Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier.

Hadd daqs San Pawl Missierna ma daħal hekk fil-fond ta' dan il-misteru tas-Salib, ta' dan il-misteru tas-salvazzjoni tagħna, tant li fl-ittra tiegħu lill-Galatin igħidilna li hu ma jiftaħarx jekk mhux bis-salib ta' Kristu li bih id-dinja hi msallba għalih u hu għad-dinja.

Flimkien ma' San Pawl għalhekk illum inkantaw innu ta' tifħir u radd il-ħajr lis-Salib ta' Kristu, għaliex huwa s-siġra li tatna dik il-ħajja li konna tlifna bid-dnub ta' Adam fil-ġenna ta' l-art: fil-bidu tad-dinja l-bniedem imqarraq mix-xitan ħa l-mewt minn fuq siġra, u kellha tkun siġra oħra, is-siġra tas-salib, li kellha tagħti mill-ġdid il-ħajja lill-bniedem, għaliex il-Mulej Ġesù, minn fuq is-siġra tas-Salib, bħala gwerrier qalbieni, midrub f'idejh, f'riġlejh u f'ġenbu, fejjaq il-ġrieħi tagħna, fejjaq in-natura tagħna l-bnedmin midruba mis-serp tal-infern. Minn fuq is-siġra tas-Salib Ġesù rebaħ u qered is-setgħa ta' dak li minn fuq siġra oħra kien wasal biex ijassar taħtu lill-bnedmin; minn fuq is-siġra tas-Salib Ġesù tana l-ħajja flok il-mewt, in-nuqqas ta' taħsir flok it-taħsir, il-ġieħ u l-glorja flok l-għajb u s-saħta tad-dnub.

**Is-sebħ tas-Salib**

Sa mill-bidu tad-dinja, tgħidilna l-Knisja, ġrajjiet tal-għaġeb ħabbru l-qawwa u l-ġieħ tas-salib ta' Kristu: is-serp tal-bronz merfugħ f'nofs id-deżert li Ġesù stess fakkarna fih, kif ġà rajna, fl-Evanġelju tal-lum; l-arka ta' Noe', dik id-daqsxejn ta' lakxa li fiha ħellsu mill-kastig tad-dilluvju Noe' u l-familja kollha tiegħu; il-ħatar ta' Mose' li bela s-sriep tas-saħħara tal-Eġittu, li biddel f'demm l-ilmijiet tal-Eġittu, li feraq il-baħar tal-Qasab biex il-Lhud igħaddu mill-inxief u jeħilsu mit-theddida tal-Fargħun, li reġġa' lura l-imwieġ tal-baħar biex igħerqu fihom l-egħdewwa tal-poplu ta' Alla.

Is-Salib ta' Kristu hu hena u ġieħ u salvazzjoni għal dawk li jemmnu, imma huwa skandlu, tiġrif u bluha għal dawk li ma jemmnux.

Is-Salib ħabbru Abraham meta qiegħed lil Ibnu Isakk fuq il-ħatab ta'

l-artal li hejja biex joffri 'l ibnu b'sagrifiċċju lil Alla, xbieħa ta' dak l-artal tas-Salib li fuqu l-Iben ta' Alla offra lilu nnifsu lill-Missier b'fidwa għal dnubietna.

Is-Salib ħabbruh l-għadd sabiħ tal-profeti, xandritu l-ġemgħa glorjuża tal-Appostli, iżżejnu bih il-qtajja tal-martri rebbieħa kollhom bjuda; mgħobbijin bis-salib tagħhom il-qaddisin imxew 'il quddiem fit-triq tal-qdusija; immarkati bis-sinjal tas-Salib fuq ġbina aħna lbisna 'l Kristu u ġejna mseħbin f'dik ix-xirka waħda ta' mħabba li hi l-Knisja ta' Kristu, u rċevejna s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu biex tul ħajjitna f'din id-dinja nagħtu xhieda ta' Kristu, li bis-Salib u l-qawmien tiegħu fdiena mid-dnub u fetħilna t-triq tas-sema.

## GHAQAL FL-IMĠIBA U UŻU TAJJEB TAL-ĠID

### Kliem Ġesù

Kliem Ġesù mhux l-ewwel darba nsibuh ta' tfixkil għalina, iħawwadna. Dan rajnih ħmistax ilu, meta Ġesù qalilna li jekk irridu nkunu dixxipli tiegħu rridu nobogħdu 'l missierna u lil ommna, lil ħutna, l-istess ħajja tagħna; iżda mbagħad rajna li Ġesù kellimna b'dan il-mod, biex iġagħlna naħsbu sewwa fi kliemu, u nidħlu fil-fond tat-tifsir tiegħu, ħalli hekk nifhmu li bħala dixxipli ta' Ġesù, bħala nsara, aħna qatt ma nistgħu nagħtuh it-tieni post fi ħsibijietna, qatt ma għandu jiġi wara xi ħadd ieħor, xi ħaġa oħra, ukoll jekk dan il-ħaddieħor hu l-persuna l-aktar għażiża għalina, ukoll jekk il-ħaġa hi l-istess ħajja tagħna.

Illum ukoll kliem Ġesù jħawwadna u jfixkilna għaliex ma nistennewx li nisimgħu lil Ġesù jfaħħar l-amministratur ħażin tal-parabbola tal-Evanġelju tal-lum, proprju għall-ħażen li wera biex seraq lil sidu. Bi kliemu, Ġesù ried ifaħħar lil min iqarraq b'għajru? ried ifaħħar lil min jagħmel il-ħażin u jimxu bil-ħżunija biex iħares l-interessi tiegħu? Le, Ġesù ma għamilx dan; ried igħidilna biss li l-ħżiena biex jilħqu l-ħsieb tagħhom jimxu b'għaqal kbir, waqt li t-tajbin biex jagħmlu t-tajjeb, kemm-il darba juru ħafna nuqqas ta' għaqal kbir fil-ħidma tagħhom.

### In-nuqqas ta' għaqal

Kemm għandu raġun Ġesù f'din il-ħaġa! Il-ġrajja kollha tal-Knisja hija mimlija eżempji tan-nuqqas ta' għaqal ta' l-insara li, fl-aħħar mill-aħħar, għandu l-għerq tiegħu fis-suppervja tal-bniedem. Il-ġrajja tal-Knisja turina li tul il-mijiet tas-snin kien hemm ħafna firdiet fost dawk kollha li jistqarru li Kristu hu l-Mulej, firdiet li ħafna minnhom għadhom jeżistu sal-lum, firdiet li wasslu biex tiddallam id-dehra tal-Knisja waħda ta' Kristu, merfugħa bħala sinjal ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha tad-dinja: fost il-ħafna knejjes li jgħidu li huma l-Knisja ta' Kristu, kif jista' wieħed pagan jagħraf dik li hi l-vera Knisja ta' Kristu? L-insara tal-lum qegħdin jintebħu bin-nuqqas ta' għaqal tal-insara tal-imgħoddi li wasslu għal dawn il-firdiet, u qed jitolbu u qed iħabirku biex dawn il-firdiet jintemmu u l-Knisja ta' Kristu tidher fil-ġmiel kollu tagħna bħala l-Knisja waħda, qaddisa, kattolika u apostolika, kif nistqarru kull darba li ngħidu l-Kredu. L-insara tal-lum, almenu dawk li jitolbu u jħabirku għall-għaqda tal-insara qegħdin juru dak l-għaqal li Ġesù jixtieq li jara fit-tajbin kollha.

### Il-firdiet fostna

Iżda l-firdiet mhumiex biss bejn knisja oħra; insibuhom fi ħdan l-istess Knisja tagħna, insibuhom fostna, u dawn il-firdiet fostna juru nuqqas wisq akbar ta' għaqal fina, għaliex dawn il-firdiet mhumiex biss wirt tal-imgħoddi, bħalma huma l-firdiet bejn il-knejjes insara, imma huma firdiet li qegħdin inżommuhom ħajjin u nkabbruhom aħna stess. Xi wħud mill-

firdiet li naraw fil-parroċċi tagħna, firdiet li ilhom is-snin twal iġarrbu dawk il-parroċċi fejn ma ġewx megħluba, huma frott tal-injoranza: min qed igħix dawn il-firdiet minn għalih qiegħed jagħti ġieħ lill-Madonna, lil xi qaddis, iżda fil-fatt ikun qed imur kontra l-ispirtu tal-Evanġelju, kontra d-dehra tal-Knisja bħala xirka waħda ta' mħabba. Bħala nsara fil-Knisja aħna xirka waħda: fost dawk li huma ta' Kristu, igħidilna San Pawl, ma hemmx Lhudi u Grieg, raġel u mara, ilsir u ħieles, imma lkoll aħna ħaġa waħda fi Kristu. U lill-Korintin li kienu mifrudin f'ħafna partiti — min kien ma' Pieru, min kien ma' Pawlu, min kien ma' Apollo, min kien ma' Kristu — San Pawl ċanfarhom bi kliem iebes, għax — qalilhom — kienu qegħdin jaqsmu l-ġisem ta' Kristu: hekk qegħdin jaqsmu l-ġisem ta' Kristu dawk li qed iżommu ħajjin il-piki bejn festa u oħra f'xi parroċċi tagħna: m'humiex qegħdin jagħtu ġieħ lil Alla, lill-Madonna u lill-qaddisin, imma bil-piki tagħhom qegħdin jagħmlu dak li għamlu s-suldati bil-libsa ta' Kristu wara li ġie msallab: ċarrtuha biċċiet u qasmuha bejniethom. Għandux il-Mulej Ġesù jisgħob bih għal dan in-nuqqas kbir ta' għaqal f'dawk li jiftaħru li huma nsara!

**Nuqqas ieħor ta' għaqal**

Imma n-nuqqas ta' għaqal fil-Knisja llum mhux ġej biss mill-piki minħabba l-festi; insibuhom ukoll f'xi wħud mill-membri ta' l-għaqdiet u mill-ħafna movimenti ġodda li dehru fil-Knisja ta' żminijietna; huma għaqdiet u movimenti li jistgħu jagħmlu u qegħdin jagħmlu ġid kbir, imma l-ġid li jistgħu jagħmlu jkun wisq akbar jekk ikunu verament magħqudin flimkien f'xirka waħda ta' mħabba. M'hijiex nieqsa fosthom din ix-xewqa ħa jkunu x-xirka waħda fil-ħidma tagħhom għall-kobor tas-saltna ta' Alla fid-dinja, imma, għaliex aħna bnedmin dgħajfa, malajr tista' tirbaħna t-tentazzjoni biex nidhru aħna u mhux l-oħrajn, biex l-għaqda tagħna tkun minn quddiem u mhux xi għaqda oħra. Ilkoll neħtieġu dak l-għaqal kbir li Ġesù jara fil-ħżiena biex jagħmlu l-ħażen tagħhom, u li hu nieqes fit-tajbin biex jagħmlu dak li hu tajjeb quddiem Alla.

Hemm ukoll dak in-nuqqas ta' għaqal ta' xi wħud li qed jilqgħu bil-qalb l-istedina tal-Mulej biex igħixu ħajja aktar perfetta, u bdew bis-serjetà kollha mixja ta' konversjoni biex, waqt li qed igħixu fid-dinja u jaqdu dmirijiethom fid-dinja, jimxu dejjem aktar 'il quddiem fl-għaqda ta' mħabba ma' Kristu. Huma movimenti li l-Ispirtu ta' Alla qiegħed iqajjem dejjem aktar fil-Knisja ta' Kristu għat-tiġdid tagħha, imma għax aħna bnedmin dgħajfa, hi ħaġa ħafifa li xi wħud jiġu mqarrqin mix-xitan u jibdew jaħsbu bħal dak il-fariżew tal-parabbola li mar quddiem Alla jiftaħar bit-tajjeb kollu li kien qed jagħmel u maqdar il-pubblikan li kien midneb: il-Papa spiss qiegħed iwissi lill-membri ta' dawk il-movimenti biex ma jinqatgħux mill-bqija tal-insara u jiffurmaw komunità għalihom, imma jgħixu s-sejħa tagħhom fi ħdan il-komunità parrokkjali li fiha jgħixu biex ikunu ħmira ta' qdusija fiha. Għal dan qed isejħilhom l-Ispirtu s-Santu, u mhux biex joħolqu komunitajiet ta' magħżulin, maqtugħ mill-bqija tal-insara midinbin, dgħajfa, bla ħeġġa, bierda, reqdin u forsi mejtin ukoll fir-ruħ.

**L-użu tajjeb tal-ġid**

Iżda Ġesù, fil-parabbola tal-lum, mhux biss tkellem dwar in-nuqqas ta' għaqal fost l-insara: stedinna wkoll nagħmlu ħbieb bis-saħħa tal-qliegħ diżonest. X'inhu dan il-qliegħ diżonest, li Ġesù jridna nagħmlu ħbieb għalina bih? Il-qligħ diżonest huwa l-flus u l-għana, mhux għax fihom infushom il-flus u l-għana huma ħaġa ħażina, ħaġa diżonesta, imma għaliex kemm-il darba jwasslu lil ħafna bnedmin biex jagħmlu dak li hu ħażin quddiem Alla ħa jkollhom il-flus u jkabbru l-għana tagħhom.

L-għana u l-ġid ta' l-art ħalaqhom Alla għalina l-bnedmin: hu dmir tagħna nużaw il-ġid ta' l-art biex inġibu 'l quddiem il-ħajja tal-bniedem fid-dinja, biex kull bniedem igħix, hu u l-familja tiegħu, ħajja li tassew tixraqlu bħala bniedem. Dan nistgħu nagħmluh jekk qalbna ma tkunx marbuta mal-ġid ta' l-art, jekk aħna ma nkunux bħal dawk il-Lhud li fuqhom jitkellem il-profeta Għamos fl-ewwel qari tal-lum, Lhud li kienu moħħhom biss biex jistagħnu u jrekknu l-flus, u, biex ħsiebhom iseħħ, kienu jqarrqu bil-fqar u jisirquhom. U dan għadu jsir sal-lum fid-dinja, fejn il-pajjiżi għonja qed jistagħnu dejjem iżjed u l-pajjiżi foqra qed jiftaqru dejjem iżjed u jitgħabbew bi djun kbar li qatt ma jistgħu jifdu, fejn illum għaxriet ta' eluf qed imutu bil-ġuħ fil-pajjiżi fqar tad-dinja waqt li fil-pajjiżi għonja jinqered ħafna ikel u frott ta' l-art biex il-prezz tal-bejgħ tiegħu ma jonqosx. Huma inġustizzji kbar li kontrihom il-Knisja ilha terfa' leħenha u ittlob li ssir ġustizzja.

**Nitolbu għall-bnedmin kollha**

Kemm għalhekk hu meħtieġ illum li nilqgħu l-istedina ta' Missierna San Pawl fit-tieni qari tal-lum biex isiru suppliki u talb u interċessjonijiet u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha, għas-slaten, u għal dawk kollha li għandhom xi awtorità, biex ngħaddu ħajja fil-kwiet u s-sliem.

Il-Papa kemm-il darba wissa li l-inġustizzji li hawn fid-dinja llum huma theddida kbira għall-paċi fid-dinja: dawn l-inġustizzji jistgħu jirbħuhom dawk li għandhom xi awtorità fid-dinja: huma dawn li jistgħu jġibu tqassim aktar ġust tal-ġid ta' l-art, li jistgħu jwasslu biex kull bniedem ikun jista' jgħix, hu u l-familja tiegħu, ħajja li tixraqlu bħala bniedem. Aħna nistgħu ngħinu billi nitolbu 'l Alla jdawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art ibex iħabirku għall-paċi u l-ġustizzja fid-dinja, biex f'kull imkien il-bnedmin igħixu flimkien bħal aħwa, u jegħelbu kull ma jista' jifridhom minn xulxin, biex iħabirku għall-paċi u l-ġustizzja fid-dinja, biex f'kull imkien il-bnedmin insara ġejna msejħin, għaliex bħala nsara aħna dixxipli ta' Dak li ġie fid-dinja biex iġarraf il-ħitan tal-mibgħeda li kienu jifirdu l-bnedmin u jħabbibhom ma' xulxin, ħa jkunu wkoll ħbieb ta' Alla.

## TALBA TAL-FIDILI

Nilqgħu l-istedina li qed jagħmlilna llum il-Mulej Ġesù u nitolbuh jagħtina l-grazzja li nuru għaqal fl-imġiba kollha tagħna bħala nsara u biex nagħmlu użu tajjeb mill-ġid ta' l-art.

Għin, Mulej, il-Knisja tiegħek tirbaħ il-firdiet li seħħu fi ħdanha tul iż-żminijiet biex tidher bħala sinjal ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba li hawn fid-dinja.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art biex iħabirku għattqassim aktar ġust tal-ġid tad-dinja ħalli kull bniedem ikun jista' jgħix, hu u l-familja tiegħu, ħajja li tixraqlu bħala bniedem.

Agħti għaqal u dehen lill-għaqdiet u l-movimenti kollha li l-Ispirtu tiegħek qed iqajjem fil-Knisja biex jaħdmu flimkien bħala xirka waħda ta' mħabba għall-kobor tas-saltna tiegħek fid-dinja.

Għallimna nagħmlu użu tajjeb mill-ġid ta' l-art biex bih nagħtu glorja lilek u ngħinu lil ħutna fil-bżonn.

Mulej Alla tagħna ilqa' t-talb li qed nagħmlulek għal kull min għandu xi setgħa fid-dinja biex iħabrek għall-paċi u l-ġustizzja fid-dinja tallum; dawwal il-fehma ta' kull bniedem li hawn fid-dinja biex iwarrab minn qalbu kull ħsieb ta' għadab u ġlied, ħalli b'qalb safja, jaqdik bil-qima kollha; tħalli ebda bniedem imur lejn it-telfien ta' dejjem: agħtina dan f'ġieh il-merti tal-passjoni ta' Ibnek Ġesù, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

## KUMMISSJONI LITURĠIKA

### Pubblikazzjonijiet ġodda

KTIEB TAL-BARKIET — **l-ewwel volum**

fih: Ordni għall-inkoronazzjoni tax-xbihat tal-Verġni Marija
Barkiet li jolqtu direttament il-persuni
Barkiet għall-bini u għal kull xorta ta' ħidma tal-bniedem

KTIEB IL-BARKIET — **it-tieni volum** (għadu fl-istampa)

fih: Barkiet għal kull ħaġa li tintuża fil-knejjes waqt ċelebrazzjonijiet liturġiċi jew għad-devozzjoni

Barkiet għall-ħwejjeġ ta' l-ikel, għal ħwejjeġ li jitbierku b'devozzjoni lejn xi qaddis u għall-kuruni u l-laptijiet

Barkiet għal kull xorta ta' ħwejjeġ **(ad omnia)**

TALBIET TAL-FIDILI — **l-ewwel volum**: għall-Quddies fis-solennitajiet, il-festi, u t-tifkiriet tal-Qaddisin u għal xi quddies ritwali u għall-Quddies tal-mejtin.

TALBIET TAL-FIDILI — **it-tieni volum** għall-Quddies ferjali tal-Avvent, Milied, Randan u Għid (għadu fl-istampa)

ISTRUZZJONI TAL-KONGREGAZZJONI GHALL-HARSIEN TAL-FIDI DWAR IL-HELSIEN NISRANI U L-LIBERAZZJONI